REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/433

tal-15 ta' Marzu 2022

li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indonesja u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju anti-dumping provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indonesja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolament bażiku") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15 u 24(1) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fis-17 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ ("SSCR" jew "il-prodott taħt investigazzjoni") li joriġinaw mill-Indja u mill-Indonesja (flimkien imsejħin "il-pajjiżi kkonċernati"). Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2021 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("EUROFER" jew "l-ilmentatur") f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ skont it-tifsira tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' sussidjar u ta' dannu konsegwenti li kien biżżejjed sabiex jiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

(3) Qabel il-bidu tal-investigazzjoni antisussidji, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Gvern tal-Indja ("GTI") ([3]) u lill-Gvern tal-Indonesja ("GTID") ([4]) li hija kienet irċiviet ilment iddokumentat kif suppost. u stiednet lill-GTI u lill-GTID għal konsultazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku. Il-konsultazzjonijiet saru fl-10 ta' Frar 2021 mal-GTI u fil-15 ta' Frar 2021 mal-GTID. Madankollu, ma setgħet tintlaħaq l-ebda soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku ma' xi wieħed mill-gvernijiet.

(4) Fit-18 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping definittivi u dazji provviżorji miġburin b'mod definittiv imposti fuq l-importazzjonijiet tal-istess prodott li joriġina mill-Indja u mill-Indonesja ([5]) ("ir-Regolament anti-dumping") f'investigazzjoni li kienet inbdiet permezz ta' Notifika ta' bidu (jew "Avviż ta' bidu") ippubblikata fit-30 ta' Settembru 2020 ("l-investigazzjoni anti-dumping separata") ([6]).

(5) L-analiżijiet tad-dannu, tal-kawżalità u tal-interess tal-Unjoni mwettqin f'din l-investigazzjoni antisussidji u dawk imwettqin fl-investigazzjoni anti-dumping separata huma *mutatis mutandis* identiċi, billi d-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u tal-perjodu ta' investigazzjoni huma l-istess fiż-żewġ investigazzjonijiet.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

([2]) In-Notifika ta' bidu ta' proċediment antisussidji li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indonesja (ĠU C 57, 17.2.2021, p. 16).

([3]) F'dan ir-Regolament, it-terminu "GTI" jintuża f'sens wiesa', u jinkludi l-Ministeri, id-Dipartimenti, l-Aġenziji u l-Amministrazzjonijiet kollha fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali.

([4]) F'dan ir-Regolament, it-terminu "GTID" jintuża f'sens wiesa', u jinkludi l-Ministeri, id-Dipartimenti, l-Aġenziji u l-Amministrazzjonijiet kollha fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2012 tas-17 ta' Novembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju anti-dumping provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indonesja (ĠU L 410, 18.11.2021, p. 153).

([6]) L-Avviż ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indonesja (ĠU C 322, 30.9.2020, p. 17).

1.2. **Reġistrazzjoni**

(6) Fis-7 ta' April 2021, l-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet. Il-Kummissjoni analizzat it-talba, iżda sabet li fil-pajjiżi kkonċernati ma kienet seħħet l-ebda importazzjoni massiva f'perjodu relattivament qasir ta' prodott li kien jibbenefika minn sussidji kumpensabbli. L-importazzjonijiet tal-SSCR mill-Indja u mill-Indoneżja wrew tnaqqis ta' 46 % fis-seba' xhur wara l-bidu meta mqabblin mal-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku ma ġewx issodisfati u l-Kummissjoni ma għamlitx l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni.

1.3. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(7) L-investigazzjoni tas-sussidji u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni"). Iż-żewġ perjodi huma identiċi għal dawk fl-investigazzjoni anti-dumping separata.

1.4. **Il-partijiet interessati**

(8) Fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għarrfet speċifikament lill-ilmentatur, lill-GTI, lill-GTID, lill-produtturi esportaturi magħrufin fil-pajjiżi kkonċernati, lill-importaturi magħrufin u lill-utenti fl-Unjoni dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jipparteċipaw.

(9) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Saru seduti mal-EUROFER u ma' kumpanija oħra.

(10) Fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ") sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni bħala parti interessata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ dwar il-bidu tal-investigazzjoni u rreferiet speċifikament għall-istedina għall-parteċipazzjoni bħala parti interessata li tinsab fin-Notifika ta' bidu. Sussegwentement, il-GTĊ informa lill-Kummissjoni li kien irreġistra bħala parti interessata f'din l-investigazzjoni.

(11) Fil-11 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-GTĊ.

(12) Il-GTĊ ma weġibx għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni u, minflok, fil-21 ta' Ottubru 2021 issottometta l-kummenti tiegħu dwar it-talba għal informazzjoni huwa stess.

(13) F'din is-sottomissjoni, min-naħa l-waħda, il-GTĊ iddikjara li l-proċeduri tal-Kummissjoni jistgħu jkunu qed jiksru r-regoli tad-WTO u d-dritt tal-UE.

(14) L-ewwel nett, il-GTĊ iddikjara li l-Kummissjoni ma informatx lill-GTĊ dwar il-preżentazzjoni tal-ilment, ma organizzatx konsultazzjonijiet ta' qabel il-bidu mal-GTĊ, ma informatux dwar il-bidu u ma stednitux direttament sabiex ikun parti interessata fl-investigazzjoni. Peress li l-GTĊ ma huwiex pajjiż esportatur, il-GTĊ ma huwiex Membru jew parti interessata skont it-tifsira tar-regoli tad-WTO u l-istedina ma għandhiex bażi ġuridika u rekwiżiti proċedurali bażiċi.

(15) Il-Kummissjoni nnotat li dawn l-allegazzjonijiet ma humiex korretti fattwalment. Fil-fatt, ladarba l-istedina sabiex issir parti interessata ġiet inkluża fin-Notifika ta' bidu, li ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-17 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni bagħtet in-Notifika ta' bidu lill-GTĊ fl-istess jum, filwaqt li ġibdet l-attenzjoni tiegħu b'mod espliċitu għall-istedina. Inizjalment, il-GTĊ talab aċċess għall-fajl miftuħ permezz ta' posta elettronika tad-19 ta' Frar 2021. Bi tweġiba għal dik il-posta elettronika, dakinhar stess, il-Kummissjoni talbet b'mod espliċitu mill-ġdid lill-GTĊ jekk, billi talab aċċess għall-fajl miftuħ, kienx biħsiebu jirreġistra bħala parti interessata. Dakinhar stess, il-GTĊ ikkonferma li kien irreġistra bħala parti interessata. L-iskambju sħiħ bil-posta elettronika huwa disponibbli fil-fajl miftuħ. Għalhekk, il-Kummissjoni informat direttament lill-GTĊ dwar in-Notifika ta' bidu u stednitu jsir parti interessata saħansitra darbtejn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma stednitx lill-GTĊ sabiex

jagħmel konsultazzjonijiet ta' qabel il-bidu peress li l-Kummissjoni stenniet li l-GTID jiċċara l-involviment tal-GTĊ fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju indirett lill-produtturi esportaturi fl-Indoneżja. Għalhekk, peress li l-Kummissjoni ma kellhiex l-intenzjoni li tinvestiga sussidji kumpensabbli potenzjali mogħtija mir-RPĊ, iżda biss is-sussidji pprovduti mill-GTID permezz tal-appoġġ finanzjarju tal-GTĊ, ma kien hemm l-ebda rekwiżit legali li jsiru konsultazzjonijiet ta' qabel il-bidu mal-GTĊ.

(16) It-tieni, il-GTĊ iddikjara li talab li jsegwi l-progress tal-każ minħabba tħassib li l-Kummissjoni tista' tikser ir-regoli tad-WTO u d-dritt tal-UE, iżda l-GTĊ ma huwiex soġġett għal din l-investigazzjoni u ma huwiex obbligat jipprovdi xi informazzjoni fl-investigazzjoni. Fil-fatt, skont il-GTĊ, il-Kummissjoni diġà kisret il-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens ("il-Ftehim SCM") u r-Regolament bażiku fl-investigazzjoni antisussidji dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "iċ-Ċina") u mill-Eġittu, mibdija fis-16 ta' Mejju 2019 ([7]) u li rriżultat fl-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji definittivi ppubblikati fil-15 ta' Ġunju 2020 ([8]) ("l-investigazzjoni antisussidji tal-GFF"), billi inkludiet il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bilaterali normali bejn iċ-Ċina u l-Eġittu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-hekk imsejħa sussidji bejn il-pajjiżi.

(17) Il-Kummissjoni fakkret li ma kienx il-GTĊ li talab li jsegwi l-progress tal-każ, iżda kienet il-Kummissjoni nnifisha li stiednet lill-GTĊ jirreġistra bħala parti interessata fin-Notifika ta' bidu. Fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar l-investigazzjoni antisussidji tal-GFF, il-Kummissjoni qisithom bħala ġeneriċi u mhux sostanzjati, u fi kwalunkwe każ mhux is-suġġett ta' din l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni xorta waħda nnotat li l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-GTĊ, sa fejn tali appoġġ huwa attribwibbli għall-GTID, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, l-informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-GTĊ hija neċessarja f'dan il-kuntest.

(18) It-tielet, il-GTĊ innota li l-Kummissjoni ma bagħtitlu l-ebda talba għal informazzjoni fl-ewwel tmien xhur wara l-bidu, għall-kuntrarju tar-rekwiżit tad-WTO li jenħtieġ li l-awtoritajiet investigattivi jistabbilixxu l-informazzjoni meħtieġa mill-partijiet interessati mill-aktar fis possibbli, u li l-perjodu ta' żmien għat-tweġiba kien ta' 10 ijiem minflok is-37 jum ipprovduti mill-Artikolu 12.1.1 tal-Ftehim SCM u mill-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(19) Il-Kummissjoni nnotat li ż-żmien sabiex tintbagħat it-talba għal informazzjoni lill-GTĊ kien dovut għall-iżvilupp tal-investigazzjoni. L-elementi mitlubin lill-GTĊ ma kinux kompletament evidenti fil-bidu tal-investigazzjoni u l-informazzjoni mitluba kienet ibbażata fuq aspetti li kienu jeħtieġu aktar investigazzjoni wara l-ewwel sessjoni tal-RCC mal-partijiet Indoneżjani. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wieġbet li kienet bagħtet lill-GTĊ "talba għal informazzjoni", u mhux "kwestjonarju". Ir-rekwiżiti tal-perjodu ta' żmien imsemmijin mill-GTĊ jikkonċernaw biss il-kwestjonarji. Il-perjodu ta' żmien previst fit-talba għal informazzjoni kien biżżejjed sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni mitluba. Fi kwalunkwe każ, li kieku l-GTĊ qies li l-perjodu ta' żmien kien strett wisq, il-GTĊ seta' jitlob estensjoni tal-iskadenza, xi ħaġa li ma għamilx.

1.5. **Kummenti dwar il-bidu**

1.5.1. *Kummenti mill-GTI dwar il-bidu*

(20) Il-GTI ma ssottomettiex kummenti bil-miktub qabel jew wara l-konsultazzjonijiet ta' qabel il-bidu. Madankollu, matul il-konsultazzjoni, il-GTI argumenta li b'mod ġenerali l-ilment ma fihx biżżejjed evidenza tal-eżistenza tal-allegati programmi ta' sussidju.

([7]) In-Notifika ta' bidu ta' proċediment antisussidji li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU C 167, 16.5.2019, p. 11).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 tat-12 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU L 189, 15.6.2020, p. 1).

(21) Il-Kummissjoni qieset il-kummenti tal-GTI. Madankollu, kif spjegat fil-Memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza ("Memorandum") ([9]), il-Kummissjoni, wara eżami tal-allegazzjonijiet ta' sussidju, ikkonkludiet li l-ilment, flimkien mal-evidenza disponibbli għall-Kummissjoni u elenkata fil-Memorandum, kien fihom biżżejjed evidenza li għandha tendenza turi l-eżistenza ta' sussidjar għall-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Indja.

1.5.2. *Il-kummenti mill-GTID dwar il-bidu*

(22) Fil-15 ta' Frar 2021, il-GTID issottometta l-verżjoni bil-miktub tad-dikjarazzjonijiet tiegħu li ntbagħtu fil-konsultazzjonijiet ta' qabel il-bidu li saru fl-istess jum. Din is-sottomissjoni argumentat li, b'mod ġenerali, l-ilment ma kienx fih biżżejjed evidenza tal-eżistenza tal-allegati programmi ta' sussidju.

(23) Il-Kummissjoni qieset din is-sottomissjoni fl-istadju tal-abbozzar tal-Memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza u bir-rispett kollu ma qablitx mal-kummenti tal-GTID. Tabilħaqq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ilment, flimkien mal-evidenza disponibbli għall-Kummissjoni u elenkata fil-Memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza, kien fih biżżejjed evidenza li kellha t-tendenza turi l-eżistenza ta' sussidjar. Fi kwalunkwe każ, ingħatat attenzjoni partikolari lill-elementi enfasizzati mill-GTID matul l-investigazzjoni.

1.6. **Kampjunar**

(24) Fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kien hemm il-possibbiltà li tagħżel kampjun minn fost il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

1.6.1. *Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(25) Fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet iddeċidiet li tillimita l-investigazzjoni tagħha għal numru raġonevoli ta' produtturi tal-Unjoni billi tapplika l-proċedura tal-kampjunar, u li provviżorjament kienet għażlet kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun provviżorju fuq il-bażi tal-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-Unjoni rrapportati mill-produtturi tal-Unjoni fil-kuntest tal-analiżi tal-valutazzjoni permanenti ta' qabel il-bidu, filwaqt li qieset ukoll il-pożizzjoni ġeografika tagħhom. Il-kampjun provviżorju stabbilit b'dan il-mod kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni li jammontaw għal aktar minn 60 % tal-produzzjoni u madwar 70 % tal-bejgħ fl-Unjoni tal-prodott simili, u li jinsabu f'erba' Stati Membri differenti. Id-dettalji ta' dan il-kampjun provviżorju saru disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati, bil-possibbiltà li jagħmlu l-kummenti tagħhom. Ma sar l-ebda kumment.

(26) Billi ma wasal l-ebda kumment saż-żmien stipulat, il-kampjun provviżorju tal-produtturi tal-Unjoni ġie kkonfermat. Kien jikkonsisti f'Acciai Speciali Terni S.p.A., f'Aperam Stainless Europe u f'Outokumpu Stainless OY. Il-kampjun definittiv huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni. Dan il-kampjun ikkoinċida mal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni fl-investigazzjoni anti-dumping separata.

1.6.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(27) Sabiex tiddeċiedi jekk kienx hemm bżonn li jittieħed kampjun u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi kollha mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' bidu.

(28) Importatur mhux relatat wieħed ippreżenta lilu nnifsu bħala parti interessata u pprovda l-informazzjoni mitluba. Minħabba n-numru baxx ta' tweġibiet li waslu, il-kampjunar ma kienx neċessarju. Ma sar l-ebda kumment dwar din id-deċiżjoni. L-importatur kien mistieden jimla kwestjonarju.

([9]) Id-Dokument Sherlock Nru t21.001429 tas-17 ta' Frar 2021.

1.6.3. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati*

(29) Fid-dawl tan-numru potenzjalment kbir ta' produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati, in-Notifika ta' bidu pprovdiet għall-kampjunar fl-Indja u fl-Indoneżja. Għalhekk, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi magħrufin kollha fl-Indja u fl-Indoneżja sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' bidu sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun.

(30) Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Indja għall-Unjoni Ewropea u lill-Ambaxxata tar-Repubblika tal-Indoneżja fi Brussell sabiex jidentifikaw u/jew jikkuntattjaw produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

1.6.3.1. L-Indja

(31) Żewġ (gruppi ta') kumpaniji Indjani ppreżentaw tweġiba għall-kampjunar sal-limitu ta' żmien previst. Iż-żewġ produtturi esportaturi inkwistjoni: Chromeni Steels Private Limited ("Chromeni") u l-Grupp Jindal kienu jirrappreżentaw 100 % tal-volum tal-esportazzjonijiet Indjani tal-SSCR mill-Indja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni abbandunat il-kampjunar fir-rigward tal-Indja.

(32) Il-parti tal-Grupp Jindal (l-Indja) li hija involuta fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-SSCR tikkonsisti f'żewġ produtturi esportaturi, f'żewġ kummerċjanti, f'fornitur ta' servizz wieħed u f'fornitur wieħed tal-materja prima.

(33) Il-Grupp Jindal huwa integrat vertikalment mill-produzzjoni tal-kokk, tal-gass u tal-ferrokromu, mill-produzzjoni tal-azzar inossidabbli likwidu, tal-lastri, tal-kojls illaminati bis-sħana, sal-produzzjoni tal-SSCR.

(34) Chromeni ma hijiex integrata vertikalment. Tibda timmanifattura l-SSCR minn kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana.

1.6.3.2. L-Indoneżja

(35) Tliet produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi fl-Indoneżja pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet mill-Indoneżja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li seta' jkun raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli: PT. Indonesia Ruipu Nickel and Chrome Alloy ("IRNC") u PT. Jindal Stainless Indonesia ("Jindal Indonesia"). Il-gruppi ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 71 % tal-volum totali stmat tal-esportazzjonijiet tal-SSCR mill-Indoneżja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(36) IRNC hija impriża integrata vertikalment. Il-kumpanija tibda timmanifattura l-SSCR mill-mineral tan-nikil u, għalhekk, għandha l-funderiji tagħha stess. Barra minn hekk, IRNC hija parti minn grupp ta' kumpaniji li jimmanifatturaw tipi differenti ta' prodotti tal-azzar, li huma integrati vertikalment ukoll (jibdew mill-mineral tan-nikil u, għalhekk, għandhom il-funderiji tagħhom stess) u jipprovdu prodotti tal-azzar upstream lill-IRNC għall-manifattura tal-SSCR. Dawn il-kumpaniji (flimkien mal-IRNC, imsejħin flimkien "il-Grupp IRNC") huma PT. Indonesia Guang Ching Nickel and Stainless Steel Industry ("GCNS"), PT Indonesia Tsingshan Stainless Steel ("ITSS"), PT. Sulawesi Mining Investment ("SMI") u PT. Tsingshan Steel Indonesia ("TSI"). Dawn kollha jinsabu fil-Park Industrijali ta' Morowali fl-Indoneżja.

(37) Jindal Indonesia ma hijiex integrata vertikalment. Tibda timmanifattura l-SSCR minn kojls tal-azzar inossidabbli.

(38) F'konformità mal-Artikolu 27(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkonsultat lill-produtturi esportaturi kollha magħrufin u kkonċernati u lill-GTID dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment u, għaldaqstant, il-kampjun ġie kkonfermat.

1.7. **Eżami individwali**

(39) It-tielet produttur esportatur Indoneżjan li rritorna l-formola tal-kampjunar informa lill-Kummissjoni li ma kellux l-intenzjoni li jitlob eżami individwali skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament bażiku. Minkejja dan, il-Kummissjoni informat lill-produttur esportatur mhux inkluż fil-kampjun li kien meħtieġ jipprovdi tweġiba għall-kwestjonarju jekk xtaq li jiġi eżaminat fuq bażi individwali. Madankollu, ma pprovdiex tweġiba għall-kwestjonarju. B'riżultat ta' dan, ma kien possibbli l-ebda eżami individwali.

1.8. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(40) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-ilmentatur, lill-importatur mhux relatat li kien daħal f'kuntatt, u lill-erba' produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ([10]) fil-jum tal-bidu.

(41) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, mill-ilmentatur, minn importatur mhux relatat, minn żewġ produtturi esportaturi mill-Indja u miż-żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun mill-Indoneżja.

(42) Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju lill-GTI u lill-GTID.

(43) Il-kwestjonarju għall-GTI kien jinkludi kwestjonarji speċifiċi għal (i) kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja li pprovdiet self jew krediti għall-esportazzjoni lill-kumpaniji taħt investigazzjoni jew lix-xerrejja tagħhom (fil-kuntest tal-krediti tax-xerrej tal-esportazzjoni), (ii) lill-akbar 10 produtturi u distributuri tal-materjali tal-input allegatament ipprovdew għal remunerazzjoni anqas minn adegwata (mineral tal-kromu u mineral tal-ħadid) għaż-żewġ produtturi esportaturi Indjani, għall-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni.

(44) Il-kwestjonarju għall-GTID kien jinkludi kwestjonarju speċifiku għal Lembaga Pembiayaan Ekspor Indonesia ("Indonesia Eximbank"). Din l-istituzzjoni finanzjarja ssemmiet speċifikament fl-ilment bħala korp pubbliku jew korp inkarigat jew ordnat mill-GTID sabiex jagħti sussidji. Barra minn hekk, għall-konvenjenza amministrattiva, il-GTID intalab jibgħat kwestjonarji speċifiċi lil (i) kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja oħra li pprovdiet self jew krediti għall-esportazzjoni lill-kumpaniji inklużi fil-kampjun jew lix-xerrejja tal-kumpaniji fil-kampjun (fil-kuntest tal-krediti tax-xerrejja tal-esportazzjonijiet) ([11]), (ii) lill-akbar 10 produtturi u distributuri tal-materjali tal-input ewlenin għall-prodott taħt investigazzjoni, kif ukoll lil kwalunkwe produttur u distributur ieħor tal-input tal-materjali inkwistjoni, li pprovdew inputs liż-żewġ kumpaniji inklużi fil-kampjun, u (iii) lil PT. Asuransi Asei Indonesia ("ASEI"), imsemmija speċifikament fl-ilment bħala fornitur ta' assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq bażi aġevolanti, potenzjalment anki lill-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni.

(45) Barra minn hekk, il-kwestjonarju għall-GTID kien jinkludi kwestjonarju speċifiku għal PT. Indonesia Morowali Industrial Park ("IMIP"), il-kumpanija li topera l-park industrijali fejn tinsab IRNC, li hija wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Peress li IMIP hija kumpanija relatata ma' IRNC, anki IRNC intalbet tibgħat l-istess kwestjonarju lil IMIP.

(46) Il-GTID intalab ukoll jiġbor kwalunkwe rispons ipprovdut minn dawn l-entitajiet u jibgħathom direttament lill-Kummissjoni.

(47) Il-Kummissjoni rċiviet tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand il-GTI, li madankollu ma kinux jinkludu tweġibiet għall-kwestjonarji speċifiċi msemmijin fil-premessa (43), kif ukoll mingħand il-GTID, li kienu jinkludu tweġibiet minn Indonesia Eximbank, minn tliet istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, minn ħdax-il fornitur tal-input: erba' minaturi tal-faħam (PT Sungai Danau Jaya, PT. Tanah Bumbu Resources, PT. Wahana Baratama Mining, u PT. Bukit Asam Tbk), tliet minaturi tal-mineral tan-nikil (PT. GAG Nikel, PT. Ceria Nugraha Indotama u PT. Tiran Indonesia), erba' kummerċjanti tal-mineral tan-nikil u tal-faħam (PT. Ekasa Yad Resouces, PT. Batu Bara Global Energy, PT. Rwood Resources Indonesia, u PT. Bumi Nusantara Jaya), ASEI u IMIP. Il-Kummissjoni rċiviet l-istess tweġibiet għall-kwestjonarju ta' IMIP minn IRNC ukoll.

([10]) https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2513

([11]) Lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu self jew krediti għall-esportazzjoni lill-kumpaniji inklużi fil-kampjun ġiet mehmuża mal-kwestjonarju.

1.9. **Żjarat ta' verifika**

(48) Fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri ta' konfinament stabbiliti minn diversi Stati Membri kif ukoll minn diversi pajjiżi terzi, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku fl-istadju proviżorju. Minflok, il-Kummissjoni kontroverifikat mill-bogħod l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjonijiet proviżorji tagħha f'konformità mal-Avviż tagħha dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji ([12]).

(49) Minħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkontroverifikat mill-bogħod, permezz ta' vidjokonferenza, it-tweġibiet tal-GTI u tal-GTID għall-kwestjonarji. L-uffiċjali mill-ministeri rilevanti pparteċipaw matul il-kontroverifika mill-bogħod ("RCC"). L-RCC tal-GTID kienet tinkludi wkoll l-RCC tal-informazzjoni pprovduta minn Indonesia Eximbank u minn żewġ fornituri tal-input, jiġifieri PT. Gag Nikel u PT. Sungai Danau Jaya.

(50) Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet RCCs tal-kumpaniji/tal-partijiet li ġejjin:

(a) L-assoċjazzjoni tal-Unjoni, li tirrappreżenta t-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun:

— L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("EUROFER"), Brussell, il-Belġju.

(b) Il-produtturi esportaturi fl-Indja:

— Chromeni Steels Private Limited ("Chromeni"), Ahmedabad,

— Jindal Stainless Limited ("JSL"), New Delhi u Jindal Stainless Hisar Limited ('JSHL'), New Delhi, u l-kumpaniji relatati tagħhom, b'mod partikolari negozjanti relatati: Jindal Stainless Steelway Limited ("JSS"), Gurugram and Jindal Steelitalia Limited ("JSI"), Gurgaon, fornitur ta' servizz: Jindal United Steel Limited ("JUSL"), New Delhi u fornitur tal-materja prima: Jindal Coke Limited ("JCL"), New Delhi, b'mod konġunt imsejħin "il-Grupp Jindal").

(c) Produtturi esportaturi fl-Indoneżja:

— PT. Indonesia Ruipu Nickel and Chrome Alloy ("IRNC"), Jakarta u l-kumpaniji relatati tagħha, b'mod partikolari l-erba' fornituri ewlenin tal-input Indoneżjani relatati tagħha PT. Indonesia Guang Ching Nickel and Stainless Steel Industry ("GCNS"), Jakarta, PT. Indonesia Tsingshan Stainless Steel ("ITSS"), Jakarta, PT. Sulawesi Mining Investment ("SMI"), Jakarta u PT. Tsingshan Steel Indonesia ("TSI"), Jakarta (flimkien ma' IRNC, flimkien imsejħin "il-Grupp IRNC"), u l-park industrijali relatat fejn jinsab il-Grupp IRNC, PT. Indonesia Morowali Industrial Park ("IMIP"), Jakarta,

— PT. Jindal Stainless Indonesia ("Jindal Indonesia"), Gresik.

1.10. **Nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri provviżorji u proċedura sussegwenti**

(51) Fl-20 ta' Ottubru 2021, skont l-Artikolu 29(a)(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati li hija kellha l-intenzjoni li ma timponix miżuri provviżorji u li tkompli bl-investigazzjoni.

(52) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li ħasset li kienet neċessarja għas-sejbiet finali tagħha.

1.11. **Id-divulgazzjoni finali**

(53) Fis-17 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni informat lill-partijiet kollha bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom hija kellha l-intenzjoni li timponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ("divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar dan. Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali.

(54) Sussegwentement, fil-21 ta' Jannar 2022, il-partijiet interessati rċivew divulgazzjoni finali addizzjonali ("divulgazzjoni finali addizzjonali") u ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar din. Il-partijiet interessati kellhom opportunità li jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

([12]) Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq investigazzjonijiet antidumping u antisussidji (2020/C 86/06) (ĠU C 86, 16.3.2020 p. 6).

(55) Waslu kummenti mingħand l-ilmentatur, il-GTI, il-GTID, il-GTĊ, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, l-importatur mhux relatat LSI, u l-konsorzju tal-importaturi u tad-distributuri Euranimi.

(56) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw ukoll din l-opportunità. Saru seduti mal-Grupp IRNC u ma' Euranimi.

(57) Il-kummenti sottomessi mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu fejn xieraq f'dan ir-Regolament.

(58) Il-Grupp IRNC afferma li d-drittijiet tad-difiża tiegħu nkisru minħabba li ma ngħatax biżżejjed żmien sabiex iħejji l-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni enfasizzat li l-Grupp IRNC inizjalment ingħata skadenza ta' 18-il jum sabiex jikkummenta, li hija ferm itwal mill-perjodu ta' żmien legali ta' 10 ijiem li l-Kummissjoni hija meħtieġa tipprovdi lill-partijiet interessati mad-divulgazzjoni finali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tat estensjoni ta' tlett ijiem lill-kumpanija fuq talba tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-Grupp IRNC ingħata biżżejjed żmien sabiex jissottometti l-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, u l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(59) Il-Grupp Jindal u Jindal Indonesia talbu lill-Kummissjoni tiżgura li d-dazji kumpensatorji proposti u l-miżuri ta' salvagwardja tal-azzar ma ġewx akkumulati, kif sar fir-Regolament anti-dumping.

(60) Dan ġie indirizzat fil-premessi (1083) u (1084).

(61) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, il-Grupp Jindal u Jindal Indonesia talbu wkoll lill-Kummissjoni sabiex tinkludi r-regolament propost li jimponi dazji kumpensatorji fir-Regolament (UE) 2019/1382 ([13]).

(62) Il-Kummissjoni nnotat li l-Artikolu 3 diġà jindirizza l-kwistjoni tal-interazzjoni bejn id-dazji imposti skont dan ir-Regolament u d-dazji imposti skont ir-Regolament (UE) 2019/159 ([14]). Fl-aħħar emenda tar-Regolament (UE) 2019/1382, il-Kummissjoni diġà ħabbret li fil-futur kull Regolament li jimponi dazji anti-dumping u/jew kumpensatorji fir-rigward ta' prodotti tal-azzar soġġetti wkoll għall-miżura ta' salvagwardja jkun jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi li jipprevjenu l-applikazzjoni simultanja tagħhom mad-dazju tariffarju ta' salvagwardja ogħla mill-kwota ([15]).

(63) Wara d-divulgazzjoni finali, Euranimi u LSI sostnew li jenħtieġ li l-Kummissjoni tissospendi l-miżuri skont l-Artikolu 24(4) tar-Regolament bażiku.

(64) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li kienet irċeviet l-informazzjoni pprovduta minn dawn il-partijiet u fakkrithom li, jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-miżuri meta l-kundizzjonijiet tas-suq ikunu nbidlu temporanjament sa punt li d-dannu x'aktarx li ma jerġax jibda bħala riżultat tas-sospensjoni, u meta jkun fl-interess tal-Unjoni li tagħmel dan.

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott ikkonċernat

(65) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni huwa prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti, mhux maħdumin aktar ħlief illaminati fil-kiesaħ (imnaqqsin bil-kesħa), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20 u 7220 90 80 u li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja. Il-kodiċijiet NM huma mogħtija biss bħala informazzjoni.

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1382 tat-2 ta' Settembru 2019 li jemenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping jew anti-sussidji fuq ċerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja (ĠU L 227, 3.9.2019, p. 1).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1754 tal-4 ta' Ottubru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1382 li jemenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri antidumping jew antisussidji fuq ċerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżura ta' salvagwardja (ĠU L 352, 5.10.2021, p. 1), il-premessa (6).

2.2. **Prodott simili**

(66) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-swieq domestiċi tal-pajjiżi kkonċernati; u

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(67) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawk il-prodotti huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

2.3. **Affermazzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott**

(68) Produttur minnhom tal-Unjoni, li aġixxa wkoll bħala importatur u utent finali, talab l-esklużjoni ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati fil-kiesaħ bil-grad 200 u 201 tal-azzar mill-ambitu tal-prodott. L-investigazzjoni stabbiliet li tali prodotti huma interkambjabbli f'dak li jirrigwarda l-karatteristiċi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li jekk din it-talba għall-esklużjoni tintlaqa', dan joħloq fil-fatt piż irraġonevoli għall-awtoritajiet doganali, li jkollhom iwettqu test tal-laboratorju u jivverifikaw l-użu finali għal kull konsenja. Barra minn hekk, id-*data* li l-kumpanija pprovdiet fir-rigward tax-xiri tagħha ta' prodotti bil-grad 200 u 201 tal-azzar u ta' prodotti oħrajn mill-pajjiżi kkonċernati wriet li hija xtrat prodotti oħrajn li jaqgħu taħt l-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni attwali minn dawk il-pajjiżi, li min-natura tiegħu iġarrab ir-riskju ta' kumpens inkroċjat. Barra minn hekk, għalkemm il-kumpanija tafferma li dawn il-gradi tal-azzar għandhom biss użu finali wieħed, ma jistax jiġi eskluż li dawn il-gradi tal-azzar jista' jkollhom użi oħrajn.

(69) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma jkunx xieraq li tilqa' din it-talba għall-esklużjoni tal-prodott u, għalhekk, ġiet miċħuda.

3. **SUSSIDJAR: L-INDJA**

3.1. **Is-sussidji u l-programmi ta' sussidju fi ħdan l-ambitu tal-investigazzjonijiet**

(70) Fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fl-ilment, fin-Notifika ta' bidu u fit-tweġibiet għall-kwestjonarji tal-Kummissjoni, ġie investigat l-allegat sussidjar mill-GTI permezz tas-sussidji li ġejjin:

i. Trasferiment dirett u potenzjali ta' fondi:

— Finanzjament ta' kreditu ta' qabel id-dispaċċ u ta' wara d-dispaċċ

— Skema ta' ugwalizzazzjoni tal-imgħax għall-finanzjament tal-esportazzjoni

— Inċentivi pprovduti mill-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni

— Self preferenzjali tal-iState Bank of India ("SBI") u tal-iSteel Development Fund ("SDF")

— Għotjiet għar-Riċerka u għall-Iżvilupp ("R&Ż") tal-SDF u tal-Ministeru tal-Azzar

ii. Dħul mitluf jew mhux miġbur tal-gvern li normalment ikun dovut:

— Eżenzjonijiet mid-Dazju u Skemi ta' Remissjoni

(a) L-Iskema ta' Awtorizzazzjoni Bil-Quddiem ("AAS")

(b) L-Iskema ta' Awtorizzazzjoni tal-Importazzjoni Mingħajr Dazju ("DFIA")

(c) Skema għar-Restituzzjoni tad-Dazji ("DDS")

(d) L-Iskema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjonijiet ta' Oġġetti Kapitali ("EPCGS")

(e) L-Iskema ta' Esportazzjoni tal-Merkanzija mill-Indja ("MEIS")

(f) Il-promozzjoni tal-esportazzjonijiet permezz ta' eżenzjonijiet mid-dazju u mit-taxxa – Esportazzjoni Meqjusa.

— Inċentivi għal Unitajiet Orjentati lejn l-Esportazzjoni ("EOU") u Żoni Ekonomiċi Speċjali ("SEZ")

— Inċentivi tat-taxxa fuq l-introjtu

iii. Il-forniment ta' oġġetti u ta' servizzi għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata ("LTAR"):

— Il-provvista ta' mineral tal-kromu għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

— Il-provvista ta' mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

iv. Ix-xiri ta' oġġetti permezz ta' politiki dwar l-akkwist pubbliku

v. L-inċentivi pprovduti minn EXIM Bank fil-forma ta' Krediti tax-Xerrejja

vi. L-inċentivi pprovduti mill-iskemi lokali ta' sussidju tal-Istat ta' Gujarat.

3.2. **Skemi li għalihom ma rriżultatx evidenza ta' sussidju**

– Finanzjament ta' kreditu ta' qabel id-dispaċċ u ta' wara d-dispaċċ

(71) L-ilmentatur afferma li l-banek Indjani jipprovdu finanzjament għall-esportazzjoni ta' qabel id-dispaċċ lill-esportaturi li jeħtieġu ħlas għall-oġġetti mibjugħin qabel id-dispaċċ ta' dawk l-oġġetti. Bl-istess mod, il-finanzjament għall-esportazzjoni ta' wara d-dispaċċ huwa self li l-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu lill-esportaturi. Din l-iskema hija ġestita mir-Reserve Bank of India (RBI), il-bank ċentrali tal-Indja. Ġie affermat ukoll li l-GTI, permezz tal-bank ċentrali tiegħu, jafda jew jordna lill-banek privati Indjani sabiex jipprovdu kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi (l-Artikolu 3(1)(a)(i) u l-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku). Sabiex jibbenefika minn dawn l-iskemi, l-esportatur kemm jeħtieġ biss li juri prova tal-esportazzjoni mingħajr ma tkun meħtieġa xi valutazzjoni tar-riskju. Għalhekk, il-benefiċċju għall-esportatur huwa d-differenza bejn ir-rata preferenzjali riċevuta b'dan il-mod u r-rata tas-suq għal self simili fl-Indja.

(72) Wieħed mill-produtturi esportaturi Indjani kien qed juża, sa ċertu punt, il-krediti ta' qabel id-dispaċċ fil-PI.

(73) Il-kumpanija kienet qed tuża krediti ta' qabel id-dispaċċ taħt faċilitajiet ta' kapital operatorju (linji ta' kreditu) miftuħin minn banek pubbliċi u privati. Ir-rata tal-imgħax applikata ġiet stabbilita f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq u fil-livell mitlub minn banek pubbliċi u privati oħrajn (inklużi banek internazzjonali), li magħhom il-kumpanija kellha linji ta' kreditu miftuħin. Ir-rata tal-imgħax kienet ibbażata fuq ir-Rata Prima ta' Referenza ta' Self ("BPLR") – fil-każ ta' krediti għall-esportazzjoni f'INR jew fuq LIBOR – fil-każ ta' krediti għall-esportazzjoni f'USD. Fiż-żewġ każijiet, żdiedet firxa, ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-kumpanija. L-istess linji ta' kreditu ntużaw ukoll għall-finanzjament domestiku għal terminu qasir.

(74) Iż-żewġ produtturi esportaturi Indjani ma użawx krediti tal-esportazzjoni ta' wara d-dispaċċ matul il-PI.

(75) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tanalizza aktar dawn l-iskemi.

– Skema ta' ugwalizzazzjoni tal-imgħax għall-finanzjament tal-esportazzjoni

(76) L-ilmentatur afferma li l-iskema ta' ugwalizzazzjoni tal-imgħax ("IES") tipprovdi lill-esportaturi b'kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi billi tipprovdi kumpens lill-mutwanti ta' dawk l-esportaturi ekwivalenti għal 3 % sa 5 % tal-valur tal-imgħax li kieku kien ikun dovut fuq ċertu self.

(77) Iż-żewġ produtturi esportaturi Indjani ma użawx l-IES matul il-PI.

(78) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tinvestiga aktar din l-iskema.

– Inċentivi pprovduti mill-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni

(79) Il-GTI għandu bis-sħiħ żewġ Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni: Export Credit Guarantee Corporation of India Ltd (ECGC) u Exim Bank of India. L-għan ewlieni taż-żewġ aġenziji huwa l-promozzjoni tal-esportazzjonijiet mill-Indja. L-ilmentatur afferma li l-inċentivi pprovduti minn dawn l-Aġenziji jagħtu benefiċċju lill-esportaturi minħabba li jipprovdu assigurazzjoni, garanziji ta' kreditu, linji ta' kreditu u krediti għall-esportazzjoni taħt kundizzjonijiet anqas stretti minn dawk fis-suq.

(80) Iż-żewġ produtturi esportaturi Indjani ma użawx garanziji ta' kreditu, krediti għall-esportazzjoni jew linji ta' kreditu pprovduti mill-ECGC jew minn Exim Bank.

(81) Madankollu, żewġ produtturi tal-Grupp Jindal kienu koperti minn poloz tal-assigurazzjoni tal-ECGC. Madankollu, il-Kummissjoni ma sabitx li dawn il-ftehimiet tal-assigurazzjoni kienu jiddevjaw mill-kundizzjonijiet normali tas-suq. It-tariffi tal-primjum kienu jiddependu mill-kopertura massima tat-telf, mill-pajjiżi u mix-xerrejja koperti mill-polza u l-"istorja tal-pretensjonijiet" preċedenti, jiġifieri l-profil tar-riskju tal-kumpaniji. Il-Kummissjoni vverifikat li tħallsu t-tariffi kollha tal-primjum u l-imposti kollha.

(82) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tinvestiga aktar din l-iskema.

– Self preferenzjali tal-iState Bank of India ("SBI") u tal-iSteel Development Fund ("SDF")

(83) L-ilmentatur afferma li l-GTI jipprovdi self preferenzjali speċifiku għas-settur permezz tal-iState Bank of India (SBI) u tal-iSteel Development Fund (SDF) lill-produtturi tal-azzar inossidabbli.

(84) L-SBI kien wieħed mill-banek li ta self fit-tul lill-Grupp Jindal iżda l-Kummissjoni ma sabitx li kienu speċifiċi għas-settur jew preferenzjali. Ir-rata tal-imgħax ġiet stabbilita abbażi tal-firxa tal-BLPR +. Fil-fatt, ir-rata tal-imgħax imposta mill-SBI kienet kemxejn ogħla mir-rati tal-imgħax imposti minn banek privati li jagħtu self fit-tul lill-Grupp Jindal b'durata simili.

(85) Iż-żewġ produtturi esportaturi Indjani ma rċivewx self mill-iSteel Development Fund matul il-PI.

(86) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tinvestiga aktar din l-iskema.

– Għotjiet għar-Riċerka u għall-Iżvilupp tal-SDF u tal-Ministeru tal-Azzar

(87) L-ilmentatur afferma li l-GTI jipprovdi lill-produtturi tal-azzar b'għotjiet għar-R&Ż permezz tal-SDF. L-għotjiet għar-R&Ż jistgħu jinkisbu wkoll direttament mill-Ministeru tal-Azzar.

(88) Iż-żewġ produtturi esportaturi Indjani ma rċevewx għotjiet għar-R&Ż fil-PI jew għotjiet li setgħu jiġu allokati għall-PI.

(89) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tinvestiga aktar din l-iskema.

– Eżenzjonijiet mid-Dazju u Skemi ta' Remissjoni

(90) L-ilmentatur afferma li l-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni jibbenefikaw minn diversi skemi ta' restituzzjoni tad-dazju ta' qabel l-esportazzjoni u ta' wara l-esportazzjoni li permezz tagħhom il-materja prima jew l-oġġetti kapitali importati jistgħu jiġu eżentati mid-dazji doganali u mit-taxxi fuq l-importazzjoni. Dawn l-iskemi jagħtu benefiċċju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u 3(2) tar-Regolament bażiku lill-manifatturi esportaturi, ugwali għall-ammont ta' dħul mitluf mill-gvern u, għalhekk, għall-ammont ta' dazji u ta' taxxi mhux miġburin.

(91) Kif spjegat fil-premessi (117) sa (205) aktar 'il quddiem, produttur esportatur Indjan wieħed jew it-tnejn li huma bbenefikaw minn xi whud mill-eżenzjonijiet mid-dazju u mill-iskemi ta' remissjoni, jiġifieri: AAS, DDS, EPCGS u MEIS.

(92) Madankollu, l-ebda wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi ma bbenifika fil-PI mill-iskema tad-DFIA, u lanqas ma kellu tranżazzjonijiet ta' bejgħ domestiku li ġew ikklassifikati bħala Esportazzjoni Meqjusa. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tinvestiga aktar dawk l-aħħar żewġ skemi.

– Inċentivi għal Unitajiet Orjentati lejn l-Esportazzjoni ("EOU") u Żoni Ekonomiċi Speċjali ("SEZ")

(93) L-ilmentatur afferma li l-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni jibbenefikaw minn diversi inċentivi tat-taxxa li huma rreġistrati bħala EOU jew li jinsabu fl-SEZ.

(94) Madankollu, l-ebda wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi Indjani ma ġie rreġistrat bħala EOU matul il-PI, u lanqas ma bbenefika minn xi sussidji fil-passat għall-oġġetti kapitali bħala EOU li setgħu jiġu allokati għall-PI. L-ebda wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi Indjani ma jinsab f'SEZ ukoll.

(95) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tanalizza aktar dawn l-iskemi.

– Inċentivi tat-taxxa fuq l-introjtu

(96) L-ilmentatur afferma li l-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni jibbenefikaw minn tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu u minn eżenzjonijiet li jirriżultaw minn diversi programmi, inklużi:

— Rata mnaqqsa tat-taxxa fuq l-introjtu għal kumpaniji li jkunu għadhom kif ġew stabbiliti

— Tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu tal-kostijiet tar-R&Ż

— Tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu tal-profitti li jirriżultaw minn proġetti industrijali kbar (ITES)

— Tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu tal-profitti ta' intrapriżi ta' kategoriji speċjali

— Tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu tal-investimenti f'impjanti u f'makkinarji ġodda.

(97) Iż-żewġ produtturi esportaturi Indjani ma bbenefikawx minn xi eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu, tnaqqis jew rati tat-taxxa mnaqqsin matul il-PI.

(98) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tinvestiga aktar din l-iskema.

– Il-provvista ta' mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

(99) Dawn id-dazji tal-esportazzjoni, flimkien ma' elementi oħrajn, wasslu sabiex il-GTI inkariga jew ordna lill-produtturi tal-materja prima sabiex jipprovdu inputs lill-produtturi Indjani għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(100) Madankollu, l-ebda wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi Indjani ma qed juża l-mineral tal-ħadid fil-proċess tal-produzzjoni tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tinvestiga aktar din l-iskema.

– Ix-xiri ta' oġġetti permezz ta' politiki dwar l-akkwist pubbliku

(101) L-ilmentatur afferma li l-GTI appoġġa l-industrija Indjana tal-azzar inossidabbli llaminat fil-kiesaħ permezz tal-akkwist pubbliku. Ġie ddikjarat li l-aġenziji tal-gvern huma obbligati jużaw perċentwal minimu ta' azzar u ta' ħadid Indjani fl-akkwist tagħhom (bejn 15 % u 50 %). Barra minn hekk, meta offerent barrani joffri l-orħos prezz, jista' jikseb biss sa nofs il-kwantità tal-ordni. Il-parti l-oħra trid tingħata lil fornitur lokali li jkun jista' joffri prezz fi ħdan medda ta' 20 % ogħla mill-prezz tal-offerent barrani. Huwa biss jekk fornitur lokali minnhom ma jkunx jista' joffri prezz fi ħdan 20 % tal-orħos prezz (avveniment improbabbli, minħabba l-marġni wiesa'), li l-offerent barrani aktar effiċjenti jkun jista' jikseb il-bqija tal-kuntratt.

(102) Wieħed mill-produtturi esportaturi Indjani kien qed jirbaħ offerti fil-PI fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku.

(103) Il-Kummissjoni vverifikat il-proċeduri ta' akkwist u s-sejħiet għall-offerti kollha relatati mal-kumpanija Indjana inkwistjoni fil-PI. Madankollu, ma nstab l-ebda element ta' sussidjar konkret.

(104) Is-sejħiet għall-offerti jiġu ppubblikati online, fuq is-siti web tal-unitajiet amministrattivi, tal-istituzzjonijiet jew tal-kumpaniji pubbliċi rispettivi tal-Indja (pereżempju Indian Railways) u l-kumpaniji huma liberi li jibagħtu l-offerti tagħhom. Hija prattika standard li l-volum tal-akkwist jinqasam bejn żewġ kumpaniji. Il-kumpanija, li toffri l-aktar prezz baxx, tingħata 60 % tal-akkwist u l-kumpanija li toffri t-tieni l-aktar prezz baxx, tingħata l-40 % li jifdal tal-kuntratt, bil-kundizzjoni li taġġusta l-prezz tagħha għal-livell offrut mir-rebbieħ tal-offerti. Din ir-regola tapplika wkoll jekk kumpanija waħda jew iż-żewġ kumpaniji inkwistjoni jkunu offerenti barranin.

(105) Huwa ammess li xi akkwisti huma miftuħin biss għal kumpaniji domestiċi. Madankollu, jekk il-proċedura tkun miftuħa għall-offerenti barranin, ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-prezz kif allegat mill-ilmentatur. Il-preferenza tal-prezz (20 %) għall-forniturі domestiċi teżisti biss fil-każ ta' akkwisti relatati ma' oġġetti kapitali ([16]).

([16]) POLICY FOR PROVIDING PREFERENCE TO DOMESTICALLY MANUFACTURED IRON & STEEL PRODUCTS IN GOVERNMENT PROCUREMENT- REVISED, 2019, art 2.11 u l-Anness B (Gazette of India Nru 324 tad-29 ta' Mejju 2019).

(106) Il-Kummissjoni vverifikat li fil-proċeduri kollha ta' akkwist mogħtijin lill-produttur Indjan tal-SSCR fil-PI, kemm jekk miftuħin għal offerenti barranin kif ukoll jekk le, il-kumpanija magħżula kienet offriet l-aktar prezz baxx jew, bħala kumpanija bit-tieni l-aħjar offerta, kellha taġġusta l-prezz tagħha għall-aktar prezz baxx offrut.

(107) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur afferma li l-esklużjoni tal-offerenti barranin minn xi whud mill-proċeduri ta' akkwist wasslet għal kompetizzjoni mnaqqsa u, għalhekk, irriżultat fi prezzijiet ġenerali ogħla, li kienu ekwivalenti għal kontribuzzjoni finanzjarja permezz tax-xiri ta' oġġetti b'remunerazzjoni aktar minn adegwata.

(108) Barra minn hekk, l-ilmentatur osserva li bl-esklużjoni tal-importazzjonijiet minn ċerti sejħiet għall-offerti, ir-regoli Indjani dwar l-akkwist pubbliku jiggarantixxu ċerti volumi tax-xiri għall-produtturi Indjani, li minnhom infushom jagħtuhom benefiċċju.

(109) Il-Kummissjoni taqbel li l-esklużjoni ta' offerenti barranin potenzjalment tnaqqas il-kompetizzjoni u tista' twassal għall-ħolqien ta' suq għall-offerenti domestiċi biss. Madankollu, il-volumi mibjugħin mill-Grupp Jindal permezz tal-aġġudikazzjoni ta' offerti pubbliċi kienu negliġibbli fl-isfond tal-bejgħ domestiku totali tal-kumpanija fil-PI. Barra minn hekk, fl-analiżi tal-proċeduri ta' akkwist aġġudikati lill-produttur Indjan tal-SSCR fil-PI, il-Kummissjoni ma nnutatx differenzi sostanzjali fil-livelli tal-prezzijiet bejn l-offerti rebbieħa f'sejħiet għall-offerti miftuħin għall-kumpaniji barranin u dawk li ma pparteċipawx fihom. B'riżultat ta' dan, f'dan il-każ partikolari, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda benefiċċju materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku.

– L-inċentivi pprovduti minn EXIM Bank fil-forma ta' Krediti tax-Xerrejja

(110) L-ilmentatur afferma li Exim Bank joffri Linji ta' Kreditu u Kreditu tax-Xerrejja. Dawk l-inċentivi huma pprovduti mhux lill-esportaturi iżda lill-gvernijiet barranin, lill-banek għall-iżvilupp barrani u lill-istituzzjonijiet finanzjarji barranin, lill-banek kummerċjali barra mill-pajjiż jew lil entitajiet oħrajn. Il-finanzjament jippermettilhom jixtru mingħand esportaturi Indjani b'termini ta' kreditu differit.

(111) L-ebda bejgħ ta' esportazzjoni tal-produtturi esportaturi taħt investigazzjoni matul il-PI ma kien kopert mil-linji ta' kreditu jew mill-kreditu tax-xerrejja ta' Exim Bank.

(112) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tanalizza aktar dawn l-iskemi.

– L-inċentivi pprovduti mill-iskemi lokali ta' sussidju tal-Istat ta' Gujarat

(113) L-ilmentatur afferma li, minbarra s-sussidji mogħtijin mill-GTI, uħud mill-produtturi tal-SSCR jistgħu jibbenefikaw minn skemi ta' sussidju fil-livell tal-Istat ipprovduti mill-Gvern ta' Gujarat (GTG). L-ilment jelenka erba' skemi lokali:

— Skema għal Inċentiv għall-Industriji 2016-2021, li tipprovdi inċentiv fiskali għal kumpaniji ġodda li jiftħu f'Gujarat.

— L-iskema ta' remissjoni tal-VAT ta' Gujarat: intrapriża ta' Gujarat tista' tirkupra l-VAT imħallsa fuq l-inputs mixtrijin tagħha fil-forma ta' kreditu tat-taxxa fuq ix-xiri.

— L-Att dwar iż-Żona Ekonomika Speċjali: Eżenzjonijiet mit-taxxa għat-taxxa tal-boll u għat-tariffa tar-reġistrazzjoni.

— Eżenzjoni mit-taxxa għat-Taxxi fuq il-Bejgħ u għal Taxxi Oħrajn tal-Istat fuq ix-Xiri ta' Inputs għall-SEZ jew għal unità fi ħdan l-SEZ.

(114) Wieħed biss mill-produtturi esportaturi Indjani taħt investigazzjoni jinsab fl-Istat ta' Gujarat u jista' potenzjalment juża l-iskemi ta' sussidju lokali elenkati hawn fuq. Madankollu, il-kumpanija ma nstabet li bbenefikat minn ebda waħda minn dawn l-iskemi fil-PI.

(115) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tanalizza aktar dawn l-iskemi.

– Tnaqqis mill-boll tal-elettriku (Gvern ta' Gujarat)

(116) Il-Kummissjoni sabet li produttur esportatur wieħed uża din il-miżura matul il-PI. Madankollu, peress li deher li l-benefiċċju mogħti lil din il-kumpanija kien negliġibbli (0,02 %), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tinvestigax din il-miżura ulterjorment.

3.3. **Skemi li fihom instabet evidenza ta' sussidjar**

3.3.1. *Eżenzjoni mid-dazju u skemi ta' remissjoni*

(117) L-iskemi AAS, EPCGS u MEIS huma bbażati fuq il-Foreign Trade (Development and Regulation) Act 1992 (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 ("l-Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-GTI sabiex joħroġ notifiki dwar il-politika tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni. Dawn huma miġburin fil-qosor fid-dokumenti tal-"Politika tal-Kummerċ Barrani", li normalment jinħarġu mill-Ministeru tal-Kummerċ kull ħames snin u jiġu aġġornati b'mod regolari.

(118) Id-dokument tal-Politika tal-Kummerċ Barrani relevanti għall-PI huwa l-Politika dwar il-Kummerċ Barrani 2015-20 ("FTP 2015-20"). Il-GTI jistabbilixxi wkoll il-proċeduri li jirregolaw l-FTP 2015-20 f'"Handbook of Procedures, 2015-20" ("HOP 2015-20").

(119) L-iskema DDS hija bbażata fuq it-taqsima 75 tal-Customs Act tal-1962, fuq it-taqsima 37 tas-Central Excise Act tal-1944, fuq it-taqsimiet 93A u 94 tal-Financial Act tal-1994 u fuq il-Customs, Central Excise Duties and Service Tax Drawback Rules tal-1995. Ir-rati ta' restituzzjoni huma ppubblikati fuq bażi regolari.

(120) Bħala rimarka ġenerali, huwa nnotat li l-Kummissjoni ma setgħetx tiffinalizza fi żmien raġonevoli kontroverifika mill-bogħod ta' ċerti dokumenti relatati ma' tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni/importazzjoni fi ħdan qafas tal-iskemi ta' restituzzjoni tad-dazji deskritti f'din is-subtaqsima, kif mitlub u miftiehem matul l-RCC. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni użat l-aħjar fatti disponibbli f'każ ta' diskrepanzi li nstabu bejn iċ-ċifri rrapportati mill-kumpaniji u mill-GTI, fuq il-bażi tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament bażiku.

(121) Wara d-divulgazzjoni finali, wieħed mill-produtturi esportaturi Indjani afferma li l-iskop tal-iskemi AAS, DDS u MEIS huwa li jinnewtralizzaw id-dazji doganali li l-kumpanija tħallas fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima użata fil-prodotti esportati u, għalhekk, dawn it-tliet skemi ma jagħtux benefiċċju lill-kumpanija.

(122) Madankollu, għall-kuntrarju ta' din id-dikjarazzjoni, il-benefiċċji riċevuti mill-kumpaniji taħt l-iskemi DDS u MEIS ma għandhom l-ebda rabta diretta mad-dazji dovuti fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima użata mill-kumpanija fil-prodotti esportati.

(123) Fil-każ tal-iskema DDS, kumpanija esportatriċi tirċievi pagamenti fi flus, li jkunu marbutin biss bil-valur FOB tal-esportazzjonijiet tagħha. Il-kumpanija inkwistjoni ma hijiex meħtieġa timporta materja prima.

(124) Fil-każ tal-iskema MEIS, produttur esportatur jirċievi skripts li jistgħu jinbiegħu fis-suq jew jintużaw sabiex jikkumpensaw id-dazji futuri dovuti fuq l-importazzjoni, iżda dan il-kumpens ma huwiex limitat għall-materja prima użata fil-produzzjoni tal-prodotti esportati li għalihom jiġu riċevuti skripts tal-MEIS. B'hekk, skripts tal-MEIS jistgħu jintużaw sabiex jikkumpensaw għal kwalunkwe dazju fuq l-importazzjoni dovut, inklużi d-dazji fuq l-importazzjoni li jikkonċernaw oġġetti kapitali. Dawn jistgħu jissarrfu wkoll anki jekk il-kumpanija ma tkun qed timporta xejn.

(125) Fil-każ tal-iskema AAS biss hemm rabta diretta bejn l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni fuq il-materja prima importata mill-kumpanija u l-prodotti esportati. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tittrattax l-eżenzjoni mid-dazju bħala benefiċċju għall-kumpanija, dment li din tal-aħħar tkun tista' turi l-konsum attwali tal-materja prima importata skont l-AAS fil-produzzjoni tal-prodotti finali esportati.

– L-Iskema ta' Awtorizzazzjoni Bil-Quddiem ("AAS")

(126) Il-Kummissjoni stabbiliet li produttur esportatur Indjan minnhom uża l-AAS matul il-PI.

(a) Bażi ġuridika

(127) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-iskema tinsab fil-paragrafi 4.03 sa 4.24 tal-FTP 2015-20 u tal-FTP 2015-20 aġġornata u fil-kapitoli 4.04 sa 4.52 tal-HOP 2015-20 aġġornata.

(b) Eliġibbiltà

(128) L-AAS tikkonsisti f'sitt subskemi, kif deskritti f'iktar dettall fit-taqsima li ġejja. Dawk is-subskemi jvarjaw, fost l-oħrajn fl-ambitu tal-eliġibilità. Il-manifatturi-esportaturi u n-negozjanti-esportaturi "marbuta ma'" manifatturi ta' sostenn huma eliġibbli għall-esportazzjonijiet fiżiċi tal-AAS u għas-subskemi ta' rekwiżiti annwali tal-AAS. Il-manifatturi-esportaturi li jfornu lill-esportatur finali huma eliġibbli għall-AAS għall-provvisti intermedji. Kuntratturi ewlenin li jfornu lill-kategoriji ta' "esportazzjoni meqjusa" msemmijin fil-paragrafu 7.02 tal-FTP 2015-20, bħal fornituri ta' unità orjentata lejn l-esportazzjoni ("EOU"), huma eliġibbli għas-subskema tal-esportazzjoni meqjusa tal-AAS. Eventwalment, fornituri intermedji għall-manifatturi-esportaturi huma eliġibbi għal benefiċċji ta' "esportazzjoni meqjusa" skont is-subskemi tal-Ordni għar-Rilaxx bil-Quddiem u tal-Ittra ta' kreditu interna wara l-oħra.

(c) Implimentazzjoni prattika

(129) L-AAS tista' tinħareġ fis-sitwazzjonijiet deskritti hawn taħt.

(130) Esportazzjonijiet fiżiċi: Din hija s-subskema ewlenija. Tippermetti l-importazzjoni mingħajr dazju ta' materjali tal-input għall-produzzjoni ta' prodott finali speċifiku esportat. "Fiżiċi" f'dan il-kuntest tfisser li l-prodott għall-esportazzjoni jrid iħalli t-territorju Indjan. Permess għall-importazzjoni u obbligu għall-esportazzjoni inkluż it-tip ta' prodott esportat huma speċifikati fil-liċenzja.

(131) Rekwiżit annwali: Tali awtorizzazzjoni ma hijiex marbuta ma' prodott speċifiku esportat, iżda ma' grupp ta' prodotti usa' (eż. prodotti kimiċi u dawk relatati). Id-detentur tal-liċenzja jista' – sa ċertu limitu tal-valur stabbilit mill-prestazzjoni tal-esportazzjoni preċedenti tiegħu – jimporta mingħajr dazju kwalunkwe input li għandu jintuża fil-manifattura ta' kwalunkwe wieħed mill-oġġetti li jaqgħu taħt tali grupp ta' prodotti. Jista' jagħżel li jesporta kwalunkwe prodott li jirriżulta li jaqa' taħt il-grupp ta' prodotti billi juża tali materjal eżentat mid-dazju.

(132) Provvisti intermedji: Din is-subskema tkopri l-każijiet meta żewġ manifatturi jkunu beħsiebhom jipproduċu prodott wieħed għall-esportazzjoni u jaqsmu l-proċess tal-produzzjoni. Il-manifattur-esportatur li jipproduċi l-prodott intermedju jista' jimporta materjali ta' input mingħajr dazju u jista' jikseb għal dan l-għan AAS għal provvisti intermedji. L-esportatur finali jiffinalizza l-produzzjoni u huwa obbligat jesporta l-prodott lest.

(133) Esportazzjonijiet meqjusin: Din is-subskema tippermetti lil kuntrattur ewlieni jimporta inputs mingħajr dazju li huma meħtieġa fil-manifattura ta' oġġetti li għandhom jinbiegħu bħala "esportazzjonijiet meqjusin". Skont il-GTI, l-esportazzonijiet meqjusin jirreferu għal dawk it-tranżazzjonijiet li fihom l-oġġetti fornuti ma jħallux il-pajjiż. Numru ta' kategoriji tal-provvista huma meqjusin bħala esportazzjonijiet meqjusin dment li l-oġġetti jkunu mmanifatturati fl-Indja, eż. provvista ta' oġġetti lejn EOU jew lejn kumpanija li tinsab f'żona ekonomika speċjali ("SEZ").

(134) L-Ordni għar-Rilaxx bil-Quddiem ("ARO"): Id-detentur tal-AAS li jkun biħsiebu jġib l-inputs minn sorsi indiġeni, minflok b'importazzjoni diretta, għandu l-għażla li jġibhom permezz ta' AROs. F'tali każijiet, l-Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem jiġu vvalidati bħala AROs u jiġu approvati lill-fornitur domestiku mal-konsenja tal-oġġetti speċifikati fihom. L-approvazzjoni tal-ARO tintitola lill-fornitur domestiku għall-benefiċċji ta' esportazzjoni meqjusa kif speċifikati fil-paragrafu 7.03 tal-FTP 2015-20 (jiġifieri AAS għal provvisti intermedji/esportazzjoni meqjusa, restituzzjoni ta' dazju mħallas fuq esportazzjonijiet meqjusin u rifużjoni tad-dazju tas-sisa terminali). Il-mekkaniżmu ARO jirrifondi t-taxxi u d-dazji lill-fornitur minflok ma jirrifondihom lill-esportatur finali fil-forma ta' restituzzjoni/rifużjoni tad-dazji. Ir-rifużjoni tat-taxxi/tad-dazji hija disponibbli kemm għall-inputs domestiċi kif ukoll għall-inputs importati.

(135) Ittra ta' kreditu interna wara l-oħra: Din is-subskema tkopri għal darb'oħra l-provvisti indiġeni lil detentur tal-Awtorizzazzjoni bil-Quddiem. Id-detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem jista' javviċina bank sabiex jiftaħ ittra ta' kreditu interna favur fornitur domestiku. L-awtorizzazzjoni tiġi vvalidata mill-bank għall-importazzjoni diretta, b'konnessjoni biss mal-valur u mal-volum tal-oġġetti miġjubin minn sorsi domestiċi minflok ma jkunu importati. Il-fornitur domestiku jkun intitolat għall-benefiċċji tal-esportazzjoni meqjusa kif stabbiliti fil-paragrafu 7.03 tal-FTP 2015-20 (jiġifieri AAS għal provvisti intermedji/esportazzjoni meqjusa, restituzzjoni tad-dazju mħallas fuq esportazzjonijiet meqjusin u rifużjoni tad-dazju tas-sisa terminali).

(136) Il-Kummissjoni sabet li produttur esportatur minnhom li juża l-iskema kiseb konċessjonijiet skont l-ewwel subskema, jiġifieri esportazzjonijiet fiżiċi tal-AAS matul il-PI. Għalhekk, ma huwiex neċessarju li tiġi stabbilita l-kumpensabilità tas-subskemi mhux użati li jifdal.

(137) Għal skopijiet ta' verifika mill-awtoritajiet Indjani, detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem huwa legalment obbligat iżomm "kont veru u propju tal-konsum u tal-utilizzazzjoni ta' oġġetti importati mingħajr dazju/akkwistati domestikament" f'format speċifikat (il-kapitolu 4.51 u l-Appendiċi 4H 2015-20), jiġifieri reġistru tal-konsum attwali. Dan ir-reġistru jrid jiġi verifikat minn kontabilist estern awtorizzat/kontabilist tal-kostijiet u x-xogħlijiet li joħroġ ċertifikat li jiddikjara li r-reġistri stabbiliti u r-rekords rilevanti ġew eżaminati u li l-informazzjoni fornita skont l-Appendiċi 4H hija vera u korretta f'kull aspett.

(138) Fir-rigward tas-subskema użata matul il-PI mill-kumpanija kkonċernata, jiġifieri l-esportazzjonijiet fiżiċi, il-konċessjoni għall-importazzjoni u l-obbligu għall-esportazzjoni huma ffissati fil-volum u fil-valur mill-GTI u huma ddokumentati fuq l-Awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, fil-mument tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, it-tranżazzjonijiet korrispondenti għandhom jiġu ddokumentati mill-Uffiċjali tal-Gvern fuq l-Awtorizzazzjoni. Il-volum tal-importazzjonjiet permessi skont l-AAS huwa ddeterminat mill-GTI fuq il-bażi ta' Normi Standard ta' Input Output ("SIONs") li jeżistu għall-biċċa l-kbira tal-prodotti inkluż il-prodott taħt investigazzjoni.

(139) Il-materjali importati sabiex jintużaw bħala input ma humiex trasferibbli u għandhom jintużaw sabiex jinħadem il-prodott għall-esportazzjoni li jirriżulta. L-obbligu għall-esportazzjoni jrid jiġi ssodisfat fil-limitu ta' żmien stipulat wara l-ħruġ tal-liċenzja (18-il xahar b'żewġ estensjonijiet possibbli ta' 6 xhur kull wieħed).

(140) Ma hemm l-ebda rabta mill-qrib bejn l-inputs importati u l-prodotti lesti esportati. Il-materjali tal-input eliġibbli jistgħu jiġu importati u jintużaw ukoll għal prodotti differenti mill-prodott taħt investigazzjoni. Barra minn hekk, il-liċenzji għal diversi prodotti jistgħu jiġu kkombinati flimkien. Dan ifisser li l-esportazzjonijiet bil-liċenzja tal-AAS ta' prodott wieħed jistgħu jawtorizzaw importazzjonijiet mingħajr dazju ta' inputs bil-liċenzja tal-AAS għal prodott ieħor.

(141) L-investigazzjoni wriet li l-ebda waħda mil-liċenzji tal-AAS li ntużaw mill-produttur esportatur ma ngħalqet. Għalhekk, il-esportatur produttur ma setax juri xi appendiċi 4H għal-liċenzji tal-AAS tiegħu. Barra minn hekk, il-produttur esportatur ammetta li r-reġistru tal-konsum tiegħu ma jippermettix li jiġi stabbilit il-konsum attwali tal-materja prima importata u li dan jintrabat mal-prodotti finali mmanifatturati u esportati. Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-produttur inkwistjoni huwa integrat vertikalment f'diversi livelli:

fl-istadju nru 1: il-produzzjoni tal-kokk u tal-ferrokromu

fl-istadju nru 2: il-produzzjoni tal-azzar inossidabbli likwidu

fl-istadju nru 3: il-produzzjoni tal-lastri

fl-istadju nru 4: il-produzzjoni ta' kojls illaminati fis-sħana

fl-istadju nru 5: il-produzzjoni ta' prodotti ċatti llaminati fil-kiesaħ (il-prodott ikkonċernat)

u l-materja prima importata tintuża fl-istadju nru 2 fejn titħallat ma' materja prima prodotta fl-istadju nru 1 jew mixtrija domestikament.

(d) Konklużjoni dwar l-AAS

(142) L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni hija sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri din tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja tal-GTI peress li tnaqqas id-dħul mid-dazju li kieku kien ikun dovut u tagħti benefiċċju lill-esportatur investigat peress li ttejjeb il-likwidità tiegħu.

(143) Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet fiżiċi tal-AAS jiddependu fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u għalhekk meqjusin bħala speċifiċi u kumpensabbli skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament bażiku. Mingħajr impenn ta' esportazzjoni, kumpanija ma tistax tikseb benefiċċji taħt din l-iskema.

(144) Is-subskema li ntużat f'dan il-każ ma tistax titqies bħala sistema ta' restituzzjoni tad-dazju jew sistema ta' restituzzjoni b'sostituzzjoni permissibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Din ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-entrata (i) tal-Anness I, fl-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Il-GTI ma applikax sistema jew proċedura ta' verifika b'mod effettiv sabiex jikkonferma jekk l-inputs ġewx ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti (l-Anness II(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi ta' restituzzjoni b'sostituzzjoni, l-Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku). Huwa kkunsidrat ukoll li l-SIONs għall-prodott taħt investigazzjoni ma kinux preċiżi biżżejjed u li fihom infushom, dawk l-SIONs ma jistgħux jikkostitwixxu sistema ta'

verifika tal-konsum attwali peress li t-tfassil ta' dawk in-normi standard ma jippermettix li l-GTI jivverifika bi preċiżjoni suffiċjenti x'ammonti ta' inputs ġew ikkonsmati fil-produzzjoni tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, il-GTI ma għamilx eżami ulterjuri bbażat fuq l-inputs attwali involuti, għalkemm dan ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku).

(145) Għalhekk, is-subskema hija kumpensabbli.

(e) Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(146) Fin-nuqqas ta' sistemi permessi ta' restituzzjoni tad-dazji u tan-nuqqas tal-possibbiltà ta' verifika tar-rata tal-konsum attwali tal-inputs rilevanti, l-ammont totali ta' dazji doganali mitlufin (dazju doganali bażiku u ċess doganali) jitqies bħala remissjoni żejda li tkun tikkostitwixxi sussidju kumpensabbli f'konformità mal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku.

(147) Il-produttur esportatur ġie informat bl-intenzjonijiet tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u bl-aħjar fatti disponibbli f'dan ir-rigward bl-Ittra tat-22 ta' Novembru 2021.

(148) Għall-kuntrarju ta' affermazzjonijiet ulterjuri tal-kumpanija li metodoloġija bħal din tal-kalkolu tal-benefiċċju skont l-AAS hija devjazzjoni mill-prattika preċedenti tal-Kummissjoni u hija bbażata fuq sempliċi suppożizzjonijiet u inferenzi, huwa mtenni li l-kumpanija ma pprovdiet l-ebda *data* li tkun tippermetti l-kalkolu tar-remissjoni żejda attwali.

(149) F'konformità mal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, it-tariffi mġarrbin mill-kumpanija sabiex tikseb is-sussidju tnaqqsu mill-ammont totali tas-sussidju fejn ġie affermat.

(150) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li r-remissjoni żejda tiġi allokata fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni bħala denominatur xieraq, minħabba li s-sussidju huwa kontinġenti għall-prestazzjoni tal-esportazzjoni.

(151) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI kienet tammonta għal 0,05 %.

(152) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Indjan inkwistjoni tenna l-affermazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-applikazzjoni mhux ġustifikata tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u l-metodoloġija tal-kalkolu tal-benefiċċju tal-kumpanija skont din l-iskema użata mill-Kummissjoni.

(153) Madankollu, ma ġie ppreżentat l-ebda argument ġdid. Huwa mfakkar li l-Kummissjoni ma kellha l-ebda għażla oħra għajr li tirreferi għall-aħjar fatti disponibbli, peress li l-kumpanija ma pprovdiet l-ebda *data* li tippermetti l-kalkolu standard tar-remissjoni żejda skont din l-iskema. Fi kwalunkwe każ, filwaqt li titqies ir-rata tas-sussidju stabbilita, kif indikat fil-premessa (151) aktar 'il fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tikkumpensax għall-benefiċċju negliġibbli mogħti lill-Grupp Jindal skont l-AAS.

– Skema għar-Restituzzjoni tad-Dazji ("DDS")

(154) Il-Kummissjoni stabbiliet li produttur esportatur Indjan minnhom uża d-DDS matul il-PI.

(a) Bażi ġuridika

(155) Il-bażi ġuridika applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet ir-Regoli ta' Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana u tas-Sisa Ċentrali tal-1995 ("ir-Regoli tad-DDS tal-1995"), kif emendati fl-2006 ([17]) u mbagħad issostitwiti mir-Regoli ta' Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana u tas-Sisa Ċentrali tal-2017 ([18]) ("ir-Regoli tal-2017") li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017. Ir-Regola 3(2) tar-Regoli tad-DDS tal-1995 tirregola l-metodu ta' kalkolu ta' din l-iskema tar-restituzzjoni tad-dazju. Ir-Regola 12(1)(a)(ii) tar-Regoli tad-DDS imsemmija tirregola d-Dikjarazzjoni li l-produtturi esportaturi jeħtieġ li jippreżentaw sabiex jibbenefikaw mill-iskema. Dawn ir-Regoli baqgħu identiċi fir-Regoli tad-DDS tal-2017 u jikkorrispondu għar-Regola 3(2) u għar-Regola 13(1)(a)(ii) rispettivament.

([17]) http://www.cbic.gov.in/htdocs-cbec/customs/cs-act/formatted-htmls/cs-rulee

([18]) In-Notifika Nru 88/ 2017-CUSTOMS (N.T.) New Delhi, il-21 ta' Settembru 2017. http://www.cbic.gov.in/resources//htdocs-cbec/customs/cs-act/notifications/notfns-2017/cs-nt2017/csnt88-2017.pdf

(156) Barra minn hekk, iċ-Ċirkulari Nru 24/2001 ([19]) fiha struzzjonijiet speċifiċi dwar kif għandhom jiġu implimentati r-Regola 3(2) u d-Dikjarazzjoni li l-esportaturi jeħtieġ li jipproduċu skont ir-Regola 12(1)(a)(ii).

(157) Ir-Regola 4 tar-Regoli tad-DDS tal-1995 tistipula li l-Gvern Ċentrali jista' jirrevedi l-ammont jew ir-rati iddeterminati skont ir-regola 3. Il-Gvern għamel numru ta' modifiki, bl-aħħar dawk li rrevedew ir-rati li huma n-Notifika Nru 95/2018 – CUSTOMS u n-Notifika Nru 07/2020 – CUSTOMS. B'riżultat ta' dan, għall-prodott taħt investigazzjoni, ir-rati tad-DDS kienu ta' 1,8 % u ta' 1,6 % tal-valur FOB tal-prodotti esportati, għall-ewwel u għat-tieni parti ([20]) tal-PI rispettivament. L-istess rati tad-DDS huma applikati għall-prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana esportati mill-kumpanija Indjana inkwistjoni.

(b) Eliġibbiltà

(158) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

(c) Implimentazzjoni prattika

(159) Skont din l-iskema, kwalunkwe kumpanija attiva fl-esportazzjoni ta' prodotti eliġibbli hija intitolata li tirċievi ammont li jikkorrispondi għal perċentwal tal-valur FOB iddikjarat tal-prodott esportat. Ir-Regola 3(2) tar-Regoli ta' Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana u tas-Sisa Ċentrali tispeċifika kif l-ammont tas-sussidju għandu jkun ikkalkulat:

"(2) Fid-determinazzjoni tal-ammont jew tar-rata ta' restituzzjoni tad-dazji taħt din ir-regola, il-Gvern Ċentrali għandu jqis:

(a) il-kwantità jew il-valur medju ta' kull klassi jew deskrizzjoni tal-materjali li minnhom klassi partikolari ta' merkanzija hija normalment prodotta jew manifatturata fl-Indja;

(b) il-kwantità jew il-valur medju ta' materjali importati jew ta' materjali soġġetti għas-sisa użati għall-produzzjoni jew għall-manifattura fl-Indja fi klassi partikolari ta' oġġetti;

(c) l-ammont medju ta' dazji mħallsa fuq materjali importati jew fuq materjali soġġetti għas-sisa użati fil-manifattura tas-semis, tal-komponenti u tal-prodotti intermedji li jintużaw fil-manifattura ta' oġġetti;

(d) l-ammont medju tad-dazji mħallsin fuq materjali moħlijin fil-proċess ta' manifattura u ta' aġenti katalitiċi: Sakemm kwalunkwe tali skart jew aġent katalitiku jintuża mill-ġdid f'xi proċess ta' manifattura jew jinbiegħ, l-ammont medju tad-dazji fuq l-iskart jew aġent katalitiku użat mill-ġdid jew mibjugħa għandu jitnaqqas ukoll;

(e) l-ammont medju ta' dazji mħallas fuq materjali importati jew fuq materjali soġġetti għas-sisa li jintużaw għat-tgeżwir jew għall-ippakkjar tal-oġġetti għall-esportazzjoni;

(f) *kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Gvern Ċentrali jista' jqis relevanti jew utli għal dan l-għan*."

(160) Fi kliem ieħor, il-GTI bbaża l-ammont rimborżabbli fuq il-valuri medji tal-industrija kollha ta' dazji doganali rilevanti mħallsin fuq materja prima importata u proporzjon ta' konsum medju tal-industrija miġbur minn dak li l-GTI jqis bħala manifatturi rappreżentattivi tal-prodotti eliġibbli għall-esportazzjoni. Imbagħad, il-GTI jesprimi l-ammont li għandu jiġi rimborżat bħala perċentwal tal-valur medju ta' esportazzjoni ta' prodotti esportati eliġibbli.

(161) Il-GTI juża dan il-perċentwal sabiex jikkalkola l-ammont tar-restituzzjoni tad-dazji li l-esportaturi eliġibbli kollha huma intitolati li jirċievu. Ir-rata għal din l-iskema hija ddeterminata mill-GTI fuq bażi ta' prodott bi prodott.

([19]) Cus. l-20 ta' April, 2001F.NO.605/47/2001-DBK, il-Gvern tal-Indja, il-Ministeru tal-Finanzi, id-Dipartiment tad-Dħul, id-Dikjarazzjoni skont ir-Regola 12(1)(a)(ii) tal-Artikolu sabiex tagħmel użu minn AIR ta' Rifużjoni tad-Dazji. Ara b'mod partikolari it-Taqsimiet 2 u 3 tad-Dikjarazzjoni skont ir-Regola 12(1)(a)(ii) tal-Artikolu sabiex tagħmel użu minn AIR ta' Rifużjoni tad-Dazji; disponibbli fuq: http://www.cbic.gov.in/htdocs-cbec/customs/cs- circulars/cs-circulars-2001/24-2001-cus

([20]) Il-livell tar-rata tad-DDS inbidel mit-28 ta' Jannar 2020.

(162) Sabiex tkun eliġibbli għall-benefiċċji minn din l-iskema, kumpanija trid tesporta. Fil-mument meta d-dettalji tal-konsenja jiddaħħlu fis-Server Doganali, huwa indikat li l-esportazzjoni qed issir taħt id-DDS u l-ammont DDS huwa ffissat irrevokabbilment. Wara li l-kumpanija tat-trasport marittimu tkun ippreżentat Manifest Ġenerali tal-Esportazzjoni u l-uffiċċju doganali jkun qabbel b'mod sodisfaċenti dak id-dokument mad-data tal-polza ta' esportazzjoni, il-kundizzjonijiet kollha jkunu ssodisfati sabiex jawtorizzaw il-ħlas tal-ammont ta' restituzzjoni jew b'pagament dirett fuq il-kont bankarju tal-esportatur jew b'abbozz.

(163) L-esportatur għandu jipproduċi wkoll evidenza ta' realizzazzjoni tar-rikavati mill-esportazzjoni permezz ta' Ċertifikat ta' Realizzazzjoni Bankarja ("BRC"). Dan id-dokument jista' jiġi pprovdut wara li jkun tħallas l-ammont ta' restituzzjoni iżda l-GTI se jirkupra l-ammont imħallas jekk l-esportatur jonqos milli jissottometti l-BRC fl-iskadenza mogħtija.

(164) L-ammont tar-restituzzjoni jista' jintuża għal kwalunkwe skop u, f'konformità mal-istandards Indjani tal-kontabbiltà, l-ammont jista' jitniżżel fuq bażi tad-dovuti bħala dħul fil-kontijiet kummerċjali, mat-twettiq tal-obbligu għall-esportazzjoni.

(165) Il-leġiżlazzjoni u l-istruzzjonijiet amministrattivi rilevanti jistipulaw li jenħtieġ li l-amministrazzjoni doganali Indjana ma teħtieġ l-ebda evidenza li l-esportatur li jitlob ir-restituzzjoni tad-dazji kellu jġarrab jew se jkollu jġarrab obbligazzjoni ta' dazju doganali għall-importazzjonijiet tal-materja prima meħtieġa għall-manifattura tal-prodott esportat. Barra minn hekk, matul l-RCC, il-GTI kkonferma li l-kumpaniji li jġibu l-materja prima kollha domestikament xorta jibbenefikaw mir-rata sħiħa kkalkolata skont ir-Regola 3(2) imsemmija aktar 'il fuq.

(d) Konklużjoni dwar l-DDS

(166) Id-DDS tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(I) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. L-hekk imsejjaħ ammont ta' restituzzjoni tad-dazji huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI minħabba li jieħu l-forma ta' trasferiment dirett tal-fondi mill-GTI. Ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-użu ta' dawn il-fondi. Barra minn hekk, l-ammont tar-restituzzjoni tad-dazji jagħti benefiċċju lill-esportatur, peress li jtejjeb il-likwidità tiegħu.

(167) Ir-rata tar-restituzzjoni tad-dazji għall-esportazzjonijiet hija ddeterminata mill-GTI fuq bażi skont il-prodott. Madankollu, għalkemm is-sussidju huwa msejjaħ restituzzjoni tad-dazji, l-iskema ma għandhiex il-karatteristiċi kollha ta' sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew ta' sistema ta' restituzzjoni b'sostituzzjoni permessibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku; l-iskema lanqas ma tikkonforma mar-regoli stabbiliti fl-entrata (I) tal-Anness I, fl-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Il-ħlas f'kontanti lill-esportatur mahuwiex neċessarjament marbut ma' ħlasijiet attwali ta' dazji fuq l-importazzjoni fuq il-materja prima, u ma huwiex kreditu ta' dazju sabiex ipatti għad-dazji fuq importazzjoni ta' materja prima fil-passat jew fil-futur. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ sabiex tikkonferma liema inputs huma kkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti għall-esportazzjoni u f'liema ammonti. Barra minn hekk, il-GTI ma għamilx eżami ulterjuri bbażat fuq l-inputs attwali involuti, għalkemm dan ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku).

(168) Il-pagament mill-GTI wara l-esportazzjonijiet li jkun sar minn esportaturi huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u, għalhekk, din l-iskema hija meqjusa bħala speċifika u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(169) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li d-DDS hija kumpensabbli.

(e) Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(170) F'konformità mal-Artikolu 3(2) u mal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidji kumpensabbli f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li kien jeżisti matul il-PI. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbiliet li l-benefiċċju jingħata lill-benefiċjarju fiż-żmien meta ssir tranżazzjoni ta' esportazzjoni skont din l-iskema. F'dan il-mument, il-GTI jkun obbligat li jħallas l-ammont tar-restituzzjoni tad-dazji, li jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(I) tar-Regolament bażiku. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu polza ta' kargu tal-esportazzjoni li turi, fost l-oħrajn, l-ammont tar-restituzzjoni tad-dazji li għandu jingħata għal dik it-tranżazzjoni ta' esportazzjoni, il-GTI ma jkollu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju.

(171) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset xieraq li tivvaluta l-benefiċċju skont id-DDS bħala s-somma tal-ammonti tar-restituzzjoni tad-dazji miksubin mit-tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni magħmulin skont din l-iskema matul il-PI. Il-Kummissjoni qieset l-ammonti ta' restituzzjoni tad-dazji miksubin fuq it-tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni kollha tal-produttur esportatur Indjan peress li l-kumpanija tesporta biss il-prodott taħt investigazzjoni u l-prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati fis-sħana, li huma semiprodotti għall-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni kopert mill-istess rati tad-DDS.

(172) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dawn l-ammonti tas-sussidju fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni tal-kumpanija matul il-PI bħala d-denominatur xieraq, minħabbba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(173) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-Grupp Jindal kienet tammonta għal 1,65 %.

– L-Iskema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjonijiet ta' Oġġetti Kapitali

(174) Il-Kummissjoni stabbiliet li żewġ produtturi esportaturi Indjani rċivew konċessjonijiet skont l-EPCGS, li setgħu jiġu allokati għall-prodott ikkonċernat matul il-PI.

(a) Bażi ġuridika

(175) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-EPCGS tinsab fil-kapitolu 5 tal-FTP 2015-20 kif ukoll fil-kapitolu 5 tal-HOP 2015-20.

(b) Eliġibbiltà

(176) Il-manifatturi-esportaturi, in-negozjanti-esportaturi "marbuta ma'" manifatturi ta' appoġġ u fornituri ta' servizzi huma eliġibbli għal din l-iskema.

(c) Implimentazzjoni prattika

(177) Bil-kundizzjoni ta' obbligu għall-esportazzjoni, kumpanija hija permessa timporta oġġetti kapitali (oġġetti kapitali ġodda jew użati li ma għandhomx aktar minn 10 snin) b'rata ta' dazju mnaqqsa. Għal dan l-għan, il-GTI joħroġ liċenzja tal-EPCGS b'applikazzjoni u bi ħlas ta' miżata. L-iskema tipprevedi rata ta' dazju mnaqqsa fuq l-importazzjoni, applikabbli għall-oġġetti kapitali kollha importati b'din l-iskema. Sabiex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-esportazzjoni, l-oġġetti kapitali importati jridu jintużaw biex jiġi prodott ċertu ammont ta' oġġetti meqjusa għall-esportazzjoni matul perjodu partikolari. Skont l-FTP 2015-20 u l-FTP 2015-20 aġġornata, l-oġġetti kapitali jistgħu jiġu importati b'rata ta' dazju ta' 0 % taħt l-EPCGS. Madankollu, fil-każ ta' oġġetti kapitali importati qabel l-2015, ir-rata ta' dazju ta' 3 % kienet ukoll alternattiva – f'dak il-każ, iż-żmien għat-twettiq tal-obbligu ta' esportazzjoni kien itwal. L-obbligu għall-esportazzjoni, li jammonta għal sitt darbiet id-dazju ffrankat, irid jiġi ssodisfat fi ħdan perjodu massimu ta' sitt snin.

(178) Id-detentur ta' liċenzja tal-EPCGS jista' jġib ukoll l-oġġetti kapitali lokalment. F'dan il-każ, il-manifattur indiġenu ta' oġġetti kapitali jista' japprofitta huwa stess mill-benefiċċju ta' importazzjoni mingħajr dazju tal-komponenti meħtieġa għall-manifattura ta' tali oġġetti kapitali. Alternattivament, il-manifattur indiġenu jista' jiddikjara l-benefiċċju ta' esportazzjoni preżunta fir-rigward tal-provvista ta' oġġetti kapitali lil detentur tal-liċenzja tal-EPCGS.

(d) Konklużjoni dwar l-EPCGS

(179) L-EPCGS tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis tad-dazju jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul tal-GTI mid-dazju li kieku kien ikun dovut lilu. Barra minn hekk, it-tnaqqis tad-dazju jagħti benefiċċju lill-esportatur, minħabba li d-dazji ffrankati mill-importazzjoni jtejbu l-likwidità tal-kumpanija.

(180) Barra minn dan, l-EPCGS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, billi tali liċenzji ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għalhekk, hija meqjusa speċifika u kumpensabbli skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament bażiku.

(181) L-EPCGS ma tistax titqies bħala sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew sistema ta' restituzzjoni tad-dazji b'sostituzzjoni permissibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. L-oġġetti kapitali ma humiex koperti mill-ambitu ta' tali sistemi permissibbli, kif stipulat fil-punt (I) tal-Anness I tar-Regolament bażiku, minħabba li ma jiġux ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

(e) Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(182) L-ammont ta' sussidji kumpensabbli ġie kkalkolat, f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tad-dazju doganali mhux imħallas fuq oġġetti kapitali importati mifruxin fuq perjodu li jirrifletti l-perjodu normali ta' deprezzament ta' dawn l-oġġetti kapitali fl-industrija kkonċernata. L-ammont ikkalkolat b'dan il-mod, li huwa attribwibbli għall-PI, ġie aġġustat biż-żieda tal-imgħax matul dan il-perjodu sabiex ikun rifless il-valur taż-żmien globali tal-flus. Ir-rata kummerċjali tal-imgħax matul il-perjodu tal-investigazzjoni fl-Indja kienet meqjusa xierqa għal dan il-għan.

(183) F'konformità mal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, it-tariffi mġarrbin mill-kumpaniji sabiex jiksbu s-sussidju tnaqqsu mill-ammont totali tas-sussidju fejn ġie affermat.

(184) F'konformità mal-Artikolu 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju ġie allokat fuq il-fatturat ta' esportazzjoni xieraq matul il-PI bħala d-denominatur xieraq minħabbba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Fil-każ ta' waħda mill-kumpaniji Indjani, il-fatturat mill-esportazzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni ntuża bħala d-denominatur, peress li l-kumpanija tuża magni mixtrijin permezz tal-EPCGS biss għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.

(185) Wieħed mill-produtturi esportaturi Indjani talab aġġustament għall-fatturat tal-esportazzjoni użat bħala d-denominatur fil-kalkoli. Il-kumpanija argumentat li kienet għadha kif tibda l-produzzjoni fil-PI u laħqet biss 15 % tal-kapaċità tagħha. Għalhekk, il-kumpanija talbet estrapolazzjoni tal-fatturat tal-esportazzjoni tagħha sabiex jiġi kkunsidrat l-użu sħiħ tal-kapaċità tagħha.

(186) Madankollu, il-kalkolu tar-rati tas-sussidju dejjem ikun ibbażat fuq fatturati attwali. Ma jistax jiġi preżunt li wara l-fażi tal-bidu, il-kumpanija tuża l-kapaċità tagħha bis-sħiħ. Barra minn hekk, il-proporzjon ta' qasma futura bejn il-fatturat domestiku u dak tal-esportazzjoni jkun biss spekulazzjoni. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(187) Wara d-divulgazzjoni finali, il-kumpanija tenniet din l-affermazzjoni, filwaqt li enfasizzat il-fatt li l-EPCGS hija sussidju mhux rikorrenti u, għalhekk, kalkolu mingħajr aġġustament tad-denominatur ma jirriflettix b'mod korrett il-benefiċċju mogħti lill-kumpanija, li tinsab fil-fażi tal-bidu tal-operazzjonijiet.

(188) Tabilħaqq, l-EPCGS hija sussidju mhux rikorrenti u ġiet ittrattata mill-Kummissjoni bħala tali: l-ammont ta' benefiċċju taħt l-iskema ġie allokat għall-PI filwaqt li tqies il-perjodu ta' deprezzament tal-oġġetti kapitali inkwistjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax taġġusta d-denominatur, billi tagħmel suppożizzjonijiet fir-rigward tal-fatturat potenzjali tal-kumpanija mill-esportazzjoni, kif diġà ġie enfasizzat fil-premessa (186) aktar 'il fuq. Għalhekk, il-metodoloġija tal-kalkolu hija kkonfermata.

(189) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema kienet tammonta għal 5,69 % għal Chromeni u għal 0,36 % għall-Grupp Jindal kif allokat għall-PI.

– L-Iskema ta' Esportazzjoni tal-Merkanzija mill-Indja ("MEIS")

(190) Il-Kummissjoni stabbiliet li żewġ produtturi esportaturi Indjani użaw l-MEIS matul il-PI.

(a) Bażi ġuridika

(191) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-MEIS tinsab fil-kapitolu 3 tal-FTP 2015-20 u tal-FTP 2015-20 aġġornata kif ukoll fil-kapitolu 3 tal-HOP 2015-20 u tal-HOP 2015-20 aġġornat.

(b) Eliġibbiltà

(192) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

(c) Implimentazzjoni prattika

(193) Il-kumpaniji eliġibbli jistgħu jibbenefikaw mill-MEIS billi jesportaw prodotti speċifiċi lejn pajjiżi speċifiċi li huma kkategorizzati fil-Grupp A ("Swieq Tradizzjonali" inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE), fil-Grupp B ("Swieq Emerġenti u Fokus") u l-Grupp C ("Swieq Oħrajn"). Il-pajjiżi li jaqgħu taħt kull grupp u l-lista ta' prodotti b'rati ta' ppremjar korrispondenti huma speċifikati fl-Appendiċi 3B tal-HOP aġġornat.

(194) Il-benefiċċju jieħu l-forma ta' kreditu ta' dazju ekwivalenti għal perċentwal tal-valur FOB tal-esportazzjoni. Ir-rata tal-MEIS fil-PI kienet tammonta għal 2 % ([21]).

(195) Skont il-paragrafu 3.06 tal-FTP 2015-20, ċerti tipi ta' esportazzjonijiet huma esklużi mill-iskema, eż., l-esportazzjonijiet ta' oġġetti importati jew ta' oġġetti ttrasbordati, l-esportazzjonijiet meqjusin, l-esportazzjonijiet ta' servizzi u l-fatturat tal-esportazzjoni ta' unitajiet li joperaw taħt żoni ekonomiċi speċjali/unitajiet li joperaw fl-esportazzjoni.

(196) Il-krediti tad-dazju skont l-MEIS huma liberament trasferibbli u validi għal perjodu ta' 18-il xahar mid-data tal-ħruġ filwaqt li ċ-ċertifikati tal-krediti tad-dazju li nħarġu fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara din id-data għandhom ikunu validi għal perjodu ta' 24 xahar mid-data tal-ħruġ skont il-paragrafu 3.13 tal-HOP 2015-20 aġġornat.

(197) Jistgħu jintużaw għal: (i) ħlas tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' inputs jew ta' oġġetti inklużi oġġetti kapitali, (ii) ħlas ta' dazji tas-sisa fuq l-akkwist domestiku ta' inputs jew ta' oġġetti inklużi oġġetti kapitali u ħlas, (iii) ħlas tat-taxxa tas-servizzi fuq l-akkwist ta' servizzi.

(198) Fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ Barrani trid timtela applikazzjoni online għat-talba tal-benefiċċji skont l-MEIS. Id-dokumentazzjoni rilevanti (poloz tat-tagħbija, ċertifikat ta' realizzazzjoni bankarja u ċertifikat tal-iżbark) trid tkun mehmuża mal-applikazzjoni online. L-Awtorità Reġjonali ("RA") rilevanti tal-GTI toħroġ il-kreditu tad-dazju wara li tagħmel skrutinju tad-dokumenti. Sakemm l-esportatur jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti, l-RA ma għandha l-ebda diskrezzjoni fuq l-għoti tal-krediti tad-dazji.

(d) Konklużjoni dwar l-MEIS

(199) L-MEIS tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu ta' dazju tal-MEIS huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, billi l-kreditu eventwalment jintuża sabiex ipatti għad-dazji fuq l-importazzjoni mħallsin fuq l-oġġetti kapitali, u b'hekk inaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI li kieku kien irid jitħallas. Barra minn hekk, il-kreditu ta' dazju tal-MEIS jagħti benefiċċju lill-esportatur, li ma huwiex soġġett għal ħlas ta' dawk id-dazji fuq l-importazzjoni.

(200) Barra dan, l-MEIS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u għalhekk hija meqjusa bħala speċifika u kumpensabbli skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament bażiku.

(201) Ta' min jinnota li l-MEIS skadiet wara l-PI, mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, sa tmiem l-2021, il-kumpaniji xorta setgħu japplikaw għal skripts tal-MEIS għat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li saru fl-2020. Barra minn hekk, il-kumpaniji xorta jistgħu jużaw l-iskript tal-MEIS miksub fl-2021 sabiex jibbilanċjaw id-dazji tal-importazzjoni dovuti, sal-15 ta' Settembru 2023. Għalhekk, il-benefiċċji taħt din l-iskema ġew riċevuti matul il-PI u se jkomplu anke wara l-impożizzjoni tal-miżuri.

(e) Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(202) F'konformità mal-Artikolu 3(2) u mal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidji kumpensabbli f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li kien jeżisti matul il-PI. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbiliet li l-benefiċċju jingħata lill-benefiċjarju fiż-żmien meta ssir tranżazzjoni ta' esportazzjoni skont din l-iskema. F'dan il-mument, il-GTI joħroġ kreditu ta' dazju li huwa mniżżel fil-kotba mill-produttur esportatur bħala kont riċevibbli li jista' jiġi kkumpensat mill-produttur esportatur fi kwalunkwe mument. Dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu l-polza tal-esportazzjoni, il-GTI ma jkollu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset xieraq li tivvaluta l-benefiċċju skont l-MEIS bħala s-somma tal-ammonti miksubin mit-tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni magħmulin skont din l-iskema matul il-PI. Il-Kummissjoni qieset l-ammonti ta' MEIS miksubin fuq it-tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni kollha tal-produtturi esportaturi Indjani, peress li l-kumpaniji jesportaw biss il-prodott taħt investigazzjoni u l-prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati fis-sħana, li huma semiprodotti għall-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni kopert mill-istess rati tal-MEIS.

(203) F'konformità mal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, it-tariffi mġarrbin mill-kumpaniji sabiex jiksbu s-sussidju tnaqqsu mill-ammont totali tas-sussidju fejn ġie affermat.

([21]) In-Notifika Pubblika tal-Gvern tal-Indja Nru 32/2015-2020 tat-22 ta' Settembru 2016, disponibbli fuq https://content.dgft.gov.in/Website/PN3216_0.pdf

(204) F'konformità mal-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dan l-ammont tas-sussidju fuq il-fatturat mill-esportazzjoni tal-kumpaniji matul il-PI bħala d-denominatur xieraq, minħabba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(205) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema kienet tammonta għal 1,87 % għal Chromeni u għal 1,92 % għall-Grupp Jindal fil-PI.

3.3.2. *Il-provvista ta' mineral tal-kromu għal remunerazzjoni anqas minn adegwata*

3.3.2.1. L-ilment u l-iskema ta' sussidju

(206) L-ilmentatur afferma li l-GTI jiżgura tnaqqis artifiċjali tal-kostijiet tal-inputs ewlenin tal-industrija lokali billi jinduċi lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-kromu fl-Indja permezz ta' għadd ta' miżuri regolatorji li jinkludu limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet (bħad-dazju fuq l-esportazzjoni, liċenzji tal-esportazzjoni u l-involviment ta' Intrapriżi Kummerċjali tal-Istat fl-esportazzjonijiet) sabiex jipprovdu l-mineral tal-kromu lill-industrija downstream Indjana tal-SSCR għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(207) L-ilmentatur afferma wkoll li l-GTI jikkontrolla bis-sħiħ is-settur tal-estrazzjoni minerarja fir-rigward tal-mineral tal-kromu fl-Indja. Permezz tal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu, il-GTI jistabbilixxi min jestratta l-kromu (kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja soġġetti għal liċenzja). Hemm ukoll sjieda tal-Istat u/jew preżenza tal-Istat fost il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja. Għalhekk, il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja huma vestiti b'awtorità mill-GTI sabiex isegwu l-objettivi tal-politika tal-GTI.

(208) Peress li l-mineral tal-kromu jintuża l-aktar għall-produzzjoni tal-ferrokrom, li essenzjalment jintuża fil-produzzjoni tal-azzar inossidabbli, dak il-benefiċċju ngħata lill-produtturi Indjani tal-SSCR li jipproduċu kemm il-ferrokromu kif ukoll l-azzar inossidabbli.

3.3.2.2. Bażi ġuridika

(209) Il-politika dwar l-estrazzjoni minerarja li tkopri l-mineral tal-kromu hija amministrata permezz tal-Ministeru tal-Minjieri. L-esportazzjonijiet tal-minerali huma amministrati wkoll mill-Ministeru tal-Kummerċ u tal-Industrija.

(210) Il-gvernijiet ċentrali kif ukoll dawk reġjonali għandhom rwoli vitali fl-industrija tal-estrazzjoni minerarja inkluża l-estrazzjoni tal-mineral tal-kromu, billi jistabbilixxu politiki, standards, linji gwida u kriterji nazzjonali dwar l-estrazzjoni minerarja, kif ukoll jiddeċiedu dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-estrazzjoni minerarja.

(211) Il-bażi ġuridika tar-regoli u tar-regolamenti rilevanti hija din li ġejja:

— Mines and Minerals (Development and Regulation) Act, 1957 ([22])

— The Minerals (Evidence of Mineral Contents) Rules, 2015 ([23])

— The Mineral (Auction) Rules, 2015 ([24])

— The Mineral (Non- exclusive Reconnaissance Permits) Rules, 2015 ([25])

— The National Mineral Exploration Trust Rules, 2015 ([26])

([22]) Disponibbli fuq https://indiankanoon.org/doc/25127/, aċċessat l-aħħar fis-27 ta' Jannar 2022.
([23]) In-Notifika Nru 246 tas-17 ta' April 2015.
([24]) In-Notifika Nru 322 tal-20 ta' Mejju 2015.
([25]) In-Notifika Nru 516 tad-29 ta' Ġunju 2015.
([26]) In-Notifika Nru 632 tal-14 ta' Awwissu 2015.

— The Mineral (Mining by Government Company) Rules, 2015 ([27])

— The Mines and Minerals (Contribution to District Mineral Foundation) Rules, 2015 ([28])

— The Atomic Minerals Concession Rules, 2016 ([29])

— The Mineral Concession (other than Atomic and Hydrocarbon Energy Minerals) Rules, 2016 ([30])

— The Mineral Conservation & Development Rules, 2017 ([31])

— National Mineral Policy, 2019 ([32]).

3.3.2.3. Sejbiet tal-investigazzjoni

(212) Il-Kummissjoni stabbiliet li produttur esportatur Indjan integrat vertikalment tal-SSCR kien jixtri l-mineral tal-kromu domestikament għall-produzzjoni tal-ferrokrom, li dak il-produttur uża għall-produzzjoni tal-lastri, sussegwentement għall-kojls illaminati fis-sħana, u finalment għall-prodotti ċatti llaminati fil-kiesaħ.

(213) Il-maġġoranza l-kbira tax-xiri ta' mineral tal-kromu tal-kumpanija fil-PI kien joriġina mill-Intrapriża tal-Istat ("SOE") Odisha Mining Corporation ("OMC"). Kien hemm ukoll xiri minuri rrapportat minn żewġ kumpaniji privati allegati tal-estrazzjoni minerarja u minn kumpanija kummerċjali waħda.

(a) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku

(214) Il-Kummissjoni informat lill-GTI li jista' jkun li jkollha bżonn tuża l-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku meta teżamina l-eżistenza u l-portata tal-allegati sussidji mogħtijin lill-industrija tal-SSCR, inkluż permezz tal-forniment ta' mineral tal-kromu għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(215) Il-Kummissjoni talbet lill-GTI fil-kwestjonarju tagħha, fl-ittra ta' definizzjenza, u matul l-RCC, sabiex jipprovdi ċerta informazzjoni relatata mal-forniturи u mal-funzjonament tas-suq domestiku tal-mineral tal-kromu fl-Indja. Dawn it-talbiet għal informazzjoni kienu jinkludu, fost l-oħrajn, mistoqsijiet dwar il-qafas legali u istituzzjonali, l-organizzazzjoni tas-suq tal-mineral tal-kromu, il-produtturi tal-mineral tal-kromu fl-Indja, il-mekkaniżmi tal-iffissar tal-prezzijiet u l-prezzijiet, kif ukoll il-parteċipazzjoni azzjonarja fil-kumpaniji.

(216) Fil-bidu, il-Kummissjoni talbet lill-GTI sabiex jgħaddi l-Appendiċi B mehmuż mal-kwestjonarju antisussidji (kwestjonarju għall-forniturи tal-mineral tal-kromu) lill-akbar 10 produtturi u distributuri tal-mineral tal-kromu, kif ukoll lil kwalunkwe produttur u distributur ieħor tal-mineral tal-kromu, li kienu jipprovdu mineral tal-kromu lill-produtturi esportaturi. L-Appendiċi B kien jikkonsisti f'dokument Word ("Appendix B_Input supplier") u f'fajl Excel ("Appendix B - Input suppliers tables"). Ma waslet l-ebda tweġiba għall-Appendiċi B.

(217) Il-Kummissjoni, fl-ittra ta' definizzjenza tagħha lill-GTI tal-25 ta' Awwissu 2021, ħadet nota tal-fatt li ma kienet irċiviet l-ebda tweġiba għall-Appendiċi B tal-kwestjonarju.

(218) Matul u wara l-RCC, il-Kummissjoni informat lill-GTI li kienet għadha nieqsa l-informazzjoni relatata mal-produzzjoni u mal-konsum kumplessivi tal-mineral tal-kromu fis-suq Indjan. Il-GTI indika wkoll li ma setax jipprovdi statistika dwar il-prezzijiet dwar il-prezzijiet domestiċi tal-Indja tal-materja prima inkwistjoni. Barra minn hekk, kien għad fadal mistoqsijiet miftuħin dwar l-istruttura u l-atturi fis-suq, u jekk kinux partijiet bi sjieda Statali jew privati. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kien għad għandha nieqsa l-bażi ġuridika korretta dwar id-dazji fuq l-esportazzjoni fuq il-mineral tal-kromu.

([27]) In-Notifika Nru 749 tat-3 ta' Diċembru 2015.
([28]) In-Notifika Nru 645 tal-20 ta' Ottubru 2015.
([29]) In-Notifika Nru 471 tal-11 ta' Lulju 2016.
([30]) In-Notifika Nru (numru mhux ipprovdut) tal-4 ta' Marzu 2016.
([31]) In-Notifika Nru 137 tas-27 ta' Frar 2017.
([32]) Disponibbli fuq https://mines.gov.in/writereaddata/Content/NMP12032019.pdf, aċċessat l-aħħar fis-27 ta' Jannar 2022.

(219) Għalhekk, fit-8 ta' Diċembru 2021 il-Kummissjoni infurmat lill-GTI li kellha l-ħsieb li jkollha tirrikorri għall-użu tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku. Wara din l-ittra, il-GTI l-ewwel ipprovda parti żgħira ħafna mill-informazzjoni nieqsa, prinċipalment dwar l-istruttura tas-suq, is-sjieda ta' xi whud mill-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja u l-bażi ġuridika għad-dazju fuq l-esportazzjoni. Is-sottomissjoni ta' din l-informazzjoni kienet tikkonsisti biss fi ftit paġni, li ma kellhomx evidenza ta' sostenn. Imbagħad, il-GTI bagħat ittra addizzjonali oġġezzjonat għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku b'mod ġenerali, u argumenta li jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-informazzjoni addizzjonali pprovduta u, għalhekk, ma tużax il-fatti disponibbli.

(220) Bi tweġiba, il-Kummissjoni l-ewwel innotat li l-GTI kien ripetutament naqas milli jipprovdi din l-informazzjoni meta ntalab jagħmel dan matul l-investigazzjoni u li l-informazzjoni addizzjonali waslet fi stadju tard ħafna tal-investigazzjoni, u allura ma setgħetx tiġi kkunsidrata. Sadanittant, il-Kummissjoni kisbet l-informazzjoni nieqsa rilevanti dwar is-sjieda tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja u dwar id-dazji fuq l-esportazzjoni fuq il-mineral tal-kromu minn sorsi pubbliċi. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li l-GTI naqas milli jipprovdi l-informazzjoni neċessarja kif previst fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku u li l-informazzjoni pprovduta mill-GTI daqshekk tard fl-investigazzjoni ma setgħetx tintuża skont il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 28(3) tar-Regolament bażiku. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni xorta kellha tikkomplementa l-ftit informazzjoni pprovduta mill-GTI b'fatti oħrajn disponibbli għall-partijiet li kienu neqsin, prinċipalment fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet kif ukoll tar-rwol tal-GTI u tal-influwenza tiegħu fuq il-fornituri (inklużi l-atturi privati) fis-suq tal-mineral tal-kromu. Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li kellha tiddependi fuq l-Artikolu 28(1) u tirrikorri għall-użu tal-fatti disponibbli.

(221) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI tenna l-pożizzjoni tiegħu li l-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku ma kinitx ġustifikata, peress li kienet ġiet ipprovduta l-informazzjoni kollha mitluba mill-Kummissjoni.

(222) Madankollu, kif spjegat fid-dettalji fil-premessa (220), dik l-informazzjoni waslet għand il-Kummissjoni fi stadju tard ħafna tal-investigazzjoni jew ma kinitx kompluta. Dan kien jikkonċerna b'mod partikolari elementi kruċjali bħall-istruttura tas-suq tal-mineral tal-kromu, il-metodoloġija għall-iffissar tal-prezzijiet jew il-konsum ristrett tal-mineral tal-kromu. Għalhekk, għalkemm il-Kummissjoni użat l-informazzjoni pprovduta mill-GTI sa fejn kien possibbli, kellha wkoll tmur lura għal sorsi addizzjonali u għall-aħjar fatti disponibbli.

(b) Analiżi

(223) Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju kumpensabbli, iridu jkunu preżenti tliet elementi skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament bażiku: (i) kontribuzzjoni finanzjarja (ii) benefiċċju u (iii) speċifiċità (l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku).

(i) Kontribuzzjoni finanzjarja

Kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jaġixxu bħala korp pubbliku

(224) L-investigazzjoni l-ewwel ivvalutat jekk il-GTI pprovdiex mineral tal-kromu lill-produtturi tal-azzar inossidabbli permezz ta' kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jaġixxu bħala "korp pubbliku". L-istandard legali rilevanti u l-interpretazzjoni għal din il-valutazzjoni skont l-Artikolu 3(1)(a) u 2(b) tar-Regolament bażiku jirriżultaw mill-ġurisprudenza tad-WTO dwar "korp pubbliku".

(225) Skont il-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO ([33]), korp pubbliku huwa entità li "*għandha, teżerċita jew hija vestita b'awtorità governattiva*". Trid titwettaq inkjesta tal-korp pubbliku fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu kif xieraq "*il-karatteristiċi u l-funzjonijiet ewlenin tal-entità rilevanti*", "*ir-relazzjoni mal-gvern*" ta' dik l-entità, u "*l-ambjent legali u ekonomiku prevalenti fil-pajjiż li fih topera l-entità investigata*". Skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, l-evidenza rilevanti tista' tinkludi: (i) evidenza li "*entità, fil-fatt, teżerċita funzjonijiet governattivi*", speċjalment fejn tali evidenza "*tindika prattika sostnuta u sistematika*"; (ii) evidenza dwar "*l-ambitu u l-kontenut tal-politiki tal-gvern relatati mas-settur li fih topera l-entità investigata*"; u (iii) evidenza li gvern jeżerċita "*kontroll sinifikattiv fuq entità u fuq l-imġiba tagħha*". Meta

([33]) WT/DS379/AB/R (*US – Anti-dumping and Countervailing Duties on Certain Products from China*), ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tal-11 ta' Marzu 2011, DS 379, il-paragrafu 318. Ara wkoll WT/DS436/AB/R (*US — Carbon Steel (India)*), ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tat-8 ta' Diċembru 2014, il-paragrafi 4.9 - 4.10, 4.17 - 4.20 u WT/DS437/AB/R (*US – Countervailing Duty Measures on Certain Products from China*) ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tat-18 ta' Diċembru 2014, il-paragrafu 4.92.

twettaq inkjesta tal-korp pubbliku, awtorità investigattiva trid "*tevalwa u tagħti kunsiderazzjoni xierqa lill-karatteristiċi rilevanti kollha tal-entità*" u teżamina t-tipi kollha ta' evidenza li jistgħu jkunu pertinenti għal dik l-evalwazzjoni; meta tagħmel dan, jenħtieġ li tevita "*li tiffoka esklużivament jew bla bżonn fuq kwalunkwe karatteristika waħda mingħajr ma tagħti kunsiderazzjoni xierqa lil oħrajn li jistgħu jkunu rilevanti*".

(226) Sabiex entità tiġi kkaratterizzata kif xieraq bħala korp pubbliku f'każ partikolari, jista' jkun rilevanti li jiġi kkunsidrat "*jekk il-funzjonijiet jew l-imġiba [tal-entità] ikunux ta' tip li normalment jiġi kklassifikat bħala governattiv fl-ordni ġuridiku tal-Membru rilevanti*", u l-klassifikazzjoni u l-funzjonijiet tal-entitajiet fi ħdan il-Membri tad-WTO b'mod ġenerali. Għalhekk, jekk il-funzjonijiet jew l-imġiba tkunx ta' tip li normalment ikun ikklassifikat bħala governattiv fl-ordni ġuridiku tal-Membru rilevanti jista' jkun kunsiderazzjoni rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk entità speċifika tkunx korp pubbliku jew le.

(227) Hemm modi differenti ta' kif il-gvern fis-sens ristrett jista' jipprovdi lill-entitajiet b'awtorità. Għaldaqstant, hemm tipi differenti ta' evidenza li jistgħu jkunu rilevanti sabiex jintwera li entità partikolari ngħatat tali awtorità. Evidenza li entità, fil-fatt, qiegħda teżerċita funzjonijiet governattivi tista' sservi bħala evidenza li hi għandha jew ingħatat awtorità governattiva, b'mod partikolari meta tali evidenza tindika prattika sostnuta u sistematika.

(228) Evidenza li gvern jeżerċita kontroll sinifikattiv fuq entità u fuq l-imġiba tagħha tista' sservi, f'ċerti ċirkostanzi, bħala evidenza li l-entità rilevanti jkollha awtorità governattiva u teżerċita tali awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet governattivi. Tabilħaqq, is-sjieda tal-gvern ta' entità, filwaqt li ma hijiex kriterju deċiżiv, tista' sservi, flimkien ma' elementi oħrajn, bħala evidenza. Madankollu, l-eżistenza ta' sempliċi rabtiet formali bejn entità u gvern fis-sens ristrett x'aktarx li ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita awtorità governattiva. Għalhekk, pereżempju, is-sempliċi fatt li gvern huwa l-azzjonista maġġoritarju ta' entità minnu nnifsu ma jurix li l-gvern jeżerċita kontroll sinifikattiv fuq l-imġiba ta' dik l-entità, u ferm anqas li l-gvern taha awtorità governattiva. Madankollu, f'xi każijiet, fejn l-evidenza turi li l-indizji formali tal-kontroll tal-gvern huma diversi, u fejn ikun hemm ukoll evidenza li tali kontroll ikun ġie eżerċitat b'mod sinifikattiv, it-tali evidenza tista' tippermetti li ssir inferenza li l-entità kkonċernata qiegħda teżerċita awtorità governattiva.

(229) Il-fokus ċentrali ta' inkjesta tal-korp pubbliku ma huwiex jekk l-imġiba li allegatament twassal għal kontribuzzjoni finanzjarja hijiex konnessa b'mod loġiku ma' "funzjoni tal-gvern" identifikata. F'dan ir-rigward, l-istandard legali għad-determinazzjonijiet tal-korpi pubbliċi skont l-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM ma jistipulax konnessjoni ta' grad jew ta' natura partikolari li trid bilfors tkun stabbilita bejn funzjoni tal-gvern identifikata u l-kontribuzzjoni finanzjarja partikolari inkwistjoni. Minflok, l-inkjesta rilevanti tiddependi fuq il-fatt li l-entità li tkun involuta f'dik l-imġiba, fuq il-karatteristiċi ewlenin tagħha, u fuq ir-relazzjoni tagħha mal-gvern. Din l-enfasi fuq l-entità, għall-kuntrarju tal-imġiba allegata li twassal għal kontribuzzjoni finanzjarja, tikkorrispondi għall-fatt li "gvern" (fis-sens ristrett) u "korp pubbliku" jaqsmu "grad ta' komunalità jew ta' trikkib fil-karatteristiċi essenzjali tagħhom" – jiġifieri t-tnejn huma "governattivi" fin-natura tagħhom.

(230) In-natura tal-imġiba jew tal-prattika ta' entità tista' ċertament tikkostitwixxi evidenza rilevanti għal inkjesta ta' korp pubbliku. Tabilħaqq, l-imġiba ta' entità – b'mod partikolari meta tindika "prattika mtennija u sistematika" – hija wieħed mid-diversi tipi ta' evidenza li, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull investigazzjoni, jistgħu jitfgħu dawl fuq il-karatteristiċi ewlenin ta' entità u fuq ir-relazzjoni tagħha mal-gvern fis-sens ristrett. Madankollu, il-valutazzjoni ta' tali evidenza għandha l-għan li twieġeb il-mistoqsija ċentrali ta' jekk l-entità nnifisha għandhiex il-karatteristiċi u l-funzjonijiet ewlenin li kieku jikkwalifikawha bħala korp pubbliku. Pereżempju, rilevanti għall-valutazzjoni dwar jekk entità hijiex korp pubbliku fil-kuntest ta' banek kummerċjali Ċiniżi proprjetà tal-Istat ("SOCBs") f'DS379 kienet tinkludi informazzjoni li wriet li: (i) "il-kapijiet eżekuttivi ewlenin tal-uffiċċji prinċipali tal-SOCBs jinħatru mill-gvern u s-[CCP] iħaddan influwenza sinifikanti fl-għażla tagħhom"; u (ii) l-SOCBS "għadhom niqsin minn ġestjoni tar-riskju u minn ħiliet analitiċi suffiċjenti". Din l-evidenza ma kinitx limitata għall-attività ta' self tal-SOCBs per se, iżda pjuttost kienet dwar il-karatteristiċi organizzazzjonali tagħhom, il-ktajjen tal-awtorità tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u r-relazzjoni ġenerali mal-GTĊ. Għalhekk, l-AB f'DS379 innota li, filwaqt li l-USDOC qies l-evidenza relatata mal-imġiba tal-SOCBs ["l-għoti ta' self"], għamel dan fil-qafas tal-inkjesta tiegħu dwar il-karatteristiċi ewlenin ta' dawk l-entitajiet u r-relazzjoni tagħhom mal-GTĊ. Dawn l-SOCBs jeżerċitaw funzjonijiet governattivi f'isem il-Gvern Ċiniż.

(231) Barra minn hekk, l-AB ta wkoll importanza lill-fatt li l-gvern inkwistjoni naqas milli jikkoopera matul l-investigazzjoni. Tabilħaqq, f'DS379, l-AB ikkonferma d-determinazzjoni tal-USDOC li l-SOCBs fl-investigazzjoni dwar il-Karti CFS kienu jikkostitwixxu "korpi pubbliċi" fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin: (i) kważi s-sjieda sħiħa mill-Istat tas-settur bankarju fiċ-Ċina; (ii) l-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja Kummerċjali, li jiddikjara li l-banek huma meħtieġa "jwettqu n-negozju tas-self tagħhom skont il-bżonnijiet tal-ekonomija nazzjonali u tal-iżvilupp soċjali u taħt il-gwida ta' politiki industrijali tal-Istat"; (iii) evidenza rreġistrata li tindika li l-SOCBs għadhom niqsin minn ġestjoni tar-riskju u minn ħiliet analitiċi adegwati; u (iv) il-fatt li "matul [dik] l-investigazzjoni, il-[USDOC] ma rċiviex l-evidenza neċessarja sabiex jiddokumenta b'mod komprensiv il-proċess li bih intalab, ingħata u ġie evalwat is-self lill-industrija tal-karti" ([34]).

(232) Fl-aħħar nett, sabiex jitqiesu korpi pubbliċi, l-SOEs inkwistjoni mhux neċessarjament ikollhom ikunu kkontrollati mill-GTĊ f'kull bejgħ ta' input lil produtturi downstream.

(233) Fil-qosor, jekk il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja fl-Indja involuti fil-provvista tal-mineral tal-kromu humiex "korpi pubbliċi" jenħtieġ li jiġi eżaminat billi jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi u l-funzjonijiet ewlenin ta' dawk il-kumpaniji, u r-relazzjoni tagħhom mal-GTI. L-evidenza tas-sjieda tal-Istat, tal-kontroll dirett mill-Istat, tal-intervent tal-GTI fis-suq sabiex jintlaħqu ċerti objettivi ta' politika tista' turi, anki f'kuntest fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni mill-gvern inkwistjoni, li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja jeżerċitaw funzjonijiet governattivi f'isem il-GTI.

Il-karatteristiċi ewlenin tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja u r-relazzjoni tagħhom mal-GTI

(234) Il-Kummissjoni fittxet informazzjoni dwar is-sjieda tal-Istat, kif ukoll indizji formali oħrajn ta' kontroll tal-gvern fil-minaturi tal-kromu tal-Istat. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tista' tibbaża biss fuq l-informazzjoni pprovduta minn OMC – l-unika kumpanija tal-estrazzjoni minerarja li kienet qed tikkoopera fl-investigazzjoni tal-anqas fl-istadju tal-verifika tal-RCC, u li kienet il-fornitur kważi esklużiv tal-produttur esportatur Indjan tal-SSCR li kien jixtri l-mineral tal-kromu domestikament matul il-PI, kif imsemmi fil-premessa (212).

(235) Il-GTI ddikjara li fil-PI kien hemm żewġ produtturi attivi tal-mineral tal-kromu bi sjieda tal-Istat, OMC u Industrial Development Corporation of Orissa Ltd., li kienu jirrappreżentaw 21 % tal-produzzjoni totali. It-tieni kumpanija pubblika tal-estrazzjoni tal-mineral tal-kromu kellha biss output minimu fil-PI.

(236) Id-*data* tal-GTI rreferiet ukoll għal sitt kumpaniji privati tal-estrazzjoni minerarja, jiġifieri Misrilal Mines Ltd., B.C. Mohanty & Sons Ltd, Ferro Alloys Corporation Ltd, Indian Metals and Ferro Alloys Ltd., Balasore Alloys Ltd., u Tata Steel Mining. Madankollu, skont l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, erbgħa minnhom qed jipproduċu mineral tal-kromu għall-użu ristrett tagħhom tal-ferrokrom, u għalhekk ma humiex attivi fis-suq ħieles. Barra minn hekk, il-lokazzjoni tal-estrazzjoni minerarja taż-żewġ kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jifdal skadiet matul il-PI. Il-lokazzjoni tagħhom inxtrat minn Tata Steel Mining sabiex tikkomplementa l-espansjoni tal-produzzjoni tagħha stess tal-ferrokrom. L-ewwel waħda minn dawn il-kumpaniji xorta kellha produzzjoni limitata fil-PI (9 % tal-produzzjoni totali).

(237) B'riżultat ta' dan, is-suq mhux ristrett tal-mineral tal-kromu fl-Indja huwa limitat għal żewġ kumpaniji tal-estrazzjoni SOE, u waħda minnhom hija attur marġinali (0,1 % tal-produzzjoni totali), li fil-fatt jagħmel lil OMC l-uniku fornitur tal-mineral tal-kromu fis-suq ħieles.

(238) L-investigazzjoni żvelat li OMC hija 100 % proprjetà tal-Istat. Barra minn hekk, skont l-Istatut ta' Assoċjazzjoni, il-President tal-Bord, id-Direttur Maniġerjali u wieħed mid-Diretturi huma membri tas-Servizz Amministrattiv Indjan (id-Dipartiment tal-Intrapriżi Pubbliċi tal-Gvern) u direttur minnhom jirrappreżenta d-Dipartiment tal-Finanzi tal-Gvern. Barra minn hekk, skont l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-kumpanija, id-diretturi kollha jinħatru u jitħallsu mill-Gvernatur tal-Istat ta' Odisha.

(239) Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 54A tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni ta' OMC, "*il-Gvernatur jista' minn żmien għal żmien joħroġ tali direttivi u struzzjonijiet, kif jista' jaħseb li jkunu xierqa, fir-rigward tal-finanzi u tat-tmexxija tan-negozju u tan-negozju tal-Kumpanija u d-Diretturi għandhom jikkonformaw ma' dawn id-direttivi jew l-istruzzjonijiet u jdaħħluhom fis-seħħ*".

([34]) WT/DS379/AB/R (*US – Anti-dumping and Countervailing Duties on Certain Products from China*), ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tal-11 ta' Marzu 2011, DS 379, il-paragrafu 349.

(240) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq mhux ristrett tal-mineral tal-kromu huwa ddominat minn kumpanija waħda, OMC, li hija kompletament proprjetà tal-Istat, u ġestita u kkontrollata wkoll mill-Istat. Tabilħaqq, permezz tas-sjieda tiegħu, il-preżenza fil-maniġment tal-kumpanija kif ukoll id-direzzjoni tad-deċiżjonijiet kummerċjali tagħha, il-GTI jeżerċita kontroll sinifikattiv fuq OMC u fuq l-imġiba tagħha.

Il-funzjonijiet tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja fl-Indja

(241) Il-Kummissjoni vvalutat jekk il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, u b'mod partikolari OMC, għandhomx awtorità governattiva u jekk jeżerċitawx din l-awtorità fit-twettiq ta' funzjonijiet governattivi.

(242) L-influwenza qawwija tal-GTI u l-kontroll sinifikattiv tal-gvern fuq OMC huma riflessi wkoll fl-ambjent regolat ħafna fir-rigward tal-mineral tal-kromu li l-GTI ħoloq fis-snin li għaddew li kien jinkludi limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet, flimkien ma' rekwiżiti ta' liċenzjar tal-estrazzjoni minerarja li jiffavorixxu l-estrazzjoni ristretta, u l-eżerċizzju ta' kontroll fuq il-provvista u fuq il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq domestiku permezz ta' operaturi tal-Istat. L-evidenza wriet li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, inkluża OMC fir-rigward tal-mineral tal-kromu, jirrispettaw l-objettivi ta' politika tal-GTI u, għalhekk, iwettqu funzjonijiet governattivi.

(243) Diġà sa mill-2005, grupp ta' esperti fformat mill-Ministeru tal-Azzar għat-tiswir ta' linji gwida għall-għoti preferenzjali ta' lokazzjoni għall-estrazzjonijiet minerarji, ħareġ rapport (ir-"Rapport Dang") ([35]) b'numru ta' konklużjonijiet u ta' rakkomandazzjonijiet rilevanti.

(244) F'dak iż-żmien, ġie nnotat li:

"*Il-mineral tal-ħadid, il-mineral tal-manganiż u* **l-mineral tal-krom** *huma inputs kritiċi tal-materja prima għall-industrija tal-azzar. Id-disponibbiltà f'waqtha u żgurata tagħhom fi kwantità u fi kwalità adegwati fuq bażi fit-tul hija sine qua non għat-tkabbir rapidu u ordnat tal-industrija tal-azzar u tal-ħadid li hija settur ewlieni tal-ekonomija nazzjonali*". ([36])

"*Tqabbil tal-kost tal-estrazzjoni minerarja mar-realizzazzjonijiet netti mill-esportazzjonijiet b'dawn il-prezzijiet jiżvela profitti kontinġenti minn ftit esportaturi tal-krom mill-Indja, bil-kost tal-konservazzjoni ta' riżorsa minerali mhux rinnovabbli skarsa. Minkejja dan, l-Indja għandha anqas minn 1 % tar-riżervi magħrufin fid-dinja tal-mineral tal-krom, u s-sehem tagħha tal-kummerċ globali tal-mineral tal-krom huwa sproporzjonat ħafna b'35 %. Fl-Indja hemm ħames produtturi ewlenin-M/s. TISCO, M/s. Orissa Mining Corporation Ltd., Balasore Alloys Ltd., Ferro Alloys Corporation Ltd. Jindal Strips Ltd. jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-produzzjoni.… Fid-dawl tar-riżervi limitati ħafna ta' mineral tal-krom ta' grad għoli, jidher essenzjali li jiġu ristretti l-esportazzjonijiet ta' tali mineral naturali li huwa mitlub ħafna mill-produtturi domestiċi tal-azzar u tal-ligi …*". ([37])

(l-enfasi miżjuda).

"*B'1 % biss mill-122 riżerva fid-dinja, l-esportazzjonijiet tal-Mineral tal-Krom mill-Indja bħalissa huma sproporzjonati ħafna, b'35 % tal-kummerċ dinji. Dan huwa b'mod ċar aberrazzjoni kkawżata minn marġnijiet ta' profitt kbar bejn il-kost tal-estrazzjoni minerarja u r-realizzazzjoni netta tal-esportazzjonijiet. L-esportazzjonijiet tal-mineral tal-krom naturali jeħtieġ li jitwaqqfu għalkollox*." ([38])

(l-enfasi miżjuda).

"Fid-dawl tal-firxa kbira bejn il-kostijiet tal-estrazzjoni minerarja u l-prezzijiet tal-esportazzjoni, jenħtieġ li l-Gvern jikkunsidra l-impożizzjoni ta' dazji fuq l-esportazzjoni ggradati fuq l-esportazzjonijiet kollha tal-krom, inklużi l-konċentrati, jekk fil-fatt dan ikun permess." ([39])

"*F'konformità mal-finijiet tal-Att dwar l-MMDR, u bħal fil-każ tal-mineral tal-ħadid, l-impjanti domestiċi li jeħtieġu l-mineral tal-krom għall-produzzjoni ta' azzar tal-ferro ligi/kromu ta' valur miżjud jeħtiġilhom jingħataw preferenza assoluta fl-għoti ta' lokazzjonijiet għall-kromu*." ([40])

([35]) Disponibbli fuq https://steel.gov.in/sites/default/files/GRANT%20OF%20MINING%20LEASES_0.pdf, u aċċessat l-aħħar fis-27 ta' Jannar 2022.
([36]) Il-paġna 4 tar-Rapport Dang.
([37]) Il-paġni 119-120 tar-Rapport Dang.
([38]) Il-paġni 121-122 tar-Rapport Dang.
([39]) Il-paġna 157 tar-Rapport Dang.
([40]) Il-paġna 121 tar-Rapport Dang.

"Wara li tiġi pprovduta l-Ewwel (1) Preferenza lill-produtturi tal-Azzar, permezz ta' minjieri ristretti/semiristretti, huwa essenzjali li jiġu implimentati miżuri ta' politika għall-inkoraġġiment ta' industrija tal-estrazzjoni minerarja kompetittiva globalment fiha nnifisha, jaħdmu skont parametri referenzjarji dinjija tal-estrazzjoni minerarja xjentifika, użu ottimali tal-materjal kollu mill-estrazzjoni minerarja, tal-benefiċjazzjoni, il-prospettar sistematiku u marbut biż-żmien u l-preservazzjoni tal-ambjent u tal-bijodiversità. Dawn l-intrapriżi professjonali tal-estrazzjoni minerarja, kemm jekk fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, l-ewwel iridu jallokaw ċertu proporzjon minimu ta' produzzjoni (nagħmlu mod, 70 %) sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tal-utenti domestiċi." ([41])

(l-enfasi miżjuda).

(245) Għalhekk, ir-Rapport Dang juri li l-mineral tal-kromu tqies bħala riżorsa vitali għall-industrija domestika tal-azzar, li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tqiesu li kienu għoljin wisq meta mqabblin mal-prezzijiet domestiċi, u li fid-dawl taż-żamma ta' prezzijiet domestiċi raġonevoli, kienet iġġustifikata kombinazzjoni ta' trażżin fuq l-esportazzjoni u ta' lokazzjonijiet preferenzjali għall-estrazzjoni minerarja għall-produzzjoni ristretta. Ir-Rapport Dang ikompli juri l-intenzjoni tal-GTI li jirregola fil-fond is-settur tal-mineral tal-kromu bħala "settur ewlieni tal-ekonomija nazzjonali".

(246) Barra minn hekk, ir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Industrija tal-Azzar għat-tnax-il pjan ta' ħames snin, maħruġ f'Novembru 2011 ([42]) jiddikjara b'mod espliċitu li:

"*Il-kromit jintuża l-aktar fl-industrija metallurġika fil-produzzjoni tal-Ferroligi, eż., Ferrokrom, krom taċ-ċarġ u silikokrom li jintużaw bħala addittivi fil-produzzjoni tal-azzar inossidabbli u tal-azzar illigat speċjali*" ([43]).

"*L-industrija tal-azzar fittxet limitazzjonijiet tal-esportazzjonijietjiet ta' minerali tal-kromit. Il-gvern stabbilixxa qafas fiskali sabiex jiskoraġġixxi l-esportazzjoni eċċessiva ta' minerali tal-kromit*". ([44])

(l-enfasi miżjuda).

"*Dawn li ġejjin huma r-rakkomandazzjonijiet importanti għall-iżvilupp tas-settur tal-Kromit fl-Indja: …. v) Ir-riżorsi tal-kromit fil-pajjiż ma humiex abbundanti. Il-pajjiż għandu biss 1,8 % tar-riżervi totali tal-mineral tal-kromit tad-dinja iżda l-esportazzjonijiet jikkostitwixxu 30-35 % tal-kummerċ dinji. Għalhekk, hemm ħtieġa urġenti li jiġi kkonservat dan l-input kritiku għall-użu tal-industrija domestika u li jiddaħħlu miżuri fiskali kontra l-esportazzjonijiet*". ([45])

(247) Fl-aħħar nett, il-Politika Nazzjonali tal-2019 tal-GTI dwar il-Minerali tiddikjara wkoll li għandhom isiru sforzi sabiex tiġi promossa l-industrija domestika, u li għandhom isiru sforzi fir-rigward tal-lokazzjonijiet għall-estrazzjoni minerarja sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' minerali mingħajr interruzzjoni lill-industrija downstream.

(248) Imbagħad, il-Kummissjoni vvalutat kif din l-intenzjoni ta' politika twettqet f'termini leġiżlattivi u regolatorji. L-ewwel nett, fir-rigward tal-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet, il-GTI ħa diversi miżuri sabiex jiskoraġġixxi l-esportazzjonijiet tal-mineral tal-kromu, li jistgħu jiġu vverifikati fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Azzar ([46]) u fil-Bażi ta' *Data* tal-OECD tal-Limitazzjonijiet tal-Esportazzjonijiet fuq il-Materja Prima Industrijali ("il-Bażi ta' *Data* tal-OECD") ([47]).


(249) Il-miżura ewlenija hija dazju fuq l-esportazzjoni impost oriġinarjament fl-2008 fil-forma ta' dazju speċifiku ta' 2 000 ta' INR għal kull tunnellata ([48]). Il-forma ta' dan id-dazju nbidlet f'dazju *ad valorem* ta' 30 % għal kull tunnellata fl-2012 fil-bidu tat-12-il Pjan ta' Ħames Snin, u għadu f'dan il-livell s'issa ([49]). Skont il-bażi ta' *data* tal-OECD, l-iskop iddikjarat ta' din il-miżura huwa "*Salvagwardja tal-provvista domestika; Il-promozzjoni ta' proċessar ulterjuri/tal-valur miżjud*".

([41]) Il-paġna 144 tar-Rapport Dang.
([42]) Disponibbli fuq http://mme.iitm.ac.in/shukla/wg_steel2212%281%29.pdf, u aċċessat l-aħħar fis-27 ta' Jannar 2022.
([43]) Il-paġna 77 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.
([44]) Il-paġna 79 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.
([45]) Il-paġni 81-82 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.
([46]) https://steel.gov.in/policies/exportimport-policy-iron-ore (it-tieni tabella tirreferi għall-mineral tal-kromu).
([47]) https://qdd.oecd.org/subject.aspx?Subject=ExportRestrictions_IndustrialRawMaterials aċċessat l-aħħar fis-27 ta' Jannar 2022.
([48]) Ir-rata żdiedet għal 3 000 INR/tunnellata fl-2009.
([49]) Bażi ġuridika riċenti – In-Notifika Nru 35/2016-Customs datata s-26.5.2016.

(250) Limitazzjonijiet oħrajn tal-esportazzjonijiet jinkludu rekwiżiti ta' liċenzjar u lista ta' esportaturi kwalifikati (fil-prattika limitati għall-intrapriża kummerċjali tal-Istat Metal and Mineral Trading Corporation) għal ċerti gradi tal-mineral tal-kromu, kif ukoll soprataxxa għall-konġestjoni imposta fuq ir-Rati Bażi tan-Nol tal-Indian Railways fit-trasport bil-ferrovija tal-mineral tal-kromu lejn il-Bangladesh u l-Pakistan (li huma l-uniċi pajjiżi b'konnessjoni ferrovjarja mal-Indja).

(251) L-effett l-aktar viżibbli tal-politika kien it-tnaqqis impressjonanti tal-volum tal-esportazzjoni tal-mineral tal-kromu wara l-introduzzjoni tal-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet mmirati fl-2008 u mbagħad, għal darb'oħra, wara l-espansjoni tagħhom fl-2012. L-iżvilupp tal-esportazzjoni tal-mineral tal-kromu huwa muri mill-graff ta' hawn taħt:

IND, Chromiun exports (HS 261000)



(252) Għalhekk, ir-restrizzjonijiet immirati fuq l-esportazzjoni laħqu l-għan segwit mill-GTI li jiskoraġġixxi l-esportazzjonijiet u jżomm il-mineral tal-kromu disponibbli għall-industrija domestika downstream.

(253) Dawn il-volumi ta' esportazzjoni jridu jitqiesu fl-isfond tal-konsum domestiku tal-mineral tal-kromu. Fit-tweġiba tiegħu, il-GTI pprovda biss data limitata dwar l-esportazzjoni tal-mineral tal-kromu (Sena Finanzjarja ("FY") 18/19 ([50]) sa FY20/21), filwaqt li għall-FY16/17 sal-FY19/20 ġew ipprovduti ċifri fir-rigward tal-produzzjoni u tal-konsum domestiċi). Iż-żewġ settijiet ta' dik id-*data* huma pprovduti bħala kunfidenzjali. Madankollu, huwa possibbli li fuq il-bażi ta' dan isir tqabbil tal-volumi tal-esportazzjoni u tal-konsum domestiku għall-FY19/20 (li tkopri 9 xhur tal-PI) u qabel l-FY18/19. Fiż-żewġ snin finanzjarji, il-volumi ta' esportazzjoni ma qabżux il-1,5 % tal-konsum domestiku. Ta' min jinnota li s-sehem tal-importazzjonijiet fis-suq domestiku kien insinifikanti wkoll.

(254) Is-suq Indjan wera wkoll kapaċità żejda kostanti u irrazzjonali tal-produzzjoni meta mqabbel mas-somma tal-konsum domestiku u tal-esportazzjonijiet bit-tnaqqis tal-importazzjonijiet. Din il-kapaċità żejda ma setgħetx tiġi spjegata mill-GTI. Għalhekk, tali kapaċità żejda tista' tiġi spjegata biss mill-fatt li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, inkluża OMC fis-settur tal-mineral tal-kromu, kienu jeżerċitaw funzjonijiet governattivi (b'mod partikolari, l-iżgurar tal-provvista adegwata tal-mineral tal-kromu f'konformità mal-objettivi ta' politika tal-GTI sabiex jappoġġaw lill-industrija downstream u jżidu l-valur fil-katina tal-provvista).

(255) It-tieni, il-Kummissjoni sabet li skont ir-Regoli tal-2016 tal-GTI dwar il-Konċessjoni għall-Minerali, il-minjieri ristretti għandhom dritt tal-ewwel rifjut meta tiskadi l-lokazzjoni tal-estrazzjoni minerarja tagħhom. L-Artikolu 8a tal-Mines and Mineral Development Act tal-1957 (kif emendat fl-2015), jipprevedi wkoll perjodi estiżi ta' lokazzjonijiet tal-estrazzjoni minerarja għall-utenti ristretti u jtenni d-dritt tal-ewwel rifjut fl-irkanti ta' lokazzjonijiet għall-estrazzjoni minerarja għall-utenti ristretti. Dan jippermetti li l-lokazzjonijiet għall-estrazzjoni minerarja jibqgħu fil-biċċa l-kbira f'idejn il-produtturi tal-ferrokrom downstream ristretti, f'konformità mad-

([50]) "FYx/x+1" tkopri l-perjodu mill-1 ta' April tas-sena x sal-31 ta' Marzu tas-sena x+1.

dikjarazzjonijiet fil-premessa (244) aktar 'il fuq. *De facto*, il-Kummissjoni sabet ukoll, kif imsemmi fil-premessa (236) aktar 'il fuq, li s-sidien privati kollha tal-estrazzjoni minerarja tal-kromu kienu fil-fatt qed jużaw il-mineral għall-produzzjoni ristretta. Għalhekk, bħala riżultat tal-għeluq tal-fruntieri esterni u tal-allokazzjoni preferenzjali ta' lokazzjonijiet għall-estrazzjoni minerarja għall-użu ristrett, jifdal biss attur Statali predominanti wieħed fis-suq, OMC, li, b'hekk, għandha kontroll fuq il-kwantitajiet u fuq il-prezzijiet tal-mineral tal-kromu disponibbli fis-suq domestiku mhux ristrett. Bħala l-forniturі predominanti tal-mineral tal-kromu fis-suq Indjan, OMC trid tikkonforma mal-objettivi ta' politika tal-GTI sabiex tappoġġa l-industrija downstream permezz ta' prezzijiet baxxi, kif spjegat aktar fit-taqsima li ġejja, u b'hekk teżerċita funzjonijiet governattivi.

Il-provvista ta' mineral tal-ħadid mill-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(256) Fl-istadji segwenti, il-Kummissjoni vverifikat jekk il-mineral tal-kromu kienx fil-prattika pprovdut għal remunerazzjoni anqas minn adegwata, b'mod partikolari minn OMC.

(257) Kif spjegat fil-premessa (213), il-GTI ma setax jipprovdi informazzjoni dwar l-iffissar tal-prezzijiet jew statistika tal-prezzijiet dwar il-prezzijiet domestiċi Indjani tal-mineral tal-kromu. Il-maġġoranza l-kbira tal-bejgħ tal-mineral tal-kromu fis-suq mhux ristrett Indjan isir minn OMC, u dan huwa wkoll il-każ għall-maġġoranza l-kbira tax-xiri tal-Grupp Jindal. Għalhekk, dan il-bejgħ tqies bħala rappreżentattiv għas-suq ħieles Indjan kollu.

(258) Dan il-mineral tal-kromu jinbiegħ minn OMC permezz ta' rkant elettroniku. Madankollu, l-investigazzjoni stabbiliet li OMC irrestriġiet l-aċċess għal dawn l-irkanti elettroniċi: 70 % tal-produzzjoni ta' kull xahar hija ggarantita għall-hekk imsejħa "xerrejja fit-tul" li jinsabu fl-Istat ta' Odisha. Il-produtturi tal-ferrokrom downstream biss huma eliġibbli bħala xerrejja fit-tul, u l-kwoti garantiti ma jistgħux jaqbżu l-kapaċità tal-produzzjoni speċifika tal-kumpanija tal-ferrokrom. Dan juri li OMC, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet governattivi, fil-prattika qed tapplika f'format ieħor l-allokazzjoni preferenzjali ta' kwantitajiet ta' mineral tal-kromu għall-produtturi downstream tal-ferrokrom, kif diġà sar fil-livell tal-allokazzjoni ta' lokazzjonijiet għall-estrazzjoni minerarja wkoll. It-30 % li jifdal huma riżervati wkoll għall-produtturi downstream domestiċi barra mill-Istat ta' Odisha (esklużi n-negozjanti).

(259) Għalhekk, il-provvista tal-mineral tal-kromu fis-suq ħieles hija kkontrollata minn OMC u hija allokata b'mod predominanti lill-industrija downstream minn OMC f'konformità mal-intenzjoni ġenerali u mal-qafas leġiżlattiv tal-GTI, kif enfasizzat fil-premessi (242) sa (255) aktar 'il fuq.

(260) Madankollu, kien hemm evidenza li turi li l-ipprezzar għall-kwantitajiet żgħar offruti permezz tal-irkant elettroniku ma huwiex ibbażat fuq offerti liberi mill-kumpaniji. L-irkant jibda bi prezz bażi, li jiġi deċiż b'mod arbitrarju mill-Bord ta' OMC. Il-GTI spjega li fil-perjodu ta' wara l-PI, dan il-prezz bażi ġie stabbilit bħala frazzjoni (li tikkorrispondi għal 13,5 %) tal-prezz internazzjonali tal-prodott downstream, jiġifieri l-ferrokrom. Madankollu, il-GTI ma setax jispjega kif ġiet iddeterminata din il-frazzjoni/il-fattur ta' korrezzjoni. Wara analiżi ulterjuri, il-Kummissjoni sabet li l-fattur ta' korrezzjoni għall-prezzijiet ta' wara l-PI kien fil-fatt ibbażat fuq il-medja storika tal-prezzijiet għall-mineral tal-kromu stabbiliti b'Deċiżjoni tal-Bord ta' OMC. Il-Kummissjoni ma rċiviet l-ebda aċċess għad-Deċiżjonijiet preċedenti tal-Bord u l-GTI ma setax jispjega l-prinċipji wara dawn id-deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni lanqas ma setgħet issib xi rabta oġġettiva bejn il-fattur ta' korrezzjoni u l-kost tal-konverżjoni tal-mineral tal-kromu f'ferrokrom. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha bżonn tuża l-fatti disponibbli fir-rigward tal-prezz tal-mineral tal-kromu fuq il-bażi tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku.

(261) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li, kif ammetta l-GTI, il-prezz bażi kien baxx b'mod arbitrarju meta mqabbel mal-prezzijiet internazzjonali għall-ebda raġuni. Dawn il-prezzijiet artifiċjalment baxxi jidhru li jaqblu mal-politika tal-GTI li jiġi pprovdut mineral tal-kromu domestiku rħis lill-industrija downstream. Barra minn hekk, il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza empirika. Meta qieset il-prezzijiet tax-xiri tal-materja prima inkwistjoni pprovduti minn OMC lill-Grupp Jindal, il-Kummissjoni sabet li dawk il-prezzijiet, skont it-tip ta' mineral tal-kromu, kienu 15 – 40 % orħos mill-prezzijiet tal-esportazzjoni korrispondenti tal-mineral tal-kromu ta' oriġini Torka (li huma li l-aktar jixbhu l-mineral tal-kromu tal-Indja) għas-suq tal-esportazzjoni ewlieni tagħha - iċ-Ċina. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezz bażi tal-mineral tal-kromu mibjugħ fl-irkant elettroniku ġie stabbilit f'livell artifiċjalment baxx fir-rigward tal-prezzijiet tas-suq għall-mineral tal-kromu. Il-prezzijiet tal-mineral tal-kromu kienu wkoll baxxi wisq meta mqabbel mal-prodott downstream (ferrokrom). Għalhekk, l-allegazzjonijiet tal-GTI u ta' OMC li l-prezzijiet għall-ferrokrom kienu rilevanti għall-prezzijiet tal-mineral tal-kromu ġew miċħudin.

(262) Għalhekk, l-evidenza indikat li OMC, il-fornitur predominanti tal-mineral tal-kromu fis-suq ħieles u li minnu l-produttur esportatur Indjan xtara din il-materja prima għall-użu ulterjuri tagħha fil-proċess tal-produzzjoni tal-SSCR, ma aġixxewx bħala operatur tas-suq; minflok, meta pprovdiet il-mineral tal-kromu, OMC kienet qed teżerċita funzjonijiet governattivi f'isem il-GTI u f'konformità mal-objettivi ta' politika tal-GTI sabiex tiffavorixxi l-industrija downstream.

Konklużjoni

(263) L-ambjent legali u ekonomiku fl-Indja juri li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jfornu l-mineral tal-kromu, u b'mod partikolari l-SOE OMC, għandhom, jeżerċitaw jew huma vestiti b'awtorità governattiva. Il-mineral tal-kromu, bħal minerali oħrajn fl-Indja, huwa riżorsa naturali ġestita mill-GTI bħala settur ewlieni tal-ekonomija nazzjonali tiegħu. B'mod partikolari, il-GTI stabbilixxa sett ta' miżuri (jiġifieri, l-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet li rriżultat fi provvista żejda u fi prezzijiet domestiċi baxxi, u l-iffissar tal-prezzijiet bażi tal-irkanti tal-minerali f'livelli artifiċjalment baxxi għal dawn il-prodotturi) li juri li l-forniturі tal-mineral tal-kromu, u b'mod partikolari OMC, huma kkontrollati b'mod sinifikattiv mill-GTI fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet governattivi. Għalhekk, abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTI pprovda mineral tal-kromu lill-industrija tal-azzar inossidabbli għal remunerazzjoni anqas minn adegwata skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iii) tar-Regolament bażiku, kif interpretat u applikat f'konformità mal-istandard rilevanti tad-WTO skont l-Artikolu 1.1(a)(iii) tal-Ftehim SCM.

(264) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Jindal osserva li l-objettiv tas-sistema tal-irkanti ma huwiex li tipprovdi minerali tal-kromu bi prezz baxx iżda li timmassimizza l-introjtu tal-Gvern billi tbigħ il-mineral tal-kromu bl-oġħla prezz possibbli. Barra minn hekk, il-kumpanija indikat li l-GTI ma jidderiġix il-prezz tal-mineral tal-kromu iżda jistabbilixxi biss il-prezz minimu tal-irkant.

(265) Fl-aħħar nett, il-kumpanija rreferiet għall-fatt li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Indjani tal-ferrokrom kienu oġħla mill-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-ferrokrom mill-Afrika t'Isfel, mill-Każakistan u mit-Turkija, li skont il-kumpanija jfisser li l-Grupp Jindal ma huwiex qed jibbenefika minn mineral tal-kromu sussidjat użat għall-produzzjoni tal-ferrokrom.

(266) Madankollu, l-ewwel żewġ argumenti mqajmin mill-kumpanija ma jinvalidawx il-konklużjoni ewlenija tal-Kummissjoni fir-rigward tal-irkantijiet tal-minerali tal-kromu, kif deskritta fil-premessi (258) sa (261), jiġifieri li l-aċċess għall-irkanti u l-volumi tal-bejgħ huma ristretti, il-prezz minimu huwa deċiż b'mod arbitrarju mill-Bord ta' OMC, u l-livell tiegħu huwa baxx b'mod artifiċjali. Dan kollu ta' hawn fuq jirriżulta fi prezz finali tal-irkant, li huwa tabilħaqq oġħla mill-prezz minimu, iżda għadu ma huwiex ibbażat fuq is-suq kif juri b'mod partikolari tqabbil mal-prezzijiet Torok (il-premessa (261)).

(267) Ta' min jinnota wkoll li l-mineral tal-kromu pprovdut għal remunerazzjoni anqas minn adegwata lill-Grupp Jindal qed jaffettwa l-kost tal-manifattura tal-ferrokrom, li aktar tard jintuża b'mod ristrett mill-kumpanija fil-produzzjoni tal-azzar inossidabbli. Fi kwalunkwe każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI hija pprovduta fil-livell tal-mineral tal-kromu, mhux fil-livell tal-prodott downstream, il-ferrokrom. Għalhekk, it-tqabbil tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-ferrokrom Indjan mal-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-ferrokrom li joriġina f'pajjiżi oħrajn huwa irrilevanti.

(268) B'kunsiderazzjoni ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni tal-premessa (263) hija kkonfermata.

(ii) Il-benefiċċju u l-kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(269) F'konformità mal-Artikolu 3(2) u mal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ddeterminat l-eżistenza ta' benefiċċju u kkalkolat l-ammont tas-sussidji kumpensabbli f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li kien jeżisti matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(270) Wieħed biss mill-produtturi esportaturi Indjani taħt investigazzjoni (il-Grupp Jindal) kien jixtri mineral tal-kromu għall-produzzjoni tal-ferrokromu u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-SSCR.

(271) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet volumi u prezzijiet medji ponderati tax-xiri kollu tal-mineral tal-kromu tal-Grupp Jindal fil-PI, maqsuma skont it-tip ta' mineral li ġie ddefinit mill-kumpanija skont il-forma (pereżempju faċilment imfarrak jew konċentrat) u l-kontenut tal-ossidu tal-kromu. Dawn iż-żewġ parametri jaffettwaw id-differenzi fil-prezzijiet ta' tipi differenti tal-mineral tal-kromu.

(272) Bħala t-tieni pass, il-Kummissjoni issostitwiet il-prezzijiet attwali ta' kull tip ta' mineral tal-kromu mixtri bil-prezz referenzjarju xieraq.

(273) Il-Kummissjoni nnotat li t-termini u l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fl-Indja lkoll huma affettwati mill-istruttura tas-suq. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (257), attur predominanti minnhom – essenzjalment b'sehem mis-suq ta' 100 % fis-suq ħieles – li jaġixxi bħala korp pubbliku qed jimponi l-prezz tiegħu. Għalhekk, huwa impossibbli li jiġi stabbilit prezz mhux distort tal-mineral tal-kromu għal produttur tal-SSCR Indjan jew band'oħra fis-suq Indjan. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda prezz domestiku fl-Indja li seta' jintuża bħala parametru referenzjarju xieraq.

(274) Għalhekk, u f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(d) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni rrikorriet għal pajjiż ieħor bħala parametru referenzjarju estern, aġġustat kif xieraq għall-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fl-Indja.

(275) Il-Kummissjoni ppruvat tidentifika prezz mhux distort tal-mineral tal-kromu prodott fil-minjiera ta' pajjiż rappreżentattiv ieħor u tagħmel simulazzjoni li tali minjiera tkun fil-fatt ibbażata fl-Indja. Il-maġġoranza tal-mineral tal-kromu madwar id-dinja tiġi esportata mill-Afrika t'Isfel lejn iċ-Ċina. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset il-prezz tal-esportazzjoni mill-Afrika t'Isfel lejn iċ-Ċina bħala prezz referenzjarju possibbli. Madankollu, ġie stabbilit li l-mineral tal-kromu li joriġina mill-Afrika t'Isfel huwa differenti ħafna mill-mineral tal-kromu li joriġina mill-Indja f'termini tal-aktar żewġ parametri importanti: il-kontenut ta' ossidu tal-kromu u l-proporzjon ta' kromu-ħadid ("il-proporzjon Cr:Fe") ([51]).

(276) Il-parametru referenzjarju alternattiv propost mill-ilmentatur kien il-prezz tal-esportazzjoni tal-mineral tal-kromu mit-Turkija (li hija wkoll wieħed mill-akbar produtturi fid-dinja) lejn iċ-Ċina. Il-Kummissjoni nnotat li ż-żewġ parametri indikati fil-premessa (275) huma ħafna eqreb fit-tqabbil tal-mineral tal-kromu Tork ma' dak Indjan milli fit-tqabbil tal-mineral tal-kromu tal-Afrika t'Isfel ma' dak Indjan ([52]).

(277) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Jindal ikkontesta s-sejbiet tal-Kummissjoni li tali parametri bħall-kontenut tal-ossidu tal-kromu u l-proporzjon ta' Cr:Fe jagħmlu l-mineral tal-kromu Indjan aktar simili għall-mineral tal-kromu Tork milli għal dak tal-Afrika t'Isfel. Il-kumpanija indikat li huwa importanti li jitqabbel il-proporzjon ta' Cr:Fe tal-minerali tal-krom ma' kontenut simili ta' ossidu tal-kromu. Skont il-kumpanija, il-mineral tal-kromu Tork b'kontenut ta' 40-42 % għandu proporzjon ta' Cr:Fe ta' 2.6-2.8, li huwa ħafna ogħla milli fil-każ tal-mineral tal-Indja jew tal-Afrika t'Isfel tal-istess kontenut.

(278) Kif spjegat fil-premessa (281), il-Kummissjoni ma użatx il-mineral tal-kromu b'kontenut ta' 40-42 % imsemmi fil-Grupp Jindal sabiex tistabbilixxi l-parametru referenzjarju bażiku. Il-parametru referenzjarju bażiku magħżul mill-Kummissjoni għandu kontenut ta' mineral tal-kromu ta' 46-48 % bi proporzjon ta' Cr:Fe ta' 2.5 ([53]). Għalhekk, huwa simili ħafna għall-mineral Indjan ta' kontenut komparabbli ta' ossidu tal-kromu, kif ikkonfermat mill-Grupp Jindal innifsu fis-sottomissjoni tiegħu:

"Il-mineral tal-krom Indjan se jkollu proporzjon ta' Cr:Fe ta' 2.4 biss f'livell ta' Cr2O3 ta' 46 %" ([54])

"Sabiex il-mineral tal-krom Indjan ikollu proporzjon ta' Cr:Fe ta' 2.6 sa 2.8, il-mineral Indjan ikollu bżonn Cr2O3 ħafna ogħla ta' 48-50 % jew aktar" ([55]).

Dan ta' hawn fuq jikkonferma li l-mineral Indjan huwa ħafna aktar simili għall-mineral Tork milli għall-mineral tal-Afrika t'Isfel bil-proporzjon tiegħu ta' Cr:Fe ta' 1.3 sa 1.5 ([56]).

([51]) Analiżi ta' Heinz H. Pariser - Dokument Sherlock Nru t21.007982 tal-25 ta' Novembru 2021.
([52]) *Idem*.
([53]) DDC Mining Export Limited, Izmir, it-Turkija, http://www.ddcmining.com/chrome-ore.html
([54]) Jindal, Kummenti dwar is-sottomissjoni tal-parametru referenzjarju tal-Eurofer, id-29 ta' Lulju 2021, il-paragrafu 13, il-paġna 5.
([55]) Jindal, Kummenti dwar is-sottomissjoni tal-parametru referenzjarju tal-Eurofer, id-29 ta' Lulju 2021, il-paragrafu 8, il-paġna 4.
([56]) *Idem*.

(279) Barra minn hekk, skont l-IS:10818-1984 tal-Bureau of Indian Standards, l-ispeċifikazzjoni tal-kromit għall-Industriji Metallurġiċi ([57]), il-proporzjon normali ta' Cr:Fe għall-produzzjoni ta' ferrokromu b'livell għoli ta' karbonju użat fil-produzzjoni tal-azzar inossidabbli huwa ta' madwar 2.8. Dan ifisser li l-parametru referenzjarju magħżul mill-Kummissjoni huwa wkoll aktar rappreżentattiv mill-alternattiva tal-Afrika t'Isfel mill-perspettiva tal-użu finali tal-mineral tal-kromu mill-Grupp Jindal. Jiġifieri, it-trasformazzjoni f'ferrokromu b'livell għoli ta' karbonju għall-produzzjoni tal-azzar inossidabbli.

(280) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet nota tal-affermazzjonijiet tal-produttur esportatur Indjan fir-rigward tad-differenzi li jifdal bejn il-mineral tal-kromu Tork u dak Indjan fil-forma fiżika tiegħu u tal-kontenut tal-ossidu tal-kromu. Madankollu, dawk id-differenzi ġew indirizzati bl-aġġustamenti deskritti fil-premessa (289).

(281) Imbagħad, il-Kummissjoni użat il-medja ponderata tal-prezz tal-esportazzjoni tat-Turkija lejn iċ-Ċina fil-PI bħala valur referenzjarju bażiku ([58]). Il-parametru referenzjarju bażiku ta' USD 209 għal kull tunnellata msemmi għall-mineral tal-kromu b'kontenut ta' ossidu tal-kromu ta' 46-48 %, fil-forma ta' konċentrat, ikkonsenjat fuq bażi CIF.

(282) Il-Kummissjoni qieset ukoll id-deċiżjoni tal-Korp tal-Appell li l-aġġustamenti għall-imposti tal-konsenja jridu jirriflettu l-imposti tal-konsenja li japplikaw ġeneralment għall-prodott inkwistjoni fil-pajjiż tal-provvista ([59]). Il-prezzijiet tax-xiri tal-mineral tal-kromu irrapportati mill-Grupp Jindal kienu f'99,96 % fuq termini ta' konsenja mill-minjieri ex-works.

(283) Għalhekk, il-Kummissjoni aġġustat il-prezz referenzjarju bażiku għal-livell ex-works. Il-prezz CIF tnaqqas bil-kostijiet tat-trasport bil-baħar u tal-assigurazzjoni ([60]) u bil-kost tat-trasport domestiku fit-Turkija ([61]).

(284) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI indika li d-*data* tal-OECD użata mill-Kummissjoni sabiex taġġusta l-prezz CIF tal-esportazzjoni tat-Turkija-Ċina għal-livell ex-works kienet disponibbli sal-2016 biss. Il-GTI afferma wkoll li l-estrapolazzjoni tal-indikatur rilevanti għall-PI ma tistax titqies bħala eżami oġġettiv tal-prezzijiet.

(285) Madankollu, il-Kummissjoni ma qabditx u sempliċiment estrapolat il-proporzjon CIF-FOB kif previst mill-OECD għall-2016. L-aġġustament għall-PI kien ibbażat fuq id-differenzi attwali fil-kostijiet tan-nol u tal-assigurazzjoni bejn l-2016 u l-PI kif ikkwotati mill-Baltic Exchange Dry Index ("BDI") għall-għoxrin rotta ewlenija tal-baħar. Fid-divulgazzjoni speċifika ġie pprovdut kalkolu dettaljat tal-prezz referenzjarju bażiku ex-works lill-Grupp Jindal.

(286) Il-kalkolu tal-aġġustamenti tal-nol u tal-assigurazzjoni magħmulin mill-Kummissjoni ġie kkontestat ukoll fis-sottomissjoni ta' wara d-divulgazzjoni tal-Grupp Jindal. Il-kumpanija pproponiet sors alternattiv ta' *data* sabiex taġġusta l-prezz CIF tal-esportazzjoni tat-Turkija-Ċina għall-FOB ([62]). Skont il-Grupp Jindal, dan is-sors tad-*data* wera aħjar il-kost attwali tan-nol bejn it-Turkija u ċ-Ċina fil-PI mid-*data* tal-OECD u tal-BDI li hija "*medja ponderata tar-rotot kollha tat-tbaħħir*".

(287) Madankollu, il-kwotazzjoni pprovduta mill-Grupp Jindal tirreferi għal xahar biss tal-PI, għat-trasport bejn it-Turkija u l-"Asja tal-Grigal" b'mod ġenerali, u għat-trasport tal-karbonat tas-sodju, mhux tal-minerali tal-kromu. Il-proporzjon bażiku CIF-FOB tal-OECD użat mill-Kummissjoni jqis is-sena kollha, ir-rotta speċifika tal-baħar (it-Turkija-iċ-Ċina) u l-prodott speċifiku (mineral tal-kromu u konċentrati). Huwa biss l-aġġustament tal-kost tal-BDI bejn l-2016 u l-PI li jirreferi għal medja ta' diversi rotot tal-baħar.

(288) B'kunsiderazzjoni ta' dan ta' hawn fuq, il-metodoloġija użata għall-aġġustament tal-prezz referenzjarju bażiku għall-ex-works hija kkonfermata.

([57]) https://archive.org/details/gov.in.is.10818.1984/page/n7/mode/2up il-paġna 4.

([58]) Sors: 2020 CRU International Ltd. ©.

([59]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *United States — Countervailing Measures on Certain Hot-Rolled Carbon Steel Flat Products from India*, WT/DS436/AB/R, adottat fid-19 ta' Diċembru 2014, il-paragrafu 4.317.

([60]) Fuq il-bażi tas-Sett ta' *Data* tal-OECD: International Transport and Insurance Costs of Merchandise Trade (ITIC) Turkey-China. https://stats.oecd.org/Index.aspx?DataSetCode=CIF_FOB_ITIC aġġustat għall-PI fuq il-bażi tal-BDI Baltic Exchange Dry Index https://en.wikipedia.org/wiki/Baltic_Dry_Index

([61]) Fuq il-bażi tal-kwotazzjoni għall-konsenji fil-port ta' Istanbul – Derince kif ipprovduta mill-Bank Dinji: https://www.doingbusiness.org/content/dam/doingBusiness/country/t/turkey/TUR.pdf, p. 51.

([62]) IHS Mark it.

(289) Il-Kummissjoni aġġustat ukoll il-prezz referenzjarju bażiku ex-works għall-forma fiżika tal-mineral u għall-kontenut ta' ossidu tal-kromu sabiex issib prezzijiet referenzjarji speċifiċi għal kull tip ta' mineral mixtri mill-Grupp Jindal fil-PI. L-aġġustament tal-forma fiżika kien ibbażat fuq il-kostijiet tal-agglomerazzjoni (mineral li jitfarrak faċilment) u fuq il-kostijiet tal-pelitizzazzjoni flimkie ma' dawk tas-sinterizzazzjoni (minerali konċentrat) kif ipprovduti mill-Grupp Jindal. L-aġġustament tal-kontenut tal-ossidu tal-kromu kien ibbażat fuq l-indikatur tal-kost tat-tidwib tal-krom kif ipprovdut mill-ilmentatur ([63]). Ma sar l-ebda aġġustament għad-differenzi fil-proporzjon ta' Cr:Fe peress li dan il-parametru huwa qrib ħafna meta mqabbel mal-mineral Tork u Indjan. Dan kien approċċ konservattiv peress li fil-fatt il-proporzjon ta' Cr:Fe tal-mineral Indjan huwa ftit ogħla, li normalment ikun jirriżulta fi prezz ogħla għall-mineral fl-istess forma u fl-istess kontenut ta' ossidu tal-kromu.

(290) Peress li l-mineral tal-kromu Tork ma huwiex affettwat mill-miżuri tal-gvern li jfixklu s-suq Indjan u peress li l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fiż-żewġ pajjiżi, inklużi l-kwalità, id-disponibbiltà, il-kummerċjabbiltà, it-trasport u kundizzjonijiet oħrajn tax-xiri jew tal-bejgħ, huma komparabbli, il-Kummissjoni qieset li l-prezz tal-mineral tal-kromu fit-Turkija huwa komparabbli ma' dak li jkun prevalenti fl-Indja fin-nuqqas tal-miżuri ta' distorsjoni tal-GTI.

(291) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qabblet il-kost attwali tax-xiri tal-mineral tal-kromu domestiku mill-Grupp Jindal fl-PI mal-kost, li kien jitħallas li kieku l-prezzijiet għal kull tip ta' mineral ġew issostitwiti bil-prezzijiet referenzjarji rispettivi.

(292) L-ammont totali tad-differenza jirrappreżenta l-"iffrankar" miksub mill-produttur Indjan li xtara l-mineral tal-kromu fis-suq distort Indjan meta mqabbel mal-prezz li kien iħallas li kieku ma kienx hemm id-distorsjonijiet. Fl-aħħar nett, dan l-ammont totali jirrappreżenta l-benefiċċju mogħti lill-produtturi Indjani mill-GTI matul il-PI.

(293) Ġew ipprovduti kalkoli dettaljati tal-parametri referenzjarji u tal-benefiċċju mogħti lill-produttur esportatur Indjan inkwistjoni fid-divulgazzjoni speċifika.

(294) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dan l-ammont ta' sussidju fuq il-fatturat totali tal-kumpanija matul il-PI bħala d-denominatur xieraq, għaliex is-sussidju ta benefiċċju lill-produzzjoni sħiħa tal-prodott ikkonċernat u tal-prodott upstream tiegħu (kojls illaminati bis-sħana), u mhux biss lill-produzzjoni ddestinata għall-esportazzjoni.

(iii) Speċifiċità

(295) L-intervent tal-GTI fir-rigward tal-forniment ta' mineral tal-kromu għal remunerazzjoni anqas minn adegwata huwa mmirat sabiex ikun ta' benefiċċju għal ċerti industriji, b'mod partikolari l-industrija tal-azzar inossidabbli inklużi l-produtturi tal-SSCR. Għalhekk, is-sussidju huwa speċifiku skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku. Il-karatteristiċi inerenti tal-mineral tal-kromu jillimitaw l-użu possibbli tas-sussidju għal ċerta industrija iżda dan ma jfissirx li, sabiex ikun speċifiku, is-sussidju għandu jkun limitat ulterjorament għal subsett ta' din l-industrija ([64]).

(296) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-interventi tal-GTI huma speċifiċi għall-produtturi tal-SSCR skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

(c) Konklużjonijiet dwar il-provvista ta' mineral tal-kromu għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

(297) Fid-dawl tal-elementi kollha msemmijin hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li jenħtieġ li l-provvista ta' mineral tal-kromu mill-GTI titqies li hija sussidju speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku fil-forma ta' provvista ta' prodotti li tagħti benefiċċju lill-kumpaniji benefiċjarji.

(298) L-ammont ta' sussidju stabbilit għall-Grupp Jindal kien jammonta għal 0,45 %.

([63]) Id-dokument Sherlock nru t21.007982 tal-25 ta' Novembru 2021.

([64]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *United States – Countervailing Measures Certain Hot-Rolled Carbon Steel Flat Products from India*, WT/DS436/AB/R, adottat fid-19 ta' Diċembru 2014, il-paragrafu 4.398.

3.3.3. *Trasferiment tas-sussidji upstream*

(299) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur innota li s-sejbiet tal-Kummissjoni żvelaw li maġġoranza kbira tas-sussidji identifikati għall-prodotturi esportaturi integrati jaffettwaw l-istadji upstream tal-proċess tal-produzzjoni tal-SSCR. Skont l-ilmentatur, dan ifisser li l-produttur Indjan mhux integrat tal-SSCR – Chromeni – seta' bbenifika wkoll minn sussidji mogħtijin lil prodotturi upstream Indjani u/jew Indoneżjani. Dan jista' jseħħ fil-każ ta' bejgħ domestiku ta' prodotti upstream mill-Grupp Jindal (l-Indja) lil Chromeni jew fil-każ tax-xiri ta' Chromeni ta' prodotti upstream sussidjati ta' oriġini mill-Indoneżja.

(300) Fuq il-bażi tal-analiżi tal-proċess tal-produzzjoni ta' Chromeni u tax-xiri tal-materja prima tal-kumpanija fil-PI, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpanija ma setgħetx tibbenefika mix-xiri ta' prodotti upstream sussidjati ta' oriġini mill-Indja.

(301) Madankollu, Chromeni xtrat prodotti upstream, jiġifieri kojls illaminati fis-sħana, minn kumpanija relatata fl-Indoneżja, li setgħet ibbenefikat mill-provvista tal-GTID ta' mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata (ara t-Taqsima 4.3). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma setgħet tagħmel l-ebda sejba peress li ma kien hemm l-ebda element fil-fajl sabiex tagħmel din il-valutazzjoni dwar din il-kwistjoni.

3.4. **L-ammont ta' sussidji kumpensabbli**

(302) L-ammonti tas-sussidji kumpensabbli stabbiliti kienu kif ġej:

Kumpanija	DDS	EPCGS	MEIS	Sussidji fuq l-esportazzjonijiet totali	LTAR tal-mineral tal-kromu	TOTAL
Chromeni	-	5,69 %	1,87 %	7,56 %	-	7,56 %
Grupp Jindal	1,65 %	0,36 %	1,92 %	3,93 %	0,45 %	4,37 %

(303) Meta jitqies il-livell għoli (100 %) ta' kooperazzjoni tal-prodotturi Indjani, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li jiġi stabbilit l-ammont residwu ta' sussidju għall-Indja fil-livell tal-ogħla ammont ta' sussidju individwali, jiġifieri 7,56 %.

4. **SUSSIDJAR: L-INDONEŻJA**

4.1. **Is-sussidji u l-programmi ta' sussidju fi ħdan l-ambitu tal-investigazzjonijiet**

(304) Fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fl-ilment, fin-Notifika ta' bidu u fit-tweġibiet għall-kwestjonarji tal-Kummissjoni, ġie investigat l-allegat sussidjar mill-GTID permezz tas-sussidji li ġejjin:

i. Trasferiment dirett tal-fondi

— L-għoti ta' self preferenzjali

ii. Il-forniment ta' oġġetti u ta' servizzi għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata ("LTAR")

— Il-provvista ta' mineral tan-nikil u ta' ruttam tal-azzar inossidabbli għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

— Il-provvista ta' faħam għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

— Il-provvista ta' art għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

— Il-provvista ta' gass naturali għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

— Il-provvista ta' elettriku għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

iii. Dħul mitluf jew mhux miġbur tal-gvern li normalment ikun dovut

— Inċentivi tat-taxxa fuq l-introjtu

— Eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni

— Eżenzjoni mill-VAT fuq l-inputs u fuq il-makkinarju

— Taxxa fuq l-art u fuq il-bini ("PBB") fuq l-industrija tal-estrazzjoni minerarja

— Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu (fuq l-importazzjoni)

iv. Sussidji marbutin mal-iżvilupp tal-industrija Indoneżjana permezz tal-investiment Ċiniż.

4.2. **Proporzjonijiet tat-trasferiment**

(305) Fil-kummenti tiegħu wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp IRNC afferma li ntużat *data* dwar il-bejgħ mhux korretta għall-kalkolu tal-proporzjonijiet tat-trasferiment għal żewġ kumpaniji relatati.

(306) Din l-affermazzjoni nstabet li hija ġġustifikata u, għalhekk, il-Kummissjoni rrevediet il-proporzjonijiet tat-trasferiment rispettivi kif xieraq.

4.3. **Sfond dwar il-politiki preferenzjali għall-industrija domestika tal-azzar inossidabbli**

(307) L-Indoneżja għandha riżorsi sinifikanti tan-nikil. Mill-2020, ir-riżorsi tagħha kienu stmati għal 21 miljun tunnellata nikil ([65]) (1,1 biljun tunnellata mineral tan-nikil), madwar 20 % tar-riżervi magħrufin tad-dinja tal-mineral tan-nikil.

(308) Storikament, l-Indoneżja kienet wieħed mill-akbar produtturi tal-mineral tan-nikil. Madankollu, peress li l-Indoneżja kellha kapaċità limitata domestikament għall-proċessar tal-mineral tan-nikil (żewġ funderiji biss kif spjegat fil-premessa (315)), tradizzjonalment hija tesporta l-biċċa l-kbira tal-mineral tan-nikil tagħha, l-aktar lejn iċ-Ċina.

(309) Ir-rata ta' estrazzjoni tal-mineral tan-nikil żdiedet b'mod sinifikanti fl-Indoneżja, minn madwar 5 miljun tunnellata fl-1996 għal madwar 10 miljun tunnellata fl-2007, u mbagħad għal 70 miljun tunnellata fl-2013. Din l-aċċellerazzjoni kienet xprunata mid-domanda mill-impjanti/mill-funderiji Ċiniżi li jipproduċu l-ħadid fondut grezz tan-nikil (NPI). L-NPI huwa liga tal-ħadid u tan-nikil b'kontenut baxx ta' nikil. Il-mineral tan-nikil tal-Indoneżja huwa partikolarment adattat għat-teknoloġija Ċiniża għall-manifattura tal-NPI.

Tabella 1

Esportazzjonijiet mill-Indoneżja ta' mineral tan-nikil (tunnellati)

	2005	2006	2007	2008	2009
Iċ-Ċina	73 353	660 206	5 432 401	6 594 319	7 604 354
Total tal-Esportazzjonijiet	3 703 515	4 394 125	9 026 850	10 592 151	10 437 126

Sors: Global Trade Atlas ("GTA")

(310) Għalhekk, il-GTID irrealizza b'mod progressiv li l-esportazzjoni tal-maġġoranza l-kbira tar-riżervi ta' mineral tan-nikil tiegħu illimitat il-benefiċċji potenzjali għall-pajjiż minn din il-materja prima skarsa. Il-benefiċċji jistgħu jkunu ħafna akbar għall-pajjiż jekk il-GTID jirnexxilu jżid il-valur miżjud domestiku ġġenerat mir-riżervi tal-mineral tan-nikil. Sabiex jilħaq dan l-objettiv, il-GTID iffoka fuq l-iżvilupp domestiku tal-katina tal-valur industrijali kollha bl-użu ta' mineral tan-nikil sal-industriji downstream, jiġifieri l-funderiji u l-industrija tal-azzar inossidabbli bħala l-utent aħħari ta' din il-materja prima. Dan ikun jippermetti lill-Indoneżja tikseb benefiċċji domestiċi ħafna akbar meta mqabbla mas-sempliċi esportazzjoni tal-mineral tan-nikil.

(311) Madankollu, il-kisba ta' dan l-objettiv ma kinitx faċli għall-Indoneżja waħedha. Il-kwistjonijiet ewlenin li ffaċċja l-GTID kienu r-rekwiżiti ta' finanzjament sostanzjali għat-twaqqif tal-funderiji u tal-industriji downstream (jiġifieri diversi biljuni ta' euro f'investimenti bil-quddiem), u n-nuqqas relattiv ta' għarfien u ta' teknoloġija għall-produzzjoni tal-azzar inossidabbli mill-NPI ta' kwalità ekwivalenti għall-mineral tan-nikil estratt fl-Indoneżja. Għalhekk, il-GTID daħal f'kuntatt ma' pajjiżi sħab potenzjali li setgħu jgħinuh jilħaq dan l-objettiv ([66]). L-għażla

([65]) https://www.statista.com/statistics/273634/nickel-reserves-worldwide-by-country/

([66]) Ara, pereżempju, l-isforzi tal-GTID sabiex jattira lill-Ġappun: https://kemenperin.go.id/artikel/3594/Let-Japan-Process-Nickel-in-Indonesia:-Industri-minister

naturali marret għaċ-Ċina minħabba r-rabtiet storiċi u l-qrubija ġeografika u, aktar importanti, il-fatt li l-prodotturi Ċiniżi tal-azzar inossidabbli kienu diġà qed jużaw il-mineral tan-nikil mill-Indonesja. Barra minn hekk, iċ-Ċina kienet kandidat perfett għall-GTID sabiex tidħol f'qafas bilaterali preferenzjali sabiex jiġi mmassimizzat il-valur miżjud domestiku li jirriżulta mir-riżervi tal-mineral tan-nikil tal-Indonesja peress li ċ-Ċina kellha finanzjament sostanzjali disponibbli u politiki preferenzjali speċifiċi li jħeġġu l-industrija tal-azzar inossidabbli, inkluż għal investimenti barra mill-pajjiż taħt il-politika dejjiema ta' "Go Out", kif ukoll it-teknoloġija u l-għarfien meħtieġa sabiex jintuża b'mod effiċjenti l-mineral tan-nikil mill-Indonesja. L-objettivi intermedji ewlenin u d-dokumenti uffiċjali rilevanti huma miġburin fil-qosor fil-premessi li ġejjin.

(312) It-tentattivi tal-GTID li jattira l-investiment Ċiniż lejn l-industrija tan-nikil tal-Indonesja jmorru lura għal tal-anqas l-2005, meta l-Indonesja ħadet impenn li tibni "*klima li twassal għall-investiment*" ([67]) għall-investituri miċ-Ċina. F'Ġunju 2005, matul żjara f'Beijing, il-Ministru Koordinatur tal-Ekonomija tal-Indonesja ppropona lill-Viċi President Ċiniż prospetti ta' investiment f'erba' setturi tal-ekonomija tal-Indonesja, inklużi r-riżorsi naturali u "*ttama wkoll li aktar negozji Ċiniżi jistgħu jmorru l-Indonesja għall-investiment, filwaqt li qal li l-gvern tal-Indonesja kien se joħloq ambjent favorevoli sabiex jiffaċilita l-istabbiliment tal-investituri Ċiniżi*" ([68]). Bi tweġiba għal din l-offerta, il-Viċi President Ċiniż talab lill-Indonesja tiggarantixxi li l-investimenti Ċiniżi fl-Indonesja jkunu profittabbli ([69]). Barra minn hekk, l-uffiċjali Indonesjani estendew ukoll il-gratitudni lejn iċ-Ċina għall-forniment ta' "*self gratis u preferenzjali lill-Indonesja.*" ([70])

(313) B'riżultat ta' dan, il-GTID u l-GTĊ iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta fl-2005 li bdiet il-kooperazzjoni tagħhom fis-setturi tal-estrazzjoni minerarja u tal-metallurġija. Fuq il-bażi ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta, fl-2010 il-GTID u l-GTĊ iffirmaw Pjan ta' Azzjoni, li fih pjan sabiex iħeġġu l-investiment Ċiniż f'industriji bbażati fuq ir-riżorsi fl-Indonesja, inkluża l-estrazzjoni minerarja, kif spjegat aktar fil-premessi (563) u (584). Dawn il-ftehimiet bikrija diġà juru t-termini ewlenin tal-qafas ta' kooperazzjoni speċifiku bejn iż-żewġ gvernijiet, u kif il-gvernijiet kienu qed jippjanaw li jimplimentaw l-istrateġija tagħhom billi jiddependu fuq investituri privati li jibbenefikaw minn numru ta' politiki u appoġġ preferenzjali segwiti mill-qrib mill-gvernijiet.

(314) Fl-2007, il-GTID introduċa l-Liġi Nru 27 dwar il-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp fit-Tul ("RPJPN") għall-perjodu 2005–2025. L-RPJPN qiegħed lis-settur industrijali bħala l-mutur tat-tkabbir għat-tisħiħ tal-istruttura ekonomika. Dan kellu jiġi appoġġat, fost l-oħrajn, mis-settur tal-estrazzjoni minerarja. It-titjib taż-żieda fil-valur fis-settur primarju, inkluża l-estrazzjoni minerarja, ġie enfasizzat bħala l-mira ewlenija għall-promozzjoni tal-kompetittività lokali u internazzjonali, u għat-tisħiħ tal-bażi industrijali nazzjonali.

(315) Fis-settur tan-nikil, iż-żieda tal-valur miżjud kienet tfisser il-bini ta' funderiji fl-Indonesja. F'dak iż-żmien (u sal-2016), kien hemm biss żewġ funderiji fl-Indonesja: funderija ta' materja tan-nikil li tappartjeni għal PT Vale b'kapaċità ta' madwar 80 000 tunnellata nikil u funderija tal-ferronikil li tappartjeni għal PT. Aneka Tambang ("Antam") li hija proprjetà tal-Istat, b'kapaċità tal-produzzjoni ta' 26 000 tunnellata nikil.

(316) Il-kost tal-bini ta' funderija waħdu jista' jilħaq il-EUR 1 biljun skont it-teknoloġija u l-kapaċità tal-produzzjoni. Kif imsemmi aktar 'il fuq, l-Indonesja la kellha r-riżorsi finanzjarji u lanqas it-teknoloġija t-tajba sabiex tibni l-funderija, filwaqt li ċ-Ċina kellha t-tnejn u kienet teħtieġ ukoll il-mineral tan-nikil tal-Indonesja għall-produzzjoni ta' prodotti tal-azzar inossidabbli.

(317) Waħda mill-miżuri ewlenin sabiex dan jiġi ssiġillat il-qafas ta' kooperazzjoni bejn il-GTID u l-GTĊ u sabiex il-GTID ikun jista' jilħaq l-objettiv tiegħu kienet l-introduzzjoni tal-Liġi Nru 4 tal-2009 dwar l-Estrazzjoni tal-Minerali u tal-Faħam ("il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja") fl-2009, li ssostitwiet il-Liġi Nru 11 tal-1967 dwar l-Estrazzjoni Minerarja ([71]). Tradizzjonalment, il-GTID kellu kontroll kbir fuq is-settur tal-estrazzjoni minerarja. L-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 11 tal-1967 dwar l-Estrazzjoni Minerarja diġà kien ta rwol predominanti lill-GTID u setgħat sabiex jirregola dan is-settur, filwaqt li ddikjara li "*il-minerali kollha li jinsabu fil-ġuriżdizzjoni tal-estrazzjoni minerarja tal-Indonesja fil-forma ta' riżorsi naturali bħala manna mill-Kbir Alla huma ġid nazzjonali tal-poplu Indonesjan u,*

([67]) https://koran.tempo.co/read/ekonomi-dan-bisnis/44119/cina-minta-indonesia-jamin-investor
([68]) http://en.people.cn/200506/28/eng20050628_192888.html
([69]) https://koran.tempo.co/read/ekonomi-dan-bisnis/44119/cina-minta-indonesia-jamin-investor
([70]) https://koran.tempo.co/read/ekonomi-dan-bisnis/44119/cina-minta-indonesia-jamin-investor
([71]) L-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 11 tal-1967 dwar l-Estrazzjoni Minerarja diġà kien ta rwol predominanti lill-GTID u setgħat sabiex jirregola dan is-settur, filwaqt li ddikjara li "il-minerali kollha li jinsabu fil-ġuriżdizzjoni tal-estrazzjoni minerarja tal-Indonesja fil-forma ta' riżorsi naturali bħala manna mill-Kbir Alla huma ġid nazzjonali tal-poplu Indonesjan u, għalhekk, għandhom jiġu kkontrollati u jintużaw mill-Istat għall-ġid massimu tal-poplu".

għalhekk, għandhom jiġu kkontrollati u jintużaw mill-Istat għall-ġid massimu tal-poplu". Il-Preambolu tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja jiddikjara wkoll li "*l-minerali u l-faħam midfunin fil-ġuriżdizzjoni tal-estrazzjoni minerarja tal-Indonezja jirrappreżentaw ġid naturali mhux rinnovabbli li huwa don mill-Kbir Alla u li għandu rwol importanti fl-issodisfar tal-bżonnijiet tal-ħajja ta' ħafna nies, u, għalhekk, il-ġestjoni ta' dawn ir-riżorsi trid tkun taħt il-kontroll tal-Istat sabiex tipprovdi żieda reali fil-valur lill-ekonomija nazzjonali fi sforz sabiex jinkisbu l-prosperità u l-ġid għall-komunità b'mod ġust*". B'mod partikolari, l-Artikolu 4 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja jistipula li "*(1) Il-minerali u l-faħam bħala riżorsi naturali mhux rinnovabbli jikkostitwixxu ġid nazzjonali kkontrollat mill-Istat għall-akbar benefiċċju tal-benesseri tal-poplu*" u "*(2) Il-kontroll tal-mineral u tal-faħam mill-Istat kif imsemmi fil-paragrafu (1) għandu jitwettaq mill-Gvern u/jew mill-gvernijiet reġjonali*". B'mod importanti, permezz tal-Artikolu 103 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, il-proċessar tal-mineral bħala valur miżjud tal-mineral kien meħtieġ li jsir fl-Indonezja. Il-Kjarifika tal-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu 103 issemmi li l-obbligu li l-proċessar u r-raffinar jitwettqu domestikament huwa maħsub sabiex, fost affarijiet oħrajn, (a) *iżid il-valur tal-estrazzjoni minerarja permezz tal-komoditajiet tiegħu*, (b) *jipprovdi materja prima għall-industrija*, (c) *jipprovdi x-xogħol*, u (d) *iżid l-introjtu tal-Istat*. Fi kliem ieħor, dawn id-dispożizzjonijiet imponew obbligu fuq il-kumpaniji kollha tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil sabiex jew jibnu l-faċilità tagħhom stess għall-proċessar/għall-purifikazzjoni tan-nikil jew sabiex ibigħu l-mineral tan-nikil tagħhom lil faċilità domestika bħal din, sabiex jintlaħaq l-objettiv ġenerali li jiżdied il-valur miżjud domestiku tal-mineral tan-nikil permezz ta' politiki preferenzjali mmirati lejn l-industrija downstream tal-azzar inossidabbli. Barra minn hekk, l-Artikolu 170 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja ppreveda "perjodu ta' grazzja" ta' ħames snin. L-objettiv tal-"perjodu ta' grazzja" kien li l-industrija tal-estrazzjoni minerarja titħejja għall-obbligu tal-proċessar domestiku u jippermetti lill-kumpaniji jibnu l-faċilitajiet ta' purifikazzjoni neċessarji sabiex jassorbu l-provvista tal-mineral tan-nikil.

(318) Fl-isfond tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, u b'mod partikolari tar-rekwiżit tal-proċessar domestiku tagħha, l-esportazzjonijiet Indonežjani tal-mineral tan-nikil splodew, biċ-Ċina li assorbiet kważi t-totalità tal-esportazzjonijiet, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 2

Esportazzjonijiet mill-Indonežja ta' mineral tan-nikil (tunnellati)

	2010	2011	2012	2013	2014	2015
Iċ-Ċina	14 346 464	36 142 281	43 095 682	58 604 652	3 989 894	0
Total tal-Esportazzjonijiet	17 566 047	40 792 165	48 449 392	64 802 857	4 160 121	0

Sors: GTA

(319) Peress li l-objettiv tal-GTID li jinħolqu kapaċitajiet ta' proċessar fl-Indonežja ma ntlaħaqx, fil-11 ta' Jannar 2014, permezz ta' diversi regolamenti, il-GTID ipprojbixxa l-esportazzjonijiet ta' mineral tan-nikil mill-Indonežja (għal aktar dettalji dwar il-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet u l-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' mineral tan-nikil, ara l-premessi (405) – (413)).

(320) Fl-2017, il-GTID illaxka ftit il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni billi ppermetta l-esportazzjoni ta' mineral tan-nikil b'kontenut ta' nikil ta' anqas minn 1,7 % f'ċerti kwantitajiet. Dawn l-esportazzjonijiet kienu soġġetti għal dazju fuq l-esportazzjoni ta' 10 % filwaqt li l-esportaturi kellhom bżonn ukoll jagħtu prova li l-kostruzzjoni tal-faċilità ta' proċessar tagħhom kienet miexja skont l-iskeda. Ir-raġuni għal dan kienet li f'dak iż-żmien l-Indonežja ma kellhiex it-teknoloġija sabiex tipproċessa l-mineral tan-nikil b'kontenut ta' nikil ta' anqas minn 1,7 % fi prodotti b'valur miżjud, li kien aktar adattat għall-batteriji għall-vetturi elettriċi milli għall-azzar (ara aktar 'l isfel fit-Taqsima 4.4). Madankollu, fl-2020, il-GTID ipprojbixxa kompletament l-esportazzjoni tal-mineral kollu tan-nikil. Ir-raġuni għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-projbizzjoni tal-mineral b'kontenut baxx kienet li l-kumpaniji Ċiniżi għandhom pjanijiet sabiex jibnu l-funderiji għal dan it-tip ta' mineral tan-nikil li seta' jintuża għall-manifattura ta' batteriji għall-vetturi elettriċi.

(321) Matul is-snin, u bis-saħħa tar-rekwiżit ta' proċessar domestiku u tal-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet imposti fuq l-esportazzjonijiet tal-mineral tan-nikil mill-GTID, inbnew diversi funderiji tal-mineral tan-nikil. Il-ħtieġa domestika tal-mineral tan-nikil żdiedet ukoll bis-saħħa tal-azzjonijiet tal-GTID sabiex il-kapaċità ta' tidwib li qabel kienet stabbilita fiċ-Ċina tiġi mġiegħla tittrasferixxi lejn l-Indonežja. Tabilħaqq, permezz tal-RKABs, kif spjegat fil-premessa (414), il-GTID qed jikkontrolla l-produzzjoni tal-mineral tan-nikil. Il-GTID iżomm ukoll il-prezz domestiku b'mod sinifikanti taħt il-prezzijiet internazzjonali sabiex jibbenefika lill-funderiji u lill-produtturi tal-azzar inossidabbli.

Tabella 3

Mineral tan-nikil tal-Indoneżja (f'miljuni ta' tunnellati)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Il-produzzjoni	7,81	7,84	20,92	26,0	32,0	61,0	48,0
Esportazzjonijiet	4,16	0	0	4,88	19,7	32,3	0

Sors: It-tweġiba għall-kwestjonarju tal-GTID u https://www.statista.com/statistics/707267/production-of-nickel-ore-in-indonesia/

(322) Il-kooperazzjoni bilaterali instigata mill-GTID mal-GTĊ dwar it-trattament preferenzjali sabiex jiġu stabbiliti u promossi l-ħolqien u l-iżvilupp tal-industrija domestika tal-azzar inossidabbli tal-Indoneżja tmur lura għall-ewwel snin ta' wara s-sena 2000. Tikkonsisti f'numru ta' dokumenti bilaterali li jistabbilixxu l-qafas legali u ta' politika li jwasslu għall-adozzjoni ta' diversi politiki speċifiċi ta' appoġġ u ta' programmi preferenzjali li jikkostitwixxu sussidji kumpensabbli koperti minn din l-investigazzjoni (ara d-dokumenti bilaterali ewlenin fil-premessa (548)).

(323) Il-kooperazzjoni bilaterali saret speċifikament fil-Park Industrijali ta' Morowali tal-Indoneżja ("il-Park ta' Morowali"). Dan huwa park industrijali fiż-żona ta' Sulawesi fejn l-Indoneżja u ċ-Ċina ddeċidew li jiżviluppaw l-industrija tal-azzar inossidabbli.

(324) Il-kumpanija maniġerjali inkarigata mill-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni bilaterali fil-Park ta' Morowali hija kumpanija Sino-Indoneżjana, IMIP. Din il-kumpanija bdiet formalment l-operazzjonijiet tagħha f'Ottubru 2013.

4.4. **Il-provvista ta' mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata**

4.4.1. *L-ilment u l-iskema ta' sussidju*

(325) L-ilmentatur sostna li l-GTID jikkontrolla s-settur tal-mineral tan-nikil u li l-prezzijiet tal-mineral tan-nikil huma distorti fl-Indoneżja minħabba l-intervent tal-GTID. In-nikil li jinsab fil-mineral tan-nikil huwa l-komponent ewlieni fl-azzar inossidabbli u l-mutur ewlieni tal-prezz tiegħu. Skont l-ilmentatur, billi intervjena fis-suq tal-mineral tan-nikil, il-GTID żgura li l-prezz tal-materja prima għall-produzzjoni tal-azzar inossidabbli jibqa' ferm aktar baxx mill-prezzijiet internazzjonali għall-benefiċċju tal-produtturi esportaturi tal-SSCR fl-Indoneżja.

4.4.2. *Bażi ġuridika*

(326) Il-politika dwar l-estrazzjoni minerarja li tkopri l-mineral tan-nikil hija amministrata permezz tal-Ministeru tal-Enerġija u tar-Riżorsi Minerali ("MEMR"), irrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tal-Minerali u l-Faħam ("DGoMC"). L-esportazzjonijiet tal-minerali huma amministrati wkoll mill-Ministeru tal-Kummerċ, irrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tal-Kummerċ Barrani.

(327) Il-gvernijiet ċentrali kif ukoll dawk reġjonali għandhom rwoli vitali fl-industrija tal-estrazzjoni minerarja, billi jistabbilixxu politiki, standards, linji gwida u kriterji nazzjonali dwar l-estrazzjoni minerarja, kif ukoll jiddeċiedu dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-estrazzjoni minerarja. Barra minn hekk, il-GTID huwa involut b'mod attiv fl-iżvilupp, fil-kontroll, fl-evalwazzjoni u fir-riżoluzzjoni tal-konflitti fis-settur.

(328) L-industrija tal-estrazzjoni minerarja hija rregolata ferm fl-Indoneżja. Numru kbir ta' regolamenti, li jinbidlu bla heda, maħruġin minn korpi governattivi differenti jimmonitorjaw u jissorveljaw kull aspett tas-settur tal-estrazzjoni minerarja kif muri hawn taħt. Il-bażi ġuridika tar-regoli u tar-regolamenti rilevanti hija din li ġejja:

— Il-Liġi Nru 27 dwar il-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp fit-Tul ("RPJPN") għall-perjodu 2005–2025;

— Il-Liġi Nru 4 tal-2009 dwar l-Estrazzjoni tal-Minerali u tal-Faħam ("il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja") kif emendata bil-Liġi 3 tal-2020 ("il-Liġi tal-2020 dwar l-Estrazzjoni Minerarja");

— Ir-Regolament tal-Gvern 55 tal-2010 ("GR 55/2010") dwar il-gwida u s-superviżjoni dwar l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tan-negozju tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam;

— Ir-Regolament tal-Gvern 23 tal-2010 ("GR 23/2010") kif emendat bir-Regolament tal-Gvern 24 tal-2012 ("GR 24/2012") rigward l-implimentazzjoni ta' Attivitajiet Kummerċjali ta' Estrazzjoni tal-Minerali u tal-Faħam;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 27 tal-2013 dwar il-Proċeduri u d-Determinazzjoni tal-Ipprezzar tal-Iżvestiment tal-Ishma u tal-Bidliet tal-Investiment Kapitali fis-Setturi tal-Faħam u tal-Estrazzjoni Minerarja ("MEMR 27/2013");

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 1 tal-2014 ("GR 1/2014") dwar it-tieni emenda għall-GR 23/2010 kif emendat ulterjorment bil-GR 24/2012 dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali dwar l-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 1/2014 ("MEMR 1/2014") rigward it-titjib tal-valur miżjud tal-minerali permezz tal-proċessar u r-raffinerija tal-minerali fil-pajjiż;

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 77 tal-2014 ("GR 77/2014"), it-tielet emenda tal-GR 23/2010;

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 1 tal-2017 ("GR 1/2017"), ir-raba' emenda tal-GR 23/2010 dwar l-Operat tal-minerali u tal-faħam;

— Ir-Regolament tal-Ministeru tal-Kummerċ (MOT) Nru 01/M-DAG/PER/1/2017 dwar id-dispożizzjonijiet tal-esportazzjoni għall-prodotti proċessati u purifikati tal-estrazzjoni minerarja;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 5 tal-2017 ("MEMR 5/2017") dwar titjib fil-valur minerali permezz ta' attivitajiet ta' proċessar u ta' raffinar tal-minerali fil-pajjiż;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 7 tal-2017 ("MEMR 7/2017") dwar il-proċedura għad-determinazzjoni tal-prezz referenzjarju għall-bejgħ ta' minerali u ta' faħam;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 9 tal-2017 dwar il-proċeduri ta' żvestiment u l-mekkaniżmu ta' ffissar tal-prezzijiet tal-ishma tal-iżvestiment fuq in-negozju tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam ("MEMR 9/2017") kif emendat bl-MEMR 43/2018;

— Ir-Regolament tal-Gvern 48 tal-2017 ("GR 48/2017");

— Ir-Regolament tal-MoF PMK Nru 13/PMK.010/2017 u r-Regolament tal-MoF PMK No. 164/PMK.010/2018 li jistabbilixxi r-rati tad-dazju fuq l-esportazzjoni għad-diversi forom ta' minerali tal-metall proċessati;

— Id-Digriet tal-MEMR 2946 K/ 30/ MEM/ 2017 dwar il-formula tal-kalkolu għad-determinazzjoni tal-prezz referenzjarju tal-metall u tal-minerali;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 25 tal-2018 ("MEMR 25/2018") rigward in-negozji tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam (li rrevoka l-MEMR 5/2017);

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 26 tal-2018 ("MEMR 26/2018") dwar l-implimentazzjoni ta' prattiki tajbin ta' estrazzjoni minerarja u s-superviżjoni tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 11 tal-2018 ("MEMR 11/2018") rigward il-Proċedura għall-għoti ta' żona, għal-liċenzjar u għar-rapportar fl-attività kummerċjali tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam issostitwit bir-Regolament tal-MEMR Nru 7 tal-2020 ("MEMR 7/2020") fir-rigward tal-Proċedura għall-għoti tal-liċenzjar tar-reġjun (allokazzjoni taż-żona tal-estrazzjoni minerarja) u r-rapportar dwar l-attivitajiet kummerċjali tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 22 tal-2018 (MEMR 22/2018) rigward l-emenda għall-MEMR 11/2018 rigward il-proċedura għall-għoti ta' żona, għal-liċenzjar u għar-rapportar fl-attività kummerċjali tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 11 tal-2019 ("MEMR 11/2019"), it-tieni emenda għall-MEMR 25/2018 dwar in-negozju tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam;

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 7 tal-2020 dwar il-proċeduri għall-għoti tal-liċenzjar tar-reġjun (allokazzjoni taż-żona tal-estrazzjoni tal-minerali) u r-rapportar dwar l-attivitajiet kummerċjali tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam ("MEMR 7/2020");

— Ir-Regolament tal-MEMR Nru 11 tal-2020 ("MEMR 11/2020") dwar it-tielet emenda tar-Regolament tal-MEMR 7/2017 dwar il-proċedura għad-determinazzjoni tal-prezzijiet ta' referenza stabbiliti għall-bejgħ tal-metall tal-minerali u tal-faħam; u

— Id-Deċiżjoni tal-MEMR Numru 84 K/32/MEM/2020 dwar il-linja gwida għat-twettiq tal-offerta, għall-evalwazzjoni u għall-kalkolu tal-prezzijiet tal-ishma ta' żvestiment fl-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam.

4.4.3. *Sejbiet tal-investigazzjoni*

(329) Fil-bidu, il-Kummissjoni osservat li produttur esportatur minnhom tal-SSCR kien jixtri l-mineral tan-nikil domestikament minn kumpaniji relatati jew mhux relatati sabiex idewbu u jużah għall-manifattura ta' prodotti tal-SSCR.

(330) Il-forniment ta' mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata huwa waħda mill-miżuri ewlenin implimentati mill-GTID fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-GTĊ sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp tal-katina tal-valur industrijali kollha tal-industrija tal-azzar inossidabbli fl-Indoneżja.

(331) Fl-2007, il-GTID introduċa l-Liġi Nru 27 dwar il-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp fit-Tul ("RPJPN") ([72]) għall-perjodu 2005–2025. L-RPJPN qiegħed lis-settur industrijali bħala l-mutur tat-tkabbir għat-tisħiħ tal-istruttura ekonomika. Dan kellu jiġi appoġġat, fost l-oħrajn, mis-settur tal-estrazzjoni minerarja, inkluż il-mineral tan-nikil. It-titjib tażżieda fil-valur fis-settur primarju, inkluża l-estrazzjoni minerarja, ġie enfasizzat bħala l-mira ewlenija għall-promozzjoni tal-kompetittività lokali u internazzjonali, u għat-tisħiħ tal-bażi industrijali nazzjonali. L-iżvilupp tal-katina tal-valur permezz tal-proċessar u d-diversifikazzjoni tal-prodotti (l-iżvilupp downstream), l-approfondiment strutturali (l-iżvilupp upstream), u l-integrazzjoni vertikali (l-iżvilupp upstream u downstream) issemmew b'mod espliċitu fl-RPJPN. L-iżvilupp tal-industrija tal-manifattura jkun iffokat fuq is-subsetturi li jissodisfaw diversi kriterji, fost l-oħrajn, jipproċessaw ir-riżorsi naturali domestiċi u jkollhom potenzjal għall-iżvilupp tal-esportazzjonijiet.

(332) Kif deskritt fil-premessi (317) et seq., f'konformità mal-objettiv tiegħu li jżid il-valur miżjud tal-minerali fl-Indoneżja, fl-2009 il-GTID introduċa l-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja. Il-GTID ħareġ diversi regolamenti ta' implimentazzjoni, inkluż numru ta' emendi, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja. Il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja introduċiet numru ta' bidliet regolatorji sinifikanti fis-sistema ta' liċenzjar, royalties, is-sjieda barranija u l-esportazzjonijiet tal-materja prima. Fl-2020, il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja ġiet emendata permezz tal-Liġi tal-2020 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, promulgata fl-10 ta' Ġunju 2020. Din il-liġi l-ġdida, li hija ta' rilevanza limitata għal din l-investigazzjoni peress li kienet effettiva fl-aħħar nett tal-PI, ikkonfermat jew estendiet aktar ċerti rekwiżiti għall-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja.

(333) Il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja tat setgħat ta' liċenzjar kemm lill-Gvern Ċentrali kif ukoll lill-gvernijiet reġjonali, skont il-post taż-żona tal-estrazzjoni minerarja, l-oriġini tal-liċenzja, u n-natura tal-investiment magħmul mill-kumpanija tal-estrazzjoni minerarja.

(334) Il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja introduċiet sistema ġdida ta' liċenzjar li ħadet post l-iskema l-antika tal-Kuntratti tax-Xogħol ("CoW") u s-sistema lokali ta' Kuasa Pertambangan ("PK") jew tad-Drittijiet għall-Estrazzjoni Minerarja. Taħt is-sistema l-ġdida, hemm żewġ tipi ta' permessi għall-estrazzjoni minerarja kummerċjalment importanti:

a. Il-Liċenzja tan-Negozju tal-Estrazzjoni Minerarja ("IUP") hija permess tan-negozju għall-estrazzjoni minerarja meħtieġ sabiex jitwettqu attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja f'żona ddeżinjata b'IUP, li huwa maqsum f'dawn: (i) IUP ta' Esplorazzjoni li tkun valida għal terminu massimu ta' 8 snin għall-minjieri tal-minerali tal-metall; (ii) IUP għall-Operazzjoni tal-Produzzjoni (IUP-OP) li tkun valida għal terminu massimu ta' 20 sena għall-minjieri tal-minerali tal-metall, għall-minjieri tal-minerali mhux tal-metall speċifikati u għall-minjieri tal-faħam, li tista' tiġi estiża għal żewġ termini addizzjonali ta' 10 snin. Għalhekk, il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja tipprovdi garanzija li d-detenturi tal-permessi għall-esplorazzjoni jingħataw permessi għall-produzzjoni.

b. Liċenzja Speċjali għal Negozju tal-Estrazzjoni Minerarja ("IUPK"), hija permess speċjali tan-negozju tal-estrazzjoni minerarja maħruġ mill-MEMR għal żoni li tqiesu bħala Żoni ta' Riżerva tal-Istat, li huwa maqsum f'dawn: (i) IUPK ta' Esplorazzjoni li huwa validu għal terminu massimu ta' 8 snin għall-minjieri tal-minerali tal-metall u (ii) IUPK għall-Operazzjoni tal-Produzzjoni (IUPK-OP) li hija valida għal massimu ta' 20 sena għall-minjieri tal-minerali tal-metall. Skont il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, IUPK l-ewwel jeħtiġilha tiġi offruta permezz ta' sejħa għall-offerti lil kumpaniji tal-Istat jew tar-reġjun. Jekk ma jkun hemm l-ebda interess minn dawn il-partijiet, l-IUPK tista' tiġi offruta lis-settur privat. L-IUPKS jinħarġu għal tip ta' mineral speċifiku wieħed biss, u huma meħtieġa IUPs separati sabiex jiġi estratt tip ta' mineral ieħor mill-istess żona tal-permess.

([72]) https://perpustakaan.bappenas.go.id/e-library/file_upload/koleksi/migrasi-data-publikasi/file/RP_RKP/RPJPN%202005-2025-english.pdf

(335) Il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja ma tiddifferenzjax bejn l-IUPs/IUPKs tal-Operazzjoni tal-Produzzjoni li jkunu integrati ma' faċilitajiet tal-funderija/tal-proċessar, u l-IUPs tal-Operazzjoni tal-Produzzjoni li ma jkunux integrati ma' faċilitajiet bħal dawn. L-IUPs kollha tal-Operazzjoni tal-Produzzjoni ngħataw għal terminu massimu ta' 20 sena, li jista' jiġi estiż għal żewġ termini addizzjonali ta' 10 snin kull wieħed.

(336) Skont ir-regolamenti industrijali, il-"Liċenzja tan-Negozju tal-Industrija ("IUI")", ġeneralment ġiet aċċettata bħala l-liċenzja ewlenija għan-negozji industrijali bil-produzzjoni ta' kwalunkwe tip ta' prodott. L-IUI tinħareġ u tiġi amministrata mill-Ministeru tal-Industrija. Fl-2013, il-Gvern Ċentrali introduċa tip ġdid ta' liċenzja; IUP tal-Operazzjoni tal-Produzzjoni għall-Pproċessar u għar-Raffinar (Funderija), permezz ta' regolamenti ministerjali (l-aktar reċenti, bir-Regolament tal-MEMR 7/2020). Din il-liċenzja tipprevedi l-iżvilupp u t-tħaddim ta' faċilitajiet ta' funderiji u tinħareġ taħt l-awtorità tal-MEMR. Għalhekk, il-kumpaniji tal-proċessar qed joperaw abbażi ta' żewġ liċenzji.

(337) Il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja tipprevedi wkoll sanzjonijiet amministrattivi fuq id-detenturi ta' IUP, ta' IPR, jew ta' IUPK għal ksur tad-dispożizzjonijiet kif iddikjarati, fost l-oħrajn, fl-Artikoli 102 u 103. Tali sanzjonijiet amministrattivi jkunu fil-forma ta': "a. twissijiet bil-miktub; b. sospensjoni temporanja tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni jew tal-operazzjonijiet ta' produzzjoni kollha jew ta' parti minnhom; u/jew c. il-kanċellazzjoni tal-IUP, tal-IPR, jew tal-IUPK" (l-Artikolu 151 tal-liġi). Fl-aħħar nett, il-Liġi dwar l-Estrazzjoni Minerarja tistabbilixxi sanzjonijiet kriminali għal kumpaniji li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet varji tagħha sa 10 (għaxar) snin priġunerija u multa massima ta' IDR 10 000 000 000 (għaxar biljun Rupiah) għal rapportar falz tal-attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja u ta' bejgħ (ara l-Artikolu 159) u tal-bejgħ jew tal-proċessar ta' minerali minn entitajiet li ma jkollhomx liċenzja valida (ara l-Artikolu 161).

4.4.3.1. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku

(338) Il-Kummissjoni informat lill-GTID li jista' jkun li jkollha bżonn tuża l-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku meta teżamina l-eżistenza u l-portata tal-allegat appoġġ mogħti lill-industrija tal-azzar, inkluż permezz tal-forniment ta' mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(339) Il-Kummissjoni talbet lill-GTID fil-kwestjonarju tagħha, fl-ittra ta' defiċjenza, u matul il-kontroverifika mill-bogħod sabiex jipprovdi ċerta informazzjoni relatata mal-forniturі (jiġifieri, il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja) u l-funzjonament tas-suq domestiku tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja. Dawn it-talbiet għal informazzjoni kienu jinkludu, fost l-oħrajn, mistoqsijiet dwar il-qafas legali u istituzzjonali, l-organizzazzjoni tas-suq tal-mineral tan-nikil, il-produtturi tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja, il-mekkaniżmi tal-iffissar tal-prezzijiet u l-prezzijiet domestiċi u tal-esportazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni azzjonarja fil-kumpaniji.

(340) Fil-bidu, il-Kummissjoni talbet lill-GTID sabiex jgħaddi l-Appendiċi B mehmuż mal-kwestjonarju antisussidji (kwestjonarju għall-forniturі tal-mineral tan-nikil) lill-akbar 10 produtturi u distributuri tal-mineral tan-nikil, kif ukoll lil kwalunkwe produttur u distributur ieħor tal-mineral tan-nikil, li kienu jipprovdu mineral tan-nikil lill-produtturi esportaturi. L-Appendiċi B kien jikkonsisti f'dokument Word ("*Appendix B_Input supplier*") u f'fajl Excel ("*Appendix B - Input suppliers tables*"). Il-GTID għadda l-kwestjonarju speċifiku maħsub għall-forniturі tal-materjali tal-input lill-forniturі magħrufin fl-Indoneżja.

(341) Il-Kummissjoni, fl-ittra ta' defiċjenza tagħha lill-GTID tal-4 ta' Ottubru 2021, ħadet nota tal-fatt li ma kienet irċiviet l-ebda tweġiba għall-Appendiċi B tal-kwestjonarju minn xi wieħed mill-akbar forniturі tal-mineral tan-nikil Indoneżjani. Lanqas il-forniturі relatati tal-mineral tan-nikil ma pprovdew tweġiba.

(342) B'riżultat ta' dan, minkejja l-fatt li hemm aktar minn 290 minatur tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja, kif iddikjarat fil-premessa (378), il-Kummissjoni rċiviet tweġiba biss mingħand negozjant relatat tal-mineral tan-nikil (PT. Ekasa Yad Resources) li xorta waħda ssottometta t-tweġiba tiegħu bħala kumpanija relatata għall-Grupp IRNC, u produttur mhux relatat wieħed biss tal-mineral tan-nikil (PT GAG Nikel). Bi tweġiba għall-ittra ta' defiċjenza, il-GTID ipprovda biss żewġ tweġibiet addizzjonali għall-produtturi tal-mineral tan-nikil (PT Tiran Indonesia u PT Ceria Nugraha Indotama).

(343) It-tweġibiet tat-tliet minaturi tal-mineral tan-nikil kellhom nuqqasijiet sinifikanti. PT GAG Nikel irrifjutat li tipprovdi kopja tal-liċenzja tagħha u l-minuti tal-laqgħa tal-azzjonisti u tal-bord tad-diretturi matul il-PI, billi ddikjarat li dawn kienu kunfidenzjali.

(344) PT Ceria Hugraha pprovdiet l-Istatut ta' Assoċjazzjoni u ċ-ċertifikat tan-negozju biss bil-Balasa. Għalkemm ġew ipprovduti diversi verżjonijiet tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni, dawn ilkoll kienu bil-Balasa u f'format ta' stampa li ma setax jiġi tradott minn kompjuter u, għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx taqrahom.

(345) PT Tiran Indonesia lanqas biss issottomettiet tweġiba għad-dokument Word "Appendix B_Input supplier". Issottomettiet biss preżentazzjoni tal-kumpanija bl-Indoneżja, abbozz tar-rapport finanzjarju għall-2019 u għall-2020 u l-fajl Excel "Appendix B - Input suppliers tables". Il-kumpanija la ssottomettiet l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha u lanqas il-liċenzja.

(346) Fir-rigward tal-kumpanija li ġiet kontroverifikata, PT. GAG Nikel, il-GTID naqas milli jipprovdi l-RKABs tiegħu (pjan ta' ħidma u baġit annwali obbligatorji) għall-2019 u għall-2020 u rapporti trimestrali, biannwali u annwali dwar il-produzzjoni u l-bejgħ sottomessi lill-MEMR għall-2019 u għall-2020. Wara l-RCC ta' GAG Nikel, il-GTID issottometta l-Att ta' Twaqqif ta' GAG Nikel iżda biss bil-Balasa u f'format li ma setax jiġi tradott minn kompjuter u, għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tużah.

(347) Fl-aħħar nett, il-GTID afferma li l-volum tal-produzzjoni stipulat fl-RKAB kif spjegat fil-premessi (414) sa (424), kien stabbilit f'konformità mal-volumi stipulati fl-istudji tal-fattibbiltà. Madankollu, huwa pprovda biss ftit paġni mill-istudji tal-fattibbiltà u mill-analiżi tal-impatt ambjentali tal-kumpaniji li għalihom issottometta l-RKAB b'xi numri, filwaqt li t-test relatat ma' dawn in-numri kien mgħotti bl-iswed mingħajr ebda spjegazzjoni, li jindika li l-GTID kien qed jimpedixxi b'mod deliberat lill-Kummissjoni milli tivvaluta l-mod kif il-minaturi kienu qed jistabbilixxu l-volumi ta' produzzjoni annwali tagħhom.

(348) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat diskrepanzi relatati mal-konsum ġenerali tal-mineral tan-nikil fis-suq tal-Indoneżja. Il-Kummissjoni ma setgħetx tirrikonċilja din id-*data* max-xiri tal-mineral tan-nikil mill-produtturi esportaturi tal-SSCR. Il-GTID naqas ukoll milli jipprovdi statistika dwar il-prezzijiet domestiċi Indoneżjani tal-mineral tan-nikil għalkemm, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, huwa jiġbor it-tali informazzjoni.

(349) Wara li rċieva l-ittra dwar l-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku ("l-ittra tal-Artikolu 28"), il-GTID interpreta l-ittra tal-Artikolu 28 bħala ittra ta' defiċjenza u ppreżenta diversi dokumenti addizzjonali ta' GAG Nikel bħall-RKAB għall-2019 u għall-2020 ta' GAG Nikel, l-applikazzjoni/ir-rapport għall-kisba tal-RKAB għall-2019 u għall-2020 u r-rapporti trimestrali dwar il-produzzjoni u l-bejgħ tan-nikil sħiħ għall-2019 u għall-2020. Dawn id-dokumenti kollha kienu bil-Balasa biss. Il-GTID issottometta wkoll tweġiba għall-Appendiċi B għal Antam.

(350) Meta wieħed iqis is-sottomissjoni tard ħafna ta' dawn id-dokumenti u l-fatt li ma ġewx sottomessi bl-Ingliż, u l-fatt li l-kuntest legali kien il-proċedura tal-Artikolu 28 u mhux proċess ta' defiċjenza, minbarra l-fatt li fi kwalunkwe każ il-Kummissjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tivverifika din l-informazzjoni u titlob kjarifiki dwar dawn id-dokumenti, ma setgħux jintużaw fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinjora tali informazzjoni, kif previst fl-Artikolu 28(3) tar-Regolament bażiku, u minflok tuża l-fatti disponibbli.

(351) Fir-rigward tad-*data* inkonsistenti għall-konsum tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja, il-GTID insista li din id-*data* kienet akkurata u afferma li kienet ibbażata fuq il-kwantità ta' mineral tan-nikil ikkonsmat mill-Grupp IRNC peress li kien l-uniku produttur tal-azzar inossidabbli li juża l-mineral tan-nikil bħala input. Ta' min jinnota li l-GTID intalab jissottometti l-konsum totali tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja, mhux biss il-konsum tal-mineral tan-nikil għall-produtturi tal-azzar inossidabbli. Madankollu, kif enfasizzat fl-ittra tal-Artikolu 28 lill-GTID, din id-*data* ma tirrikonċiljax mad-*data* kontroverifikata tax-xiri ta' mineral tan-nikil tal-Grupp IRNC.

(352) Barra minn hekk, f'kontradizzjoni mad-dikjarazzjoni tal-GTID li ma kellux rekords tal-prezzijiet tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja, ir-rapporti trimestrali sottomessi minn GAG Nikel u l-applikazzjoni tal-RKAB jindikaw mod ieħor. F'dawn id-dokumenti, GAG Nikel irrapportat lill-GTID il-bejgħ kollu ta' mineral tan-nikil fuq bażi ta' tranżazzjonijiet individwali u, b'hekk, iddivulgat lill-GTID il-volum tal-bejgħ, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-mineral tan-nikil kif ukoll isem il-klijenti tagħha.

(353) In-nuqqas ta' kooperazzjoni suffiċjenti ma ppermettiex li l-Kummissjoni tiġbor l-informazzjoni kollha li qieset rilevanti għall-konklużjonijiet tagħha f'din l-investigazzjoni. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-minaturi tan-nikil, il-Kummissjoni ma setgħetx tiġbor dokumenti addizzjonali u titlob informazzjoni addizzjonali, jiġifieri dwar il-ftehimiet ta' liċenzjar bejn il-minaturi u l-GTID, inklużi l-kundizzjonijiet sottostanti, ir-royalties, u r-referenzi għall-kuntest leġiżlattiv li jirregolahom. Konsegwentement, fir-rigward tal-allegat forniment ta' mineral tan-nikil mill-gvern għal remunerazzjoni anqas minn adegwata, il-GTID ma pprovdiex l-informazzjoni u l-evidenza neċessarji kif mitlub jagħmel mill-Kummissjoni fil-kwestjonarju tagħha u matul l-RCC.

(354) Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' informazzjoni kuntrarja mingħand il-GTID, il-Kummissjoni bbażat ruħha parzjalment fuq il-fatti disponibbli għas-sejbiet tagħha rigward dawn l-aspetti tal-investigazzjoni f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

(355) Fil-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali, il-GTID spjega li huwa ppreżenta l-istatut ta' assoċjazzjoni ta' GAG Nikel bħala parti mill-att ta' stabbiliment, li ġie pprovdut permezz tal-ittra tad-19 ta' Novembru 2021. Il-Kummissjoni kkonfermat li l-istatut ta' assoċjazzjoni huwa parti mill-att ta' stabbiliment. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li din is-sottomissjoni seħħet tard ħafna fl-investigazzjoni, u, aktar importanti minn hekk, li l-istatuti ġew sottomessi biss bil-Bahasa. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tużaha.

(356) Barra minn hekk, il-GTID iddikjara li t-traduzzjoni tal-istatuti ta' assoċjazzjoni tal-PT. Ceria Hugraha kienet teħtieġ iż-żmien. Fi kwalunkwe każ, il-GTID afferma li l-Kummissjoni ma kinitx teħtieġ it-traduzzjoni tad-dokumenti kollha bl-Ingliż u, bħala tali, jenħtieġ li n-nuqqas ta' traduzzjoni ma jimpedixxix l-investigazzjoni. Fir-rigward tal-format tal-fajl, il-GTID afferma li dan ma kienx speċifikat.

(357) Il-Kummissjoni nnotat li fl-istruzzjonijiet għall-kwestjonarju antisussidji, li miegħu ġie mehmuż l-anness għall-fornitur tal-inputs, huwa ddikjarat b'mod ċar "*Jekk jogħġbok ipprovdi traduzzjoni bl-Ingliż għad-dokumenti u għall-materjal mis-sors kollha li tissottometti bi tweġiba għal dan il-kwestjonarju*". Barra minn hekk, il-kwestjonarju antisussidji ntbagħat lill-GTID fit-18 ta' Mejju 2021, u, għalhekk, il-GTID kellu aktar minn biżżejjed żmien għad-dispożizzjoni tiegħu għat-traduzzjoni tal-istatuti ta' assoċjazzjoni tal-PT. Ceria Hugraha. Fir-rigward tal-format tal-fajl, il-Kummissjoni għamlet ir-rimarka dwar il-format tad-dokument fil-premessa (344) minħabba li ma kinitx tippermetti traduzzjoni bbażata fuq il-kompjuter, u għalhekk id-dokument ma setax jintuża. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(358) Fir-rigward tal-RKABs, il-GTID fakkar li ssottomettihom bħala hemżiet mal-ittra tat-8 ta' Diċembru 2021. Il-Kummissjoni fakkret li fl-ittra tad-19 ta' Novembru 2021 (li kienet l-iskadenza sabiex il-GTID jissottometti l-esibiti tal-RCC), il-GTID kien informa lill-Kummissjoni li, fuq il-bażi ta' deċiżjoni interna, GAG Nickel kienet iddeċidiet li ma tipprovdix l-RKABs. L-ittra tat-8 ta' Diċembru 2021 intbagħtet bi tweġiba għall-ittra tal-Artikolu 28. Il-Kummissjoni nnotat li din id-data kienet tard wisq fl-investigazzjoni sabiex il-Kummissjoni tqis dokumenti ġodda. Aktar importanti minn hekk, il-proċess tal-Artikolu 28 u l-kummenti li l-partijiet interessati jistgħu jissottomettu huma relatati man-nuqqas ta' sottomissjoni ta' informazzjoni u ma jistgħux jintużaw mill-partijiet bħala opportunità sabiex jissottomettu informazzjoni ġdida li kellha tiġi sottomessa fl-istadju aktar bikri tal-investigazzjoni, jew bħala parti mill-proċess ta' deficjenza. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dan l-argument.

(359) Il-GTID spjega wkoll li ingassa t-test mhux relatat mal-volum tad-*data* tal-produzzjoni sabiex jissimplifika l-qari tat-test.

(360) Il-Kummissjoni nnotat li l-GTID intalab jissottometti dokumenti kompluti u li ma jingassax xi parti tat-test. Il-Kummissjoni kien ikollha bżonn aċċess għat-test kollu sabiex tivvaluta kif xieraq l-informazzjoni sħiħa li tinsab fl-RKABs għas-sejbiet tagħha. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(361) Fir-rigward tad-*data* statistika dwar il-konsum, il-GTID afferma li, peress li l-Kummissjoni użat il-kampjunar, ma setgħetx tirrikonċilja d-*data* dwar il-konsum nazzjonali mal-mineral tan-nikil mixtri mill-IRNC. Il-Kummissjoni enfasizzat u ċċarat li l-kwantità ta' mineral tan-nikil mixtri minn IRNC kienet ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbla mad-*data* dwar il-konsum nazzjonali rrapportata mill-GTID. Għalhekk, id-*data* sottomessa mill-GTID tidher li tissottovaluta b'mod sinifikanti l-produzzjoni nazzjonali tal-mineral tan-nikil. Il-GTID ma pprovda l-ebda fatti sabiex jirribattu dawn is-sejbiet. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(362) Il-GTID spjega wkoll li, fiż-żmien tal-iskadenza, kien għadu qed jipprova jipprovdi informazzjoni u *data*, billi l-Kummissjoni ddikjarat fl-ittra tal-Artikolu 28 li kienet se tikkunsidra li tuża l-Artikolu 28. Il-GTID issottometta li huwa stess u GAG Nikel ma kellhomx biżżejjed żmien sabiex jittraduċu d-dokumenti u li matul l-RCC, il-Kummissjoni ma indikatx il-ħtieġa li d-dokumenti jiġu tradotti bl-Ingliż. Fir-rigward tat-traduzzjoni, il-Kummissjoni rreferiet għall-istruzzjonijiet fil-kwestjonarju u fakkret li ma għandhiex għalfejn tirrepeti kull darba li ssir talba għal dokument li dak id-dokument irid jiġi tradott. In-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni bl-Ingliż jista' jwassal għall-applikazzjoni tal-fatti disponibbli minħabba l-impossibbiltà li jintużaw id-dokumenti sottomessi. Il-Kummissjoni tfakkar li l-GTID ma ssottomettiex xi talba għal estensjoni tal-iskadenza jew indikazzjoni li kienet għaddejja ħidma għad-dokumenti li aktar tard ġew sottomessi permezz tat-tweġiba għall-ittra tal-Artikolu 28. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li l-GTID kien involut f'numru ta' investigazzjonijiet dwar id-dazju kumpensatorju, u għalhekk kien mingħajr dubju konxju li d-dokumenti jridu jiġu sottomessi bl-Ingliż f'investigazzjonijiet bħal dawn. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(363) Il-GTID tenna l-kontenut tal-ittra tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2021 fir-rigward tal-kwistjoni tad-*data* dwar il-konsum tal-mineral tan-nikil mill-Indoneżja, filwaqt li ddikjara li huwa ppreżenta *data* dwar il-konsum tal-mineral tan-nikil għas-settur tal-azzar inossidabbli. Kif spjegat aktar 'il fuq fil-premessa (361), il-Kummissjoni fakkret mill-ġdid li l-GTID intalab jissottometti l-konsum totali tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja, mhux biss il-konsum tal-mineral tan-nikil għas-settur tal-azzar inossidabbli.

(364) Il-GTID afferma wkoll li huwa nnifsu u l-minaturi qatt ma rrifjutaw li jipprovdu evidenza ta' parteċipazzjoni azzjonarja, ta' kontroll u ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istat. Il-GTID ammetta li Antam akkwistat l-azzjonist ta' GAG Nikel, iżda fakkret li GAG Nikel għadha elenkata bħala entità barranija, kif spjegat matul l-RCC.

(365) Il-Kummissjoni qieset li, fit-tweġiba għall-kwestjonarju, ma kien hemm l-ebda evidenza tas-sjieda tal-Istat tas-sid maġġoritarju ta' GAG Nikel, li kienet imsemmija biss matul l-RCC. Barra minn hekk, il-fatt li GAG Nikel hija elenkata bħala entità barranija ma għandu l-ebda rilevanza fir-rigward tas-sjieda tal-Istat tiegħu. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(366) Il-GTID spjega wkoll li PT. Vale ma kinitx fil-lista tal-akbar 10 produtturi tal-input minħabba li bagħtet il-kwestjonarju għall-fornituri tal-input biss lill-fornituri tal-input tal-produtturi esportaturi li kkooperaw. Għalhekk, il-lista tal-akbar 10 produtturi tal-input ipprovduta ma kinitx tinkludi lil PT. Vale.

(367) Il-Kummissjoni tfakkar li l-istruzzjonijiet fil-kwestjonarju dwar il-lista tal-akbar 10 produtturi tal-input talbu b'mod ċar lill-GTID sabiex "*jipprovdi lista li fiha l-informazzjoni li ġejja dwar l-akbar 10 produtturi ta' kull wieħed minn dawn il-materjali tal-input*". Fl-istruzzjonijiet, ma kien hemm l-ebda referenza għall-provvista ta' materjali tal-input lill-produtturi esportaturi, u għalhekk il-lista missha inkludiet l-akbar 10 produtturi tal-input b'mod ġenerali fl-Indoneżja.

(368) Bħala konklużjoni, l-affermazzjonijiet kollha ġew miċħudin. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni nnotat li l-ebda wieħed minn dawn il-kummenti, meħud waħdu jew flimkien, ma kien ikun kapaċi li jreġġa' lura s-sejbiet ta' nuqqas ta' kooperazzjoni jew ta' kwalunkwe aspett ieħor tal-investigazzjoni, li għalhekk ġew ikkonfermati.

4.4.3.2. Analiżi

(369) Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju kumpensabbli, iridu jkunu preżenti tliet elementi skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament bażiku: (a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTID permezz ta' korp pubbliku u/jew inkarigu jew direzzjoni ta' korpi privati sabiex jipprovdu l-mineral tan-nikil domestikament; (b) benefiċċju għall-benefiċjarju, u (c) speċifiċità.

4.4.3.2.1. Kontribuzzjoni finanzjarja

(370) Għall-ewwel element, Il-Kummissjoni analizzat jekk is-sett ta' miżuri adottati mill-GTID setax iwassal għal kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' provvista mill-gvern tal-mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata lill-produtturi esportaturi Indoneżjani tal-SSCR permezz ta' korp pubbliku jew inkariga jew iddirieġa korpi privati skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku.

(i) Kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jaġixxu bħala korp pubbliku

(371) L-investigazzjoni l-ewwel ivvalutat jekk il-GTID ipprovdiex mineral tan-nikil lill-produtturi tal-azzar inossidabbli permezz ta' kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jaġixxu bħala "korp pubbliku". L-istandard legali rilevanti u l-interpretazzjoni għal din il-valutazzjoni skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku jirriżultaw mill-ġurisprudenza tad-WTO dwar "korp pubbliku" li ġiet spjegata fil-premessi (225) sa (232).

(372) Fil-qosor, jekk il-kumpaniji tal-estrazzjoni fl-Indoneżja humiex "korpi pubbliċi" jenħtieġ li jiġi eżaminat billi jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi u l-funzjonijiet ewlenin ta' dawk il-kumpaniji, u r-relazzjoni tagħhom mal-GTID.

Il-karatteristiċi u l-funzjonijiet ewlenin tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja fl-Indoneżja

(373) Il-GTID stabbilixxa mekkaniżmu regolatorju li jagħti lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil l-awtorità li jeżerċitaw il-funzjonijiet governattivi.

(374) L-estrazzjoni u l-ġestjoni tal-minerali fl-Indoneżja huma ta' tip li huma kklassifikati bħala governattivi fl-Indoneżja. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 33(3) tal-Kostituzzjoni tal-1945 jafferma li l-ġid tal-art, tal-ilma, u tar-riżorsi naturali li huma midfunin taħt l-art għandhom ikunu taħt il-kontroll tal-istat u jintużaw għall-akbar prosperità tal-komunità. Kif iddikjarat fil-preambolu tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, "*il-ġestjoni ta' dawn ir-riżorsi trid tkun taħt il-kontroll tal-Istat sabiex tipprovdi żieda fil-valur reali lill-ekonomija nazzjonali fi sforz sabiex jinkisbu l-prosperità u l-ġid għall-komunità b'mod ġust*". Għalhekk, il-minerali kollha fl-Indoneżja huma riżorsi naturali pubbliċi, li huma kkontrollati u użati mill-Istat.

(375) Permezz ta' diversi liġijiet u regolamenti, il-GTID jiddeċiedi liema kumpanija jkollha permess testretta l-mineral tan-nikil u minn fejn (jiġifieri, iż-żoni tal-estrazzjoni minerarja). Il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja huma meħtieġa jkollhom liċenzja sabiex jestrattaw il-mineral tan-nikil. Il-GTID jiddetermina wkoll l-ammont li l-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil jistgħu jestrattaw. Skont l-Artikolu 5(3) tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, il-GTID "*għandu l-awtorità li jiddetermina l-ammont ta' produzzjoni ta' kull komodità fis-sena f'kull provinċja*". B'mod simili, skont l-Artikolu 5(1) u 5(5) tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, il-GTID jista' jikkontrolla l-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-minerali fl-interess domestiku. Il-GTID jirrikjedi wkoll li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja jżidu l-valur miżjud tal-minerali billi jirrikjedi l-proċessar ulterjuri u l-purifikazzjoni tal-mineral tan-nikil, u jiddetermina lil min il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja jistgħu jbigħu l-mineral tan-nikil għal tali proċessar ulterjuri (l-Artikoli 102-104 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja). L-Artikolu 119 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja jistipula wkoll li l-liċenzja "*tista' tiġi kkanċellata mill-Ministru, mill-Gvernatur, mir-Reġġent/mis-Sindku skont l-awtoritajiet tagħhom, meta: a. id-detentur tal-[liċenzja] ma jissodisfax l-obbligi tiegħu li diġà jkunu stipulati fil-[liċenzja] u fil-liġijiet u fir-regolamenti*".

(376) Għalhekk, l-ambjent legali u ekonomiku prevalenti fl-Indoneżja, kif elaborat aktar fil-premessi (396) sa (400), juri li l-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil huma marbutin mill-qrib mal-gvern fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet governattivi. B'mod partikolari, l-iskop tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, li spiss ikunu proprjetà tal-Istat, huwa li jdaħħlu fis-seħħ politiki Indoneżjani dwar kif għandhom jiġu ġestiti r-riżorsi naturali b'mod li jservi u jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-iżvilupp nazzjonali.

Relazzjoni mad-GTID: is-sjieda u l-indizji formali tal-kontroll mill-GTID

(377) Il-Kummissjoni fittxet informazzjoni dwar is-sjieda tal-Istat, kif ukoll indizji formali oħrajn ta' kontroll tal-gvern fil-minaturi tan-nikil tal-Istat. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni kellha tiddependi kważi kompletament fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku minħabba r-rifjut mill-GTID u mill-minaturi tan-nikil li jipprovdu evidenza dwar is-sjieda, il-kontroll, u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li wassal għall-provvista ta' mineral tan-nikil b'remunerazzjoni anqas minn adegwata, kif stabbilit fil-premessi (338) sa (354).

(378) Il-GTID iddikjara li matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien hemm aktar minn 290 produttur tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja. Il-GTID ipprovda lista bl-akbar għaxar produtturi tal-mineral tan-nikil u speċifika li wieħed biss minnhom kien proprjetà tal-Istat, jiġifieri Antam. Il-GTID afferma wkoll li ma kellu l-ebda sjieda, kontroll jew relazzjoni mal-kumpaniji li huma kklassifikati bħala privati. Barra minn hekk, il-GTID afferma li l-ebda uffiċjal tal-gvern ma huwa membru tal-Bord tad-Diretturi f'PT Aneka Tambang. Ta' min jinnota li Antam naqset milli tipprovdi tweġiba għall-Appendiċi B iddikjarat fil-premessa (340) sal-iskadenza. Il-GTID issottometta tweġiba għall-Appendiċi B għal Antam wara li ġie infurmat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28, kif iddikjarat fil-premessa (349), u għalhekk ma setgħetx tiġi kontroverifikata.

(379) Barra minn hekk, il-GTID iddikjara li 6 % u 4 % tal-produzzjoni domestika tan-nikil fl-2019 u fl-2020 rispettivament kienet iġġenerata minn kumpaniji tal-Istat.

(380) Fl-ittra ta' defiċjenza, il-Kummissjoni talbet lill-GTID sabiex jipprovdi s-sehem mis-suq għal kull wieħed mill-akbar għaxar produtturi tal-mineral tan-nikil jew, jekk mhux disponibbli, il-fatturati rispettivi tagħhom. Bi tweġiba għal din il-mistoqsija, il-GTID fil-fatt ipprovda lista oħra tal-akbar 10 kumpaniji tal-mineral tan-nikil fuq il-bażi tal-volum tagħhom tal-produzzjoni tal-mineral tan-nikil fl-2019 u fl-2020. B'kollox, dawn il-kumpaniji kienu jirrappreżentaw 37 % u 42 %, rispettivament, tal-produzzjoni domestika totali. Kien hemm koinċidenza ta' żewġ produtturi biss fiż-żewġ listi tal-akbar 10 produtturi ta' mineral tan-nikil.

(381) Fl-ittra ta' defiċjenza, il-Kummissjoni talbet ukoll lill-GTID sabiex jipprovdi l-istruttura tal-azzjonisti tal-akbar 10 produttur tal-mineral tan-nikil sottomessi fit-tweġiba għall-kwestjonarju. Il-Kummissjoni talbet ukoll lill-GTID sabiex jipprovdi l-istruttura tal-azzjonisti ta' 10 produtturi tal-mineral tan-nikil li hija identifikat bħala fornituri kbar tal-IRNC.

(382) Il-GTID wieġeb li minbarra Antam li kienet kumpanija elenkata, il-kumpaniji l-oħrajn ma kinux elenkati fil-Borża tal-Indonežja u, għalhekk, ma setax jikseb l-informazzjoni dwar l-istruttura tal-azzjonisti tagħhom. Barra minn hekk, il-GTID ipprovda l-istruttura tal-azzjonist ta' żewġ kumpaniji mit-tieni lista tal-akbar 10 produtturi tal-mineral tan-nikil, li wriet li dawn iż-żewġ kumpaniji kienu ta' proprjetà privata. Barra minn hekk, għal-lista ta' kumpaniji pprovduta mill-Kummissjoni, il-GTID ipprovda l-istruttura tal-azzjonisti ta' sitt kumpaniji, indikati bħala kumpaniji privati. Fl-aħħar nett, il-GTID iddikjara li l-uniku produttur esportatur li kien qed jixtri l-mineral tan-nikil fl-Indonežja kien qed iġib il-mineral tan-nikil mingħand fornituri privati biss.

(383) L-investigazzjoni żvelat li d-dikjarazzjoni tal-GTID li ma kellux informazzjoni dwar l-istruttura tal-azzjonisti tal-kumpaniji tal-estrazzjoni tan-nikil kienet fattwalment skorretta. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni sabet li l-GTID qed jimmonitorja mill-qrib is-sjieda tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja. L-ewwel nett, meta kumpanija tapplika sabiex tikseb liċenzja għall-estrazzjoni minerarja (bħal IUP jew IUPK), jeħtieġ li tipprovdi l-istruttura tal-azzjonisti lill-awtoritajiet Indonežjani rispettivi peress li hemm ċerta restrizzjoni fuq is-sjieda barranija. Skont il-GR 77/2014 ([73]), IUPs u IUPKs ta' esplorazzjoni jista' jkollhom sa 75 % sjieda barranija. Il-perċentwali ta' sjieda barranija ta' IUPs/IUPKs jibdew minn 49 % u mbagħad jiżdiedu progressivament għal 60 % jekk l-operazzjoni jkollha attivitajiet ta' proċessar/jew ta' raffinar, u għal 70 % jekk l-operazzjoni tkun taħt l-art. It-tieni, l-istruttura tal-azzjonisti hija neċessarja wkoll sabiex il-GTID ikun jista' jimplimenta r-rekwiżit ta' żvestiment skont il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja kif applikata mill-GR 1/2017 u mill-MEMR 9/2017 (kif emendat bl-MEMR 43/2018) kif spjegat fil-premessi (425) sa (433). Fl-aħħar nett, sa mill-promulgazzjoni tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, il-GTID ħareġ diversi regolamenti li jeħtieġu approvazzjoni mill-gvern ċentrali jew reġjonali għall-bidla tal-azzjonisti u tal-membri tal-bord f'kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja. Il-MEMR 27/2013 kien l-ewwel regolament li introduċa rekwiżiti ta' approvazzjoni għall-bidla tal-azzjonisti u tal-membri tal-bord għad-detenturi ta' IUP. Essenzjalment, dan ir-regolament kien jeħtieġ l-approvazzjoni mill-MEMR jew mill-kapijiet tal-gvernijiet reġjonali (skont l-awtorità rispettiva tagħhom) għall-bdil tal-azzjonisti u tal-membri tal-bord f'kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja detenturi ta' IUP. L-aħħar regolament f'dan ir-rigward huwa l-GR 48/2017 ([74]). Barra minn hekk, l-istruttura tal-azzjonisti ta' GAG Nikel ġiet inkluża fl-applikazzjoni/fir-rapport għall-kisba tal-RKAB għal GAG Nikel sottomessa mill-GTID bi tweġiba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28 kif iddikjarat fil-premessa (349). Għalhekk, kull sena meta kumpanija tal-estrazzjoni minerarja tapplika għall-RKAB obbligatorji, bħala parti mill-pakkett ta' informazzjoni sottomess f'dan ir-rigward, hija trid tissottometti l-istruttura tal-azzjonisti tagħha lill-MEMR. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha tirrikorri għall-fatti disponibbli fuq il-bażi tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku sabiex telimina l-lakuni minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTID dwar is-sjieda u l-kontroll tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja.

(384) L-ewwel nett, il-Kummissjoni investigat l-informazzjoni limitata ħafna dwar is-sjieda u l-kontroll tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja sottomessa fl-investigazzjoni. Fit-tweġiba għall-Anness B tal-PT GAG Nickel, ġie ddikjarat li Antam kien azzjonist minoritarju u l-maġġoranza tal-ishma kienu proprjetà ta' kumpanija oħra. Il-GTID ma pprovda l-ebda informazzjoni speċifika dwar in-natura pubblika tal-azzjonisti ta' din il-kumpanija fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju. Madankollu, skont is-sorsi pubbliċi li sabet il-Kummissjoni ([75]), irriżulta li l-azzjonist attwali ta' din il-kumpanija kien fil-fatt il-GTID, li kellu sjieda sħiħa. Dan ġie sussegwentement ikkonfermat matul l-RCC ta' PT GAG Nickel. B'riżultat ta' dan, kien ċar li l-GTID kien naqas milli jagħti informazzjoni sħiħa u akkurata dwar is-sjieda finali attwali ta' din il-kumpanija.

([73]) http://www.gbgindonesia.com/en/main/legal_updates/government_changes_divestment_requirements_for_mining_companies_in_indonesia.php

([74]) https://jdih.esdm.go.id/peraturan/Permen%20ESDM%20Nomor%2048%20Tahun%202017.pdf

([75]) Ir-Rapport Annwali tal-2020 ta' Antam, p. 296, disponibbli fuq: https://www.antam.com/en/reports/annual-reports.

(385) Barra minn hekk, ta' min jinnota li PT Vale ma kinitx inkluża mill-GTID fil-lista tal-akbar minaturi tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja. Madankollu, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, fl-2019 PT Vale estrattat madwar 4,2 miljun ([76]) tunnellata mineral tan-nikil, li huwa aktar minn dak li estratta fl-2019 l-akbar minatur tal-mineral tan-nikil irrapportat mill-GTID. Barra minn hekk, permezz ta' PT Indonesia Asahan Aluminium (Inalum) ([77]), l-Istat għandu wkoll sehem ta' 20 % f'PT Vale Indonesia ([78]). Il-GTID sar azzjonist f'PT Vale fl-2020 bħala parti mir-rekwiżit tal-GTID tal-iżvestiment ta' ishma minn kumpaniji bi sjieda barranija. Barra minn hekk, bi tweġiba għall-ittra tal-Artikolu 28, il-GTID iddikjara li PT Vale ma kinitx kumpanija tal-Istat (iżda ma qal xejn dwar is-sehem ta' 20 % li l-Istat tal-Indoneżja għandu f'PT Vale) u li ma din ma kinitx tipproduċi u tbigħ mineral tan-nikil iżda matta tan-nikil. Filwaqt li huwa minnu li PT Vale hija manifattur tal-matta tan-nikil, PT Vale għandha wkoll mina tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja ([79]) u testratta l-mineral tan-nikil għall-użu ristrett tagħha.

(386) Dan juri li l-GTID ipprovda informazzjoni mhux akkurata dwar l-akbar fornituri tal-minaturi tan-nikil, il-GTID ikkontradixxa wkoll lilu nnifsu bejn dak li ddikjara fit-tweġiba għall-kwestjonarju u fit-tweġiba għall-ittra ta' deficjenza u dak li spjega fl-RCC. Barra minn hekk, il-GTID mhux biss issottometta *data* mhux affidabbli għall-konsum tal-mineral tan-nikil kif spjegat fil-premessa (351), iżda anki l-volum tal-produzzjoni tal-mineral tan-nikil ma huwiex affidabbli peress li l-GTID ma inkludiex il-produzzjoni tal-mineral tan-nikil għall-konsum ristrett. Dawn l-inkonsistenzi ċarissimi qajmu dubju dwar l-akkuratezza u l-affidabbiltà tal-GTID f'dawn l-aspetti tal-investigazzjoni.

(387) Sabiex tneħħi l-lakuni sostanzjali kollha fir-rigward tas-sjieda tal-Istat u tal-eżerċizzju tal-kontroll fil-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil fid-dawl tal-informazzjoni limitata u inkonsistenti pprovduta mill-GTID, il-Kummissjoni wettqet riċerka bbażata fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. B'xorti ħażina, ftit informazzjoni kienet disponibbli għall-pubbliku dwar is-sjieda u l-kontroll tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, inklużi dawk il-kbar. Madankollu, din ir-riċerka żvelat li minbarra Antam ([80]), l-Istat għandu wkoll ishma f'PT GAG Nickel u f'PT WEDA Bay Nickel ([81]) permezz ta' Antam, għalkemm il-GTID afferma li ma kellux informazzjoni dwar l-istruttura tal-azzjonisti ta' PT WEDA Bay Nickel.

(388) Barra minn hekk, ir-riċerka tal-Kummissjoni wriet li kumpanija oħra tal-Istat, jiġifieri PT Timah TbK, tmexxi n-negozju tagħha tal-estrazzjoni tan-nikil permezz tas-sussidjarja tagħha PT Tim Nikel Sejahtera fix-Xlokk ta' Sulawesi ([82]). L-azzjonist ta' PT Tonia Mitra Sejahtera, waħda mill-kumpaniji msemmijin mill-GTID, hija l-Ministeru tal-Kummerċ tal-Indoneżja.

(389) Imbagħad, il-Kummissjoni ikkalkolat is-sehem tal-kumpaniji tal-Istat fuq il-bażi tal-perċentwali tal-produzzjoni domestika sottomessa mill-GTID fl-investigazzjoni. Anke b'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni pubblika disponibbli għan-numru limitat ħafna ta' kumpaniji (ħamsa) meta mqabbel man-numru totali ta' kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja rrapportat mill-GTID (aktar minn 290), jista' jiġi konkluż li s-sehem tal-kumpaniji tal-Istat fil-produzzjoni totali fl-2020 kien ta' aktar minn 27 % ([83]) (l-ishma ta' PT Vale u ta' PT Tim Nikel Sejahtera ma kinux inklużi fl-informazzjoni pprovduta mill-GTID). Dan waħdu diġà jirrappreżenta sehem sostanzjali mis-suq tal-kumpaniji proprjetà tal-Istat u jenħtieġ li jitqies bħala sottovalutat, peress li huwa probabbli ħafna li fost id-diversi kumpaniji l-oħrajn tal-estrazzjoni minerarja li għalihom ma kinitx disponibbli informazzjoni pubblika hemm oħrajn li huma tal-Istat. Għalhekk, fuq il-bażi tal-Artikolu 28, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li sehem akbar ta' kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jipproduċu l-mineral tan-nikil fil-fatt kien proprjetà tal-Istat. Dan il-perċentwal jista' biss jiżdied fid-dawl tal-obbligu ta' żvestiment spjegat fil-premessi (425) sa (434).

([76]) http://www.vale.com/indonesia/EN/investors/information-market-id/annual-reports/doc/2020-Annual-Report-PT-Vale-Indonesia-Tbk.pdf

([77]) Kumpanija 100 % tal-Istat tal-Indoneżja.

([78]) http://www.vale.com/indonesia/EN/investors/information-market-id/shareholder-profile/Pages/default.aspx

([79]) http://www.vale.com/indonesia/en/business/mining/nickel/nickel-indonesia/pages/default.aspx

([80]) Il-GTID huwa l-azzjonist kontrollanti f'Antam permezz ta' Inalum li għandha sehem ta' 65 % f'Antam.

([81]) Antam għandha sehem ta' 10 % f'PT Weda Bay Nickel. Antam għandha l-għażla li żżid l-ishma tagħha f'PT WBN għal 25 %. Il-kumplament tad-90% huwa proprjetà ta' Strand Minerals Pte. Ltd li bħalissa 57 % minnha hija proprjetà tal-grupp Tsingshan u 43 % ta' Eramet S.A (ara r-Rapport Annwali ta' Antam tal-2020, page 421).

([82]) https://timah.com/userfiles/post/2103166050097BA4F96.pdf (Rapport annwali tal-2020 ta' PT Timah).

([83]) PT Vale ġiet inkluża fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli pubblikament (ir-rapport annwali ta' PT Vale).

(390) Il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq ir-riċerka tagħha stess ukoll fir-rigward tal-ġestjoni u tal-kontroll tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTID. Għal darb'oħra, informazzjoni limitata biss kienet disponibbli għall-pubbliku. Fir-rigward ta' Antam, il-Kummissjoni sabet li skont ir-rapporti annwali tagħha, il-Bord tal-Kummissarji huwa magħmul minn ħames membri u l-Bord tad-Diretturi huwa magħmul minn erba' membri. Jidher li l-GTID għandu direttament f'Antam sehem ta' Serje A biss bi "Sjieda ta' Dwiwarna". L-azzjonisti l-oħrakm kollha għandhom ishma ta' Serje b. L-Azzjonisti ta' Dwiwarna/il-prokuri għandhom id-drittijiet esklużivi sabiex jaħtru d-Diretturi u l-Bord tal-Kummissarji. Fl-2018, tnejn mill-ħames membri tal-Bord tal-Kummissarji u tlieta mill-erba' membri tal-Bord tad-Diretturi ngħataw is-sensja u ġew issostitwiti, fuq proposta mill-GTID u l-"prokura" tiegħu. Bl-istess mod, fl-2019, il-President-Kummissarju, il-President-Direttur u żewġ diretturi oħrajn ingħataw is-sensja u ġew issostitwiti, fuq proposta tal-GTID u tal-"prokura" tiegħu. Barra minn hekk, il-President-Kummissarju kurrenti huwa ex membru tal-Forzi Armati, Kummissarju ieħor huwa membru kurrenti tal-Aġenzija tal-Intelligence tal-Istat, u ieħor huwa uffiċjal fl-MEMR. Tnejn biss mill-ħames kummissarji jibbenefikaw mill-kwalifika ta' "Kummissarji Indipendenti". Fl-aħħar nett, fil-Bord tal-Kummissarji, direttur wieħed huwa eks impjegat ta' GAG Nikel, impjegat ieħor eks impjegat ta' Inalum u ieħor ukoll eks impjegat ta' kumpanija oħra tal-Istat. Direttur wieħed biss ġej mis-settur privat.

(391) Barra minn hekk, il-Bord tal-Kummissarji ta' GAG Nikel huwa magħmul minn żewġ membri filwaqt li, il-Bord tad-Diretturi huwa magħmul minn żewġ membri skont it-tweġiba għall-kwestjonarju ta' GAG Nikel jew tliet membri skont ir-rapport annwali tal-2020 ta' Antam). Membru kurrenti tal-Bord tal-Kummissarji ta' GAG Nikel huwa l-eks Direttur tad-Dħul mill-Minerali u mill-Faħam tal-MEMR filwaqt li l-eks President-Kummissarju (sa qabel l-20 ta' Ġunju 2020) kien impjegat ta' Antam. Il-President-Direttur kurrenti ta' GAG Nikel u direttur ieħor huma impjegati ta' Antam, u t-tielet direttur huwa impjegat ta' Inalum.

(392) Il-Bord tad-Diretturi ta' PT Vale huwa magħmul minn ħames membri u l-Bord tal-Kummissarji huwa magħmul minn 10 membri. Il-Viċi-President kurrenti tal-Bord tal-Kummissarji huwa d-Direttur kurrenti tas-Servizzi Strateġiċi ta' Inalum ([84]). Membru ieħor tal-Bord tal-Kummissarji huwa l-eks Ministru tal-Komunikazzjoni u tal-Informazzjoni tal-Indoneżja u l-Viċi Kap Eżekuttiv tal-kumpanija tal-elettriku tal-Istat tal-Indoneżja PT. PLN. Membru ieħor tal-Bord tal-Kummissarji huwa l-eks Direttur Ġenerali tal-MEMR u l-eks President-Kummissarju ta' Antam u l-assistent kurrenti tal-Ministru tal-Industrija għall-Metall, għall-Gass Naturali u għall-Affarijiet tar-Riżorsi Naturali.

(393) Fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-fajl u tar-riċerka tagħha stess minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mifruxa mill-GTID, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jirrappreżentaw produzzjoni sostanzjali ta' mineral tan-nikil huma kompletament jew parzjalment proprjetà tal-Istat, u huma ġestiti u/jew ikkontrollati wkoll mill-Istat f'relazzjoni mill-qrib mal-GTID.

L-awtorità tal-gvern u l-eżerċizzju ta' kontroll sinifikattiv mill-GTID

(394) Minbarra s-sjieda tal-Istat u r-rabtiet formali bejn l-Istat u l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, il-Kummissjoni vvalutat jekk il-kumpaniji tal-estrazzjoni għandhomx awtorità governattiva u jekk humiex jeżerċitaw din l-awtorità fit-twettiq ta' funzjonijiet governattivi.

(395) L-investigazzjoni kkonfermat li l-kumpaniji kollha tal-estrazzjoni minerarja, irrispettivament mis-sjieda tagħhom, huma soġġetti għal u jridu jimplimentaw numru ta' miżuri stabbiliti mill-gvern dwar il-provvista ta' mineral tan-nikil, jiġifieri: (1) l-obbligu ta' proċessar domestiku ("DPO"), (2) il-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet u/jew il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni, (3) il-pjan ta' ħidma annwali u l-baġit obbligatorji ("RKAB"), (4) l-obbligi ta' żvestiment, (5) il-mekkaniżmu ta' pprezzar obbligatorju. Dawn l-obbligi juru b'mod ċar li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja qegħdin iwettqu funzjonijiet governattivi.

(396) Bħala sfond rilevanti għal dawn il-miżuri kollha, il-Kummissjoni tfakkar li skont l-Artikolu 4 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, il-minerali huma kkontrollati mill-Istat. Barra minn hekk, l-objettiv ewlieni tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja huwa li jiġi mmassimizzat il-valur miżjud mir-riżervi tal-mineral tan-nikil għall-ekonomija Indoneżjana. Sabiex tagħmel dan, il-leġiżlazzjoni tipprevedi l-kontroll mill-Istat tal-attivitajiet tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam. L-Artikolu 2(2) jipprevedi li "*Il-kontroll tal-minerali u tal-faħam mill-istat kif imsemmi fil-paragrafu (1) għandu jitwettaq mill-Gvern u/jew mill-gvernijiet reġjonali*". Barra minn hekk, il-GTID jista' jistabbilixxi politika minerali li tagħti prijorità lill-interessi domestiċi, b'mod partikolari permezz tal-kontroll tal-produzzjoni u tal-esportazzjonijiet. L-Artikolu 5(2) jistipula li "*L-interessi nazzjonali kif imsemmijin fil-paragrafu (1) jistgħu jitwettqu permezz tal-kontroll tal-produzzjoni u l-esportazzjonijiet*". Il-GTID għandu l-awtorità li jistabbilixxi l-produzzjoni annwali ta' kull komodità għal kull provinċja. L-Artikolu 5(3) jistipula li "*Fl-eżerċizzju tal-kontroll kifimsemmi fil-paragrafu (2), il-Gvern għandu l-awtorità li jistabbilixxi l-produzzjoni annwali ta' kull komodità għal kull*

([84]) http://www.vale.com/indonesia/EN/aboutvale/local-leadership/boc/Pages/default.aspx

provinċja." Skont l-Artikolu 144, il-GTID qiegħed jissorvelja mill-qrib il-ġestjoni tan-negozju tal-estrazzjoni minerarja. Bħala implimentazzjoni ta' dan l-artikolu, il-GTID ippromulga l-GR 55/2010 rigward il-gwida u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-attivitajiet tal-estrazzjoni minerarja. L-Artikolu 22 jistabbilixxi li s-superviżjoni tal-GTID tirreferi, fost l-oħrajn, għar-"*realizzazzjoni tal-produzzjoni u tal-bejgħ inklużi l-kwalità u l-kwantità u l-prezz tal-mineral u tal-faħam*".

(397) Barra minn hekk, bħala implimentazzjoni tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, il-GTID ippromulga l-GR 23/2010 kif emendat bil-GR 24/2012. Fuq il-bażi tal-Artikolu 89(1) "*Il-Ministru għandu jikkontrolla l-produzzjoni tal-minerali u tal-faħam magħmul minn detenturi ta' Permessi għall-Estrazzjoni Minerarja ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni ta' minerali u ta' faħam u minn detenturi ta' Permessi Speċjali għall-Estrazzjoni Minerarja ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni ta' mineral u ta' faħam*" u l-Artikolu 89(2) " *Kontroll tal-produzzjoni tal-mineral u tal-faħam kif maħsub mit-taqsima (1) għandu jkollu l-għan li: a. jissodisfa r-rekwiżiti ambjentali; b. jikkonserva r-riżorsi tal-minerali u tal-faħam; c. jikkontrolla l-prezzijiet tal-minerali u tal-faħam.*" Barra minn hekk, skont l-Artikolu 90(1) "*Il-Ministru għandu jiddetermina l-kwantità nazzjonali tal-produzzjoni tal-minerali u tal-faħam fil-livell provinċjali*" u skont l-Artikolu 90(2) "*Il-Ministru jista' jiddelega awtorità lill-Gvernaturi sabiex jiddeterminaw il-kwantità tal-produzzjoni tal-minerali u tal-faħam għad-distretti/għall-bliet rispettivi.*" Barra minn hekk, l-Artikolu 84 jistipula li "*(1) Id-detenturi ta' Permessi għall-Estrazzjoni Minerarja ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni u d-detenturi ta' Permessi Speċjali għall-Estrazzjoni Minerarja ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni jeħtiġilhom jagħtu preferenza lill-ħtiġijiet domestiċi tal-minerali u/jew tal-faħam. (2) Il-Ministru għandu jiddetermina l-ħtiġijiet domestiċi tal-minerali u tal-faħam kif maħsubin mit-taqsima (1) li jinkludu l-ħtiġijiet għall-industriji tal-proċessar u għall-użu domestiku dirett.*"

(398) Il-kontroll tal-produzzjoni huwa akkumpanjat ukoll mill-kontroll tal-bejgħ u tal-prezzijiet domestiċi tal-minerali. L-Artikolu 92(1) ta' dan ir-regolament jawtorizza lill-Ministru sabiex "*jikkontrolla l-bejgħ ta' minerali u ta' faħam imwettaq minn detenturi ta' Permessi għall-Estrazzjoni Minerarja ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-minerali u tal-faħam u mid-detenturi ta' Permessi Speċjali għall-Estrazzjoni Minerarja ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni ta' minerali u ta' faħam*". Barra minn hekk, l-Artikolu 92(2) jistipula li "*L-kontroll tal-bejgħ tal-minerali jew tal-faħam kif maħsub mit-taqsima (1) għandu jkollu l-għan li: a. jagħti preferenza lill-provvista tal-ħtiġijiet domestiċi tal-minerali u tal-faħam; u b. jistabbilizza l-prezzijiet tal-minerali u tal-faħam.*"

(399) Minbarra l-volum tal-produzzjoni, il-GTID qed jissorvelja strettament it-tranżazzjonijiet kollha tal-bejgħ fis-suq domestiku. L-Artikolu 10 tal-MEMR 7/2017 jiddikjara li "*D-detenturi ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali tal-Metall, ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Faħam, ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali tal-Metall, u ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Faħam jeħtiġilhom jissottomettu kwalunkwe kuntratt ta' bejgħ tal-Minerali jew tal-Faħam lill-Ministru permezz tad-Direttur Ġenerali jew tal-Gvernatur f'konformità mal-awtorità tagħhom.*" Barra minn hekk, l-Artikolu 11 jiddikjara kif ġej: "*(1) Id-detenturi ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali tal-Metall, ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Faħam, ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali tal-Metall, ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Faħam huma meħtieġa jissottomettu rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' bejgħ tal-Minerali tal-Metall jew tal-Faħam kull xahar u mhux aktar tard minn 5 (ħamest) ijiem tal-kalendarju wara t-tmiem ta' kull xahar lill-Ministru permezz tad-Direttur Ġenerali jew tal-Gvernatur f'konformità mal-awtorità tiegħu. (2) Ir-rapport dwar il-bejgħ ta' Minerali tal-Metall jew tal-Faħam imsemmi fil-paragrafu (1) għandu jkun fih tal-anqas il-prezz tal-bejgħ, il-volum tal-bejgħ, il-kwalità tal-Minerali tal-Metall jew tal-Faħam mibjugħ, il-punt tal-bejgħ, u l-pajjiż jew ir-reġjun tal-bejgħ.*"

(400) Dawn il-miżuri diġà juru l-interferenza qawwija u l-kontroll tal-gvern ċentrali fis-settur tal-estrazzjoni minerarja inkluż il-mineral tan-nikil, fost l-oħrajn fir-rigward tal-mira tal-produzzjoni u tal-bejgħ, tal-kontrolli tal-prezzijiet, u ta' preġudizzju favur il-ħtiġijiet domestiċi għall-minerali estratti fl-Indoneżja. Dan ma huwiex sempliċi qafas regolatorju għan-negozju tal-estrazzjoni minerarja, iżda l-qafas li fih il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja jingħataw awtorità li ppermettitilhom jiżviluppaw funzjonijiet governattivi relatati mal-kummerċjalizzazzjoni u mal-provvista ta' prodotti tal-estrazzjoni minerarja sabiex jintlaħqu l-objettivi rilevanti tal-gvern. Il-miżuri li ġejjin speċifiċi għas-settur tal-mineral tan-nikil ikomplu juru kif il-GTID jeżerċita l-awtorità u l-kontroll tiegħu fuq il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja.

Obbligu ta' proċessar domestiku

(401) Skont l-Artikolu 102 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, "*id-detentur ta' IUP u ta' IUPK huma obbligati jżidu l-valur miżjud tar-riżorsi minerali u/jew tal-faħam fl-implimentazzjoni tal-iżvilupp, tal-proċessar, u tal-purifikazzjoni, kif ukoll fl-isfruttament tal-minerali u tal-faħam*". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 103(1) "*Id-detentur ta' IUP u ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni huwa obbligat iwettaq attivitajiet ta' proċessar u ta' purifikazzjoni fuq prodotti domestiċi tal-minjieri*" u skont l-Artikolu 103(2) "*id-detentur ta' IUP u ta' IUPK kif iddikjarat fil-paragrafu (1) jista' jipproċessa u jippurifika l-prodotti tal-minjieri ta' detenturi ta' IUP u ta' IUPK oħrajn*".

(402) L-obbligu li l-proċessar u r-raffinar jitwettqu domestikament huwa maħsub sabiex, fost affarijiet oħrajn, (a) iżid il-valur tal-estrazzjoni minerarja permezz tal-komoditajiet tiegħu, (b) jipprovdi materja prima għall-industrija, (c) jipprovdi x-xogħol, u (d) iżid l-introjtu tal-Istat. Fi kliem ieħor, dawn id-dispożizzjonijiet imponew obbligu fuq il-kumpaniji kollha tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil jew li jibnu l-faċilità tagħhom stess għall-proċessar/għall-purifikazzjoni tan-nikil jew li jbigħu l-prodott tagħhom lil tali faċilità domestika.

(403) Barra minn hekk, l-Artikolu 170 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja ppreveda "perjodu ta' grazzja" ta' ħames snin": "*Id-detentur ta' kuntratt ta' xogħol […] li diġà beda l-produzzjoni huwa meħtieġ jibda l-purifikazzjoni kif iddikjarat fil-paragrafu (1) tal-Artikolu 103 mhux aktar tard minn 5 (ħames) snin mill-promulgazzjoni ta' din il-Liġi*". L-Artikolu 112(4) tal-GR 23/2010 kif emendat bil-GR 24/2012 ikkonferma li d-detenturi ta' liċenzja tan-negozju tal-estrazzjoni minerarja jeħtiġilhom iwettqu l-proċessar u r-raffinar domestikament mhux aktar tard minn ħames snin wara l-promulgazzjoni tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja "*Awtorizzazzjonijiet għall-estrazzjoni minerarja, permessi reġjonali għall-estrazzjoni minerarja u permessi għall-estrazzjoni minerarja fuq skala żgħira mogħtijin skont il-liġijiet u r-regolamenti qabel il-ħruġ ta' dan ir-Regolament tal-Gvern għandhom jibqgħu validi sal-iskadenza tagħhom u jridu: […](c) iwettqu l-proċessar domestiku u/jew ir-raffinar/it-tidwib sa mhux aktar tard minn 5 (ħames) snin minn meta tidħol fis-seħħ il-Liġi Numru 4 tal-2009 dwar l-Estrazzjoni tal-Minerali u tal-Faħam*".

(404) Dawn l-obbligi juru li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja ma humiex liberi li jorganizzaw l-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' proċessar tagħhom skont kunsiderazzjonijiet kummerċjali. Minflok, jeħtiġilhom isegwu dawn l-obbligi sabiex jipproduċu u jipproċessaw il-mineral b'mod domestiku sabiex iżidu l-valur miżjud fl-Indoneżja. Għalhekk, b'riżultat ta' dan, huma vestiti b'awtorità tal-gvern u jwettqu attivitajiet b'mandat mill-gvern.

Limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet

(405) Fil-11 ta' Jannar 2014, il-GTID ħareġ il-GR 1/2014 li emenda l-Artikolu 112 tal-GR 24/2012 u żied l-Artikolu 112C il-ġdid. L-emenda ewlenija għall-Artikolu 112 kienet it-tneħħija tal-Artikolu 112(4)(c) fil-GR 23/2010 li kien jirrikjedi lid-detentur ta' liċenzja kummerċjali tal-estrazzjoni minerarja (IUP) jew ta' liċenzja ta' estrazzjoni minerarja fuq skala żgħira (IPR) iwettaq proċessar u raffinar domestiċi tal-minerali fi żmien ħames snin mill-promulgazzjoni tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja minħabba li l-iskadenza kienet għaddiet. It-termini ewlenin f'dan l-Artikolu 112C addizzjonali kienu kif ġej: (1) Id-detenturi ta' Kuntratti ta' Xogħol kif imsemmijin fl-Artikolu 170 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja jeħtiġilhom jirfinaw il-prodotti tal-estrazzjoni minerarja tagħhom domestikament u (2) Id-detenturi ta' liċenzji tan-negozju għall-Estrazzjoni Minerarja Operazzjonali u għall-Produzzjoni (IUPOP) kif imsemmijin fl-Artikolu 112(4)(a) ta' dan ir-regolament jeħtiġilhom jipproċessaw u jirfinaw il-prodotti tal-estrazzjoni minerarja domestikament ([85]).

(406) Fl-istess jum, l-MEMR 1/2014 ([86]) inħareġ bħala regolament ta' implimentazzjoni tal-GR 1/2014. L-MEMR 1/2014 ipprovda gwida dwar il-livell ta' proċessar jew ta' raffinar li jrid jintlaħaq qabel l-esportazzjoni. L-MEMR 1/2014 iddefinixxa l-11-il mineral tal-metall li kienu pprojbiti mill-esportazzjoni minn Jannar 2014. Sitt metalli, inkluż in-nikil, jistgħu jiġu esportati biss f'forma proċessata.

(407) F'tentattiv sabiex jittaffa l-impatt fuq il-minaturi u fuq id-dħul mill-esportazzjonijiet tal-pajjiż mill-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' minerali mhux proċessati jew mhux proċessati biżżejjed, il-GTID ħareġ il-GR 1/2017 li jippermetti lill-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja jkomplu jesportaw prodott semipproċessat u ċerti tipi ta' minerali għal perjodu ta' ħames snin mill-11 ta' Jannar 2017, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti ta' implimentazzjoni. L-Artikolu 4 tal-MOT 01/M-DAG/PER/1/2017 stipula kif ġej: "*Il-prodotti tal-Estrazzjoni Minerarja mehmużin fl-Appendiċi III kif maħsubin fil-paragrafu (1) tal-Artikolu 3 jistgħu jiġu esportati biss jekk jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet li ġejjin: a. kumpanija li jkollha IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tan-nikil jew IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tan-nikil: 1. tuża nikil b'kontenut ta' <1.7 % (anqas minn wieħed punt seba' punti perċentwali) għal tal-anqas 30 % (tletin fil-mija) tal-kapaċità tal-input totali tal-faċilità ta' proċessar u ta' purifikazzjoni tan-nikil fil-pussess tagħha; u 2. bniet jew qed tibni faċilità ta' purifikazzjoni, indipendentement minn partijiet oħrajn jew f'kooperazzjoni magħhom*".

(408) Fuq il-bażi tal-MEMR 25/2018, kien hemm regoli speċifiċi li kienu applikabbli għall-minerali tal-metall bi kriterji partikolari (jiġifieri nikil b'kontenut ta' < 1,7 %). L-Artikolu 46(1) jistipula li "Id-detenturi tal-Liċenzja tan-Negozju għall-Estrazzjoni Minerarja (IUP) għal Operazzjonijiet ta' Produzzjoni jew ta' Liċenzja Speċjali għan-Negozju tal-Estrazzjoni Minerarja (IUPK) għal Operazzjonijiet ta' Produzzjoni jistgħu jwettqu l-bejgħ ta' nikil b'livell ta' <1,7 % (anqas minn wieħed punt sebgħa fil-mija) jew ta' boksajt maħsul b'livell ta' $A1_2O_3$ >=42 % (aktar minn jew ugwali għal tnejn u erbgħin fil-mija) barra mill-pajjiż fil-kwantitajiet speċifiċi billi jużaw il-Posta Tariffarja/ SA (Sistema

([85]) https://www.pwc.com/id/en/publications/assets/eumpublications/newsflash/2014/eumnewsflash-50.pdf
([86]) http://extwprlegs1.fao.org/docs/pdf/ins137694.pdf

Armonizzata) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet u tar-regolamenti sa mhux aktar tard mid-data tal-11 ta' Jannar 2022." u l-Artikolu 46(2) jistipula li "L-bejgħ tan-nikil b'livell ta' <1,7 % (anqas minn wieħed punt sebgħa fil-mija) jew ta' boksajt maħsul b'livell ta' $A1_2O_3$ >=42 % (aktar minn jew ugwali għal tnejn u erbgħin fil-mija) kif imsemmi fil-paragrafu (1) jitwettaq skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin: a. Għandha jew qed tibni l-faċilità ta' Purifikazzjoni; u b Tħallas id-dazju fuq l-esportazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet u tar-regolamenti." Il-faċilità ta' raffinar/tidwib ingħatat il-permess sabiex tinbena jew individwalment jew flimkien ma' partijiet oħrajn.

(409) L-esportazzjoni ta' dawn il-prodotti tista' ssir biss wara proċess ta' eżami minn surveyor u wara l-approvazzjoni mid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ Barrani ("DGoFT") mogħtija wara rakkomandazzjoni mill-MEMR. L-iskop tal-eżami kien li jiġi żgurat li l-prodotti tal-estrazzjoni minerarja jissodisfaw ir-rekwiżit minimu ta' proċessar u/jew ta' raffinar.

(410) Fi Frar 2017, il-Ministru tal-Finanzi ("MtF") ħareġ il-PMK Nru 13/PMK.010/2017 ([87]) (kif sussegwentement emendat bir-Regolament tal-MtF PMK Nru 164/PMK.010/2018) li jistabbilixxi r-rati tad-dazju fuq l-esportazzjoni għad-diversi forom ta' minerali tal-metall proċessati. Għall-mineral tan-nikil b'konċentrazzjoni ta' < 1,7 % Ni, id-dazju fuq l-esportazzjoni kien ta' 10 %.

(411) Skont l-MEMR 11/2019, il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-mineral tan-nikil b'kontenut ta' anqas minn 1,7 % Ni ġiet aċċellerata sal-31 ta' Diċembru 2019. Kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-esportazzjoni li kienet inħarġet mill-MEMR għall-esportazzjoni ta' mineral tan-nikil b'kontenut ta' anqas minn 1,7 % Ni qabel il-ħruġ tal-MEMR 11/2019 baqgħet valida. Madankollu, dik ir-rakkomandazzjoni skadiet fil-31 ta' Diċembru 2019. L-MEMR 11/2019 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020. L-MEMR kien għadu kapaċi joħroġ rakkomandazzjoni dwar l-esportazzjoni għall-mineral tan-nikil b'kontenut ta' anqas minn 1,7 % Ni sal-31 ta' Diċembru 2019.

(412) Għalhekk, mill-1 ta' Jannar 2020, it-tipi kollha ta' mineral tan-nikil huma pprojbiti milli jiġu esportati.

(413) Dawn il-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet u l-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' mineral tan-nikil jillimitaw b'mod sinifikanti l-libertà tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja milli jbigħu mineral tan-nikil lil xerrejja li joffru l-ogħla prezz madwar id-dinja. Dawn il-kumpaniji jistgħu jbigħu biss fis-suq tal-Indoneżja għall-benefiċċju tal-industrija downstream, l-aktar l-industrija tal-azzar inossidabbli, minkejja li r-riżorsi tal-mineral tan-nikil huma skarsi madwar id-dinja u l-Indoneżja hija produttur kbir ħafna. Dawn ir-restrizzjonijiet iwasslu għal numru limitat ħafna ta' klijenti domestiċi bħala l-industriji tal-utenti, u wkoll għal prezzijiet domestiċi mbaxxin tal-mineral tan-nikil. Għal darb'oħra, dan juri li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, li ċertament ma humiex atturi tas-suq ħieles, huma "korpi pubbliċi" li b'mod effettiv iwettqu attivitajiet governattivi.

Pjanijiet ta' ħidma annwali u baġit (RKAB)

(414) Skont l-Artikolu 101 tal-GR 23/2010 kif emendat bil-GR 24/2012 "*Id-detenturi ta' Permessi għall-Estrazzjoni Minerarja u detenturi ta' Permessi Speċjali għall-Estrazzjoni Minerarja jeħtiġilhom iroddu d-data kollha miksuba mill-esplorazzjonijiet u mill-operazzjonijiet ta' produzzjoni lill-Ministru, lill-Gvernaturi, jew lir-Reġġenti/lis-sindki kompetenti.*" Barra minn hekk, skont l-Artikolu 103, "*Rapporti kif maħsubin mill-Artikolu 101 għandhom ikunu rapporti progressivi dwar ix-xogħol f'perjodu ta' żmien speċifikat u attività speċifikata sottomessa mid-detenturi ta' Permessi għall-Estrazzjoni Minerarja u mid-detenturi ta' Permessi Speċjali għall-Estrazzjoni Minerarja kif ukoll mid-detenturi ta' Permessi għall-Estrazzjoni Minerarja għal Operazzjonijiet ta' Produzzjoni u mid-detenturi ta' Permessi Speċjali għall-Estrazzjoni Minerarja għal Operazzjonijiet ta' Produzzjoni.*" Barra minn hekk, "*Il-pjanijiet ta' ħidma annwali u l-baġit (RKAB) kif maħsubin mill-Artikolu 101 għandhom jiġu ppreżentati lill-Ministru, lill-gvernaturi jew lir-reġġenti/lis-sindki kompetenti mhux aktar tard minn 45 (ħamsa u erbgħin) jum ta' xogħol qabel il-konklużjoni ta' kull sena kalendarja*".

(415) L-MEMR 11/2018 ([88]) (kif emendat bl-MEMR 22/2018 u bl-MEMR 51/2018) jiddefinixxi l-RKAB annwali bħala "*pjan annwali ta' ħidma u ta' baġit fin-negozju tal-minerali u tal-estrazzjoni tal-faħam, li jkopri l-aspetti tan-negozju, tekniċi u ambjentali*". L-MEMR 11/2018 jobbliga lid-detenturi ta' liċenzja tan-negozju tal-estrazzjoni minerarja sabiex iħejju u jibagħtu l-RKAB annwali lill-Ministru jew lill-Gvernatur f'konformità mal-awtorità tagħhom sabiex jiksbu l-approvazzjoni (il-punt b tal-paragrafu (1) tal-Artikolu 61). Minbarra li jipprovdi tali obbligu, l-MEMR 11/2018 jipprojbixxi lid-detenturi ta' liċenzja tan-negozju tal-estrazzjoni minerarja milli jwettqu kostruzzjoni, estrazzjoni, proċessar u/jew raffinar kif ukoll attivitajiet ta' trasport u ta' bejgħ qabel ma jiġi approvat l-RKAB annwali tagħhom.

([87]) https://jdih.kemenkeu.go.id/fulltext/2017/13~PMK.010~2017Per.pdf
([88]) http://www.apbi-icma.org/uploads/files/old/2018/02/Peraturan-Menteri-ESDM-No.11-Tahun-2018-English-Version-.pdf

(416) L-RKAB annwali għandu jiġi ppreżentat mid-detenturi ta' liċenzji tan-negozju tal-estrazzjoni minerarja u mid-detenturi ta' liċenzji tan-negozju speċjali tal-estrazzjoni minerarja tal-anqas 90 jum tal-kalendarju wara u mhux aktar tard minn 45 jum tal-kalendarju qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja, li jinkludi wkoll il-kisba tal-kunsens għall-RKAB annwali.

(417) F'isem l-MEMR jew il-Gvernatur, id-Direttorat Ġenerali tal-Minerali u tal-Faħam (DGoMC) għandu jwettaq evalwazzjoni tal-RKAB annwali u jipprovdi l-kunsens għall-RKAB annwali, jew rispons dwaru, f'mhux aktar minn 14-il jum ta' xogħol wara d-data li fiha l-RKAB annwali jiġi riċevut kompletament u kif suppost. Id-detenturi ta' IUP huma meħtieġa li jwasslu l-verżjoni riveduta tal-RKAB annwali, li jrid ikun fiha r-rispons mid-DGoMC, f'mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara d-data meta tasal it-tweġiba mid-DGoMC. Id-DGoMC għandu jagħti l-kunsens għall-verżjoni riveduta tal-RKAB annwali f'mhux aktar minn 14-il jum ta' xogħol wara d-data meta l-RKAB annwali rivedut jiġi riċevut kompletament u kif suppost. Id-detenturi ta' IUPs u ta' IUPKs ta' Esplorazzjoni, ta' IUP-OPs, ta' IUPK-OPs, jew ta' IUP-OP speċifikament għall-proċessar u/jew għar-raffinar jistgħu japplikaw għal emenda waħda għall-RKAB annwali fis-sena kurrenti, jekk ikun hemm bidla fil-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom. L-applikazzjoni għal emenda għall-RKAB annwali għandha tiġi sottomessa wara li d-detentur ta' IUP ikun ippreżenta t-tieni rapport trimestrali tiegħu, u għandha tiġi ppreżentata sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena kurrenti. Id-detenturi ta' IUP-OPs u ta' IUPK-OPs jeħtiġilhom jissottomettu emendi għar-rapporti tagħhom dwar l-istudju tal-fattibbiltà, jekk ikun hemm xi bidla fil-varjabbli tekniċi, ekonomiċi jew ambjentali, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli u tar-regolamenti applikabbli. Id-detenturi ta' IUPs u ta' IUPKs ta' esplorazzjoni, ta' IUP-OPs, ta' IUPK-OPs, jew ta' IUP-OPs speċifikament għall-proċessar u/jew għar-raffinar jeħtiġilhom jirrapportaw kwalunkwe emenda għall-użu tan-negozji tas-servizzi tal-estrazzjoni minerarja tagħhom fis-sena kurrenti.

(418) L-MEMR 11/2018 ġie rrevokat u ssostitwit bl-MEMR 7/2020 ([89]). L-MEMR 7/2020 jipprovdi dispożizzjonijiet simili għall-MEMR 11/2018 fir-rigward tar-rekwiżit li jiġi ppreżentat RKAB Annwali.

(419) Matul l-investigazzjoni, il-GTID issottometta erba' RKABs għall-minaturi tal-mineral tan-nikil. Il-Kummissjoni nnotat li RKAB jinkludi informazzjoni kwantitattiva, kwalitattiva u finanzjarja dettaljata dwar l-attività ta' esplorazzjoni, ir-riżorsi u r-riżervi, l-operazzjonijiet tal-estrazzjoni minerarja, il-volumi ta' proċessar u ta' raffinar, il-kummerċjalizzazzjoni u d-dispaċċ fuq l-esportazzjoni kif ukoll is-swieq domestiċi, l-ambjent, is-sikurezza, il-forza tax-xogħol, l-istimi finanzjarji (bejgħ, royalties, introjtu, taxxa fuq l-introjtu).

(420) Sfortunatament, il-GTID naqas milli jipprovdi studji tal-fattibbiltà attwali u evita li jidħol f'diskussjonijiet dwar kif jiġu stabbiliti l-miri tal-produzzjoni għal kull kumpanija, u mbagħad kif il-GTID jimmonitorja u jaġixxi wara fir-rigward tal-produzzjoni li fil-fatt tinkiseb għall-perjodu kopert mill-istudju tal-fattibbiltà. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni dwar dan l-aspett importanti, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq inferenzi fuq il-bażi tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

(421) Il-GTID issottometta l-volum tal-produzzjoni tal-mineral tan-nikil matul il-perjodu mill-2017 sal-2020 fl-Indoneżja kif ukoll il-konsum domestiku tal-mineral tan-nikil matul l-istess perjodu. Din id-*data* wriet li kien hemm diskrepanza sinifikanti bejn il-volum tal-produzzjoni u l-volum tal-konsum tal-mineral tan-nikil. Barra minn hekk, il-volum tal-konsum domestiku tal-mineral tan-nikil sottomess mill-GTID ma setax jiġi rrikonċiljat mal-volum tax-xiri ta' mineral tan-nikil tal-IRNC li ġew kontroverifikati matul l-RCC, li jidher li jindika li l-GTID issottometta informazzjoni żbaljata dwar il-konsum tal-mineral tan-nikil.

(422) Barra minn hekk, ta' min jinnota li minbarra r-rekwiżit ta' sottomissjoni tal-RKAB annwali spjegat fil-premessi (414) sa (419), l-MEMR 11/2018 jirrikjedi wkoll li d-detenturi ta' IUP jissottomettu tliet rapporti addizzjonali: (a) Rapport Perjodiku; (b) Rapport Finali; u (c) Rapport Speċjali, b'diversi livelli ta' rekwiżiti, skont it-tip ta' detentur ta' IUP. Fost it-tip ta' informazzjoni meħtieġ li jiġi sottomess, id-detenturi ta' IUP jeħtiġilhom jissottomettu informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' bejgħ.

(423) Matul l-RCC, il-GAG Nickel ikkonfermat li kienet tirrapporta fuq bażi trimestrali, semiannwali u annwali l-volum tal-produzzjoni kif ukoll il-volum u l-valur tal-bejgħ tal-mineral tan-nikil. Il-Kummissjoni talbet lill-kumpanija tipprovdi dawn ir-rapporti għall-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni tat lill-GTID diversi jiem wara t-tmiem tal-RCC sabiex jissottometti din l-informazzjoni. Madankollu, il-GTID issottometta din id-*data* biss wara li l-Kummissjoni infurmat lill-GTID dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku kif spjegat fil-premessa (349).

([89]) http://www.apbi-icma.org/uploads/files/regulation/PERMEN%20ESDM%20NO.%207%20THN%202020%20(ENG-VERSION).pdf

(424) Ir-regoli dwar l-RKAB juru aspett ieħor tal-kontroll sinifikattiv u strett li l-GTID jeżerċita b'mod partikolari fuq il-miri tal-produzzjoni ta' kull sena ta' kull kumpanija tal-estrazzjoni minerarja. Il-Kummissjoni kkonkludiet li, bħala riżultat ta' dawn ir-regoli dwar l-RKBs, il-karatteristiċi u l-funzjonijiet ewlenin tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja huma li jipprovdu mineral tan-nikil f'konformità mal-objettiv tal-gvern li jappoġġa l-industrija downstream tal-azzar inossidabbli. Il-grad ta' komunalità jew ta' koinċidenza fil-karatteristiċi essenzjali tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja mal-objettivi u mal-funzjonijiet tal-GTID fis-settur minerali juri li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja għandhom, jeżerċitaw jew huma vestiti b'awtorità governattiva.

Obbligu ta' żvestiment

(425) Skont il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja ta' sjieda barranija huma meħtieġa jiżvestu l-ishma tagħhom lil partijiet Indoneżjani sabiex jiġi promoss l-investiment domestiku fis-settur tal-estrazzjoni minerarja. Il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja ma tgħid xejn dwar il-livell ta' parteċipazzjoni azzjonarja, li trid tiġi żvestita, u b'ħekk jitħalla li jiġi rregolat aktar mill-Gvern Ċentrali fir-regolamenti ta' implimentazzjoni rilevanti.

(426) Il-Gvern Ċentrali gradwalment biddel il-perċentwal minimu tar-rekwiżit ta' żvestiment sa mill-ħruġ tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja. Bħalissa, ir-rekwiżit prevalenti ta' żvestiment minimu huwa ta' 51 %, kif applikat mir-raba' emenda għall-GR 23/2010 fl-2017 (GR 1/2017) ([90]) u għall-MEMR 9/2017 ([91]) (kif emendat bl-MEMR 43/2018 ([92])).

(427) Skont l-Artikolu 97 "*Detenturi ta' Permessi għall-Estrazzjoni Minerarja u detenturi ta' Permessi Speċjali għall-Estrazzjoni Minerarja fl-ambitu tal-investiment barrani jeħtiġilhom, wara 5 (ħames) snin ta' produzzjoni jiżvestu l-ishma tagħhom fi stadji, b'tali mod li fl-għaxar sena tal-anqas 51 % (*wieħed *u ħamsin fil-mija) tal-ishma tagħhom għandhom ikunu proprjetà tal-parteċipanti Indoneżjani*." Barra minn hekk, "*Żvestiment tal-ishma kif maħsub mit-taqsima (1) għandu jsir lill-parteċipanti Indoneżjani li jinkludu l-Gvern, il-gvernijiet provinċjali, jew il-gvernijiet tad-distretti/tal-bliet, l-Entitajiet tal-Istat, l-Entitajiet Proprjetà tar-Reġjun, jew l-entitajiet privati nazzjonali*".

(428) L-ishma li huma proprjetà tal-investituri barranin jistgħu jinbiegħu lil kumpaniji privati Indoneżjani biss jekk il-Gvern, il-gvernijiet provinċjali, jew il-gvernijiet tad-distretti/tal-bliet, l-Entitajiet tal-Istat, l-Entitajiet Proprjetà tar-Reġjun ikunu l-ewwel irrifjutaw li jixtru l-ishma. L-iżvestiment jista' jitwettaq permezz tal-ħruġ ta' ishma ġodda u/jew it-trasferiment jew il-bejgħ ta' ishma eżistenti, direttament jew indirettament. Ta' min jinnota li għall-kuntrarju tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, il-kumpaniji tal-funderiji ma humiex soġġetti għal xi obbligu ta' żvestiment.

(429) L-MEMR 9/2017 jistipula li l-prezz tas-sehem ta' żvestiment huwa bbażat fuq il-"valur ġust tas-suq", mingħajr ma jitqies il-valur tar-riżervi tal-minerali fiż-żmien meta jitwettaq l-iżvestiment. Din id-dispożizzjoni dwar il-prezz tas-sehem ta' żvestiment inbidlet bl-MEMR 43/2018, li jiddikjara li l-valur ġust tas-suq ma għandux iqis ir-riżervi tal-minerali jew tal-faħam, ħlief dawk li jistgħu jiġu estratti fi ħdan il-perjodu għall-IUP-OPs jew għall-IUPK-OPs. Barra minn hekk, il-kalkolu tal-valur ġust tas-suq għandu jsir bil-metodu tal-fluss tal-flus skontat, bl-użu tal-benefiċċji ekonomiċi fil-perjodu ta' implimentazzjoni żvestit sa tmiem l-IUP-OP jew l-IUPK-OP jew il-parametraġġ referenzjarju tad-*data* dwar is-suq.

(430) Fuq il-bażi tal-MEMR 9/2017, il-prezz regolat tas-sehem ta' żvestiment isir: a. Il-prezz massimu li għandu jiġi offrut lill-Gvern Ċentrali, lill-Gvern Provinċjali jew lir-Reġġenza/lill-Gvern Muniċipali; jew b. Il-prezz minimu li għandu jiġi offrut lil kumpanija proprjetà tal-Istat ("BUMN"), lil kumpanija bi sjieda tar-reġjun ("BUMD"), jew lil entità kummerċjali privata nazzjonali.

(431) PerMen 43/2018 emendat id-dispożizzjoni ta' hawn fuq, u stipulat li l-prezz regolat tas-sehem ta' żvestiment isir: a. Il-prezz massimu li għandu jiġi offrut lill-Gvern Ċentrali, lill-Gvern Provinċjali jew lir-Reġġenza/lill-Gvern Muniċipali, lill-BUMN, lill-BUMD, jew lil veikolu bi skop speċjali li jkun ġie stabbilit jew innominat mill-Gvern permezz tal-MEMR, flimkien mal-Gvern Provinċjali jew mar-Reġġenza/mal-Gvern Muniċipali, mal-BUMN u/jew mal-BUMD; jew b. Il-prezz minimu li għandu jiġi offrut lil entità kummerċjali nazzjonali privata permezz ta' sejħa għall-offerti.

([90]) http://www.apbi-icma.org/uploads/files/old/2017/02/PP-No.1-2017-ENGLISH-Version.pdf
([91]) http://www.apbi-icma.org/uploads/files/old/2017/02/Permen-ESDM-No.9-2017-English-Version.pdf
([92]) https://jdih.esdm.go.id/peraturan/25_Permen%20ESDM%20No.%2043%20Tahun%202018%20tentang%20Perubahan%20atas%20Permen%20ESDM%20Nomor%209%20Tahun%202017.pdf

(432) Il-Gvern (permezz tal-MEMR) jista' jqabbad evalwatur indipendenti sabiex jevalwa l-prezz tas-sehem ta' żvestiment. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim dwar il-prezz tas-sehem ta' żvestiment, l-MEMR 9/2017 stipula li l-ishma żvestiti għandhom jiġu offruti fuq il-bażi tal-prezz tas-sehem ta' żvestiment li jkun ġie kkalkolat b'referenza għall-evalwazzjoni li tkun twettqet mill-Gvern. Din id-dispożizzjoni issa tneħħiet fl-MEMR 43/2018.

(433) Il-Liġi tal-2020 dwar l-Estrazzjoni Minerarja żammet ir-rekwiżit ta' żvestiment tas-sjieda barranija u speċifikament stabbiliet li l-investituri barranin jeħtiġilhom jiżvestu numru ta' ishma neċessarju sabiex jiżguraw li tal-anqas 51 % tal-ishma totali tal-kumpanija jinżammu minn investituri Indoneżjani. Dan ir-rekwiżit ta' żvestiment minimu huwa konsistenti mar-rekwiżiti ta' żvestiment kurrenti applikati skont il-GR 23/2010. Fir-rigward tat-twaqqit u tal-proċeduri għal tali żvestiment, il-Liġi tal-2020 dwar l-Estrazzjoni Minerarja tipprovdi li tali kwistjonijiet se jkunu soġġetti għar-Regolamenti tal-Gvern rilevanti (bħalissa, GR 23/2010), li jeħtieġu li l-proċess ta' żvestiment jibda wara l-ħames (5) anniversarju tal-produzzjoni tal-minjiera.

(434) Dawn id-dispożizzjonijiet juru li l-GTID ifittex li jżid il-kontroll sinifikattiv tiegħu fuq il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja billi jżid il-preżenza tiegħu u jisposta l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja bi sjieda barranija. Sabiex jiġi żgurat li l-objettiv prevalenti tiegħu li jipprovdi aktar mineral tan-nikil lill-industrija downstream domestika, wara perjodu relattivament qasir dawn l-entitajiet huma obbligati li jirrinunzjaw għas-sjieda bl-ewwel dritt ta' akkwiżizzjoni mogħti lill-GTID u lil kumpaniji pubbliċi oħrajn. Hemm ukoll regoli speċifiċi dwar il-valwazzjonijiet tal-ishma li ma jidhrux li huma allinjati man-negozjati normali tas-suq li kieku jseħħu bejn l-operaturi fin-nuqqas ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-obbligi ta' żvestiment urew kif il-GTID iżomm kontroll sinifikattiv fuq is-sjieda u fuq il-ġestjoni tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja sabiex jiżgura li jkomplu jwettqu funzjonijiet governattivi f'konformità mal-objettivi ta' politika tal-GTID.

Mekkaniżmu ta' pprezzar obbligatorju

(435) L-investigazzjoni wriet li l-ipprezzar tal-mineral tan-nikil kien soġġett għal mekkaniżmu tal-gvern li kien jipprevjeni d-dinamika normali tas-suq tal-provvista u tad-domanda sabiex jiġi ddeterminat il-prezz. L-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-ipprezzar turi li l-GTID qed jimmonitorja b'mod attiv il-prezzijiet tal-mineral tan-nikil b'miżuri speċifiċi li jmorru lura għall-2010. Għall-ewwel, il-GTID afferma li l-mekkaniżmu tal-ipprezzar kien japplika l-aktar fil-kuntest tal-ġbir tar-royalties. Sussegwentement, l-intervent tal-GTID fuq il-prezzijiet issaħħaħ matul is-snin sal-introduzzjoni formali fil-leġiżlazzjoni ta' mekkaniżmu obbligatorju speċifiku tal-ipprezzar li kkodifika mekkaniżmu tal-ipprezzar li diġà kien jeżisti *de facto*. Matul is-snin, u b'mod sinifikanti mill-2017, dan il-mekkaniżmu kien dejjem maħsub sabiex jistabbilixxi l-prezz bi skont sinifikanti meta mqabbel mal-prezz prevalenti tas-suq internazzjonali, sabiex jiffavorixxi l-iżvilupp tal-industrija tal-azzar inossidabbli skont il-ftehim u l-kooperazzjoni bilaterali mal-GTĊ.

(436) L-objettiv ewlieni tal-mekkaniżmu tal-ipprezzar huwa li jiżgura li l-mineral tan-nikil jiġi pprovdut bi skont sinifikanti għall-prezzijiet internazzjonali għall-benefiċċju tal-industrija tal-azzar inossidabbli. Fl-istess ħin, il-prezz regolat ifittex li jqis ukoll l-interessi tal-minaturi sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvista b'dan il-prezz skontat, u jiġu evitati l-fallimenti u l-inkwiet soċjali. Fl-aħħar nett, jiżgura livell minimu ta' dħul għall-Istat, għalkemm wieħed ferm aktar baxx milli kieku ma kien hemm l-ebda skont meta mqabbel mal-prezz internazzjonali. Dan ġie kkonfermat mid-Direttur Ġenerali Interim tal-Minerali u tal-Faħam li qal, kif imsemmi hawn taħt, li kellu l-intenzjoni li ssir "*ġustizzja mal-funderiji li jridu l-aktar prezzijiet baxxi possibbli. Iżda min-naħa l-oħra, irid jiżgura li l-attivitajiet tal-estrazzjoni tan-nikil jipprovdu marġni suffiċjenti għall-estrazzjoni minerarja.*" ([93])

(437) Fuq il-bażi tal-evidenza kollha disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li permezz tal-prezz regolat, il-GTID kellu speċifikament l-intenzjoni li jiżgura li l-prezz tal-mineral tan-nikil jagħti skont sinifikanti meta mqabbel mal-prezzijiet tas-suq internazzjonali għall-benefiċċju tal-industrija tal-azzar inossidabbli. Permezz ta' dan il-mekkaniżmu, il-GTID eżerċita kontroll sinifikanti fuq il-kapaċità tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jistabbilixxu l-prezzijiet b'mod ieħor f'livell differenti fuq il-bażi tal-provvista u tad-domanda normali tas-suq.

([93]) https://www.esdm.go.id/en/media-center/news-archives/-new-regulation-on-mineral-ore-benchmark-price-issued

Id-dežinjazzjoni ta' kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja bħala "Oġġetti vitali nazzjonali"

(438) Biċċa evidenza addizzjonali li turi li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja huma vestiti b'awtorità tal-gvern hija d-dežinjazzjoni formali tagħhom bħala "Oġġetti vitali nazzjonali".

(439) L-investigazzjoni wriet li l-minaturi tan-nikil PT. Antam TBK UPBN Southeast Sulawesi, PT. Ceria Nugraha Indotama, PT Vale huma rikonoxxuti formalment bħala Oġġett Vitali Nazzjonali fis-settur tal-Minerali u tal-Faħam ([94]). Ta' min ifakkar li Antam hija kumpanija tal-Istat u li l-Istat għandu wkoll ishma f'PT Vale, filwaqt li PT Ceria Nugraha Indotama hija kumpanija privata.

(440) Dan l-istatus huwa bbażat fuq id-Digriet tal-MEMR Numru 202.K/HK.02/MEM.S/2021 dwar it-tieni emenda għad-Digriet tal-Ministru tal-Enerġija u r-Riżorsi Minerali Numru 77 K/90/MEMILIKI/2019 dwar Oġġetti Vitali Nazzjonali fl-enerġija u fir-riżorsi minerali, tat-18 ta' Ottubru 2021 ([95]). 34 kumpanija fis-setturi tal-minerali u tal-faħam huma elenkati bħala oġġetti vitali nazzjonali.

(441) Il-kumpaniji intitolati għal dan ir-rikonoxximent huma negozji vitali għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż jew sorsi ta' introjtu ta' natura strateġika għall-Istat. Għas-settur tal-minerali u tal-faħam. L-Oġġetti vitali nazzjonali jkollhom l-ewwel prijorità mill-Forza tal-Pulizija Nazzjonali tal-Indonežja f'termini ta' assistenza għas-sigurtà meta jkun hemm kwalunkwe tfixkil fl-operazzjonijiet jew theddida. Skont ir-Regolament 63 tal-2004 dwar is-sigurtà tal-oġġetti vitali nazzjonali, "*Il-Mantenitur tal-Oġġetti Vitali Nazzjonali huwa responsabbli għas-salvagwardja tal-Oġġetti Vitali Nazzjonali, b'kull wieħed ibbażat fuq il-prinċipju tas-sigurtà interna*". Barra minn hekk, "*Il-Pulizija tal-Istat tar-Repubblika tal-Indonežja hija obbligata tipprovdi assistenza ta' sigurtà lill-Oġġett Vitali Nazzjonali*" u "*L-Pulizija tal-Istat tar-Repubblika tal-Indonežja tiskjera l-protezzjoni tal-Oġġett Vitali Nazzjonali fuq il-bażi tal-ħtieġa u tal-kalkolu tat-theddida u/jew tad-disturb li jista' jinħoloq*." L-intervent mill-Istat huwa żgurat ukoll f'każ li jkun hemm azzjonijiet tat-trade unions ([96]).

(442) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-fatt li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja attivi fin-negozju tal-mineral tan-nikil – kemm jekk pubbliċi kif ukoll jekk privati – huma intitolati li jiġu formalment rikonoxxuti bħala "Oġġetti vitali nazzjonali", juri għal darb'oħra li għandhom, jeżerċitaw jew huma vestiti b'awtorità governattiva.

Konklużjoni

(443) L-ambjent legali u l-valutazzjoni ġenerali ta' hawn fuq juru li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jipprovdu l-mineral tan-nikil huma "korpi pubbliċi". L-ambjent legali u ekonomiku prevalenti fl-Indonežja juri li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja jwettqu funzjonijiet governattivi billi jipprovdu mineral tan-nikil f'isem il-GTID. Tabilħaqq, il-mineral tan-nikil, bħal minerali oħrajn fl-Indonežja, huma r-riżorsi naturali kkontrollati u ġestiti bis-sħiħ mill-GTID. Minkejja n-nuqqas mifrux ta' kooperazzjoni mill-GTID, l-investigazzjoni wriet li numru ta' kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jirrappreżentaw produzzjoni domestika sostanzjali tal-mineral tan-nikil huma kompletament jew parzjalment proprjetà tal-Istat, u/jew li huma ġestiti u/jew ikkontrollati mill-GTID.

(444) Minbarra l-indikazzjonijiet formali ta' kontroll, il-GTID ħoloq qafas normattiv komplut li l-kumpaniji tal-estrazzjoni jridu jaderixxu miegħu. Bħala tali, il-karatteristiċi ewlenin tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja juru li l-kumpaniji tal-estrazzjoni tan-nikil, minflok ma huma operaturi normali tas-suq, sempliċiment jimplimentaw il-qafas stabbilit mill-GTID fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet governattivi fir-rigward tal-industrija tal-SSCR. In-natura sostnuta u sistemika tal-miżuri kollha promulgati mill-GTID tkopri l-aspetti kollha tal-produzzjoni u tal-proċessar, il-bejgħ, ir-restrizzjonijiet għall-esportazzjoni, u l-ipprezzar tas-suq tal-mineral tan-nikil, kif ukoll il-kontroll strett fuq kumpaniji barranin permezz ta' obbligi ta' żvestiment u d-dežinjazzjoni formali ta' Oġġetti strateġiċi nazzjonali tal-minaturi domestiċi.

(445) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTID jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' provvista ta' mineral tan-nikil lil funderiji relatati ma' produtturi tal-azzar inossidabbli permezz ta' kumpaniji domestiċi tal-estrazzjoni minerarja li jaġixxu bħala korpi pubbliċi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iii) tar-Regolament bażiku.

([94]) https://cerindocorp.com/News/61835aaa4161220b3a25ea7d
([95]) https://cerindocorp.com/News/61835aaa4161220b3a25ea7d
([96]) https://industriallindah.com/tag/obyek-vital-nasional/

(ii) Kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja fdati jew ordnati mill-GTID

(446) Minbarra s-sejbiet tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li huma "korp pubbliku" għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll, bħala alternattiva, jekk il-GTID ipprovdiex kontribuzzjoni finanzjarja billi afda jew idderieġa lil kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil (bħala korpi privati) sabiex ibigħu mineral tan-nikil lill-produtturi tal-azzar inossidabbli għal remunerazzjoni anqas minn adegwata, kif previst fl-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

Standard legali

(447) It-tieni inċiż tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku jiddikjara li jkun hemm kontribuzzjoni finanzjarja jekk gvern: "*jinkariga jew jidderieġi korp privat biex iwettaq waħda jew iktar mit-tip ta' funzjonijiet deskritti fil-punti (i), (ii) u (iii) li normalment ikunu responsabbiltà tal-gvern, u l-prattika, fl-ebda sens, ma tkun differenti mill-prattiċi normali segwiti minn gvernijiet*". It-tip ta' funzjonijiet deskritti mill-Artikolu 3(1)(a)(iii) tar-Regolament bażiku jseħħu meta "*il-gvern jipprovdi oġġetti jew servizzi apparti mill-infrastruttura ġenerali, jew jixtri oġġetti…*". Dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu l-paragrafi (iii) u (iv) tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM u jenħtieġ li jiġu interpretati u applikati fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO.

(448) Il-Bord tad-WTO f'*US – Export Restraints* iddeċieda li t-tifsira ordinarja taż-żewġ kelmiet "jinkariga" ("entrust") u "jordna" ("direct") fl-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim SCM titlob li l-azzjoni tal-gvern trid tkun tinkludi kunċett ta' delega (fil-każ ta' inkarigu) jew ta' kmand (fil-każ ta' ordni). Huwa rrifjuta l-"argument tal-kawża u l-effett" tal-Istati Uniti u talab azzjoni espliċita u affermattiva ta' delega jew ta' kmand. Madankollu, f'każ sussegwenti (*US – Countervailing duties on DRAMS*), il-Korp tal-Appell sostna li s-sostituzzjoni tal-kliem "jinkariga" ("entrusts") u "jordna" ("directs") b'"delega" ("delegation") u bi "kmand" ("command") hija riġida wisq bħala standard. Skont il-Korp tal-Appell, "inkarigu" ("entrustment") iseħħ meta gvern jagħti responsabbiltà lil korp privat u "ordni" ("direction") tirreferi għal sitwazzjonijiet li fihom il-gvern jeżerċita l-awtorità tiegħu fuq korp privat. Fiż-żewġ każijiet, il-gvern juża korp privat bħala prokura sabiex jagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja u "fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, wieħed jistenna li l-inkarigu jew l-ordni ta' korp privat ikunu jinvolvu xi forma ta' theddida jew ta' persważjoni".

(449) Fl-istess waqt, il-paragrafu (iv) tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim dwar l-SCM ma jippermettix li l-Membri jimponu miżuri kumpensabbli għal prodotti "*kull meta* l-gvern *ikun sempliċiment qed jeżerċita s-setgħat regolatorji ġenerali tiegħu*" jew meta l-intervent tal-gvern "*jista' jkollu jew ma jkollux riżultat partikolari sempliċiment ibbażat fuq iċ-ċirkustanzi fattwali partikolari u fuq l-eżerċizzju tal-għażla libera mill-atturi f'dak is-suq*". Minflok, l-inkarigu u l-ordni jimplikaw "*irwol aktar attiv tal-gvern minn sempliċi atti ta' inkoraġġiment*". Barra minn hekk, id-WTO ma qisitx li "*it-tħallija tad-diskrezzjoni lil korp privat hija neċessarjament f'kunflitt mal-għoti jew mad-direzzjoni ta' dak il-korp privat […]. Filwaqt li jista' jkun hemm każijiet li fihom il-firxa ta' diskrezzjoni li titħalla f'idejn il-korp privat tkun tali li jsir impossibbli li jiġi konkluż kif xieraq li dak il-korp privat ikun ġie fdat jew ordnat (iwettaq kompitu partikolari), din hija kwistjoni fattwali/evidenzjarja li għandha tiġi indirizzata fuq bażi ta' każ b'każ.*" F'konformità ma' dawk id-deċiżjonijiet tad-WTO, mhux il-miżuri kollha tal-gvern li kapaċi jrendu benefiċċji huma ekwivalenti għal kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 1.1(a) tal-Ftehim SCM.

(450) Fil-qosor, id-deċiżjonijiet rilevanti tad-WTO jistipulaw li:

(i) id-determinazzjoni ta' jekk hemmx "kontribuzzjoni finanzjarja" skont l-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM jenħtieġ li tiffoka fuq in-natura tal-azzjoni tal-gvern, aktar milli fuq l-effetti jew fuq ir-riżultati tal-azzjoni tal-gvern. Fi kliem ieħor, huwa rikonoxxut ferm li l-gvernijiet jintervjenu fis-suq bħala regolaturi u, meta jagħmlu dan, jikkawżaw effetti fuq is-suq u fuq l-operaturi tiegħu. F'dan is-sens, gvern jista' jimponi leġittimament dazji fuq l-esportazzjoni sabiex jiġġenera dħul f'każ ta' komodità kompetittiva ħafna fis-swieq internazzjonali. B'kuntrast, ma hemmx impożizzjoni leġittima bħal din ta' limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet meta jsir evidenti li l-użu ta' tali strument flimkien ma' mekkaniżmi oħrajn sabiex il-komoditajiet jinżammu fis-suq domestiku, u sabiex il-forniturijiġu sfurzati jbigħu taħt il-prezzijiet tas-suq, ikun parti minn skema aktar wiesgħa maħduma mill-gvern sabiex jappoġġa industrija partikolari jew sett ta' industriji sabiex jagħti spinta lill-kompetittività tagħhom. B'hekk, in-natura tal-azzjoni tal-gvern, inklużi l-kuntest, l-għan u l-iskop tagħha, hija rilevanti fil-valutazzjoni tal-element ta' "kontribuzzjoni finanzjarja";

(ii) "l-inkarigu" jew "l-ordni" tkun tinvolvi azzjoni espliċita u affermattiva indirizzata lil parti partikolari b'rabta ma' kompitu jew ma' dover partikolari, li jkun differenti ħafna mis-sitwazzjoni li fiha gvern jintervjeni fis-suq b'xi mod, li jista' jkollu jew ma jkollux riżultat partikolari minħabba ċ-ċirkustanzi fattwali u l-eżerċizzju tal-għażla libera mill-atturi f'dak is-suq. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kwistjoni ewlenija wara l-kunċetti ta' inkarigar jew ta' direzzjoni hija jekk l-imġiba inkwistjoni, jiġifieri l-kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' provvediment ta' oġġett għal remunerazzjoni anqas minn adegwata, tistax tiġi attribwita lill-gvern jew tkunx għadha l-għażla libera tal-operaturi privati fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tas-suq, bħal restrizzjonijiet regolatorji;

(iii) l-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim SCM huwa, essenzjalment, dispożizzjoni antiċirkomvenzjoni u, għalhekk, sejba ta' inkarigu jew ta' ordni tirrikjedi li l-gvern jagħti responsabbiltà lil korp privat jew jeżerċita l-awtorità tiegħu fuq korp privat sabiex jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja. F'ħafna każijiet, wieħed jistenna li l-inkarigar jew l-ordni ta' korp privat tinvolvi xi forma ta' theddida jew ta' persważjoni, li tista' sservi bħala evidenza ta' inkarigar jew ta' ordni. Madankollu, il-gvernijiet aktarx ikollhom mezzi oħrajn disponibbli sabiex jeżerċitaw awtorità fuq korp privat, li wħud minnhom jistgħu jkunu "aktar sottili" minn kmand jew mhux bilfors jinvolvu l-istess grad ta' ġegħil;

(iv) Irid ikun hemm "konnessjoni li tista' tintwera" bejn l-att tal-gvern u l-imġiba tal-korp privat. Ma hemmx raġuni għaliex jenħtieġ li każ ta' inkarigar jew ta' ordni mill-gvern ma jkunx imsejjes fuq indizji (bħal pereżempju atti impliċiti u informali ta' delega jew ta' kmand), dment li din l-evidenza tkun probatorja u konvinċenti. F'dan ir-rigward, l-evidenza tal-intenzjoni tal-gvern li jappoġġa l-industrija downstream (pereżempju, permezz ta' politiki jew deċiżjonijiet tal-gvern iddikjarati pubblikament, jew azzjonijiet governattivi oħrajn), jew l-eżistenza ta' miżuri governattivi oħrajn li jiżguraw riżultat partikolari fis-suq (eż. restrizzjoni tal-esportazzjoni flimkien ma' miżura tal-gvern li timpedixxi lill-operaturi soġġetti għal dawk ir-restrizzjonijiet milli jaħżnu l-prodotti tagħhom jew regolament tal-gvern bl-għan li jżomm il-prezzijiet domestiċi baxxi għall-prodott ikkonċernat), tista' tkun rilevanti sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' "kontribuzzjoni finanzjarja" skont l-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim SCM (b'mod partikolari bħala mod indirett għall-gvern sabiex jipprovdi oġġetti, kif previst fis-subparagrafu (iii)). F'ċerti ċirkustanzi, "gwida" minn gvern tista' tikkostitwixxi ordni. Fl-aħħar nett, skont iċ-ċirkustanzi, korp privat jista' jiddeċiedi li ma jwettaqx funzjoni li jkun ġie inkarigat jew ordnat jagħmel, minkejja l-konsegwenzi negattivi possibbli li jistgħu jirriżultaw. Madankollu, dan waħdu ma jurix li l-korp privat ma kienx inkarigat jew ordnat.

(451) F'konformità ma' dik il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni eżaminat in-natura tal-intervent tal-GTID, jiġifieri jekk l-intervent tal-GTID jinvolvix l-inkarigu jew l-ordni tal-produtturi tal-mineral tan-nikil sabiex jipprovdu mineral tan-nikil b'remunerazzjoni anqas minn adegwata lill-funderiji; in-natura tal-korpi fdati jew ordnati, jiġifieri jekk il-produtturi tal-mineral tan-nikil humiex korpi privati skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku; u l-azzjoni tal-korpi fdati jew ordnati, jiġifieri jekk il-produtturi tal-mineral tan-nikil fdati jew ordnati jipprovdux mineral tan-nikil lill-funderiji Indoneżjani għal remunerazzjoni anqas minn adegwata u, għalhekk, jaġixxux bħala prokura għall-GTID. Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat jekk il-funzjoni mwettqa normalment tkunx vestita fil-Gvern, jiġifieri jekk il-provvista ta' mineral tan-nikil lill-funderiji fl-Indoneżja hijiex attività normali tal-gvern, u jekk tali funzjoni ma tvarjax, f'sens reali, mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet, jiġifieri jekk il-provvista propja tal-mineral tan-nikil mill-produtturi/mill-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, f'sens reali, tvarjax minn dik li l-gvern innifsu kien jagħmel.

Valutazzjoni

(452) Fid-dawl tal-ġurisprudenza tad-WTO msemmija fit-taqsima preċedenti, il-Kummissjoni analizzat l-ewwel jekk l-appoġġ tal-GTID lill-industrija tal-azzar tal-Indoneżja fil-forma ta' provvista ta' mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata huwiex effettivament objettiv tad-diversi miżuri tal-gvern inkwistjoni u mhux biss "effett sekondarju" tal-eżerċizzju tas-setgħa regolatorja ġenerali. L-investigazzjoni eżaminat b'mod partikolari jekk il-prezzijiet aktar baxxi tal-mineral tan-nikil kinux parti mill-objettivi tal-gvern, jew jekk il-prezzijiet aktar baxxi kinux pjuttost prodott sekondarju "involontarju" tar-regolamentazzjoni ġenerali tal-gvern. Il-Kummissjoni kkonkludiet li d-diversi interventi mill-GTID kellhom bħala l-objettiv tagħhom li jappoġġaw l-industrija tal-azzar inossidabbli, u li l-prezzijiet aktar baxxi tal-mineral tan-nikil kienu objettiv intenzjonat ta' dawn il-miżuri.

(453) Il-GTID ħa numru ta' miżuri matul is-snin sabiex jilħaq l-għan ta' politika tiegħu. It-Taqsima 4.4 spjegat fid-dettall l-isfond u l-kuntest rilevanti li wasslu għad-deċiżjoni tal-GTID li jimmassimizza l-valur miżjud mir-riżervi sinifikanti tal-mineral tan-nikil billi tiġi żviluppata domestikament industrija tat-tidwib u tal-azzar inossidabbli downstream. Parti minn din il-politika ġenerali tal-GTID kienet li l-funderiji jiġu inċentivati sabiex jibnu u jżommu l-kapaċità ta'

tidwib fl-Indoneżja, fost l-oħrajn billi jiġu żgurati prezzijiet baxxi għall-mineral tan-nikil għal dawn il-funderiji, u b'mod partikolari permezz ta' limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet flimkien ma' miżuri addizzjonali tal-gvern; b'mod partikolari, ir-rekwiżiti ta' proċessar domestiku u mekkaniżmu tal-ipprezzar obbligatorju li jżommu l-prezzijiet baxxi b'mod artifiċjali.

(454) B'mod partikolari, il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja imponiet obbligu fuq il-kumpaniji kollha tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil jew sabiex jibnu l-faċilità tagħhom stess għall-proċessar/għall-purifikazzjoni tan-nikil jew sabiex ibigħu l-prodott tagħhom lil tali faċilità domestika. Dan kien jikkostitwixxi projbizzjoni de facto fuq l-esportazzjoni tal-mineral tan-nikil mhux proċessat. Wieħed mill-objettivi ddikjarati ewlenin tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja f'dan ir-rigward huwa: "*li tappoġġa u tkabbar l-espansjoni tal-kapaċitajiet nazzjonali sabiex ikun hemm kapaċità kompetittiva akbar fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali*" (l-Artikolu 3(d)). Il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja tikkonferma l-għan tal-GTID li jibni l-industriji downstream tal-proċessar tal-mineral u li jiżgura li dawn ikollhom vantaġġ kompetittiv fuq livell internazzjonali. Peress li l-użu ewlieni għall-mineral tan-nikil huwa l-produzzjoni tal-azzar inossidabbli, huwa ċar li l-produtturi esportaturi huma l-benefiċjarji ewlenin tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja.

(455) Kif spjegat fid-dettall fit-taqsima preċedenti dwar il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jaġixxu bħala korpi pubbliċi, il-GTID implimenta b'mod partikolari l-miżuri li ġejjin dwar il-mineral tan-nikil li japplikaw għall-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja kollha irrispettivament minn jekk ikunux proprjetà tal-Istat jew proprjetà privata:

i. Obbligu ta' proċessar domestiku (ara l-premessi (401) sa (404));

ii. Limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet sal-2019 u projbizzjoni sħiħa fuq l-esportazzjoni mill-1 ta' Jannar 2020 (ara l-premessi (405) sa (413));

iii. Mekkaniżmu tal-ipprezzar obbligatorju (ara l-premessi (435) sa (437)).

(456) Fil-qosor, l-obbligu ta' proċessar obbligatorju kien jeħtieġ li l-funderiji jipproċessaw il-mineral tan-nikil b'mod domestiku, li juri li l-GTID kellu l-għan li jiżgura li l-mineral tan-nikil jiġi prodott u pproċessat domestikament, u ma jiġix esportat. Il-limitazzjonijiet u l-projbizzjonijiet sussegwenti *de facto* jew *de jure* tal-esportazzjonijiet tal-mineral tan-nikil effettivi mill-2014, wara l-perjodu tranżizzjonali li beda fl-2009, u b'mod partikolari l-projbizzjoni sħiħa fuq l-esportazzjoni mill-1 ta' Jannar 2020, kienu maħsubin speċifikament sabiex jiżguraw li l-mineral tan-nikil, minbarra li kellu jiġi pproċessat domestikament, ma setax jiġi esportat. Minflok, kellu jinżamm fis-suq domestiku għall-benefiċċju tal-industrija tal-azzar inossidabbli u rriżulta fi prezzijiet domestiċi aktar baxxi tal-mineral tan-nikil.

(457) Il-prezzijiet baxxi tal-mineral tan-nikil li rriżultaw mil-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet (u r-rekwiżit ta' proċessar domestiku) ġew appoġġati b'mod ulterjuri minn mekkaniżmu tal-ipprezzar obbligatorju introdott fl-2020.

(458) Il-GTID beda jirregola ċerti aspetti tal-prezzijiet tal-mineral tan-nikil sa mill-2010 permezz tal-Artikolu 85 tal-GR 23/2010. Il-leġiżlazzjoni kienet tinkludi prezz referenzjarju prinċipalment għall-finijiet tal-kalkolu tal-livell ta' royalties dovuti lill-GTID. Għadu ma rregolax il-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja u l-funderiji. Barra minn hekk, f'dak iż-żmien bikri, il-prezz referenzjarju kien japplika biss għal tranżazzjon ijiet domestiċi tal-mineral tan-nikil. Il-GTID ried jiżgura li, minħabba l-livell potenzjalment baxx tal-prezzijiet domestiċi għall-kuntrarju tal-prezzijiet tal-esportazzjoni, il-gvern ikun jista' jiġbor livell ġust ta' royalties fuq il-bejgħ domestiku. Il-mekkaniżmu tal-ipprezzar kif stabbilit fl-Artikolu 85 kien soġġett għal emenda importanti fl-2017 permezz tal-GR 1/2017, li bih il-GTID beda jirregola mhux biss il-prezz tal-mineral tan-nikil fir-rigward tar-royalties iżda l-prezz tat-tranżazzjoni attwali. Il-verżjoni emendata tal-Artikolu 85 bħal fil-GR 1/2017 tiddikjara kif ġej: "*(1) Id-detenturi ta' IUP tal-Operazzjonijiet ta' Produzzjoni, kemm tal-minerali kif ukoll tal-faħam, li jbigħu l-mineral u l-faħam jeħtiġilhom jirreferu għall-prezz referenzjarju (2) Il-prezz imsemmi fil-punt (1) huwa stipulat minn: a. Ministru għall-metall u għall-faħam b. Gvernatur jew reġġent/sindku, skont ir-rwol tiegħu, għal minerali mhux metalliċi u għal ħaġar. (3) Il-prezz, isemmi fil-punt (1), huwa stipulat b'mekkaniżmu tas-suq u/jew skont il-prezz li jiġi aċċettat fis-suq internazzjonali. (4) Id-dettalji dwar l-iffissar tal-prezzijiet tal-minerali metalliċi u tal-faħam huma stabbiliti b'Regolament tal-Ministru.*" ([97])

([97]) Il-GTID iddikjara li din il-verżjoni emendata tal-Artikolu 85 fil-GR 1/2017 kellha l-għan li tapplika l-HPM fil-bejgħ tal-minerali u tal-faħam għall-fini tal-kalkolu tad-dħul tal-Istat. Madankollu, ma jidhirx li hemm xi referenza għall-fatt li jenħtieġ li l-HPM jintuża biss għall-fini tal-kalkoli tad-dħul tal-Istat f'dan ir-regolament.

(459) Il-GTID stabbilixxa l-mekkaniżmu attwali sabiex jiġu stabbiliti l-prezzijiet referenzjarji għat-tranżazzjonijiet bejn kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja u l-funderiji permezz tar-regolamenti speċifiċi tiegħu sabiex jinkiseb skont sinifikanti fuq il-prezz tal-mineral tan-nikil fis-swieq internazzjonali. Il-prezz referenzjarju għan-nikil (HPM) ġie pprovdut permezz ta' formula stabbilita fid-Digriet tal-MEMR 2946K/30/MEM/2017, kif ġej: HPM Mineral tan-Nikil = % Ni x CF x HMA Nikil. "1. *HPM Mineral tan-Nikil għandu jkun il-prezz referenzjarju tal-mineral tal-metall fil-forma ta' mineral tan-nikil f'USD/DMT 2. % Ni huwa l-kontenut ta' Ni fil-mineral tan-nikil. 3. CF huwa Fattur ta' Korrezzjoni, li huwa l-ammont ta' perċentwal li jakkomoda l-valur ta' skont jew primjum kontra l-kwalità tal-komodità li tkun qed tinbiegħ, taħt il-provvista ta': a. CF għall-mineral tan-nikil b'1,9 % Ni = 20 %; u b. CF ivarja f'livell 1 % ogħla/anqas għal kull żieda fil-kontenut ta' Ni b'0,1 %.*" L-MEMR 7/2017 jiddefinixxi HPM bħala "*l-prezz tal-minerali tal-metall li jiġu ddeterminati f'punt tal-bejgħ, Frank Abbord għal kull komodità tal-estrazzjoni tal-Minerali tal-Metall;*" u HMA bħala "*l-prezz miksub mill-prezzijiet medji ppubblikati tal-Minerali tal-Metall fix-xahar preċedenti jew il-prezz fl-istess data tat-tranżazzjoni skont il-kwotazzjoni tal-prezz mill-prezz ippubblikat tal-Minerali tal-Metall*". L-ammont ta' HMA jiġi ddeterminat mill-Ministru kull xahar u jirreferi għal prezzijiet internazzjonali bħall-prezz tal-London Metal Exchange (LME) għan-nikil.

(460) Filwaqt li, tabilħaqq, il-formula għall-kalkolu tal-HPM regolat għall-mineral tan-nikil hija marbuta mal-prezz internazzjonali tal-mineral tan-nikil, din il-formula tinkludi fattur ta' korrezzjoni sinifikanti li jiżgura li l-prezz domestiku tal-mineral tan-nikil tal-Indoneżja jkun ferm anqas mill-prezzijiet internazzjonali.

(461) Ir-regolament dwar l-ipprezzar juri wkoll b'mod speċifiku l-intenzjoni tal-GTID li jirregola l-prezzijiet għall-benefiċċju tal-industrija domestika tal-azzar inossidabbli f'livell taħt il-kundizzjonijiet normali tas-suq. Il-mekkaniżmu kien maħsub sabiex jikseb prezz bi skont sinifikanti għall-prezz tas-suq internazzjonali. Dan ġie kkonfermat minn diversi dikjarazzjonijiet tal-GTID. Dan il-mekkaniżmu tal-ipprezzar kien strumentali wkoll għall-objettivi ta' politika tal-GTID peress li żgura li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja setgħu jkomplu jipproduċu u jfornu lill-industrija downstream, minħabba li l-preġudizzju fil-politika tal-GTID favur il-funderiji kien ipperikola s-sussistenza ta' diversi minaturi.

(462) L-Istqarrija għall-Istampa Nru 253.Pers/04/SJI/2020 tal-MEMR dwar ir-Regolament il-Ġdid dwar il-Prezz Referenzjarju tal-Minerali ([98]) tikkonferma l-fatt li permezz tal-mekkaniżmu tal-ipprezzar regolat, il-GTID għandu l-ħsieb li jżomm il-livell baxx tal-prezz tal-mineral tan-nikil għall-benefiċċju tal-industrija domestika tal-funderiji bħala l-objettiv ewlieni tiegħu, filwaqt li jiżgura li l-prezz jippermetti l-kontinwazzjoni tal-produzzjoni tal-mineral tan-nikil. Id-Direttur Ġenerali Interim tal-Minerali u tal-Faħam jispjega b'mod ċar li "*l-gvern stabbilixxa l-HPM taħt il-prezz internazzjonali sabiex iżid l-ekonomiji ta' skala tal-funderiji,*" u li "*aktar ma jkun baxx l-HPM, aktar ikunu ekonomiċi l-funderiji. Dejjem nistabbilixxu l-HPM taħt il-prezz tas-suq internazzjonali.*" Id-Direttur tat-Tħeġġiġ tal-Minerali u tal-Intrapriża, Yunus Saefulhak, ta illustrazzjoni tal-istabbiliment tal-HPM taħt il-prezz internazzjonali. "*Pereżempju, jekk il-prezz internazzjonali jkun ta' USD 60 (għal kull Tunnellata Metrika Niedja), il-prezz tagħna (tal-Indoneżja) ikun ta' USD 30 (għal kull WMT)*" ([99]).

(463) Kummentaturi oħrajn jirrapportaw ukoll li l-GTID żamm attenzjoni kbira fuq l-interess tal-funderiji meta stabbilixxa l-prezz tal-mineral tan-nikil. Id-Direttur Ġenerali Interim tal-Minerali u tal-Faħam ikkonferma li kellu l-ħsieb li ssir "*ġustizzja għall-funderiji li jridu l-aktar prezzijiet baxxi possibbli. Iżda min-naħa l-oħra, irid jiżgura li l-attivitajiet tal-estrazzjoni tan-nikil jipprovdu marġni suffiċjenti għall-estrazzjoni minerarja*" ([100]) u żied "*Naturalment, jekk jogħġbok kun af li wara li l-kalkolu, il-prezz minerali medju għadu 30 fil-mija anqas mill-prezz internazzjonali. Dan għandu l-għan li jħeġġeġ il-klima ta' investiment tal-funderiji sabiex jibnu faċilitajiet ta' proċessar u ta' raffinar fl-Indoneżja.*" ([101]) Il-prezz regolat għall-mineral tan-nikil, barra mill-kundizzjonijiet tas-suq, jista' jaħdem biss bl-implimentazzjoni parallela tal-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni li tipprevjeni lill-minaturi minn opportunitajiet oħrajn ta' bejgħ u l-possibbiltà li jevitaw il-limitazzjonijiet tal-prezzijiet billi jbigħu l-prodotti tagħhom barra mill-pajjiż bi prezz ogħla.

([98]) https://www.esdm.go.id/en/media-center/news-archives/-new-regulation-on-mineral-ore-benchmark-price-issued
([99]) https://www.esdm.go.id/en/media-center/news-archives/-new-regulation-on-mineral-ore-benchmark-price-issued
([100]) http://www.ima-api.org/wp-content/uploads/2020/07/IMA-Daily-Update-Tuesday-July-21-2020-dikonversi.pdf
([101]) http://www.ima-api.org/wp-content/uploads/2020/07/IMA-Daily-Update-Tuesday-July-21-2020-dikonversi.pdf

(464) Billi l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja jiġu soġġetti għal limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet għall-mineral tan-nikil, flimkien ma' miżuri oħrajn tal-gvern inkluż b'mod partikolari (i) regolamentazzjoni tal-prezzijiet li żammet il-prezzijiet tal-mineral tan-nikil baxxi b'mod artifiċjali, u (ii) rekwiżiti ta' proċessar domestiku li rriżultaw fi provvista żejda u fi prezzijiet mniżżlin, il-GTID qiegħed lill-minaturi tan-nikil f'sitwazzjoni ekonomikament irrazzjonali, billi ġegħelhom ibigħu l-mineral tan-nikil domestikament għal prezzijiet artifiċjalment baxxi meta mqabblin mal-prezzijiet sostanzjalment ogħla li setgħu kisbu kieku mingħand ħafna aktar klijenti potenzjali finnuqqas tal-obbligi ta' liċenzjar u tal-mekkaniżmu tal-ipprezzar. Għalhekk, il-minaturi tal-mineral tan-nikil huma mċaħħdin minn għażla kummerċjali razzjonali, u huma mġegħlin jikkonformaw mal-objettiv ta' politika tal-GTID sabiex jiffavorixxu l-industrija tal-azzar inossidabbli.

(465) Fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-GTID rigward il-produzzjoni u l-konsum tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja, bilprežunzjoni li din id-*data* hija akkurata hekk kif jafferma l-GTID (ara l-premessi (348) u (351)), il-produzzjoni talmineral tan-nikil hija ogħla b'mod sinifikanti mill-konsum tal-mineral tan-nikil.

(466) Fi kliem ieħor, dawn il-miżuri meħudin flimkien jikkostitwixxu azzjoni espliċita u affermattiva mill-GTID ta' delega jew ta' kmand lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil bl-effett li jipprovdu mineral tan-nikil lill-funderiji għal remunerazzjoni anqas minn adegwata. Ir-rwol tal-GTID mar ferm lil hinn minn intervent ordinarju bħala regolatur tas-suq fis-settur tal-estrazzjoni minerarja. Il-miżuri rilevanti mhux biss irregolaw l-aspetti ġenerali tassuq, iżda imponew imġiba speċifika fuq il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja billi obbligawhom jipproċessaw il-mineral b'mod domestiku, billi jagħlqu s-swieq tal-esportazzjoni, u billi jirregolaw prezz bi skont sinifikanti għassuq internazzjonali. Dawn il-miżuri kollha twettqu sabiex il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja jipprovdu mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata għall-benefiċċju tal-industrija downstream. Dik l-intenzjoni saret ċara permezz ta' diversi dikjarazzjonijiet u azzjonijiet ta' politika.

(467) Billi obbliga lill-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja jikkonformaw ma' dawn il-miżuri (inkluż permezz ta' penali u revoka tal-liċenzji, ara l-premessi (337) - (375)), il-GTID ċaħħadhom mill-kapaċità li jagħżlu liberament l-istrateġiji tal-produzzjoni u tal-bejgħ tagħhom skont kunsiderazzjonijiet tas-suq. Fi kliem ieħor, dawn il-miżuri jikkostitwixxu b'mod ċar "rabta dimostrabbli" bejn l-att tal-gvern u l-imġiba tal-kumpaniji privati tal-estrazzjoni minerarja. Il-GTID uża l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja bħala prokura sabiex jappoġġa l-funderiji u l-produtturi tal-azzar inossidabbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà nnotat li l-GTID jimmaniġġja u jikkontrolla l-estrazzjoni minerarja ta' riżorsi naturali, inkluż il-mineral tan-nikil, bħala parti mill-funzjonijiet governattivi tiegħu (ara l-premessa (374)). Għalhekk, il-provvista ta' mineral tan-nikil tista' tiġi ttrattata bħala funzjoni normalment vestita lill-gvern skont l-eżerċizzju tas-setgħat regolatorji tiegħu.

(468) Fil-fatt, aktar milli jforni mineral tan-nikil b'remunerazzjoni anqas minn adegwata direttament lill-industrija tal-azzar inossidabbli sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' ordni pubbliku tal-GTID li tiġi attirata kapaċità ta' tidwib permezz ta' prezzijiet baxxi tal-mineral tan-nikil, il-GTID wassal sabiex il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, permezz ta' sett ta' liġijiet u ta' regolamenti mmirati bir-reqqa, jagħmlu dan f'ismu.

(469) Fil-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali, il-GTID l-ewwel nett oppona r-referenza għall-Kostituzzjoni tal-1945 filpremessa (374) bħala kompletament irrilevanti fil-kuntest tal-istabbiliment tal-kontribuzzjoni finanzjarja. F'dan ir-rigward, il-GTID fakkar il-prinċipju tas-sovranità tal-Istat, li jinkludi l-prinċipju tas-sovranità fuq ir-riżorsi nazzjonali, kif rikonoxxut mill-Bord tad-WTO f'*China – Raw Materials* ([102]).

(470) L-ewwel nett, il-Kummissjoni nnotat li r-referenza għall-Kostituzzjoni tal-1945 hija mingħajr preġudizzju għallprinċipju tas-sovranità tal-Istat, inkluż il-prinċipju tas-sovranità fuq ir-riżorsi naturali. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma kellhiex dubji dwar il-possibbiltà jew il-kapaċità tal-GTID li jagħmel għażliet ta' politika u regolatorji. L-unika sejba li fil-premessa (374) il-Kummissjoni ħadet mill-Kostituzzjoni tal-1945, flimkien mal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, hija li l-minerali kollha fl-Indoneżja huma riżorsi naturali pubbliċi, li huma kkontrollati u użati mill-Istat. Il-Kummissjoni ma stabbilietx, fuq il-bażi tal-kwotazzjoni tal-Kostituzzjoni tal-1945 limitata għallparagrafu 2 tal-Artikolu 33 biss, li l-GTID ipprovda kontribuzzjoni finanzjarja fil-kuntest tal-forniment ta' mineral tan-nikil mil-LTAR. Ir-rilevanza tal-Kostituzzjoni tal-1945 hija ġġustifikata mill-fatt li l-Artikolu 33 jissemma darbtejn fil-preambolu tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, li fil-fatt tirregola s-settur tal-estrazzjoni

([102]) Ir-Rapporti tal-Bord *China – Measures Related to the Exportation of Various Raw Materials*, WT/DS394/R, Add.1 u Corr.1 / WT/DS395/R, Add.1 u Corr.1 / WT/DS398/R, Add.1 u Corr.1, adottati fit-22 ta' Frar 2012, kif immodifikati mir-Rapporti tal-Korp tal-Appell WT/DS394/AB/R / WT/DS395/AB/R / WT/DS398/AB/R, DSR 2012:VII, p. 3 501, il-paragrafi 7.378 u 7.380.

minerarja u tipprovdi implimentazzjoni għall-prinċipju stabbilit fil-Kostituzzjoni tal-1945. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li l-prinċipju tas-sovranità tal-Istat ma jeskludix li ċerti għażliet ta' politika u regolatorji, adottati liberament mill-GTID, jistgħu jiġu kkwalifikati, flimkien mal-evidenza l-oħra kollha disponibbli, bħala li jipprovdu kontribuzzjoni finanzjarja għall-fini tal-obbligi tal-GTID skont id-WTO. Tabilħaqq, f'*China – Raw Materials*, il-Bord, filwaqt li rrikonoxxa li "*l-kapaċità li wieħed jidħol fi ftehimiet internazzjonali – bħall-Ftehim tad-WTO – hija eżempju prim tal-eżerċizzju tas-sovranità*" ([103]), fakkar li "*l-Membri jeħtiġilhom jeżerċitaw is-sovranità tagħhom fuq ir-riżorsi naturali b'mod konsistenti mal-obbligi tagħhom tad-WTO*" ([104]). Konsegwentement, dwar is-sustanza tal-każ, f'*China – Raw Materials*, il-Bord irrakkomanda ([105]) – u l-Korp tal-Appell ikkonfermat ([106]) – li ċ-Ċina kellha ġġib id-dazju fuq l-esportazzjoni u l-kwota tal-esportazzjoni tagħha fuq xi materja prima f'konformità mal-obbligi tagħha fid-WTO. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset ir-referenza għall-Kostituzzjoni rilevanti sabiex tifhem il-kuntest legali u ċaħdet din l-oġġezzjoni.

(471) Il-GTID afferma wkoll li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-politiki dwar l-estrazzjoni minerarja kkwotati mill-Kummissjoni huma irrilevanti fil-kuntest tal-istabbiliment tal-kontribuzzjoni finanzjarja minħabba li huwa ma jintervjenix fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn operaturi ta' negozji. Il-GTID argumenta li l-Kummissjoni interpretat ħażin it-tifsira tal-kelma "kontroll", inkluża f'numru ta' dispożizzjonijiet, li fil-fatt tirreferi għall-attività tal-ġestjoni u tas-superviżjoni tan-negozji tal-estrazzjoni minerarja jew tal-attivitajiet għall-ġlieda kontra l-estrazzjoni minerarja illegali, għall-prevenzjoni ta' ħsara ambjentali kkawżata minn attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja u għall-iżgurar li l-esplorazzjoni tal-estrazzjoni minerarja tkun kompletament allinjata ma' prattiki tajba ta' estrazzjoni minerarja. F'dan ir-rigward, il-GTID għamel referenza għad-definizzjonijiet ta' direzzjoni, ta' superviżjoni, ta' protezzjoni pubblika u għall-gwida ta' implimentazzjoni inkluża fil-Kapitolu XIX tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja u fl-Artikolu 3 tal-GR 55/2010, u ħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis il-leġiżlazzjoni kollha, inklużi l-miżuri ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-GR 55/2010. Il-GTID kien tal-fehma li dawn id-dispożizzjonijiet ma wrewx li huwa intervjena fi tranżazzjonijiet kummerċjali privati u li ta struzzjonijiet lill-minaturi sabiex jipprovdu mineral tan-nikil għal-LTAR.

(472) B'mod aktar speċifiku, il-GTID ikkontesta r-rwol fis-suq tal-mineral tan-nikil li attribwietlu l-Kummissjoni fil-premessa (327) billi rrefera għall-preambolu tal-MEMR 26/2018 dwar l-implimentazzjoni ta' regoli dwar estrazzjoni minerarja tajba u s-superviżjoni tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam, li jimplimenta l-GR 55/2010 u jiddikjara li l-kompitu tal-GTID huwa biss li jissorvelja u jipprovdi linji gwida għall-implimentazzjoni ta' prinċipji u prattiki dwar l-estrazzjoni minerarja tajba.

(473) Barra minn hekk, il-GTID irreaġixxa għas-sejba fil-premessa (374) li r-riżorsi naturali kollha huma kkontrollati minnu bl-affermazzjoni li jeħtieġ li jikkontrolla s-settur tal-estrazzjoni minerarja sabiex jipprevjeni l-impatt negattiv tal-attivitajiet tal-estrazzjoni minerarja, bħad-degradazzjoni ambjentali u t-tniġġis b'rabta maż-żoni tal-estrazzjoni minerarja.

(474) Il-Kummissjoni qieset, l-ewwel nett, li kellha tikkunsidra kull biċċa leġiżlazzjoni jew regolament rilevanti dwar is-settur tal-estrazzjoni minerarja, inkluż ir-regolament ta' implimentazzjoni, sabiex tasal għal konklużjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja fil-kuntest tal-forniment ta' mineral tan-nikil għal-LTAR. Valutazzjoni legali bbażata biss fuq informazzjoni u fuq evidenza parzjali fil-fajl li tittraskura informazzjoni u evidenza potenzjalment rilevanti tkun timmina l-akkuratezza u l-adegwatezza tas-sejbiet tal-Kummissjoni. Għalhekk, kien l-obbligu legali tal-Kummissjoni li tanalizza l-evidenza rilevanti kollha, għall-kuntrarju tal-asserzjoni tal-GTID. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(475) Fir-rigward tal-affermazzjonijiet l-oħrajn, l-allegazzjonijiet li l-Kummissjoni fehmet ħażin it-tifsira tal-kelma "kontroll" u l-kwotazzjonijiet limitati parzjali ta' ċerti biċċiet ta' leġiżlazzjoni ma humiex tali li jistgħu jreġġgħu lura s-sejbiet tal-Kummissjoni.

(476) Fil-fatt, il-Kummissjoni ma tikkontestax il-fatt li l-kontroll tal-GTID permezz tal-ġestjoni u s-superviżjoni huwa eżerċitat ukoll sabiex tiġi miġġielda l-estrazzjoni minerarja illegali, tiġi evitata ħsara ambjentali u jiġu żgurati prattiki tajbin tal-estrazzjoni minerarja. Madankollu, il-kontroll tal-GTID ma huwiex limitat għal dawn l-attivitajiet biss. Kif urew l-investigazzjoni u l-evidenza, il-kontroll tal-GTID ġie implimentat ukoll għall-objettiv ġenerali tal-iżvilupp tal-

([103]) Ir-Rapport tal-Bord, *China – Raw Materials*, cit., il-paragrafu 7.382.
([104]) Ir-Rapport tal-Bord, *China – Raw Materials*, cit., il-paragrafu 7.381.
([105]) Ir-Rapport tal-Bord, *China – Raw Materials*, cit., il-paragrafu 8.8.
([106]) Ir-Rapporti tal-Korp tal-Appell, *China – Measures Related to the Exportation of Various Raw Materials*, WT/DS394/AB/R / WT/DS395/AB/R / WT/DS398/AB/R, adottati fit-22 ta' Frar 2012, DSR 2012:VII, p. 3295, il-paragrafu 362(b).

industrija domestika tal-proċessar, fost l-oħrajn, bil-kontroll tal-produzzjoni u tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-mineral tan-nikil. Il-fatt li l-kontroll jista' jkollu objettivi konkurrenti u/jew anċillari oħrajn ma jbiddilx din ir-realtà. Dan diġà jkun biżżejjed sabiex tiġi miċħuda din l-affermazzjoni.

(477) Għall-finijiet tal-kompletezza, il-Kummissjoni analizzat ukoll id-definizzjonijiet ta' direzzjoni, ta' superviżjoni u ta' protezzjoni pubblika fil-Kapitolu XIX tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja. Il-Kummissjoni nnotat li jirreferu għall-attività ta' direzzjoni u ta' superviżjoni li l-GTID ċentrali jeżerċita fuq il-livelli provinċjali u distrettwali/tal-bliet fi ħdan il-kompetenzi tagħhom fil-ġestjoni tas-settur tal-estrazzjoni minerarja. Dan huwa ċar mill-paragrafi li jintroduċu d-definizzjonijiet irrapportati mill-GTID, jiġifieri l-Artikolu 139: "*Il-Ministru għandu jagħti direzzjoni dwar il-ġestjoni tan-negozju tal-estrazzjoni minerarja mwettaq mill-gvernijiet provinċjali u mill-gvernijiet distrettwali/tal-bliet fi ħdan l-awtorità tiegħu/tagħha*", u l-paragrafu 1 tal-Artikolu 140: "*Il-Ministru għandu jagħmel superviżjoni tal-ġestjoni tan-negozju tal-estrazzjoni minerarja mwettaq mill-gvernijiet provinċjali u mill-gvernijiet distrettwali/tal-bliet fi ħdan l-awtorità tagħhom*." Dan huwa kkonfermat ukoll mill-attribuzzjoni lill-GTID ċentrali fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, fejn il-punt (n) jinkludi "*d-direzzjoni u s-superviżjoni tal-ġestjoni tal-estrazzjoni tal-minerali u tal-faħam li titwettaq mill-gvernijiet reġjonali*". Għalhekk, l-attività ta' direzzjoni u ta' superviżjoni, u d-definizzjonijiet tagħha, jikkonċernaw id-direzzjoni u s-superviżjoni tal-GTID ċentrali fir-rigward tal-livelli governattivi lokali. Madankollu, dan jikkostitwixxi biss wieħed mill-attributi għall-GTID ċentrali. Il-Kummissjoni tinnota, pereżempju, li l-GTID ma għamilx referenza fl-argumenti tiegħu għall-Kapitolu III tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, intitolat b'mod espliċitu "*Kontroll tal-minerali u tal-faħam*". Dan il-kontroll huwa eżerċitat fil-livelli kollha tal-GTID (il-paragrafu 2 tal-Artikolu 4: "*għandu jitwettaq mill-Gvern u/jew mill-gvernijiet reġjonali*"), għall-kuntrarju tad-direzzjoni u tas-superviżjoni fil-Kapitolu XIX eżerċitati speċifikament mill-Ministru tal-Enerġija u tar-Riżorsi Minerali. Barra minn hekk, l-Artikolu 5 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja jelabora aktar fuq il-kunċett ta' kontroll, filwaqt li jiddikjara li "*fl-interess nazzjonali … il-Gvern … jista' jadotta politika dwar il-preferenza għall-ħtiġijiet domestiċi tal-minerali u/jew tal-faħam*" (il-paragrafu 1), li "*Interessi nazzjonali … jistgħu jiġu ssodisfati permezz ta' superviżjoni fuq il-produzzjoni u fuq l-esportazzjoni*" (il-paragrafu 2) u li "*Meta jwettaq is-superviżjoni … il-Gvern għandu jkollu l-awtorità li jistabbilixxi l-kwantità annwali tal-produzzjoni ta' kwalunkwe komodità għal kwalunkwe provinċja*" (il-paragrafu 3). Is-superviżjoni msemmija fl-Artikolu 5 hija differenti ħafna mis-superviżjoni msemmija fil-Kapitolu XIX. Tabilħaqq, ma tista' tinstab l-ebda referenza għall-produzzjoni u għall-esportazzjoni fid-definizzjoni ta' superviżjoni rrapportata mill-GTID, inkluża fl-Artikolu 141 fil-Kapitolu XIX tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja. Il-GTID ma pprovda l-ebda evidenza li l-kunċett ta' kontroll huwa ddefinit bħala superviżjoni fl-Artikolu 141, u lanqas li s-superviżjoni msemmija fl-Artikolu 5 hija ddefinita mill-Artikolu 141. Fil-fatt, id-definizzjoni ta' superviżjoni fl-Artikolu 141 tirreferi b'mod ċar għas-"*Superviżjoni kif maħsuba mill-Artikolu 140*", jiġifieri, għas-superviżjoni tal-GTID ċentrali fuq il-livelli governattivi lokali fil-ġestjoni tas-settur tal-estrazzjoni minerarja.

(478) Mill-ġdid, anki b'referenza għall-Artikolu 3 tal-GR 55/2010, il-GTID jagħmel qari parzjali tal-leġiżlazzjoni. Tabilħaqq, filwaqt li l-Kummissjoni ma tiddubitax mid-definizzjoni ta' gwida pprovduta fl-Artikolu 3, hija tinnota li din ma hijiex rilevanti għall-valutazzjoni tal-kontroll. Dak li huwa rilevanti, pereżempju, huwa l-fatt li "*Il-ministru, ir-regolatur, jew ir-reġġenza/is-sindku, f'konformità mal-awtorità tagħhom, għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tan-negozji tal-estrazzjoni minerarja …*" (il-paragrafu 2 tal-Artikolu 13), li "*Is-superviżjoni kif imsemmija fil-paragrafu (2) tal-Artikolu 13 għandha tiġi implimentata fuq dan li ġej: … b. il-kummerċjalizzazzjoni*" (il-punt (b) tal-Artikolu 16) u fl-aħħar nett li "*Is-superviżjoni fuq il-kummerċjalizzazzjoni kif imsemmija fl-ittra b tal-Artikolu 16 għandha tal-anqas tinkludi dan li ġej: a. ir-realizzazzjoni tal-produzzjoni u tal-bejgħ, inklużi l-kwalità u l-kwantità u l-prezz tal-mineral u tal-faħam*" (l-Artikolu 22). Il-GTID ma indirizza l-ebda waħda minn dawn il-bażijiet ġuridiċi ċari għall-kontroll tal-GTID u l-intervent tiegħu fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mineral tan-nikil.

(479) Barra minn hekk, b'referenza għall-MEMR 26/2018, il-Kummissjoni ma kkontestatx li, skont il-preambolu tiegħu, il-kompitu tal-GTID huwa biss li jissorvelja u jipprovdi linji gwida għall-implimentazzjoni ta' prinċipji u ta' prattiki tajbin tal-estrazzjoni minerarja. Il-Kummissjoni tqis li din id-dikjarazzjoni waħedha ma hijiex biżżejjed sabiex tiddeskrivi r-rwol tal-GTID. Għall-kuntrarju, ta' min jinnota li d-definizzjoni ta' prattiki tajbin ta' estrazzjoni minerarja "*għandha tinkludi … b. governanza tan-negozji tal-estrazzjoni minerarja*" (il-punt (b) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 3), li min-naħa tiegħu "*għandu jinkludi l-implimentazzjoni ta': a. kummerċjalizzazzjoni*" (il-punt (a) tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 3). Dawn id-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċjalizzazzjoni jiġu implimentati mid-detenturi tal-IUP u tal-IUPK għall-operazzjoni tal-produzzjoni u "*għandhom tal-anqas jikkonsistu f'dawn: … c. il-prezz tal-bejgħ tal-Mineral u tal-Faħam iggwidat mill-prezz ta' referenza tal-Mineral, mill-prezz ta' referenza tal-Faħam, jew mill-prezz tal-bejgħ kif stipulat mill-Ministru; d. l-ipprezzar fuq il-kuntratti ta' bejgħ rilevanti ggwidati mill-prezz ta' referenza tal-Mineral jew mill-prezz ta' referenza tal-Faħam*" (il-punti (c) u (d) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 30). Barra minn hekk, f'dan il-każ, il-GTID qagħad fuq kwotazzjonijiet selettivi u deliberatament naqas milli jindirizza l-aktar dispożizzjonijiet rilevanti tal-biċċiet ta' leġiżlazzjoni li kkwota fis-sottomissjoni tiegħu. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħudin.

(480) Il-GTID afferma wkoll li l-minaturi u l-funderiji tal-mineral tan-nikil kienu kompletament ħielsa u indipendenti mill-GTID sabiex jinnegozjaw it-tranżazzjonijiet kummerċjali tagħhom, inkluż il-prezz tal-mineral tan-nikil. Skont il-GTID, HPM kellu l-għan li jiżgura (i) il-pagamenti tar-royalties, u (ii) il-ġustizzja fin-negozju, fejn l-HPM serva wkoll bħala l-prezz minimu obbligatorju għall-mineral tan-nikil.

(481) Il-Kummissjoni nnotat fil-bidu li minnu nnifsu huwa kontradittorju li l-GTID jafferma minn naħa li l-minaturi u l-funderiji tal-mineral tan-nikil huma kompletament liberi li jinnegozjaw il-prezz tal-mineral tan-nikil u li, min-naħa l-oħra, isostni li l-HPM ħadem bħala prezz minimu obbligatorju. Is-sempliċi eżistenza tal-HPM u r-rwol tiegħu juru li l-minaturi u l-funderiji tal-mineral tan-nikil ma humiex kompletament liberi li jinnegozjaw il-prezzijiet tal-mineral tan-nikil. Barra minn hekk, l-affermazzjoni li l-HPM huwa prezz minimu hija kkontestata mill-evidenza ċarissima fil-fajl, li turi li l-prezzijiet tal-mineral tan-nikil fil-prattika kienu jikkorrispondu għall-HPM għat-tranżazzjonijiet bejn partijiet relatati u mhux relatati bl-istess mod matul il-perjodu (ara l-premessa (518)). Dan juri li l-HPM kien mekkaniżmu tal-prezzijiet regolat u obbligatorju segwit mill-partijiet kollha, u li l-mekkanika tiegħu permezz tal-fattur ta' korrezzjoni arbitrarju kienu mfasslin u implimentati sabiex jiġi żgurat skont sinifikanti meta mqabbel mal-prezzijiet internazzjonali tal-mineral tan-nikil. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(482) Bi tweġiba għas-sejba li l-prezz domestiku tal-Indoneżja jinżamm ferm anqas mill-prezzijiet internazzjonali, il-GTID afferma li l-ebda regolament ma jintervjeni b'tali mod. Il-GTID afferma li, għall-kuntrarju, skont il-MEMR 7/2017, l-HPM ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-prezz prevalenti tas-suq u li l-introduzzjoni obbligatorja tiegħu skont l-MEMR 11/2020 turi kif il-GTID juża l-prezz internazzjonali, peress li l-HPM jinkludi l-HMA, li huwa bbażat fuq element internazzjonali tal-prezz. Minkejja dan, il-GTID sostna li d-deċiżjonijiet kummerċjali fit-tranżazzjonijiet kienu kompletament dipendenti fuq il-partijiet, mingħajr ebda intervent mill-GTID.

(483) Il-Kummissjoni ċaħdet bis-sħiħ l-affermazzjoni tal-GTID bħala infondata. Tabilħaqq, filwaqt li huwa minnu li l-HPM jirreferi għall-HMA, li jirrifletti l-prezz internazzjonali tan-nikil skont l-LME, imbagħad l-HMA jiġi aġġustat b'fattur korrettiv arbitrarju, kif spjegat fil-premessa (460). Dan il-fattur korrettiv jintroduċi "*valur ta' skont jew primjum sinifikanti kontra l-kwalità tal-komodità li tkun qed tinbiegħ*" (Anness għad-Digriet tal-MEMR Nru 2946 K/30/MEM/2017), li jiżgura li l-prezzijiet domestiċi tal-mineral tan-nikil dejjem jinżammu taħt il-livelli internazzjonali. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(484) Fir-rigward tar-rwol tal-minaturi li jaġixxu bħala korp pubbliku, il-GTID afferma, b'referenza għall-premessa (373), li qatt ma awtorizza lill-minaturi sabiex iwettqu funzjonijiet tal-gvern u ma hemm l-ebda evidenza għal dan fil-fajl.

(485) Il-GTID speċifika wkoll, b'reazzjoni għall-premessa (375), li qatt ma ddetermina lil min il-minaturi kellhom ibigħu l-mineral tan-nikil għal proċessar ulterjuri. B'mod partikolari, il-GTID irrefera għall-paragrafu 1 tal-Artikolu 104 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, fejn il-kliem "*jistgħu jikkooperaw ma*'" jimplika li l-minaturi huma liberi li jikkooperaw ma' operaturi kummerċjali oħrajn.

(486) Il-Kummissjoni osservat li s-sejba li l-minaturi tal-mineral tan-nikil jaġixxu bħala korpi pubbliċi tirriżulta mill-ammont enormi ta' evidenza u mis-sejbiet konsegwenti żviluppati fil-premessi (371)-(445). Fir-rigward tal-istruzzjonijiet dwar lil min il-minaturi jenħtieġ li jbigħu l-mineral tan-nikil, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-GTID ma jġegħelx direttament lill-minaturi jikkooperaw ma' detenturi oħrajn ta' permess għall-estrazzjoni minerarja jew ma' detenturi ta' permess speċjali għall-estrazzjoni minerarja. Madankollu, il-minaturi huma obbligati jżidu l-valur miżjud tal-output tagħhom skont l-Artikolu 102 tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja. Imbagħad, jekk ma jkunux jistgħu jagħmlu dan waħedhom, iridu jikkooperaw ma' detenturi oħrajn ta' permess għall-estrazzjoni minerarja jew ma' detenturi ta' permess speċjali għall-estrazzjoni minerarja. Ladarba jiddeċiedu li jikkooperaw, il-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja tillimita b'mod sinifikanti n-numru ta' partijiet potenzjali li jikkooperaw, filwaqt li tiddikjara fl-Artikolu 103 li l-output irid jiġi pproċessat domestikament fl-Indoneżja, u tillimita l-parteċipazzjoni għall-proċessar tal-output għad-detenturi ta' permess għall-estrazzjoni minerarja jew għad-detenturi ta' permess speċjali għall-estrazzjoni minerarja. Barra minn hekk, il-permessi għall-estrazzjoni minerarja jew il-permessi speċjali għall-estrazzjoni minerarja jinħarġu mill-GTID. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(487) Il-GTID afferma wkoll li qatt ma ddetermina liema kumpaniji u żoni tħallew iwettqu attivitajiet ta' estrazzjoni tal-mineral tan-nikil. Huwa ddikjara li l-permessi għall-estrazzjoni minerarja għandhom funzjoni ta' kontroll u regolatorja bl-għan li jiżguraw li l-attivitajiet ma jmorrux kontra xulxin u li ma jsir l-ebda użu ħażin tal-permessi mogħtijin. B'appoġġ ta' dan, il-GTID irrefera għall-MEMR 7/2020, li jiddikjara li l-għan tal-permessi għall-estrazzjoni minerarja huwa li tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali, jiġu żgurati l-effettività u l-effiċjenza fl-attivitajiet tal-estrazzjoni minerarja u jitħeġġeġ l-iżvilupp tan-negozju. Mill-ġdid, il-GTID talab lill-Kummissjoni tħares ukoll lejn ir-regolamenti ta' implimentazzjoni, bħall-MEMR 25/2018 dwar in-negozji tal-estrazzjoni minerarja u tal-

estrazzjoni tal-faħam, li jispjega l-istadji tal-ippjanar u amministrattivi għall-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil. B'mod partikolari, fir-rigward tal-RKABs, il-GTID fakkar li l-ammont ta' mineral tan-nikil li jiġi estratti jiddependi mis-sejbiet tal-istudju ta' esplorazzjoni u tal-fattibbiltà mħejji mill-kumpaniji. Il-GTID japprova RKAB dment li jkun konformi mal-istudju tal-fattibbiltà u jirrikjedi biss li l-minaturi jipproċessaw ulterjorment il-mineral f'ċertu livell ta' purifikazzjoni. Il-GTID argumenta li dan ir-rekwiżit huwa normali u ma jirriżultax mill-industrija tal-azzar inossidabbli.

(488) Il-Kummissjoni nnotat li d-diversi objettivi tal-ħruġ tal-permess għall-estrazzjoni minerarja ma affettwawx is-sejba li l-GTID, permezz tal-permessi tal-estrazzjoni minerarja, jiddetermina liema kumpaniji jistgħu jwettqu attivitajiet ta' estrazzjoni tal-mineral tan-nikil. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-GTID ma kkontestax is-sejba li l-GTID, permezz ta' deċiżjoni ta' ppjanar fil-livell nazzjonali u lokali, jiddetermina liema żoni jistgħu jwettqu attivitajiet ta' estrazzjoni tal-mineral tan-nikil. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonfermat li qieset il-MEMR 25/2018 fl-analiżi tagħha u li dan ma jwassalx għal sejbiet differenti minn dawk f'dan ir-regolament. Finalment, rigward l-RKABs, il-Kummissjoni nnotat li l-GTID naqas milli jipprovdi studji tal-fattibbiltà sħaħ u evita li jidħol f'diskussjonijiet dwar kif jiġu stabbiliti l-miri tal-produzzjoni għal kull kumpanija, u mbagħad kif jimmonitorja u jaġixxi wara fir-rigward tal-produzzjoni li fil-fatt tinkiseb għall-perjodu kopert mill-istudju tal-fattibbiltà. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni dwar dan l-aspett importanti, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq inferenzi fuq il-bażi tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet, li ma ġewx issostanzjati aktar bħala tali, ġew miċħudin.

(489) Bi tweġiba għall-konklużjoni fil-premessa (393) li parti kbira mill-minaturi tal-mineral tan-nikil huma proprjetà tal-GTID, il-GTID fakkar li, skont l-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 19 tal-2003, l-SOEs huma stabbiliti bl-objettiv li jimmassimizzaw il-profitti fl-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom.

(490) F'dan ir-rigward, il-GTID asserixxa li l-istabbiliment ta' inkarigu u ta' direzzjoni tal-minaturi jkun jeħtieġ leġiżlazzjoni bil-miktub, li hija nieqsa f'dan il-każ. Il-GTID indika l-eżempju tas-settur tal-faħam, li fih id-Digriet tal-MEMR Nru 261 tal-2019 introduċa prezz massimu għall-faħam iddedikat għall-produzzjoni pubblika tal-elettriku. Għall-kuntrarju, il-GTID afferma li tali limitu ma jeżistix għall-mineral tan-nikil jew għall-industrija tal-azzar inossidabbli. Il-GTID tenna li l-uniku rekwiżit huwa l-proċessar żejjed tal-mineral tan-nikil sabiex tintlaħaq ċerta purifikazzjoni minima, f'konformità mal-MEMR 25/2018.

(491) Il-GTID afferma li l-ebda wieħed mit-tliet elementi għall-eżistenza ta' inkarigu u ta' direzzjoni, kif spjegat mill-Bord f'*US - Export Restraints* ([107]), ma jista' jinstab f'dan il-każ. Żied li l-inkarigu u d-direzzjoni lanqas ma jistgħu jinstabu fuq il-bażi tal-effetti ekonomiċi ta' miżura tal-gvern, b'referenza għall-Bord f'*US - Countervailing Measures on Softwood Lumber from Canada* ([108]).

(492) Il-Kummissjoni osservat li l-fatt li l-SOEs huma stabbiliti bl-objettiv li jimmassimizzaw il-profitti skont il-leġiżlazzjoni ma jitfax dubju fuq is-sjieda tal-Istat u l-elementi l-oħrajn kollha li huma l-bażi tal-konklużjoni li l-minaturi tal-mineral tan-nikil aġixxew bħala korp pubbliku. L-eżistenza tal-miżuri dwar l-obbligi obbligatorji tal-proċessar domestiku, ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, u l-mekkaniżmu tal-prezz obbligatorju kollu jindika li dawn l-SOEs u minaturi oħrajn, li fil-fatt xejn ma kienu jimmiraw għall-massimizzazzjoni tal-profitt, kienu mġegħlin isegwu mġiba ekonomika irrazzjonali billi kienu obbligati jipproċessaw il-mineral b'mod domestiku, filwaqt li kienu pprojbiti milli jesportaw u, b'hekk, milli jiksbu prezz ogħla fis-swieq internazzjonali. Anke domestikament, dawn setgħu jbigħu biss bil-prezz baxx stabbilit mill-gvern (jiġifieri l-HPM). Għalhekk, l-ambjent legali maħluq mill-GTID huwa oġġettivament inkompatibbli mal-għan leġiżlattiv allegat ta' dawn il-kumpaniji sabiex jimmassimizzaw il-profitt tagħhom.

([107]) Ir-Rapport tal-Bord, *United States – Measures Treating Exports Restraints as Subsidies*, WT/DS194/R, adottat fit-23 ta' Awwissu 2001, il-paragrafu 8.29.

([108]) Ir-Rapport tal-Bord, *United States – Countervailing Measures on Softwood Lumber from Canada*, WT/DS533/R, iċċirkolat lill-Membri tad-WTO fl-24 ta' Awwissu 2020, il-paragrafi 7.600 u 7.606.

(493) Fir-rigward tal-inkarigu u tad-direzzjoni, il-Kummissjoni nnotat mill-bidu li s-sejbiet ewlenin tagħha kkonkludew li l-minaturi tal-mineral tan-nikil aġixxew bħala korpi pubbliċi. Għalhekk, anki li kieku din l-affermazzjoni tal-GTID kienet fondata, *quod non*, ma jkollha l-ebda impatt fuq il-konklużjoni li tikkonċerna l-kontribuzzjoni finanzjarja minn gvern jew minn korp pubbliku. Fis-sustanza, il-Kummissjoni wriet l-eżistenza ta' inkarigu u ta' direzzjoni min-naħa tal-GTID lejn il-minaturi fil-premessi (446) sa (499). L-evidenza li nstabet tqieset li tissodisfa l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti kif elaborati fil-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO. Kif imfakkar mill-Kummissjoni fil-premessa (448), is-sejbiet f'*US – Export Restraints* iridu jinqraw flimkien mas-sejbiet tal-Korp tal-Appell, kif kien rikonoxxut ukoll mill-Bord f'*US – Countervailing Measures on Softwood Lumber from Canada*. It-taħlita ta' miżuri meħudin mill-GTID, inklużi l-obbligi tal-proċessar domestiku, ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, u l-mekkaniżmu tal-ipprezzar obbligatorju, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet li saru fir-rigward tagħhom, urew li l-GTID implimenta dawn il-miżuri b'mod deliberat sabiex il-forniturі tal-mineral tan-nikil jiġu inkarigati jew diretti sabiex jipprovdu l-mineral tan-nikil b'LTAR. Għalhekk, l-effetti miksubin minn dawn il-miżuri ma kinux involontarji jew sempliċiment prodott sekondarju tal-effetti ekonomiċi ta' dawn il-politiki. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħudin.

(494) B'referenza għall-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni msemmija fil-premessi (405) sa (413), il-GTID afferma li ma kinitx imfassla sabiex tfixkel il-prezz tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja. Minflok, kienet maħsuba sabiex tippreserva r-riżervi tal-minerali u l-ambjent. Il-GTID tenna wkoll li t-tranżazzjonijiet tal-mineral tan-nikil saru b'mod indipendenti, mingħajr l-intervent tal-GTID u bl-HPM bħala prezz minimu, iddeterminat mill-prezz u mill-prattiki prevalenti tas-suq internazzjonali.

(495) F'dan ir-rigward, il-GTID fakkar lill-Bord f'*US - Export Restraints*, li qies li t-trattament tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni bħala kontribuzzjoni finanzjarja bbażata fuq is-sempliċi reazzjoni għal miżura kien inkonsistenti mal-Ftehim SCM ([109]). Il-Bord iddikjara li l-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li tiġi pprovata b'referenza għall-azzjoni ta' gvern. F'dan il-każ, il-GTID afferma li huwa sempliċiment qed jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu u li l-politika tiegħu dwar il-mineral tan-nikil ma hijiex azzjoni maħsuba sabiex tipprovdi sussidji. Il-GTID afferma li s-sejbiet tal-Kummissjoni jikkonċernaw ir-reazzjoni jew l-effett tal-politika dwar il-mineral tan-nikil.

(496) Il-Kummissjoni rreferiet għall-argumenti tagħha fil-premessa (493) u nnotat li s-sejbiet tagħha dwar l-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja ma humiex ibbażati biss fuq il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni introdotta mill-Indoneżja, iżda fuq sett ta' miżuri u ta' mekkaniżmi mwettqin mill-GTID, inkluż b'mod partikolari l-obbligu tal-proċessar domestiku, l-RKABs, l-obbligu ta' divestiment, il-mekkaniżmu għall-iffissar tal-prezzijiet tal-mineral tan-nikil, u d-dežinjazzjoni ta' kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja bħala "Oġġetti vitali nazzjonali". L-applikazzjoni miftiehma ta' dawn il-miżuri kollha titkellem dwar l-azzjoni deliberata tal-GTID sabiex jilħaq l-objettiv ta' politika tiegħu għall-benefiċċju tal-industrija tal-proċessar tan-nikil, prinċipalment il-produtturi tal-SSCR. Għalhekk, l-affermazzjoni tqieset mhux fondata u ġiet miċħuda.

(497) Bi tweġiba għas-sejba fil-premessa (330) dwar ir-relazzjoni bejn il-politika dwar il-mineral tan-nikil tal-GTID u l-kooperazzjoni bejn il-GTID u l-GTĊ, il-GTID afferma li l-Ftehim bejn il-GTID u l-GTĊ dwar l-Espansjoni u l-Approfondiment tal-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali Bilaterali ma għandu l-ebda rabta mal-forniment ta' mineral tan-nikil bl-LTAR. Tabilħaqq, skont il-GTID, il-kooperazzjoni mal-GTĊ ma kinitx limitata għall-industrija tal-azzar inossidabbli. Fi kwalunkwe każ, il-GTID fakkar li l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali hija soġġetta għad-dritt tal-Indoneżja, li huwa applikabbli għall-operaturi kollha tas-suq fl-Indoneżja.

(498) Il-Kummissjoni nnotat li l-kooperazzjoni bejn il-GTĊ u l-GTID kif instab f'din l-investigazzjoni wriet li l-aċċess għall-mineral tan-nikil mill-Indoneżja kien wieħed mill-objettivi ewlenin wara l-kooperazzjoni taċ-Ċina fil-proġett ta' Morowali. Il-Ftehim bejn il-GTID u l-GTĊ dwar l-Espansjoni u l-Approfondiment tal-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali Bilaterali jmur lura għall-2011, fi żmien li fih l-esportazzjonijiet tal-mineral tan-nikil lejn iċ-Ċina kienu għoljin, kif turi t-Tabella 2, u l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-2014 kienet għadha ma hijiex fis-seħħ. Madankollu, il-Ftehim diġà kien jinkludi referenza għall-"*industrija tal-azzar*" (l-Artikolu III) bħala wieħed mill-oqsma ta' kooperazzjoni, peress li l-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja diġà kienet tipprevedi obbligu ta' proċessar domestiku soġġett għal perjodu ta' grazzja ta' 5 snin. Fi kwalunkwe każ, l-objettiv tal-kooperazzjoni Ċiniża ma għandu l-ebda effett fuq is-sejbiet tal-kumpensabbiltà tal-provvista ta' mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata, peress li kien jikkonċerna biss il-kuntest li fih ġie implimentat dak il-programm. Dak li kien rilevanti għas-sejba dwar dan il-programm huma l-miżuri meħudin mill-GTID. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

([109]) Rapport tal-Bord, *US – Exports Restraints*, cit., il-paragrafu 8.34.

Konklużjoni

(499) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm biżżejjed evidenza li l-miżuri meħudin mill-GTID kienu speċifikament maħsubin sabiex jinkarigaw jew jordnaw lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tan-nikil sabiex jikkonformaw mal-objettivi ta' politika sabiex jibbenefikaw lill-industrija tal-azzar inossidabbli b'mod li jsarraf f'sussidju kumpensabbli kif speċifikat skont l-Artikolu 3(1)(a)(iv) u (iii) tar-Regolament bażiku, kif interpretat u applikat f'konformità mal-istandard rilevanti tad-WTO skont l-Artikolu 1.1(a)(iv) u (iii) tal-Ftehim SCM.

4.4.3.2.2. Benefiċċju

(500) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil kienu jikkostitwixxu korp pubbliku u/jew kienu inkarigati jew ordnati mill-GTID sabiex jipprovdu mineral tan-nikil lill-industrija tal-azzar inossidabbli.

(501) Fl-istadju segwenti, il-Kummissjoni vvalutat jekk il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, li aġixxew bħala korpi pubbliċi jew li kienu inkarigati jew ordnati mill-GTID, fil-fatt ipprovdewx mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata. Dan kien jeħtieġ analiżi dettaljata tal-iżviluppi tas-suq fl-Indonezja mqabbla ma' parametru referenzjarju xieraq.

(502) F'konformità mal-Artikoli 3(2), 5 u 6(d) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni vvalutat l-ammont tas-sussidji kumpensabbli f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li jeżisti matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(503) Għalhekk, il-Kummissjoni l-ewwel ivvalutat jekk il-prezzijiet stabbiliti mill-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja fl-Indonezja setgħux jammontaw għal parametru referenzjarju xieraq.

(504) Kif innotat fil-premessi (435) - (437), l-investigazzjoni wriet li l-ipprezzar tal-mineral tan-nikil kien soġġett għal mekkaniżmu tal-ipprezzar mill-gvern u għal interventi oħrajn tal-gvern li impedixxew id-dinamika normali tas-suq tal-provvista u tad-domanda sabiex jiġi ddeterminat il-prezz.

(505) Kif imfakkar fil-premessi (458), il-GTID beda jirregola ċerti aspetti tal-prezzijiet tal-mineral tan-nikil sa mill-2010.

(506) Bl-introduzzjoni progressiva tal-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet u tal-miżuri l-oħrajn sal-2014 sabiex jintlaħaq l-għan tiegħu li jistabbilixxi l-industrija downstream tal-azzar inossidabbli domestikament u sabiex jappoġġa dan l-istabbiliment, fost l-oħrajn permezz ta' prezzijiet baxxi tal-mineral tan-nikil, il-GTID progressivament biddel il-mod kif kien jiġi stabbilit il-prezz. Dawn il-politiki tal-GTID kisbu b'suċċess l-objettiv tagħhom li joħolqu provvista żejda ta' mineral tan-nikil fis-suq tal-Indonezja għall-benefiċċju tal-industrija tal-azzar inossidabbli. B'riżultat ta' dan, din l-industrija kisbet saħħa konsiderevoli fl-ipprezzar vis-a-vis il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, u għalhekk baxxiet b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-mineral tan-nikil fl-Indonezja.

(507) F'dan il-kuntest, kif spjegat aktar 'il fuq, il-mekkaniżmu tal-ipprezzar kif stabbilit fl-Artikolu 85 ġie emendat fl-2017 meta l-GTID beda jirregola mhux biss il-prezz tal-mineral tan-nikil fir-rigward tar-royalties, iżda l-prezz tat-tranżazzjoni propju.

(508) Huwa mfakkar li l-GTID stabbilixxa l-mekkaniżmu attwali sabiex jiġu stabbiliti l-prezzijiet referenzjarji għat-tranżazzjonijiet bejn kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja u l-funderiji permezz tar-regolamenti speċifiċi tiegħu sabiex jinkiseb skont sinifikanti fuq il-prezz tal-mineral tan-nikil fis-swieq internazzjonali. Il-prezz referenzjarju għan-nikil (HPM) ġie pprovdut permezz ta' formula stabbilita fid-Digriet tal-MEMR 2946K/30/MEM/2017 ("MEMR 7/2017"), kif ġej: HPM Mineral tan-Nikil = % Ni x CF x HMA Nikil. "1. *HPM Mineral tan-Nikil għandu jkun il-prezz tal-mineral tal-metall fil-forma ta' mineral tan-nikil f'USD/DMT 2. % Ni huwa l-kontenut ta' Ni fil-mineral tan-nikil. 3. CF huwa Fattur ta' Korrezzjoni, li huwa l-ammont ta' perċentwal li jakkomoda l-valur ta' skont jew primjum kontra l-kwalità tal-komodità li tkun qed tinbiegħ, taħt il-provvista ta': a. CF għall-mineral tan-nikil b'1,9 % Ni = 20 %; u b. CF ivarja f'livell 1 % ogħla/anqas għal kull żieda fil-kontenut ta' Ni b'0,1 %.*" L-MEMR 7/2017 jiddefinixxi HPM bħala "*l-prezz tal-minerali tal-metall li jiġu ddeterminati f'punt tal-bejgħ, Frank Abbord għal kull komodità tal-estrazzjoni tal-Minerali tal-Metall;*" u HMA bħala "*l-prezz miksub mill-prezzijiet medji ppubblikati tal-Minerali tal-Metall fix-xahar preċedenti jew il-prezz fl-istess data tat-tranżazzjoni skont il-kwotazzjoni tal-prezz mill-prezz ippubblikat tal-Minerali tal-Metall*". L-ammont tal-HMA jiġi ddeterminat mill-Ministru kull xahar u jirreferi għal prezzijiet internazzjonali bħall-prezz tal-LME għan-nikil.

(509) Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tal-MEMR 7/2017 jiddikjara kif ġej: "*(1) Id-detenturi ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali tal-Metall, ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Faħam, ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali tal-Metall, ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Faħam fil-bejgħ ta' prodotti tal-Minerali tal-Metall jew tal-Faħam jeħtiġilhom ikunu ggwidati mill-HPM jew mill-HPB tal-Metall.*"

(510) Il-GTID afferma li l-HPM kien marbut mal-prezzijiet internazzjonali u jenħtieġ li jitqies bħala l-prezz minimu għat-tranżazzjoni reali bejn il-produtturi tal-mineral tan-nikil u x-xerrejja tal-mineral tan-nikil. Il-Kummissjoni tinnota li filwaqt li, tabilħaqq, il-formula għall-kalkolu tal-HPM regolat għall-mineral tan-nikil hija marbuta mal-prezz internazzjonali tal-mineral tan-nikil, din il-formula tinkludi fattur ta' korrezzjoni sinifikanti li jiżgura li l-prezz domestiku tal-mineral tan-nikil tal-Indoneżja jkun ferm anqas mill-prezzijiet internazzjonali. Permezz tal-mekkaniżmu proprju tiegħu, il-prezz attwali tat-tranżazzjonijiet irid jiżgura skont sinifikanti meta mqabbel mal-prezzijiet internazzjonali.

(511) Għalkemm dak iż-żmien l-HPM ma kienx prezz obbligatorju, kien importanti sabiex jipproteġi lill-atturi kummerċjali tal-estrazzjoni minerarja u tal-funderiji fix-xiri u fil-bejgħ tal-minerali. Id-Direttur Ġenerali tal-MEMR iddikjara li l-gvern kien se jimplimenta l-prezz f'Ottubru 2017, u li mbagħad jitħabbar kull xahar. Barra minn hekk, ġie ddikjarat li l-"*HPM se jsir referenza sabiex il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja ma jbigħux bi prezz ogħla, inkella l-intraprendituri tal-funderiji ma jixtrux in-nikil bi prezz li jkun ferm anqas mill-prezz tas-suq. F'dan il-każ, il-gvern ma jridx li parti waħda tkun superjuri għall-oħra fid-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-komodità*" ([110]). Dan ġie kkonfermat permezz ta' pubblikazzjoni mill-Assoċjazzjoni ta' Kumpaniji tal-Industrija tal-Proċessar u tar-Raffinar tal-Indoneżja (AP3I) minn Settembru 2017, li semmiet li l-HPM kien maħsub sabiex jipproteġi lill-kumpaniji tal-funderiji u lill-minaturi fi tranżazzjonijiet ta' bejgħ u ta' xiri ta' minerali ([111]). Fi kliem ieħor, l-HPM – stabbilit f'livell ferm anqas mill-prezz internazzjonali – sar il-prezz referenzjarju għall-mineral tan-nikil fl-Indoneżja.

(512) Peress li l-politika tal-GTID li jiżviluppa l-industrija tal-azzar inossidabbli kienet ġiet implimentata b'mod effettiv u rnexxiet, il-prezzijiet imniżżlin tal-mineral tan-nikil li rriżultaw flimkien mal-kapaċità tal-akkwist xprunata mill-gvern tal-industrija tal-azzar inossidabbli kienu aggravaw is-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja, li l-biċċa l-kbira tagħhom jispiċċaw jirriskjaw li jfallu. Il-minaturi organizzaw ukoll protesti u diżordni soċjali minħabba dan il-preġudizzju favur l-industrija tal-azzar inossidabbli. Għalhekk, il-GTID kellu jirrikorri għall-HPM bħala mod kif jiffavorixxi lill-industrija tal-azzar inossidabbli, iżda fl-istess ħin jevita li l-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja ifallu jew ikomplu jkebbsu r-rabja soċjali tagħhom kontra l-gvern. Dan kien jikkawża interruzzjoni fil-provvisti u żidiet possibbli fil-prezzijiet għad-detriment tal-industrija tal-azzar inossidabbli, li jkunu jipperikolaw l-objettiv politiku prevalenti tal-GTID. L-HPM kellu wkoll bħala effett sekondarju li jiżgura livell minimu ta' dħul għall-Istat mir-royalties, li kienu wkoll affettwati sostanzjalment mill-provvista żejda tal-mineral tan-nikil u mill-prezzijiet imnaqqsin korrispondenti minħabba l-preġudizzju politiku li rnexxa favur l-industrija tal-azzar inossidabbli.

(513) F'Jannar 2020, il-GTID implimenta mill-ġdid il-projbizzjoni sħiħa tal-esportazzjoni fuq il-mineral tan-nikil għall-gradi kollha ta' purità. Dan żied l-iżbilanċ diġà eżistenti fis-suq tal-mineral tan-nikil tal-Indoneżja għall-benefiċċju tal-funderiji, u b'riżultat ta' dan, il-GTID iddeċieda li jirregola permezz ta' leġiżlazzjoni speċifika l-prezz tal-mineral tan-nikil u billi juża l-HPM. Għalhekk, f'April 2020, l-MEMR irreveda l-MEMR 7/2017 u ħareġ l-MEMR 11/2020. Dan ir-Regolament jemenda l-Artikolu 2 dwar il-linji gwida dwar il-bejgħ tal-minerali metalliċi u tal-faħam. Skont l-Artikolu 2 il-ġdid: "*(1) Id-detenturi ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Mineralli Metalliċi, ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Faħam, ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali Metalliċi, u ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Faħam, fil-bejgħ tal-Minerali Metalliċi jew tal-Faħam prodott, jeħtiġilhom jirreferu għall-HPM jew għall-HPB.*" Għalhekk, skont l-MEMR 7/2017, il-minaturi kellhom jiġu ggwidati mill-HPM fit-tranżazzjonijiet ta' bejgħ tagħhom, u skont l-MEMR 11/2020 kellhom jużaw l-HPM bħala prezz tat-tranżazzjoni. Kif iddikjarat fil-premessa (508) aktar 'il fuq, HPM għandha tfisser "*il-prezz tal-minerali metalliċi li jiġi ddeterminat f'punt tal-bejgħ.*" Fi kliem ieħor, il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja kienu obbligati jistabbilixxu l-prezz f'konformità mal-HPM u fil-prattika hekk għamlu.

(514) Barra minn hekk, l-MEMR 11/2020 żied l-Artikolu 2A dwar il-proċeduri u l-obbligi għall-bejgħ tal-mineral tan-nikil, li jiddikjara kif ġej: "*(1) Id-detenturi ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali Metalliċi u ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali Metalliċi li jipproduċu mineral tan-nikil, jeħtiġilhom jirreferu għall-HPM meta jbigħu l-mineral tan-nikil prodott. (2) L-obbligu li ssir referenza għall-HPM kif imsemmi fil-paragrafu (1) japplika wkoll għad-detenturi ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali Metalliċi u ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali Metalliċi meta jbigħu l-mineral prodott lill-Affiljati tagħhom. (3) Partijiet oħrajn li jirfinaw il-mineral tan-nikil li joriġina mingħand id-detenturi ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali Metalliċi u ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali huma meħtieġa jixtru l-mineral tan-nikil b'referenza għall-HPM.*"

([110]) https://www.tambang.co.id/harga-patokan-mineral-akan-diterapkan-di-bulan-oktober-15712/
([111]) https://www.ap3i.or.id/News/News-Update/Oktober-ESDM-Terapkan-Harga-Patokan-Mineral.html

(515) L-Artikolu 3 jiddikjara li "*(1) L-HPM tal-Metall kif imsemmi fl-Artikolu 2 huwa: a. il-prezz tal-limitu inferjuri fil-kalkolu tal-obbligu li jitħallsu t-tariffi tal-produzzjoni mid-detenturi ta' IUP ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali Metalliċi u ta' IUPK ta' Operazzjonijiet ta' Produzzjoni tal-Minerali Metalliċi*". L-istess artikolu jiddikjara wkoll li "*(3) Fil-każ li jkun hemm differenza fil-perjodu referenzjarju għall-Prezz Referenzjarju tal-Minerali Metalliċi fil-kalkolu tal-HPM tal-Metall mill-perjodu tal-kwotazzjoni ta' tranżazzjoni, fil-penali għall-impuritajiet, jew fil-bonusijiet għal ċerti minerali, il-bejgħ tal-mineral tan-nikil għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin: a. jekk il-prezz tat-tranżazzjoni jkun anqas mill-HPM tal-Metall fil-perjodu ta' kwotazzjoni skont il-Prezz Referenzjarju tal-Minerali Metalliċi jew ikun hemm penali għall-impuritajiet, il-bejgħ jista' jsir skont l-HPM tal-Metall b'differenza massima ta' 3 % (tlieta fil-mija); jew b. jekk il-prezz tat-tranżazzjoni jkun ogħla mill-HPM tal-Metall fil-perjodu ta' kwotazzjoni skont il-Prezz Referenzjarju tal-Minerali Metalliċi jew ikun hemm bonus għal ċerti minerali, il-bejgħ irid isegwi l-prezz tat-tranżazzjoni 'l fuq mill-HPM tal-Metall*".

(516) Bħala kontinwazzjoni tal-mekkaniżmu tal-ipprezzar ippromulgat fi tmiem l-2017, il-prezz regolat għall-mineral tan-nikil kif traspost fil-leġiżlazzjoni jirrifletti l-istess approċċ u loġika. Huwa prezz stabbilit mill-gvern li l-objettiv ewlieni tiegħu huwa li jiżgura li l-mineral tan-nikil jiġi fornit bi skont sinifikanti meta mqabbel mal-LME internazzjonali għall-benefiċċju tal-industrija tal-azzar inossidabbli. Fl-istess ħin, il-prezz ifittex li jqis ukoll l-interessi tal-minaturi sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvista b'dan il-prezz skontat, u jiġu evitati l-fallimenti u l-inkwiet soċjali. Fl-aħħar nett, jiżgura livell minimu ta' dħul għall-Istat, għalkemm wieħed ferm aktar baxx milli kieku ma kien hemm l-ebda skont meta mqabbel mal-prezz internazzjonali. Dan ġie kkonfermat mid-Direttur Ġenerali Interim tal-Minerali u tal-Faħam li qal, kif imsemmi, li kellu l-intenzjoni li ssir "*ġustizzja mal-funderiji li jridu l-aktar prezzijiet baxxi possibbli. Iżda min-naħa l-oħra, irid jiżgura li l-attivitajiet tal-estrazzjoni tan-nikil jipprovdu marġni suffiċjenti għall-estrazzjoni minerarja.*" ([112]) Fi kliem ieħor, il-prezz tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja ma huwiex iddeterminat b'mod ħieles skont il-kundizzjonijiet tas-suq iżda huwa stabbilit fi ħdan medda dejqa tal-prezzijiet mill-GTID sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' politika rispettivi tiegħu.

(517) Il-fatt li l-HPM kif traspost fil-leġiżlazzjoni f'April 2020 kien kontinwazzjoni tal-mekkaniżmu tal-2017 ġie korroborat ukoll fl-investigazzjoni. Id-differenza ewlenija kienet li qabel ma l-MEMR 11/2020 daħal fis-seħħ, fil-ftehimiet ta' bejgħ-xiri għall-mineral tan-nikil il-prezz tal-mineral tan-nikil kien stipulat bħala valur assolut. Wara li daħal fis-seħħ l-MEMR 11/2020, il-prezz tal-mineral tan-nikil fil-ftehimiet ta' bejgħ-xiri ġie stabbilit bħala l-HPM tal-gvern. L-evidenza empirika miġbura fl-investigazzjoni (jiġifieri x-xiri ta' mineral tan-nikil tal-Grupp IRNC) ikkonfermat li l-prezzijiet matul il-PI qabel u wara d-dħul fis-seħħ tal-MEMR 11/2020 huma sostanzjalment l-istess, jiġifieri allinjati mal-mekkaniżmu tal-HPM fil-verżjoni tiegħu ta' qabel u ta' wara April 2020.

(518) L-investigazzjoni żvelat ukoll li l-formula tal-prezz minn April 2020 ġiet aġġustata b'"1 % kontenut ta' ndewwa". IRNC iddikjarat li l-formula tal-gvern kienet għall-mineral tan-nikil niexef, u peress li l-mineral tan-nikil kien jinbiegħ f'forma niedja, din il-formula kellha tiġi aġġustata kif xieraq. Jekk dan ikun il-każ, allura dan imur kontra l-affermazzjoni tal-GTID li fil-passat l-HPM intuża biss għall-kalkolu tar-royalties. Tabilħaqq, l-investigazzjoni żvelat li l-prezz tax-xiri ta' IRNC u tal-kumpaniji relatati tagħha matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien qrib ħafna tal-prezz tal-gvern. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda differenza fil-prezz bejn ix-xiri tal-mineral tan-nikil mingħand fornituri relatati meta mqabblin ma' fornituri mhux relatati. Fl-aħħar nett, it-tranżazzjonijiet tal-bejgħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-uniku minatur tan-nikil li ppreżenta tali informazzjoni fil-qafas tal-investigazzjoni wrew li ntalab prezz simili ħafna lill-klijenti kollha għall-istess tip ta' mineral tan-nikil. Dan juri li l-prezz iddeterminat mill-gvern għall-mineral tan-nikil ġie segwit fil-prattika.

(519) Fuq il-bażi tal-evidenza kollha ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTID jintervjeni fis-suq tal-mineral tan-nikil billi jirregola speċifikament il-prezz tat-tranżazzjoni għall-mineral tan-nikil bejn il-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja u l-funderiji. Għalhekk, dan il-prezz ma huwiex prezz tas-suq iżda prezz stabbilit mill-gvern bil-ħsieb tal-objettivi ta' politika speċifiċi tiegħu. Għal dik ir-raġuni biss, il-Kummissjoni tqis li l-prezzijiet tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja huma distorti u ma jistgħux jintużaw bħala parametru referenzjarju għall-fini tad-determinazzjoni tal-benefiċċju.

(520) Madankollu, minbarra r-regolamentazzjoni tal-gvern tal-prezzijiet tal-mineral tan-nikil, hemm distorsjonijiet oħrajn tas-suq imwettqin mill-GTID li jaffettwaw speċifikament il-prezzijiet tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja, li jikkonfermaw li dawn il-prezzijiet ma jistgħux iservu bħala parametru referenzjarju. B'mod partikolari, l-obbligu tal-

([112]) https://www.esdm.go.id/en/media-center/news-archives/-new-regulation-on-mineral-ore-benchmark-price-issued

gvern li l-funderiji jipproċessaw il-mineral tan-nikil domestikament flimkien ma' miri speċifiċi tal-produzzjoni jirriżultaw fi provvista żejda fis-suq domestiku u b'hekk, inaqqsu l-prezzijiet domestiċi. Il-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet kkontribwew ukoll għall-provvista żejda ta' mineral tan-nikil fis-suq domestiku u, għalhekk, għal pressjoni 'l isfel fuq l-prezzijiet. L-ebda tranżazzjoni unika għall-mineral tan-nikil fl-Indoneżja ma tneħħi l-fatt li d-diversi distorsjonijiet tas-suq li jaffettwaw direttament jew indirettament il-prezzijiet jirriżultaw f'distorsjoni tal-prezzijiet kollha tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja.

(521) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq domestiku kollu tal-mineral tan-nikil huwa affettwat minn dawn il-miżuri u kien impossibbli li jiġi stabbilit prezz mingħajr distorsjoni tal-mineral tan-nikil fis-suq tal-Indoneżja skont il-kundizzjonijiet domestiċi prevalenti. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda prezz domestiku li seta' jintuża bħala parametru referenzjarju xieraq.

(522) Għalhekk, il-Kummissjoni kellha tfittex valur referenzjarju xieraq barra mill-pajjiż ([113]). F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li minn meta l-esportazzjonijiet Indoneżjani tal-mineral tan-nikil waqfu fl-2014, l-esportazzjonijiet tal-mineral tan-nikil mill-Filippini żviluppaw b'mod konsiderevoli, b'mod partikolari għas-suq tal-konsum ewlieni, jiġifieri r-RPĊ. Il-mineral tan-nikil tal-laterit tal-Filippini għandu l-istess proprjetajiet bħall-mineral tan-nikil tal-laterit tal-Indoneżja. Jiġi estratt skont l-istess proċess tal-minjieri fil-ftuħ bħal fl-Indoneżja u għandu kontenut simili ta' nikil bħall-mineral tal-Indoneżja. Kemm il-minerali tal-Filippini kif ukoll dawk tal-Indoneżja jiġu estratti fi klima niedja simili u, għalhekk, għandhom kontenut ta' ilma relattivament għoli u simili. Konsegwentement, peress li l-mineral tan-nikil tal-Filippini ma huwiex affettwat mill-miżuri tal-gvern li joħolqu distorsjoni fis-suq tal-Indoneżja u minħabba li l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fiż-żewġ pajjiżi, inklużi l-kwalità, id-disponibbiltà, il-kummerċjabbiltà, it-trasport u kundizzjonijiet oħrajn tax-xiri jew tal-bejgħ huma simili, il-Kummissjoni qieset li l-mineral tan-nikil tal-Filippini u tal-Indoneżja huwa komparabbli. Hemm ukoll prossimità ġeografika, li tikkontribwixxi wkoll sabiex is-sitwazzjoni tal-mineral tan-nikil tal-Filippini ssir komparabbli ma' dik li tipprevali fl-Indoneżja fin-nuqqas tal-miżuri ta' distorsjoni tal-GTID.

(523) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li, f'konformità mal-punt (ii) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(d) tar-Regolament bażiku, il-prezz tal-esportazzjoni mill-Filippini jikkostitwixxi parametru referenzjarju xieraq sabiex jiġi vvalutat jekk il-prezzijiet tal-mineral tan-nikil tal-Indoneżja sarux għal remunerazzjoni anqas minn adegwata. Il-prezz ikkunsidrat bħala referenza għall-mineral tan-nikil tal-Filippini huwa l-prezz FOB tal-Filippini kif irrapportat minn FerroAlloyNet b'kontenut tan-nikil ta' 1,8 %. Din l-informazzjoni ġiet sottomessa mill-ilmentatur fuq bażi trimestrali. Barra minn hekk, l-ilmentatur ipprovda parametri referenzjarji (anki fuq bażi trimestrali) għal prodotti b'kontenut ta' nikil ta' 1,5 %, ta' 1,6 %, ta' 1,9 % u ta' 2,0 %. Dawn il-parametri referenzjarji ntużaw sabiex jiġu stabbiliti parametri referenzjarji għal gradi oħrajn mixtrijin mill-Grupp IRNC fuq il-bażi tal-kontenut tan-nikil (1,3 %, 1,4 %, 1,7 %, 2,1 %, 2,2 %, 2,3 % u 2,4 %).

(524) Dawn il-parametri referenzjarji tqabblu mal-prezzijiet tax-xiri rrapportati tal-kumpaniji fi ħdan il-Grupp IRNC (IRNC, GCNS, ITSS, SMI u TSI) fil-PI kemm skont il-kontenut tan-nikil kif ukoll skont it-trimestru xieraq. Id-differenzi miksuba minn dan it-tqabbil ġew ikkalkolati għal kull kumpanija tal-Grupp fl-IDR. Mill-premessi ta' hawn fuq isegwi li l-prezzijiet domestiċi Indoneżjani tal-mineral tan-nikil kienu konsistentement aktar baxxi mill-prezz referenzjarju indikatur (prezzijiet FOB tal-Filippini). Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri tal-GTID jobbligaw lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil jaġixxu bħala korpi pubbliċi u/jew kif inkarigati jew ordnati mill-GTID sabiex jipprovdu n-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata lill-industrija tal-azzar inossidabbli tal-Indoneżja.

(525) Għalhekk, il-Kummissjoni qabblet il-prezz tax-xiri domestiku attwali tal-mineral tan-nikil mal-produtturi li kkooperaw mal-prezz referenzjarju mingħajr distorsjoni fil-Filippini.

(526) Fil-kummenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni finali, il-GTID u l-Grupp IRNC ma qablux dwar il-parametru referenzjarju għall-mineral tan-nikil fuq il-bażi tal-mineral tan-nikil mill-Filippini, minħabba li: (i) il-laterit tal-Filippini għandu l-proprjetajiet ta' mineral tan-nikil ta' Ni <1,5 % (limonit), filwaqt li l-mineral tan-nikil tal-laterit tal-Indoneżja għandu l-proprjetajiet ta' mineral tan-nikil ta' Ni >1,5 %, (ii) il-kwantità ta' mineral tan-nikil tal-laterit prodott fl-Indoneżja huwa aktar mid-doppju tal-produzzjoni tal-Filippini, u (iii) il-kost għal kull tunnellata produzzjoni tan-nikil fl-Indoneżja huwa aktar baxx minn dak tal-Filippini, peress li l-ħxuna medja tal-laterit tan-nikil hija ta' 30 m fl-Indoneżja, filwaqt li fil-Filippini hija ta' 20 m biss, u d-depożitu tan-nikil fl-Indoneżja huwa fil-livell ta' kontenut ta' 1,8 % nikil, filwaqt li fil-Filippini huwa ta' kontenut ta' 1,6 % nikil. Barra minn hekk, kemm il-GTID kif ukoll IRNC affermaw li l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-Indoneżja, filwaqt li naqqset il-prezz

([113]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *United States – Countervailing Measures Certain Hot-Rolled Carbon Steel Flat Products from India*, WT/DS436/AB/R, adottat fid-19 ta' Diċembru 2014, il-paragrafu 4.158.

domestiku, żiedet il-prezzijiet tal-mineral tan-nikil mill-Filippini. Jenħtieġ li l-parametru referenzjarju t-tajjeb ikun, skont il-GTID, il-kost tal-produzzjoni attwali tal-mineral tan-nikil tal-IRNC, kif stabbilit fl-investigazzjoni anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti folji u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana ([114]), jew, skont il-Grupp IRNC, il-kostijiet attwali tal-produzzjoni, l-SG&A attwali u profitt xieraq tal-produtturi Indoneżjani tal-mineral tan-nikil investigati.

(527) L-ilmentatur wieġeb li fil-fehma tagħhom il-mineral tan-nikil tal-Filippini baqa' l-aktar parametru referenzjarju xieraq għall-mineral tan-nikil tal-Indoneżja. L-ilmentatur żied li, jekk il-Kummissjoni tqis li l-mineral tan-nikil tal-Filippini ma jikkostitwixxix parametru referenzjarju xieraq, dan kien ikun isostni r-referenza għall-prezz internazzjonali tan-nikil tal-LME bħala l-uniku parametru referenzjarju alternattiv eżistenti. L-ilmentatur fakkar li l-prezz tal-HMA tal-Indoneżja nnifsu ppubblikat għan-nikil, użat sabiex jiġi ddefinit il-prezz tal-bejgħ domestiku tal-mineral tan-nikil (HPM), huwa bbażat fuq LME. Peress li l-LME tirreferi għal tunnellati metriċi xotti, skont l-ilmentatur jenħtieġ li tiġi aġġustata bil-kontenut ta' ndewwa. L-ilmentatur iċċara li dan ikun approċċ konservattiv, minħabba li ma jikkunsidrax il-kontenut ta' ħadid tal-mineral tan-nikil.

(528) IRNC ipprovdiet kontroreplika għar-risposta tal-EUROFER dwar l-użu tal-LME bħala parametru referenzjarju alternattiv. Il-Grupp IRNC enfasizza l-ewwel li n-nikil, li għalih tirreferi l-LME, u l-mineral tan-nikil huma prodotti differenti. Skont il-Grupp IRNC, ix-xejriet differenti fid-*data* dwar il-prezz għan-nikil fuq il-bażi tal-LME, li kien qed jonqos, u għall-mineral tan-nikil tal-Filippini, li kien qed jiżdied, jixħtu dubju fuq l-użu tiegħu minħabba li d-domanda u l-provvista tan-nikil u tal-mineral tan-nikil ikunu differenti. It-tieni, il-Grupp IRNC argumenta li l-formula proposta mill-EUROFER tissopravvaluta l-prezz tal-mineral tan-nikil minħabba li: (i) mhux il-kontenut kollu tan-nikil li jinsab fil-mineral tan-nikil jista' jiġi estratt mill-mineral tan-nikil u jiġi pproċessat ulterjorment f'nikil pur, iżda jenħtieġ li jitqies proporzjon ta' rendiment mill-mineral tan-nikil għan-nikil; (ii) il-prezz tan-nikil pur jirrifletti l-kostijiet u l-ispejjeż kollha neċessarji sabiex in-nikil pur jinġieb fis-suq (eż., il-kost tal-mineral tan-nikil, il-kost tal-enerġija, l-ispiża ta' deprezzament tal-makkinarju, il-kost lavorattiv, l-ispiża tat-trasport, l-SGA u l-profitti tal-produtturi u tan-negozjanti eċċ. Il-Grupp IRNC ikkonkluda li, fil-fehma tiegħu, il-formula bbażata fuq l-LME ssopravvalutat il-parametru referenzjarju, u li parametru referenzjarju xieraq ikun ibbażat fuq il-kostijiet attwali tal-produzzjoni, fuq l-SG&A attwali u fuq profitt xieraq tal-produtturi tal-mineral tan-nikil Indoneżjani investigati.

(529) Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-argumenti kollha mqajmin mill-partijiet. Billi bdiet bit-talba tal-GTID u tal-Grupp IRNC sabiex jintuża parametru referenzjarju fil-pajjiż ibbażat fuq il-kost tal-produzzjoni, fuq l-SG&A u fuq marġni ta' profitt xieraq tal-produtturi Indoneżjani tal-mineral tan-nikil, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan ma jkunx fattibbli u fi kwalunkwe każ ma jkunx konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi tal-mineral tan-nikil, il-Kummissjoni ma kellhiex għad-dispożizzjoni fil-fajl *data* fil-pajjiż dwar il-kost tal-produzzjoni u l-SG&A tal-produtturi Indoneżjani tal-mineral tan-nikil, u lanqas ma kellha informazzjoni dwar marġni ta' profitt xieraq fl-Indoneżja. Għalhekk, ma jkunx fattibbli li jinbena l-parametru referenzjarju kif mitlub minn dawn il-partijiet. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni nnotat li fid-dawl tad-distorsjonijiet domestiċi prevalenti fis-suq tal-mineral tan-nikil Indoneżjan kif spjegat fit-Taqsima 4.4.3.2.2, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (521) li ma setgħet issib l-ebda parametru referenzjarju xieraq fil-pajjiż u, għalhekk, kellha tirrikorri għal parametru referenzjarju barra mill-pajjiż. Għalhekk, dan il-parametru referenzjarju alternattiv fil-pajjiż ġie miċħud.

(530) Imbagħad, il-Kummissjoni vvalutat bir-reqqa l-argumenti dwar il-formula bbażata fuq il-prezz tal-LME tan-nikil. Fil-bidu, il-Kummissjoni qieset li l-LME hija fost l-akbar swieq finanzjarji tad-dinja li jkopru l-metalli bażiċi. Fir-rigward tal-prezz tan-nikil, il-Kummissjoni nnotat li l-prezz tal-LME huwa bbażat fuq tranżazzjonijiet attwali u li l-kundizzjonijiet tiegħu huma allinjati sew mal-kundizzjonijiet tas-suq Indoneżjan. Aktar importanti minn hekk, il-Kummissjoni qieset li huwa konvinċenti l-argument li l-prezz tan-nikil tal-LME huwa l-punt tat-tluq tal-metodoloġija użata mill-GTID innifsu sabiex jistabbilixxi l-prezz ta' referenza domestiku tal-mineral tan-nikil, peress li jkun jikkostitwixxi rabta aktar mill-qrib mas-suq u mas-sitwazzjoni Indoneżjani. Għalhekk, il-prezzijiet tan-nikil tal-LME jikkostitwixxu bażi xierqa għall-kalkolu tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni nnotat li l-formula proposta mill-ilmentatur fir-rigward tal-prezzijiet tan-nikil tkun teħtieġ li tiġi adattata sabiex tirrifletti xi elementi msemmijin mill-Grupp IRNC fis-sottomissjoni kontrarja tagħha. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' evidenza suffiċjenti fil-fajl fl-istadju estremament tard tal-investigazzjoni, ma kienx prattikabbli għall-Kummissjoni li twettaq l-adattament imsemmi hawn fuq u, b'hekk, tuża l-prezzijiet tal-LME bħala l-parametru referenzjarju fl-investigazzjoni.

([114]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1408 tas-6 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indoneżja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan, ĠU L 325, 7.10.2020, p. 26.

(531) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, imbagħad il-Kummissjoni ikkunsidrat l-argumenti mqajmin mill-partijiet fuq il-parametru referenzjarju fuq il-bażi tal-prezzijiet attwali tal-Filippini tal-mineral tan-nikil fuq bażi FOB użati għall-kalkolu tal-benefiċċju. Il-Kummissjoni nnotat li l-GTID u l-Grupp IRNC ma ssostanzjawx kif l-elementi li rreferew għalihom dwar karatteristiċi tekniċi u kwantitajiet ta' produzzjoni differenti bejn il-mineral tan-nikil tal-Indoneżja u tal-Filippini affettwaw dawk il-prezzijiet tal-Filippini, u lanqas ma ppreżentaw evidenza li tipprova tikkwantifika kwalunkwe aġġustament possibbli li jirriżulta minn dawn id-differenzi għall-prezzijiet tal-Filippini użati bħala parametru referenzjarju. L-argument li l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-Indoneżja naqqset b'mod artifiċjali l-prezzijiet domestiċi Indoneżjani u rriżultat ukoll fi prezzijiet ogħla tal-Filippini ma jaffettwax il-fatt li l-prezzijiet tal-Filippini kienu jirrappreżentaw valur referenzjarju xieraq, minħabba li dawn kienu jirriflettu l-prezzijiet attwali tas-suq tal-mineral tan-nikil li rriżultaw miċ-ċirkostanzi tas-suq u mill-għażliet regolatorji koinċidenti kollha tad-diversi pajjiżi (inkluża l-Indoneżja) u, għalhekk, ma naqqsux ir-rappreżentattività attwali tas-suq ta' dawn il-prezzijiet. Fir-rigward tal-affermazzjoni ta' kontenut differenti ta' nikil fil-mineral tan-nikil fil-Filippini, il-parametru referenzjarju użat mill-Kummissjoni jammonta għal differenza tali (il-Kummissjoni bniet parametru referenzjarju għal kull tip ta' mineral tan-nikil mixtri mill-Grupp IRNC). Fir-rigward tal-affermazzjoni li l-kost tal-produzzjoni tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja huwa aktar baxx milli fil-Filippini, kif iddikjarat fil-premessa (528), il-minaturi Indoneżjani tal-mineral tan-nikil ma kkooperawx fl-investigazzjoni u, għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta dawn il-kostijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat l-għażla tagħha li tuża l-parametru referenzjarju tal-Filippini bħala l-aktar xieraq f'dawn iċ-ċirkostanzi, meta jitqiesu wkoll il-kwantitajiet sostanzjali esportati mill-Filippini u l-fatt li x-xerrejja ewlenin tal-mineral tan-nikil tal-Filippini kienu produtturi Ċiniżi tal-azzar inossidabbli li jużaw l-istess teknoloġija bħall-Grupp IRNC sabiex jipproduċu l-prodott ikkonċernat. Għalhekk, l-argumenti mill-GTID u mill-Grupp IRNC f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(532) Il-GTID afferma wkoll li l-mineral tan-nikil ma kienx materja prima diretta għall-SSCR. Għall-kuntrarju, il-mineral tan-nikil kien materja prima għal NPI u għal prodotti inossidabbli llaminati bis-sħana, li min-naħa tagħhom huma inputs upstream għall-SSCR. Skont il-GTID, jenħtieġ li dan il-fatt jitqies fil-kalkolu tal-benefiċċju.

(533) Il-Grupp IRNC afferma li l-entità IRNC kienet qed tbigħ il-mineral tan-nikil mixtri fi ħdan il-Grupp IRNC u, għalhekk, fil-kalkolu tal-benefiċċju jenħtieġ li ma jiġi inkluż l-ebda benefiċċju li jirriżulta mill-mineral tan-nikil mixtri tagħha. Dan l-argument ġie mtenni mill-Grupp IRNC wara divulgazzjoni finali addizzjonali.

(534) Il-Kummissjoni kkonfermat li qieset dawn iż-żewġ aspetti fil-kalkolu tal-ammont ta' sussidjar għall-Grupp IRNC. L-ewwel nett, għall-forniturі relatati fuq l-inputs, il-benefiċċju li nstab f'dawk il-kumpaniji ġie allokat bl-użu tal-proporzjon tal-fatturat tagħhom li kien relatat mal-produttur esportatur. Imbagħad, dan il-benefiċċju allokat żdied mal-benefiċċju tal-produttur esportatur u ġie inkluż fil-kalkoli tas-sussidju ta' dan il-produttur. Fil-livell tal-produttur esportatur, id-denominatur tal-benefiċċju kien il-fatturat totali tal-kumpanija. Il-metodoloġija dettaljata tal-kalkolu ġiet iddivulgata lill-Grupp IRNC fid-divulgazzjoni individwali tiegħu peress li kien fiha informazzjoni kunfidenzjali.

(535) Il-Kummissjoni nnotat li l-użu finali tal-mineral tan-nikil mixtri, kemm jekk għall-prodott ikkonċernat kif ukoll jekk għall-bejgħ lil kumpaniji relatati għal proċessar ulterjuri, huwa irrilevanti peress li, fil-kalkolu tar-rata tas-sussidju, id-denominatur huwa l-fatturat totali tal-Grupp IRNC. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(536) L-ammont tal-benefiċċju kkalkolat b'dan il-mod ammonta għal 9,64 % għall-Grupp IRNC.

4.4.3.2.3. Speċifiċità

(537) Is-sett ta' miżuri tal-GTID kien dirett sabiex jibbenefika lil ċerti industriji, b'mod partikolari l-industrija domestika tal-azzar inossidabbli. Tabilħaqq, minkejja li d-distorsjonijiet fuq il-mineral tan-nikil jibbenefikaw ukoll prodotti downstream għajr l-azzar inossidabbli (jiġifieri l-produtturi ta' batteriji elettriċi użati f'vetturi ġodda tal-enerġija), il-benefiċċju huwa disponibbli biss għal ċerti industriji fl-Indoneżja, jiġifieri dawk attivi fil-katina tal-valur tan-nikil. Għalhekk, il-miżuri tal-GTID huma speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku. Il-karatteristiċi inerenti tal-mineral tan-nikil jillimitaw l-użu possibbli tas-sussidju għal ċerta industrija, iżda dan ma jfissirx li, sabiex ikun speċifiku, is-sussidju għandu jkun limitat ulterjorament għal subsett ta' din l-industrija ([115]).

([115]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 436, il-paragrafu 4.398.

(538) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-GTID afferma li ma kien hemm l-ebda speċifiċità fil-politiki dwar il-mineral tan-nikil, minħabba li ma kinux japplikaw biss għas-settur tal-azzar inossidabbli, iżda għal firxa varja ta' prodotti.

(539) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni. Fil-fatt, il-politiki tal-GTID dwar il-mineral tan-nikil dejjem iffokaw fuq il-mineral tan-nikil bħala materja prima għas-settur tal-azzar inossidabbli. Fil-fatt, id-dokumenti fil-fajl tal-investigazzjoni wrew li l-mineral tan-nikil użat għall-produzzjoni tal-azzar inossidabbli jrid ikollu kontenut ta'> 1,7 % nikil. Għall-kuntrarju, il-mineral tan-nikil b'< 1,7 % isib applikazzjonijiet differenti, pereżempju fil-batteriji għall-vetturi elettriċi. Evidenza ta' dan hija l-fatt li, mill-GR 1/2017 u sar-Regolament tal-MEMR 11/2019, il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni kienet tikkonċerna biss il-mineral tan-nikil b'kontenut ta' > 1,7 % nikil, jiġifieri l-mineral tan-nikil biss li kien jintuża fis-settur tal-azzar inossidabbli. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4.4.3.3. Konklużjonijiet

(540) Permezz ta' sett speċifiku ta' miżuri, il-GTID, permezz tal-kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja li jaġixxu bħala korpi pubbliċi jew fdati/ordnati mill-GTID, jipprovdu mineral tan-nikil lill-industrija tal-azzar inossidabbli għal remunerazzjoni anqas minn adegwata. Din il-provvista ta' oġġetti tikkostitwixxi benefiċċju finanzjarju għall-benefiċjarju u hija speċifika, u, għalhekk, hija kumpensabbli.

(541) Ma kienx hemm biżżejjed evidenza sabiex jiġi stabbilit sa liema punt Jindal Stainless Indonesia tista' tibbenefika minn din l-iskema, peress li Jindal Stainless Indonesia ma hijiex integrata vertikalment u tibda l-proċess tal-produzzjoni tagħha fil-livell ta' kojls illaminati bis-sħana.

(542) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward tal-forniment ta' mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-Grupp IRNC kien jammonta għal:

Kumpanija	Ammont ta' sussidju kumplessiv
Grupp IRNC	9,64 %

4.5. **Il-kooperazzjoni bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina u l-Park Industrijali ta' Morowali**

4.5.1. *Introduzzjoni u kuntest fattwali*

(543) L-ilment allega li bħala parti mill-pjan tiegħu li jiżviluppa l-industrija tal-azzar inossidabbli, il-GTID ibbaża fuq l-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-GTĊ. Dan l-appoġġ kien speċifikament marbut mal-iżvilupp tal-Park ta' Morowali li huwa essenzjalment immexxi minn kumpaniji Ċiniżi, b'mod partikolari Shanghai Decent Investment (Group), il-kumpanija azzjonarja tal-Grupp Tsingshan. Skont l-ilment, il-GTID mhux biss fittex, irrikonoxxa u adotta b'mod attiv il-finanzjament Ċiniż tiegħu stess, iżda allegatament eżerċitat ukoll pressjoni fuq il-GTĊ sabiex jappoġġa lil kumpaniji Ċiniżi li qabel kienu qed idewbu l-mineral tan-nikil importat mill-Indoneżja lejn l-NPI fiċ-Ċina sabiex imexxu l-attivitajiet ta' tidwib tagħhom lejn l-Indoneżja.

(544) L-isfond storiku u fattwali għall-kooperazzjoni mill-qrib ħafna bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina sabiex tiġi żviluppata industrija tal-azzar inossidabbli downstream kompletament integrata li tiddependi fuq ir-riżervi tal-mineral tan-nikil disponibbli fl-Indoneżja, u fuq il-finanzi u l-għarfien espert li ġabet magħha ċ-Ċina huwa introdott fit-Taqsima 4.3. Kif spjegat, l-Indoneżja għandha riżervi sinifikanti ta' mineral tan-nikil u hija waħda mill-akbar atturi f'dak is-suq madwar id-dinja. Mill-2005, l-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil żdiedet b'mod sostanzjali, u l-istess għamlet l-esportazzjonijiet (ara t-Tabelli 1 u 2). It-tabelli juru wkoll li ċ-Ċina progressivament saret l-akbar destinazzjoni ta' esportazzjonijiet ta' mineral tan-nikil, minħabba li l-mineral tal-Indoneżja kien l-aktar adattat għall-produzzjoni tal-azzar inossidabbli. Il-GTID kien imħasseb li r-riżervi tiegħu ta' mineral tan-nikil kienu se jitbattlu minħabba l-esportazzjonijiet peress li ma kellux kapaċità domestika suffiċjenti sabiex ikompli jipproċessa l-mineral, u għalhekk il-pajjiż ma jiksibx biżżejjed benefiċċji minnhom.

(545) Permezz tal-Liġi l-ġdida tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, il-GTID iddeċieda li jżid il-valur miżjud domestiku billi jippromwovi l-proċessar domestiku tal-minerali inkluż il-mineral tan-nikil, prinċipalment permezz ta' obbligu ta' proċessar domestiku (ara l-premessi (401) sa (404)). Iddeċieda wkoll li jintroduċi limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet wara perjodu ta' konċessjoni ta' 5 snin sabiex jiżgura li tinbena kapaċità domestika suffiċjenti li tassorbi l-produzzjoni tal-mineral tan-nikil u sabiex jiżgura li l-minaturi jipprovduh għal remunerazzjoni anqas minn adegwata (ara t-taqsima preċedenti).

(546) F'dan il-kuntest, il-GTID beda taħditiet ma' pajjiżi terzi potenzjalment interessati b'industrija domestika tal-azzar inossidabbli. Pereżempju, il-GTID fittex li jikkonvinċi lill-Ġappun u lill-industrija tal-proċessar tal-mineral tan-nikil tiegħu sabiex jinvestu fl-Indonesja. Madankollu, il-gvern Ġappuniż kien kontra r-restrizzjonijiet tal-esportazzjonijiet ippjanati mill-Indonesja peress li kkunsidrahom inkompatibbli mar-regoli tad-WTO u hedded li jiftaħ kawża kontra l-Indonesja fid-WTO ([116]).

(547) Il-GTID irnexxielu meta daħal f'kuntatt mal-gvern Ċiniż. B'riżultat tal-kooperazzjoni bilaterali ssanzjonata fil-ftehimiet fl-2011 u fl-2013, u li mbagħad kompliet tiżdied, iċ-Ċiniżi bdew jibnu u jiżviluppaw il-funderiji fl-Indonesja. L-esportazzjonijiet lejn iċ-Ċina laħqu l-ogħla livell fl-2013 bi 58 miljun tunnellata, filwaqt li l-kapaċità domestika fl-Indonesja żdiedet progressivament minn 7,81 miljun tunnellata fl-2014, meta daħlu fis-seħħ l-obbligu tal-proċessar domestiku u l-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet, għal 61 miljun tunnellata fl-2019 (ara t-Tabella 3).

4.5.1.1. Bażi ġuridika

(548) Il-ftehimiet bilaterali rilevanti ffirmati matul is-snin bejn il-GTID u l-GTĊ, u d-dikjarazzjonijiet iffinalizzati b'mod konġunt, jinkludu:

— Id-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-Indonesja u r-RPĊ dwar is-Sħubija Strateġika, iffirmata f'Jakarta fil-25 ta' April 2005;

— Il-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-Sħubija Strateġika bejn il-GTID u l-GTĊ, iffirmat f'Jakarta fil-21 ta' Jannar 2010;

— Il-Ftehim bejn il-GTID u l-GTĊ dwar l-Espansjoni u l-Approfondiment tal-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali Vilaterali, iffirmat f'Jakarta fid-29 ta' April 2011;

— Il-Komunikat Konġunt bejn il-GTID u l-GTĊ dwar it-Tisħiħ Ulterjuri tas-Sħubija Strateġika bejn iċ-Ċina u l-Indonesja, iffinalizzat f'Jakarta fid-29 ta' April 2011;

— Il-Protokoll li Jemenda l-Memorandum ta' Qbil bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Marittimi u s-Sajd tal-Indonesja u l-Amministrazzjoni Oċeanika Statali tar-RPĊ dwar il-Kooperazzjoni Marittima, iffirmat f'Jakarta fid-29 ta' April 2011;

— Dikjarazzjoni konġunta, li stiednet lill-intrapriżi Ċiniżi jżidu l-investimenti tagħhom fl-Indonesja, iffinalizzata f'Beijing fil-25 ta' Marzu 2012;

— Il-Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin bejn l-Indonesja u ċ-Ċina għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali, iffirmat f'Jakarta fit-2 ta' Ottubru 2013;

— Il-Ftehim bejn il-GTID u l-GTĊ dwar il-Parks Industrijali Integrati bejn l-Indonesja u ċ-Ċina, iffirmat f'Jakarta fit-2 ta' Ottubru 2013;

— Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-Tisħiħ tas-Sħubija Strateġika Komprensiva bejn ir-RPĊ u l-Indonesja, iffinalizzata f'Beijing fis-26 ta' Marzu 2015;

— Il-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tas-Sħubija Strateġika Komprensiva bejn il-GTID u l-GTĊ (2017-2021), iffirmat f'Beijing fl-14 ta' Mejju 2017;

— Il-Memorandum ta' Qbil dwar il-Promozzjoni tal-Kooperazzjoni fl-Iżvilupp ta' Kurituri Ekonomiċi Komprensivi Reġjonali bejn il-Ministeru Koordinatur tal-Affarijiet Marittimi tal-Indonesja u l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma tar-RPĊ, iffirmat f'Bogodor fis-7 ta' Mejju 2018; u

— Il-Memorandum ta' Qbil dwar l-Istabbiliment ta' Kumitat Konġunt ta' Tmexxija għall-Iżvilupp ta' Kurituri Ekonomiċi Komprensivi Reġjonali bejn il-Ministeru Koordinatur għall-Affarijiet Marittimi tal-Indonesja u l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma tar-RPĊ, iffirmat f'Beijing fit-23 ta' Ottubru 2018.

(549) Barra minn hekk, xi biċċiet domestiċi ta' leġiżlazzjoni promulgati mill-GTID implimentaw il-ftehimiet bilaterali msemmijin hawn fuq jew kienu relatati magħhom:

— Il-Pjan Direttur għall-Aċċellerazzjoni u għall-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indonesja għall-2011-2025 ("MP3EI") ippubblikat f'Mejju 2011; u

— Id-Digriet tal-Ministeru tal-industrija tal-Indonesja Nru 432/M-IND/Kep/7/2014 dwar it-Tim ta' Kooperazzjoni jew il-Proprjetà Industrijali Integrata tal-Indonesja u taċ-Ċina, datat it-22 ta' Lulju 2014.

([116]) https://kemenperin.go.id/artikel/3594/Let-Japan-Process-Nickel-in-Indonesia:-Industri-minister

4.5.2. *In-nuqqas ta' kooperazzjoni parzjali u l-użu tal-fatti disponibbli b'rabta mal-appoġġ fil-Park ta' Morowali*

4.5.2.1. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku b'rabta mal-GTID

(550) Il-Kummissjoni talbet lill-GTID jipprovdi ċerta informazzjoni dwar il-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali stabbilit mill-GTID u mill-GTĊ u, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet li fihom il-Park ta' Morowali ġie stabbilit oriġinarjament u jekk u sa liema punt il-Park ta' Morowali u l-assistenza finanzjarja pprovduta mill-GTĊ kinux parti mill-kooperazzjoni bilaterali bejn il-gvernijiet rispettivi tal-Indoneżja u taċ-Ċina.

(551) Il-Kummissjoni talbet b'mod speċifiku lill-GTID sabiex jipprovdi dokument, iffirmat fit-3 ta' Ottubru 2013 minn Xiang Guanda ta' Shanghai Decent Investment u minn Halim Mina minn Bintang Delapan Group fil-preżenza tal-presidenti taċ-Ċina u tal-Indoneżja. Il-GTID naqas milli jipprovdi dan id-dokument, li skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, jistabbilixxi l-ftehim sabiex jiġu stabbiliti b'mod konġunt IMIP u l-iżvilupp sussegwenti tal-Park Industrijali ta' Morowali ([117]). Barra minn hekk, matul l-RCC tal-GTID, il-GTID ikkonferma l-eżistenza ta' dan il-ftehim; madankollu, il-GTID afferma li ma kienx għandu.

(552) Kif spjegat fil-premessa (573), il-Kummissjoni talbet lill-GTID sabiex jipprovdi l-lista ta' proġetti prijoritarji li ntgħażlu għall-implimentazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina. Minflok, il-GTID ipprovda lista differenti ta' proġetti, jiġifieri l-lista ta' proġetti ta' kooperazzjoni bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina taħt id-djalogu ekonomiku ta' livell għoli (HLED).

(553) Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi (639) et seq., il-Kummissjoni talbet lill-GTID jissottometti dokumentazzjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ipprovduti, u l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni stabbiliti mill-GTĊ u mill-GTID f'dan ir-rigward. Madankollu, il-GTID wieġeb li t-tim KIT Indonesia maħluq f'dan ir-rigward ma ġġenerax politiki sinifikattivi u rrifjuta li jipprovdi kwalunkwe dokumentazzjoni f'dan ir-rigward.

(554) Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-GTID li jista' jkun li hija jkollha tirrikorri għall-użu tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku meta teżamina l-eżistenza u l-firxa tal-allegat sussidjar għall-kumpaniji li jinsabu fil-Park Industrijali ta' Morowali.

(555) Fin-nuqqas tal-informazzjoni mitluba, il-Kummissjoni qieset li ma rċivietx informazzjoni kruċjali u neċessarja rilevanti għal dan l-aspett tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u bbażat fuq il-fatti disponibbli fir-rigward ta' dawk l-affarijiet.

4.5.2.2. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku b'rabta mal-GTĊ

(556) Kif imfakkar aktar 'il fuq fil-premessa (15), fin-Notifika ta' bidu l-Kummissjoni stiednet lill-GTĊ sabiex isir parti interessata u, dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu, bagħtet in-Notifika ta' bidu lill-GTĊ, filwaqt li ġibdet l-attenzjoni tiegħu b'mod espliċitu lejn l-istedina. Permezz ta' posta elettronika tal-19 ta' Frar 2021, il-GTĊ ikkonferma li kien irreġistra bħala parti interessata.

(557) Il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-GTĊ sabiex tiġbor informazzjoni dwar ħarsa ġenerali lejn is-settur finanzjarju fiċ-Ċina, informazzjoni relatata mal-Kummissjoni Bankarja u Regolatorja taċ-Ċina, u informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju, il-garanziji tal-esportazzjoni u l-assigurazzjoni fil-kuntest tal-Park ta' Morowali u taż-Żoni tal-Kummerċ u tal-Kooperazzjoni Barranin. Madankollu, il-GTĊ irrifjuta li jissottometti din l-informazzjoni.

([117]) Ir-rapport annwali ta' IMIP tal-2017;
https://www.business.hsbc.com.cn/en-gb/belt-and-road/story-5;
www.etsingshan.com/Art/Art_38/Art_38_69.aspx;
https://www.dsppatech.com/dsppa-pa-system-applied-in-indonesia-morowali-industrial-park.html

(558) Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li jista' jkollha tirrikorri għall-użu tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-iskema ta' sussidju inkwistjoni. Ma wasal l-ebda kumment mingħand il-GTĊ.

(559) Fin-nuqqas tal-informazzjoni mitluba, il-Kummissjoni qieset li ma rċivietx informazzjoni kruċjali u neċessarja rilevanti għal dan l-aspett tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u bbażat fuq il-fatti disponibbli fir-rigward ta' dawk l-affarijiet.

4.5.3. *Id-dokumenti legali u ta' politika tal-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali bejn il-GTID u l-GTĊ*

(560) Il-kooperazzjoni instigata mill-GTID mal-GTĊ dwar it-trattament preferenzjali sabiex jiġu stabbiliti u promossi l-ħolqien u l-iżvilupp tal-industrija tal-azzar inossidabbli tal-Indoneżja tmur lura għall-ewwel snin ta' wara s-sena 2000. Tikkonsisti f'numru ta' dokumenti bilaterali li jistabbilixxu l-qafas legali u ta' politika li jwasslu għall-adozzjoni ta' diversi politiki speċifiċi ta' appoġġ u ta' programmi preferenzjali li jikkostitwixxu sussidji kumpensabbli koperti minn din l-investigazzjoni.

(561) Dawn id-dokumenti juru li tul is-snin iż-żewġ pajjiżi stabbilew qafas ta' kooperazzjoni fuq il-bażi ta' numru ta' dokumenti legali u ta' politika bilaterali sabiex iżidu progressivament il-kooperazzjoni tagħhom. Dawn jinkludu t-termini kollha tal-kooperazzjoni u l-objettiv primarju li tiġi stabbilita u żviluppata industrija domestika tal-azzar inossidabbli fl-Indoneżja permezz ta' numru ta' miżuri u ta' politiki preferenzjali differenti applikabbli għall-entitajiet Sino-Indoneżjani mħeġġin u appoġġati mill-gvernijiet rispettivi sabiex jimplimentaw din il-kooperazzjoni.

(562) Il-kooperazzjoni bejn il-GTID u l-GTĊ fis-settur tal-estrazzjoni minerarja u metallurġiku bdiet fl-2005 bl-iffirmar ta' Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina dwar sħubija strateġika, li tiddikjara li ż-żewġ partijiet "*se jsaħħu l-kooperazzjoni fl-investiment billi jżidu l-fehim reċiproku u n-networking fost l-awtoritajiet tal-investiment, inklużi s-setturi privati, u billi joħolqu klimi ekosoċjopolitiċi u legali aktar favorevoli għall-fluss tal-investimenti*". Diġà sa minn dak iż-żmien, il-GTĊ kien talab assigurazzjoni mill-GTID sabiex jiggarantixxi l-interessi tal-investituri barranin sabiex jagħmlu l-profitti ([118]). Dak iż-żmien ġie ddikjarat ukoll li fl-aħħar għaxar snin tal-iżvilupp ekonomiku, il-gvern Ċiniż dejjem kien iggarantixxa li kull investiment fiċ-Ċina kien profittabbli. Din il-kooperazzjoni kienet allinjata mal-politika taċ-Ċina ta' "Go out" li bdiet fl-1999 u ffavoriet l-istabbiliment barra mill-pajjiż u l-esportazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji Ċiniżi.

(563) F'Jannar 2010, bħala implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2005, l-Indoneżja u ċ-Ċina ffirmaw id-dokument tal-Pjan ta' Azzjoni bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina ("Pjan ta' Azzjoni tal-2010") sabiex jelaboraw is-sħubija strateġika tagħhom. Dan id-dokument fih pjan sabiex jitħeġġeġ l-investiment Ċiniż f'industriji bbażati fuq ir-riżorsi fl-Indoneżja, inkluża l-estrazzjoni minerarja ([119]). Fit-Taqsima 3.2 dwar il-"Kooperazzjoni Kummerċjali", l-Artikolu 3.2.14 irrefera għall-"formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan fuq ħames snin għall-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn iċ-Ċina u l-Indoneżja", li tabilħaqq ġie ffirmat ftit wara (ara hawn taħt). Il-kapitolu dwar "Il-Kooperazzjoni fl-Investiment" jipprevedi *t-tħeġġiġ* tal-parteċipazzjoni ta' atturi privati (l-Artikolu 3.4.3) u *t-tħeġġiġ* ta' "*investiment Ċiniż f'industriji bbażati fuq ir-riżorsi fl-Indoneżja, (…) bħall-estrazzjoni minerarja u l-enerġija (…)*" (l-Artikolu 3.4.8). Id-dokument jirreferi wkoll għal Memorandum ta' Qbil bejn il-GTID u l-GTĊ dwar il-Kooperazzjoni fl-Infrastruttura u fir-Riżorsi Naturali ffirmat fil-25 ta' April 2005.

(564) L-investigazzjoni sabet li tliet memoranda ta' qbil u regolament tekniku wieħed iffirmati mir-rappreżentanti tal-gvernijiet Ċiniżi u Indoneżjani matul żjara tal-Prim Ministru taċ-Ċina ta' dak iż-żmien, is-Sur Wen Jiabao, f'Jakarta fl-aħħar ta' April 2011. Il-Kummissjoni talbet lill-GTID jipprovdi dawn it-tliet memoranda ta' qbil u r-regolament tekniku.

(565) Il-GTID issottometta tliet dokumenti. L-ewwel dokument kien Protokoll li jemenda l-memorandum ta' qbil bejn il-Ministeru tal-affarijiet marittimi u tas-sajd tal-Indoneżja u l-amministrazzjoni oċeanika Statali tar-RPĊ dwar il-kooperazzjoni marittima ffirmat fid-29 ta' April 2011.

([118]) https://koran.tempo.co/read/ekonomi-dan-bisnis/44119/cina-minta-indonesia-jamin-investor
([119]) https://treaty.kemlu.go.id/apisearch/pdf?filename=CHN-2010-0093.pdf

(566) It-tieni dokument kien Ftehim bejn il-GTID u l-GTĊ dwar l-espansjoni u l-approfondiment tal-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bilaterali ffirmat fid-29 ta' April 2011. Skont dan il-ftehim, "*iż-żewġ gvernijiet qablu li jħeġġu lill-intrapriżi*" sabiex iwettqu kooperazzjoni ekonomika ta' diversi forom f'diversi oqsma bħall-industrija tal-azzar, il-park industrijali u ż-żona ta' pproċessar għall-esportazzjoni.

(567) It-tielet dokument kien Komunikat Konġunt bejn il-GTID u l-GTĊ dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sħubija strateġika bejn iċ-Ċina u l-Indonesja ffirmat fid-29 ta' April 2011. Skont din il-Komunikazzjoni, "Iż-żewġ naħat esprimew sodisfazzjon dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-Sħubija Strateġika bejn il-GTĊ u l-GTID iffirmata fil-21 ta' Jannar 2010, u qablu li jieħdu miżuri konkreti sabiex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni u jippromwovu l-kooperazzjoni pragmatika f'diversi oqsma bejn iż-żewġ pajjiżi". Barra minn hekk, "In-naħa Ċiniża tittama wkoll li ssaħħaħ il-kooperazzjoni man-naħa tal-Indonesja dwar l-iżvilupp taż-Żona ta' Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali".

(568) Fil-25 ta' Marzu 2012, il-GTID u l-GTĊ qablu, f'dikjarazzjoni konġunta ffinalizzata f'Beijing fi tmiem żjara uffiċjali tal-President tal-Indonesja Yudhoyono, li jiġi żviluppat ftehim bilaterali ta' kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn l-Indonesja u ċ-Ċina f'konformità mal-politiki preferenzjali speċifiċi fit-12-il Pjan fuq ħames snin tal-GTĊ u fl-MP3EI tal-GTID ([120]). Barra minn hekk, il-GTID ħeġġeġ lill-intrapriżi Ċiniżi sabiex jipparteċipaw fit-tisħiħ tal-kapaċità industrijali tal-Indonesja u wiegħed li "*jkompli joħloq atmosfera ta' investiment favorevoli għall-investituri barranin, inklużi dawk taċ-Ċina*". B'mod aktar speċifiku, il-GTID kien qed jipprevedi li l-intrapriżi Ċiniżi "*se jinvestu aktar fl-industrija tal-estrazzjoni minerarja tal-Indonesja*" u "*għarraf liċ-Ċina dwar l-isforzi tiegħu sabiex itejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi tal-estrazzjoni minerarja tiegħu*". Fl-aħħar nett, iż-żewġ partijiet qablu li "*jżidu l-isforzi sabiex ikomplu jikkonsolidaw u jespandu l-kooperazzjoni fl-estrazzjoni minerarja […]*". Din id-dikjarazzjoni turi li ż-żewġ naħat fittxew li jimplimentaw il-politiki preferenzjali domestiċi rispettivi tagħhom, b'mod partikolari sabiex isaħħu l-kapaċità industrijali downstream tal-Indonesja billi jinvolvu u jżommu liċ-Ċina aġġornata dwar l-iżvilupp tal-politika dwar il-materja prima.

(569) Fir-rigward tal-Indonesja, l-MP3EI jirrikonoxxi li l-industrija jeħtieġ li tiġi żviluppata aktar fl-Indonesja u jimmarka lil Sulawesi bħala żona ta' żvilupp għall-industrija. Sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-industrija tal-azzar, il-GTID ippreveda, fost azzjonijiet oħrajn, bidliet regolatorji sabiex tiġi ffaċilitata l-provvista ta' materja prima, jinbnew sħubijiet kummerċjali nazzjonali upstream u downstream, l-iżvilupp ta' raggruppament tal-industrija tal-azzar downstream u l-prijoritizzazzjoni tal-integrazzjoni tat-tidwib tal-azzar u tal-produzzjoni tal-azzar inossidabbli ([121]). Barra minn hekk, ir-riżorsi naturali, u speċifikament l-estrazzjoni minerarja u n-nikil, huma mmirati wkoll lejn l-objettiv li jiżdied il-proċessar industrijali tal-Indonesja sabiex jinkiseb valur miżjud ogħla. Dwar in-nikil, l-enfasi qed issaħħaħ l-industriji downstream tan-nikil bil-faċilitazzjoni ta' sħubijiet b'saħħithom bejn l-industriji upstream u downstream ([122]).

(570) Fir-rigward tar-RPĊ, it-12-il Pjan fuq Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali, fis-seħħ fiż-żmien tal-istabbiliment ta' IMIP, jenfasizza l-viżjoni strateġika tal-GTĊ għat-titjib u għall-promozzjoni tal-industriji ewlenin. Dan jindika li l-GTĊ jifformula politiki li jappoġġaw it-titjib tekniku tal-intrapriżi sabiex tittejjeb il-kompetittività tas-suq. L-investigazzjonijiet tal-passat urew li l-industrija tal-azzar kellha rwol prominenti fost dawn l-industriji ewlenin ([123]). Barra minn hekk, il-GTĊ ħareġ pjan speċifiku għall-industrija tal-azzar, jiġifieri t-12-il Pjan fuq Ħames Snin għall-Industrija tal-Azzar ("it-12-il Pjan fuq Ħames Snin dwar l-Azzar"), fis-seħħ fiż-żmien tal-istabbiliment ta' IMIP ukoll. It-12-il Pjan fuq Ħames Snin dwar l-Azzar jenfasizza li l-industrija tal-azzar hija industrija bażika importanti tal-ekonomija nazzjonali u jenfasizza l-importanza li "*tissaħħaħ il-konnessjoni tal-politiki fiskali, finanzjarji, kummerċjali, tal-art, tal-iffrankar tal-enerġija, tal-ħarsien tal-ambjent, tas-sikurezza u ta' politiki oħrajn mal-politika industrijali tal-azzar*". L-investigazzjonijiet tal-passat urew li dawn il-pjanijiet huma legalment vinkolanti ([124]) u żvelaw

([120]) https://tingroom.com/print_173679.html

([121]) Il-Pjan Direttur dwar l-Aċċellerazzjoni u l-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indonesja għall-2011-2025. pġ 65-68.

([122]) Il-Pjan Direttur dwar l-Aċċellerazzjoni u l-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indonesja għall-2011-2025.

([123]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17), il-premessi 49 et seq.

([124]) *Ibidem*, il-premessa 55.

ir-rwol predominanti tal-GTĊ permezz ta' SOEs fis-settur tal-azzar ([125]). Ir-rwol predominanti tal-GTĊ fis-settur tal-azzar u d-distorsjonijiet sinifikanti tas-suq li jirriżultaw huma kkonfermati aktar mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija tar-RPĊ għall-fini tal-investigazzjoni tad-difiża tal-kummerċ, li ddikjara li "*l-livell għoli ta' intervent tal-gvern fl-industrija tal-azzar u sehem għoli ta' SOEs fis-settur, anki l-produtturi tal-azzar bi sjieda privata ma jitħallewx joperaw taħt kundizzjonijiet tas-suq*" u rrikonoxxa "*s-sjieda, il-kontroll u/jew l-intervent tal-gvern f'livell sostanzjali fir-rigward tal-kumpaniji tal-azzar li allegatament għandhom sjieda privata*" ([126]).

(571) Fit-2 ta' Ottubru 2013, il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi tal-Indoneżja u l-Ministru tal-Kummerċ taċ-Ċina ffirmaw f'Jakarta "Il-Programm għall-Iżvilupp fuq Ħames Snin għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina" ("il-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina"). Il-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina ppreveda "*li jagħti spinta lill-investiment kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi u jmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' prijorità komuni*" ([127]), li kienu mistennijin ikunu l-espressjoni konkreta tal-programm.

(572) Fil-Kapitolu III tal-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina, il-GTID u l-GTĊ iċċaraw li l-programm huwa mmaterjalizzat permezz tal-proġetti ta' prijorità li l-"*prinċipju tal-għażla tagħhom jenħtieġ li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' interess strateġiku u ta' żvilupp soċjoekonomiku taż-żewġ pajjiżi, ikun konsistenti mal-ippjanar ta' nofs it-terminu u ta' terminu twil għall-iżvilupp ekonomiku taż-żewġ pajjiżi, u adattat għall-pjanijiet ta' żvilupp tal-intrapriżi involuti*".

(573) Il-Kummissjoni talbet lill-GTID sabiex jipprovdi l-lista ta' proġetti prijoritarji li ntgħażlu għall-implimentazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina. Madankollu, minflok, il-GTID ipprovda lista differenti ta' proġetti, jiġifieri l-lista ta' proġetti ta' kooperazzjoni bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina taħt id-djalogu ekonomiku ta' livell għoli (HLED). Fuq il-bażi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 28(1), minħabba dan ir-rifjut ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni inferiet li l-proġett ta' Morowali kien inkluż ukoll f'din il-lista ta' proġetti ta' prijorità taħt il-kooperazzjoni bilaterali. Tabilħaqq, dan huwa proġett importanti li fih il-preżenza ta' kumpaniji Ċiniżi hija sinifikanti.

(574) Il-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina kkonferma wkoll id-dikjarazzjoni tal-2012 li wieħed mill-objettivi ewlenin tal-kooperazzjoni kien li jiġu implimentati politiki preferenzjali għas-settur tal-azzar fil-punt 1.2.3 tal-Kapitolu I, filwaqt li ddikjara li wieħed mill-objettivi prevalenti tal-kooperazzjoni bilaterali kien "*li jħeġġeġ lill-intrapriżi u lill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi kompetittivi u ta' reputazzjoni tajba sabiex jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' sitt kurituri ekonomiċi fl-Indoneżja u l-proġett elenkat fl-MP3EI tal-GTID u sabiex jitħeġġu intrapriżi kompetittivi u b'reputazzjoni tajba fl-iżvilupp tat-12-il pjan fuq ħames snin tal-GTĊ*" ([128]).

(575) Il-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina juri li ż-żewġ gvernijiet identifikaw l-oqsma ewlenin ([129]) ta' kooperazzjoni, li, fost l-oħrajn, kienu inklużi l-estrazzjoni minerarja, l-industrija metallurġika u l-Parks industrijali (inklużi żoni ekonomiċi speċjali). Fl-azzjonijiet iddedikati għall-estrazzjoni minerarja, fit-taqsima 2.4.2, il-GTID u l-GTĊ qablu b'mod espliċitu li "*Jikkollaboraw fl-esplorazzjoni, fir-raffineriji u fil-proċessar tar-riżorsi minerali, inkluż …in-nikil…,*" "*Jaċċelleraw u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bilaterali dwar proġetti tal-estrazzjoni minerarja u metallurġiċi*", "*Jippromwovu l-iżvilupp ta' riżorsi minerali permezz tal-bini ta' parks u ta' żoni industrijali ddedikati fis-sitt kurituri ekonomiċi…*", "*Jikkollaboraw fl-iżvilupp ta' riżorsi minerali fl-Indoneżja*".

([125]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/688 tat-2 ta' Mejju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' azzar miksi b'materjal organiku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 116, 3.5.2019, il-premessi 37 u 70.

([126]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ, SWD(2017) 483 final/2, 20.12.2017, p. 360. B'mod aktar ġenerali dwar is-settur tal-azzar fir-RPĊ, ara l-Kapitolu 14 – Steel sector, pp. 346-376 tal-istess dokument.

([127]) "Il-Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali", (il-Kapitolu I u l-Kapitolu III).

([128]) "Il-Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali", (il-Kapitolu I., 1.2.3).

([129]) "Il-Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali", (il-Kapitolu II).

(576) Fit-taqsima 2.7.8 tal-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina, li tindirizza l-Industrija Metallurġika, il-GTID u l-GTĊ kienu qablu speċifikament li *"Jħeġġu lill-produtturi metallurġiċi Ċiniżi sabiex jagħmlu investimenti diretti fl-Indoneżja, sabiex jużaw ir-riżorsi naturali tal-Indoneżja u sabiex jinvestu fil-forma ta' parks industrijali metallurġiċi integrati sabiex jgħinu fit-titjib tal-katina tal-industrija metallurġika tagħha u jżidu l-valur miżjud ta' proġetti relatati mal-minerali"* ([130]). Il-Programm jikkonferma wkoll li l-produtturi metallurġiċi Ċiniżi huma mħeġġin jifformaw impriżi konġunti ma' kumpaniji Indoneżjani. Fit-taqsima 2.9 dwar il-Parks industrijali (inklużi żoni ekonomiċi speċjali), il-GTID u l-GTĊ qablu dwar il-Promozzjoni ta' parks industrijali, *"li jħeġġu lill-intrapriżi Ċiniżi jinvestu f'parks industrijali tal-Indoneżja…"*, *"…li jiffaċilitaw u jipprovdu appoġġ politiku fl-iżvilupp tal-parks industrijali"*. Għalhekk, il-GTID fittex u aċċetta b'mod attiv l-appoġġ ta' politika mogħti mill-GTĊ għall-proġetti speċifiċi bħall-park industrijali f'Morowali.

(577) Fis-27 ta' Marzu 2015, iż-żewġ gvernijiet ħarġu d-"Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-tisħiħ tas-sħubija strateġika komprensiva bejn ir-RPĊ u l-Indoneżja" ([131]). F'din id-dikjarazzjoni *"…Iż-żewġ naħat wieħdu li jimplimentaw b'mod attiv il-Pjan ta' Żvilupp fuq Ħames Snin għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali bejn iċ-Ċina u l-Indoneżja u li jiffinalizzaw il-lista ta' proġetti prijoritarji f'data bikrija bil-ħsieb…"*. Bl-istess mod, iż-żewġ gvernijiet *"… kienu tal-fehma li l-inizjattiva tat-Triq Marittima tal-Ħarir tas-Seklu 21 proposta mill-President Xi Jinping u l-istrateġija tal-Fulkru Marittimu Globali mnedija mill-President Joko Widodo huma komplementari ħafna għal xulxin"*. Bl-istess mod, iż-żewġ gvernijiet *"…wieħdu li jħaffu l-kostruzzjoni tal-Parks Industrijali Integrati bejn iċ-Ċina u l-Indoneżja u li jistabbilixxu l-kumitat ta' koordinazzjoni intergovernattiv mill-aktar fis possibbli."* In-naħa tal-Indoneżja *"…. se tintroduċi politiki preferenzjali għall-parks industrijali sabiex tipprovdi salvagwardja u faċilitazzjoni għal aktar intrapriżi Ċiniżi sabiex jidħlu fil-park f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti Indoneżjani, sabiex jitħaffef l-iżvilupp tal-Parks Industrijali."*, u ċ-Ċina ħadet impenn li *"…tkompli tipprovdi appoġġ ta' finanzjament għall-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-Indoneżja u għal proġetti kbar permezz ta' mezzi finanzjarji bilaterali u multilaterali."*

(578) Fis-7 ta' Mejju 2018, il-GTID u l-GTĊ iffirmaw il-Memorandum ta' Qbil "dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp ta' kurituri ekonomiċi komprensivi reġjonali" li fih iż-żewġ naħat qablu li jwettqu kooperazzjoni dwar l-iżvilupp, fost l-oħrajn, tat-Tramuntana ta' Sulawesi. F'dan il-Memorandum, iż-żewġ naħat qablu li *"jimmobilizzaw u jikkoordinaw l-aġenziji governattivi rilevanti, l-intrapriżi kwalifikati u l-istituzzjonijiet sabiex jipparteċipaw fil-formulazzjoni tal-pjan ta' żvilupp għal dawn il-kurituri."*

(579) Fit-23 ta' Ottubru 2018, il-GTID u l-GTĊ iffirmaw Memorandum ta' Qbil *"dwar l-istabbiliment ta' kumitat konġunt ta' tmexxija għall-iżvilupp ta' kurituri ekonomiċi komprensivi reġjonali"*. Dan il-Memorandum stabbilixxa l-istruttura organizzazzjonali tal-kooperazzjoni: segretarjat konġunt, gruppi ta' ħidma konġunti, mekkaniżmi ta' ħidma, kumitat ta' tmexxija, eċċ. Għal darb'oħra, din l-istruttura turi li l-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali huwa implimentat b'mod konġunt permezz ta' korpi amministrattivi konġunti speċifiċi.

(580) Il-ftehimiet u d-dokumenti bilaterali ta' hawn fuq juru li l-kooperazzjoni bilaterali mmaterjalizzat fi ftehimiet li jispeċifikaw it-termini u l-kontribuzzjoni ta' kull gvern. Id-dettalji dwar il-finanzjament, il-ġestjoni permezz ta' IMIP u l-mekkaniżmi amministrattivi bilaterali l-oħrajn se jiġu deskritti fit-taqsimiet li ġejjin. Madankollu, id-dokumenti koperti f'din it-taqsima jikkonfermaw li ż-żewġ gvernijiet daħħlu fis-seħħ ftehimiet speċifiċi sabiex jimplimentaw il-politiki preferenzjali tagħhom favur l-industriji u l-proġetti speċifiċi koperti minn din il-kooperazzjoni. Huma juru li l-politiki li jiffavorixxu l-iżvilupp tal-industrija tal-proċessar tal-mineral tan-nikil u tal-industrija downstream tal-azzar inossidabbli fl-Indoneżja billi jħeġġu l-investiment Ċiniż permezz ta' appoġġ preferenzjali Ċiniż huma koperti b'mod speċifiku. Il-Grupp IRNC kien benefiċjarju ċar ta' dawn il-politiki miftehmin taħt il-kooperazzjoni bilaterali.

(581) Il-ftehimiet u d-dokumenti ta' hawn fuq juru l-qafas tal-kooperazzjoni bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina u l-evoluzzjoni u l-approfondiment kostanti ta' tali kooperazzjoni matul is-snin. Dan l-approfondiment tal-kooperazzjoni jippermetti sabiex l-investiment u l-kumpaniji Ċiniżi jibbenefikaw mill-materja prima u mill-pożizzjoni ġeografika tal-Indoneżja. In-naħa Ċiniża tipprovdi finanzjament għall-investimenti fil-"kurituri" magħżulin skont l-Inizjattiva "Belt

([130]) "Il-Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali", (il-Kapitolu II, 2.7.8).

([131]) https://www.mfa.gov.cn/ce/cebe//eng/mhs/t1249201.htm

and Road" ("BRI"), filwaqt li n-naħa tal-Indoneżja żżomm b'mod attiv qafas leġiżlattiv, ta' politiki u politiku li jwassal sabiex tħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' proġetti f'partijiet speċifiċi tat-territorju tagħha stess. It-twaqqif tal-Park ta' Morowali fil-Provinċja ta' Sulawesi u l-istabbiliment tal-produttur esportatur ewlieni integrat bis-sħiħ hemmhekk saru f'dawn il-qafas u l-kuntest, kif spjegat f'aktar dettalji fit-taqsimiet li ġejjin.

4.5.4. *Appoġġ finanzjarju preferenzjali fil-kuntest tal-kooperazzjoni bilaterali*

(582) Wieħed mill-pilastri tal-kooperazzjoni bilaterali dwar l-industrija tal-azzar inossidabbli kien li n-naħa Ċiniża tipprovdi appoġġ finanzjarju preferenzjali lill-kumpaniji Ċiniżi sabiex tiġi żviluppata l-industrija tal-azzar inossidabbli fl-Indoneżja. Din kienet kundizzjoni imposta mill-Indoneżja sabiex tagħti aċċess lill-kumpaniji Ċiniżi għar-riżervi kbar tagħha ta' mineral tan-nikil adattati għall-proċess tal-produzzjoni tagħhom.

(583) Kif jidher hawn fuq, lura fl-2005 fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina dwar is-sħubija strateġika, il-gvern Ċiniż diġà kien enfasizza l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi tal-investituri sabiex jinkiseb profitt, u li jintwera li fis-snin preċedenti l-gvern Ċiniż dejjem żgura li jintlaħaq dan l-objettiv. Dawn kienu s-snin li fihom il-politika Ċiniża ta' "Go Out" kienet qed tiġi implimentata b'suċċess wara l-introduzzjoni tagħha fl-1999 sabiex, fost l-oħrajn, tippromwovi u tinċentiva l-investiment barrani u l-espansjoni tal-esportazzjonijiet taċ-Ċina.

(584) L-Artikolu 3.1.10 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2010 fil-kuntest tal-"Kooperazzjoni finanzjarja" jiddikjara li ż-żewġ naħat se "jsaħħu l-konsultazzjonijiet u l-koordinazzjoni bilaterali regolari sabiex iħaffu l-utilizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-*faċilità ta' Kreditu tax-Xerrej tal-Esportazzjonijiet Preferenzjali, Self Aġevolanti* u skemi finanzjarji oħrajn ta' appoġġ għall-iżvilupp."

(585) Ġie rrapportat fl-istampa ([132]) li diġà fl-2011, l-Industrial and Commercial Bank of China (ICBC) u l-Bank of China ħadu impenn li jipprovdu self kapitali ta' USD 8 biljun lil kumpaniji bbażati fiċ-Ċina li riedu jinvestu fl-Indoneżja.

(586) Id-dokument ewlieni li ssanzjona l-provvista Ċiniża ta' finanzjament preferenzjali kien il-Ftehim bil-miktub bejn il-GTID u l-GTĊ tad-29 ta' April 2011 dwar l-espansjoni u l-approfondiment tal-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bilaterali. L-Artikolu VI jiddikjara mingħajr ekwivoku li "L-Partijiet jaqblu *li jħeġġu lill-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni rispettivi tagħhom sabiex jagħtu prijorità lill-finanzjament u lill-appoġġ tal-assigurazzjoni għal dawk il-proġetti* […]".

(587) Il-Programm għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina tat-2 ta' Ottubru 2013 jiddikjara wkoll b'mod espliċitu fil-Punt 5.2.1 tal-Kapitolu V dwar is-Servizzi Finanzjarji li "*l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi huma mħeġġin jappoġġaw il-finanzjament* għall-investiment u għall-kostruzzjoni tal-proġetti mwettqin minn intrapriżi ffinanzjati miċ-Ċina fl-Indoneżja fir-rigward tal-liġijiet u tar-regolamenti domestiċi".

(588) Kif spjegat fit-taqsima preċedenti, il-finanzjament ġie pprovdut fil-kuntest tal-objettiv ewlieni tal-kooperazzjoni bilaterali "*sabiex l-intrapriżi u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi kompetittivi u ta' reputazzjoni tajba jitħeġġu sabiex jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' sitt kurituri ekonomiċi fl-Indoneżja u l-proġett elenkat fl-MP3EI tal-GTID u sabiex jitħeġġu intrapriżi kompetittivi u b'reputazzjoni tajba fl-iżvilupp tat-12-il pjan fuq ħames snin tal-GTĊ*" ([133]). Ir-referenza għall-politiki preferenzjali domestiċi rispettivi, inkluż għall-industrija tal-azzar inossidabbli tagħhom, hija marbuta mal-objettiv li jiġi pprovdut finanzjament preferenzjali sabiex jintlaħaq il-ftehim bilaterali dwar il-Park Industrijali ta' Morowali favur l-industrija tal-azzar inossidabbli.

(589) Matul is-Summit bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina fil-preżenza tal-Presidenti tal-Istat rispettivi, fit-2 ta' Ottubru 2013 l-azzjonisti fundaturi ta' IMIP, ta' PT Bintangdelapan Investama ("BDI") u ta' Shangai Decent Investment Group ("SDDI") (ara l-premessi (626) u (777)), iffirmaw ftehim ta' investiment u ta' finanzjament mal-Fond ta' Kooperazzjoni għall-Investiment bejn iċ-Ċina u l-ASEAN (CAF) sabiex jiġu żviluppati attivitajiet fil-Park ta' Morowali ([134]). Il-Fond bejn iċ-Ċina u l-ASEAN (CAF) huwa fond ta' ekwità offshore approvat mill-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma. L-istabbiliment tal-

([132]) Bisnis, "China-based lenders back investment in Indonesia", is-26 ta' April 2011, https://bisnis.tempo.co/read/331438/cina-diminta-investasi-pengolahan-hasil-tambang

([133]) "Il-Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali", (il-Kapitolu I. 1.2.3).

([134]) http://www.china-asean-fund.com/sub-fund-3-detail.php?id=1

fond huwa sponsorjat mill-Bank tal-Esportazzjoni u tal-Importazzjoni taċ-Ċina flimkien ma' investituri istituzzjonali Ċiniżi u internazzjonali oħrajn. Is-CAF jiffoka fuq l-investiment fis-setturi tal-infrastruttura, tal-enerġija u tar-riżorsi naturali fl-ASEAN, u jservi bħala l-pijunier sabiex jippromwovi l-"Kooperazzjoni fi ħdan in-Nofsinhar" bejn iċ-Ċina u s-swieq emerġenti, u tiffaċilita l-istrateġija ta' "Go Out" għall-intrapriżi Ċiniżi.

(590) Ġie rrapportat ukoll li matul iż-żjara tal-President Ċiniż fl-Indonezja f'Ottubru 2013, ġew iffirmati 23 ftehim, li jkopru b'mod partikolari n-nikil. Minn dik iċ-ċifra, sa 60 fil-mija daħlu fis-settur tal-industrija tal-manifattura b'investiment totali ta' USD 32,8 biljun (Rp 36,1 triljun) ([135]). Dan ikompli juri li l-GTID fittex direttament il-finanzjament Ċiniż fl-industrija tan-nikil.

(591) Id-dikjarazzjoni konġunta ta' Marzu 2015 affermat mill-ġdid l-impenn tal-GTĊ li "*…jkompli jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-kostruzzjoni tal-infrastruttura u għal proġetti kbar tal-Indonezja* permezz ta' kanali finanzjarji bilaterali u multilaterali."

(592) Barra minn hekk, ġie rrapportat mill-President ta' IMIP, il-kumpanija li timmaniġġja l-Park Industrijali ta' Morowali fejn jinsab il-produttur esportatur IRNC, li l-"proġett" (il-park u l-inkwilini relatati) "*kellu aċċess faċli għall-finanzjament fuq terminu medju u twil. Meta l-proġett kien fl-aktar fażi bikrija tiegħu, il-banek ta' politika inklużi ċ-China Development Bank, l-Export–Import Bank of China, u l-banek Ċiniżi tal-Istat inkluż il-Bank of China kkontribwew b'appoġġ finanzjarju fuq terminu medju u twil.*" ([136])

(593) Fl-aħħar nett, huwa ċar li l-GTID ma setax ma kienx jaf bl-għoti ta' tali finanzjament preferenzjali mill-banek Ċiniżi, peress li l-uffiċjali tiegħu kienu preżenti f'diversi okkażjonijiet sabiex jaraw l-iffirmar ta' tali finanzjament. Eżempju wieħed diġà ġie pprovdut fil-premessa (589) aktar 'il fuq. Eżempju ieħor huwa relatat mal-firma minn ITSS u minn PT. Dexin Steel Indonesia (DSI), kumpanija relatata oħra li tinsab fil-Park IMIP, ta' Self b'Terminu ta' USD 170 miljun u ta' Memorandum ta' Qbil maċ-China Development Bank fil-lejla tas-7 ta' Mejju 2018. Dan seħħ f'ikla li saret mis-Summit tan-Negozju bejn l-Indonezja u ċ-Ċina ospitat mill-Premier Li Keqiang taċ-Ċina u mill-Viċi President Jusuf Kalla tal-Indonezja.

(594) Dawn id-dokumenti, id-dikjarazzjonijiet u l-azzjonijiet bil-miktub jikkonfermaw b'mod inekwivoku li l-GTID fittex b'mod attiv, adotta u rrikonoxxa l-appoġġ finanzjarju preferenzjali pprovdut mill-GTĊ daqslikieku tiegħu stess. Minflok ma pprovda tali appoġġ direttament, il-GTID stabbilixxa qafas ta' kooperazzjoni bilaterali mal-GTĊ sabiex jiżgura li l-GTĊ, bl-għan li l-kumpaniji Ċiniżi jiżguraw il-provvista neċessarja ta' mineral tan-nikil, jipprovdi finanzjament preferenzjali għall-investiment ta' kumpaniji Ċiniżi fl-Indonezja fil-kuntest ta' politiki preferenzjali. Kif uriet l-investigazzjoni (ara t-Taqsima dwar IMIP u t-Taqsima dwar il-finanzjament preferenzjali), IRNC kienet benefiċjarju kbir ta' dan il-finanzjament preferenzjali pprovdut mill-politika Ċiniża u mill-banek tal-Istat sabiex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet ta' kostruzzjoni u operatorji tal-funderiji u tal-produtturi tal-azzar inossidabbli downstream relatati fil-Park Industrijali ta' Morowali.

4.5.5. *Il-Park Industrijali ta' Morowali*

(595) B'mod speċifiku fir-rigward tal-industrija tal-proċessar tal-mineral tan-nikil u tal-azzar inossidabbli, il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-GTID u l-GTĊ fit-territorju tal-pajjiż esportatur irriżultat fl-istabbiliment u fl-operat tal-Park Industrijali ta' Morowali. Il-GTID u l-GTĊ ipprovdew lill-kumpaniji tal-azzar inossidabbli li jimmanifatturaw f'dan il-Park kundizzjonijiet favorevoli li tawhom benefiċċji. Dan il-ġbir flimkien ta' riżorsi permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib iservi skop komuni u huwa ta' benefiċċju għal benefiċjarju komuni, jiġifieri l-Grupp IRNC ([137]).

(596) Il-Park ta' Morowali huwa park industrijali ffokat fuq il-bini ta' industrija tal-azzar inossidabbli integrata bis-sħiħ, mill-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil għall-prodott finali tal-azzar inossidabbli downstream. Il-park jinsab f'Bahodopi, fid-distrett ta' Morowali, fil-Provinċja Ċentrali ta' Sulawsi.

([135]) www.beritasatu.com/whisnu-bagus-prasetyo/ekonomi/142063/sby-presiden-tiongkok-hadiri-penandatanganan-bisnis-lebih-rp-36-t

([136]) https://www.business.hsbc.com.cn/en-gb/belt-and-road/story-5

([137]) Jindal Stainless Indonesia ma bbenefikatx minn xi skema ta' finanzjament preferenzjali, peress li ma kinitx parti mill-kooperazzjoni bilaterali bejn il-GTĊ u l-GTID, u ma rċiviet l-ebda self b'termini preferenzjali.

(597) Il-produttur esportatur ewlieni tal-Indonesja li kkoopera, IRNC, jinsab fil-Park ta' Morowali. Il-park ikopri żona ta' 2 500 ettaru u jinkludi 29 inkwilin, li minnhom aktar minn nofs l-inkwilini huma relatati ma' IMIP. L-investitur ewlieni f'IRNC u f'IMIP huwa Chinese Tsingshan Steel Group.

(598) Il-qafas regolatorju bilaterali rilevanti msemmi qabel juri li l-Indonesja u ċ-Ċina qablu li jistabbilixxu u jiżviluppaw żona speċjali fil-Park Industrijali ta' Morowali sabiex jappoġġaw lill-kumpaniji eliġibbli sabiex jimplimentaw il-kooperazzjoni tagħhom. Il-Park ta' Morowali bbenefika mill-istatus ta' proprjetà industrijali rikonoxxuta soġġetta, fost l-oħrajn, għar-regoli domestiċi Indonesjani preferenzjali għaż-żoni industrijali.

(599) Ta' min jinnota li l-Park ta' Morowali huwa kklassifikat mill-GTĊ bħala Żona ta' Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali fl-Indonesja ([138]).

(600) Filwaqt li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' IMIP tħabbret għall-ewwel darba f'Summit tal-2013 bejn il-president taċ-Ċina, Xi Jinping, u l-eks-President tal-Indonesja, Susilo Bambang Yudhoyono, l-iżvilupp tiegħu jista' jiġi segwit lura għall-2007, meta l-Grupp Bintangdelapan beda l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni minerarja tiegħu f'konċessjoni ta' 47 000 ettaru f'Morowali ([139]). Il-kumpanija daħlet f'kuntatt ma' investituri Ċiniżi sabiex jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja bbażati fuq in-nikil peress li f'dak iż-żmien iċ-Ċina kienet l-akbar suq għall-esportazzjonijiet tan-nikil tal-Indonesja ([140]).

(601) Fl-2009, żmien li jikkoinċidi mal-miżuri aktar stretti sabiex jinżamm il-mineral tan-nikil fl-Indonesja li jinsabu fil-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, BDI u SDI fformaw impriża konġunta sabiex jiżviluppaw l-industrija tal-estrazzjoni minerarja fiż-żona. Iż-żewġ partijiet ifformaw PT Sulawesi Mining Investment (SMI), involuta fil-produzzjoni u fl-esportazzjoni tal-mineral tan-nikil prinċipalment lejn iċ-Ċina. Din is-sħubija kienet allinjata mal-politika ta' "Go Out" ta' SDI. Ġie rrapportat fuq is-sit web ta' SDI li "*sabiex timplimenta b'mod attiv il-politika "Go Out", fl-2009 SDI stabbiliet sħubija ma' SMI sabiex ikunu pijunieri fl-estrazzjoni minerarja u fl-esportazzjoni tal-mineral tan-nikil u tat-tidwib tal-ferronikil tal-Indonesja u investew fil-kostruzzjoni ta' PT IMIP li hija ta' importanza kbira għall-kooperazzjoni ekonomika bejn iċ-Ċina u l-Indonesja u bejn iċ-Ċina u l-ASEAN*" ([141]).

(602) Il-Komunikat Konġunt dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sħubija strateġika bejn iċ-Ċina u l-Indonesja tad-29 ta' April 2011 iddikjara li "*N-naħa Ċiniża tittama wkoll li ssaħħaħ il-kooperazzjoni man-naħa tal-Indonesja dwar l-iżvilupp taż-Żona ta' Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali*".

(603) F'Mejju 2011, ġie rrapportat li l-Bord Koordinatur tal-Investiment tal-Indonesja (BKPM) talab lil investituri Ċiniżi jinvestu fil-proċessar ta' komoditajiet tal-estrazzjoni minerarja (inkluż in-nikil fix-Xlokk ta' Sulawesi): "*Il-Bord Koordinatur tal-Investiment (BKPM) qed jidderieġi lill-investituri potenzjali sabiex jinvestu fil-proċessar tal-prodotti tal-estrazzjoni minerarji. (…) Barra minn hekk, BKPM talab ukoll liċ-Ċina sabiex tinvesti fil-proċessar tan-nikil fix-Xlokk ta' Sulawesi*" ([142]). Barra minn hekk, għal proġett li kien jinvolvi l-bini ta' funderija tal-aluminju, ġew enfasizzati r-restrizzjonijiet rigward l-akkwiżizzjoni tal-art. Dan jerġa' juri l-isforz tal-GTID sabiex jikseb l-investiment Ċiniż fl-Indonesja.

(604) Il-Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin tal-GTID-GTĊ għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali tat-2 ta' Ottubru 2013 fit-Taqsima 2.9 tiegħu dwar il-Parks Industrijali (inklużi l-istati taż-Żoni Ekonomiċi Speċjali (SEZ)): "*It-tħeġġiġ lill-intrapriżi Ċiniżi sabiex jinvestu fiż-Żoni Ekonomiċi Speċjali tal-Indonesja*, fil-Park tal-Iżvilupp Ekonomiku u Teknoloġiku, fil-Park tal-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali, *fil-Parks Industrijali*, fiż-Żona ta' Dimostrazzjoni tat-Teknoloġija, u f'forom oħrajn ta' parks industrijali. Iż-żewġ naħat qablu li l-Gvern jiffaċilita u jipprovdi appoġġ politiku fl-iżvilupp tal-parks industrijali".

(605) Fit-2 ta' Ottubru, iż-żewġ Gvernijiet iffirmaw ukoll Ftehim dwar il-Parks Industrijali Integrati bejn l-Indonesja u ċ-Ċina. L-Artikolu V jispeċifika l-Appoġġ ta' Politika miftiehem mill-pajjiżi: "*Il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jikkonferma li jipprovdi appoġġ u faċilitazzjoni rilevanti għall-kostruzzjoni, għall-attrazzjoni tan-negozju u għall-operat tal-Parks Industrijali f'konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-politiki prevalenti taż-żewġ Pajjiżi. Il-Gvern tal-Indonesja jagħmel ħiltu sabiex jipprovdi appoġġ u jiffaċilita miżuri f'konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-politiki nazzjonali prevalenti tiegħu. Id-dettalji tal-politiki ta' appoġġ għandhom jiġu deċiżi permezz ta' diskussjonijiet bilaterali.*"

([138]) http://www.cccme.org.cn/cp/cooperation/zones.aspx
([139]) https://enterpriseasia.org/apea/indonesia/awards/id-2015/halim-mina/
([140]) https://www.thejakartapost.com/news/2017/11/15/morowali-investors-jittery-over-policy-uncertainties.html
([141]) http://www.decent-china.com/index.php/index/about/index?cid=15
([142]) https://bisnis.tempo.co/read/331438/cina-diminta-investasi-pengolahan-hasil-tambang

(606) Barra minn hekk, minbarra l-"Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina", iż-żewġ gvernijiet iffirmaw fl-istess jum, it-2 ta' Ottubru 2013, ftehim bilaterali ieħor iddedikat speċifikament għall-iżvilupp ta' parks industrijali integrati fl-Indoneżja. Skont l-Artikolu 1 ta' dan il-ftehim, il-GTID u l-GTĊ qablu li "*jappoġġaw l-istabbiliment bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina ta' Parks Industrijali Integrati fl-Indoneżja*" li "*għandhom jingħataw prijorità sabiex jiġu stabbiliti fir-reġjuni tal-Indoneżja li huma rikki fir-riżorsi minerali*".

(607) F'dan il-ftehim, il-GTĊ ħa impenn li "*jipprovdi appoġġ u faċilitazzjoni rilevanti għall-kostruzzjoni, għall-attrazzjoni tan-negozju u għall-operat tal-parks industrijali f'konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-politiki prevalenti taż-żewġ pajjiżi*" ([143]). Fl-istess ħin, il-GTID iddikjara li "*jagħmel ħiltu sabiex jipprovdi appoġġ u jiffaċilita miżuri f'konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-politiki nazzjonali prevalenti tiegħu*" ([144]).

(608) Dokument bilaterali importanti li jirregola l-Park ta' Morowali kien il-Ftehim bejn il-GTĊ u l-GTID dwar il-Parks Industrijali Integrati tal-2013 bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina ("il-Ftehim dwar il-Parks Industrijali Integrati"). L-Artikolu 1 jiddikjara li "*L-objettiv ta' dan il-Ftehim huwa li jappoġġa l-istabbiliment bejn l-Indoneżja ċ-Ċina ta' Parks Industrijali Integrati fl-Indoneżja*", minn hawn 'il quddiem imsejħin "Parks Industrijali". "Il-parks industrijali *għandhom jingħataw prijorità sabiex jiġu stabbiliti fir-reġjuni tal-Indoneżja li huma rikki fir-riżorsi minerali*." L-Artikolu 3.1. jiddikjara li "*L-ambitu ta' kooperazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jkopri l-koordinazzjoni, il-faċilitazzjoni u l-konsultazzjoni dwar l-istabbiliment ta' Parks Industrijali*." Il-Kapitolu V ta' dan il-Ftehim dwar l-"Appoġġ ta' politika" jiddikjara fl-Artikolu 5.1. li "*l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jikkonferma li jipprovdi appoġġ u faċilitazzjoni rilevanti għall-kostruzzjoni, għall-attrazzjoni tan-negozju u għall-operat tal-Parks Industrijali f'konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-politiki prevalenti taż-żewġ Pajjiżi.*"

(609) Matul is-summit bilaterali tat-3 ta' Ottubru 2013, il-President Ċiniż Xi vara pjan għall-bini ta' triq marittima tal-ħarir tas-seklu 21. Fil-jum preċedenti tas-summit, fit-2 ta' Ottubru 2013, il-gvernijiet tal-Indoneżja u taċ-Ċina ffirmaw il-"Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina" u l-"Ftehim bejn il-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja dwar il-Parks Industrijali Integrati bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina". Dawn il-ftehimiet ta' kooperazzjoni għandhom jiġu inkorporati minn proġetti prijoritarji magħżulin.

(610) Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-Tisħiħ tas-Sħubija Strateġika bejn iċ-Ċina u l-Indoneżja ta' Marzu 2015 iddikjarat li l-GTID "…. *se jintroduċi politiki preferenzjali għall-*parks *industrijali sabiex jipprovdu salvagwardja u faċilitazzjoni għal aktar intrapriżi Ċiniżi sabiex jidħlu fil-park f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti Indoneżjani, sabiex jitħaffef l-iżvilupp tal-Parks Industrijali*".

(611) Wara d-Dikjarazzjoni Konġunta, il-GTID introduċa Regolament Nru 142/2015 dwar l-Artijiet Industrijali sabiex jissostitwixxi Regolament preċedenti dwar l-Artijiet Industrijali mill-2009 sabiex jallinjah mad-Dikjarazzjoni Konġunta bilaterali tal-2015 u mal-Ftehim bilaterali tal-2013 dwar il-Parks Industrijali Integrati. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-inċentivi ewlenin għall-kumpaniji li jifthu f'dawn l-Artijiet Industrijali bħall-Grupp IRNC fil-Kapitolu 8. Kienu jinkludu l-Artikolu 4(i), li ddikjara li l-awtoritajiet tal-Ministru jkopru l-"*istipulazzjoni tal-linji gwida dwar il-prezz referenzjarju tal-bejgħ jew il-kera tal-blokok u/jew tal-bini Industrijali fi ħdan Art Industrijali fuq il-bażi tal-proposti tal-Kumitat tal-Artijiet Industrijali*". L-Artikolu 41(1) ippreveda li "*Kumpanija tal-Artijiet Industrijali u Kumpanija Industrijali li tinsab f'Art Industrijali tingħata inċentivi ta' tassazzjoni*". L-Artikolu 45(1) stipula li "*L-Gvern jista' jibda l-iżvilupp ta' Artijiet Industrijali bħala infrastruttura Industrijali (a) fil-każ li s-settur privat ma jkunx interessat fi proprjetà industrijali u lanqas ma jkun jista' jiżviluppa Art Industrijali; u/jew (b) iħaffef il-firxa u saħansitra d-distribuzzjoni ekwa tal-iżvilupp Industrijali*". Barra minn hekk, il-GTID implimenta l-involviment u l-monitoraġġ stretti tal-kumpaniji li jimmaniġġjaw dawn l-Artijiet permezz tal-korp previst fl-Artikolu 51(1): "*Għall-fini tal-appoġġ għall-iżvilupp tal-Artijiet Industrijali, huwa stabbilit il-Kumitat tal-Artijiet Industrijali*".

(612) L-integrazzjoni komprensiva tal-proċessar tal-park tallinja mal-objettivi tal-iżvilupp tal-politika tal-GTID. Speċifikament, il-faċilitajiet ta' tidwib jikkonformaw mar-rekwiżiti legali tal-Liġi tal-2009 dwar l-Estrazzjoni Minerarja u r-regolamenti relatati rigward il-valur miżjud mal-materjal verġni mill-Ministeru tal-Industrija. Skont din il-liġi u r-regolamenti, il-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tan-nikil jeħtiġilhom jibnu l-kapaċitajiet tal-funderiji tagħhom stess bl-objettiv li jiżviluppaw industriji b'valur miżjud ogħla fl-Indoneżja (ara t-taqsima preċedenti).

([143]) Il-Ftehim bejn il-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja dwar il-Parks Industrijali Integrati tal-Indoneżja bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina, 5.1.

([144]) Il-Ftehim bejn il-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja dwar il-Parks Industrijali Integrati tal-Indoneżja bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina, 5.2.

(613) L-iżvilupp tal-Park ta' Morowali jinkludi elementi ewlenin, li huma stabbiliti bħala prijorità mill-GTID fil-pjanijiet ta' żvilupp tiegħu. F'dan is-sens, il-Park ta' Morowali jinsab fiż-żona ġeografika strateġika ta' Sulawesi, jopera fis-settur tal-azzar imħeġġeġ, irawwem l-integrazzjoni upstream u downstream u jtejjeb il-ħolqien tal-valur miżjud tar-riżorsi naturali u tal-estrazzjoni minerarja, jiġifieri n-nikil.

(614) Minn perspettiva ġeografika, il-Park ta' Morowali jinsab fil-kuritur ta' Sulawesi ([145]) , wieħed mis-sitt kurituri ekonomiċi identifikati u promossi mill-Gvern tal-Indonezja bħala assi tal-pjanijiet ta' żvilupp ekonomiku tal-pajjiż. L-estrazzjoni tan-nikil hija identifikata bħala wieħed mis-setturi sabiex jiġi ssostanzjat l-iżvilupp taż-żona.

(615) Il-Park ta' Morowali ngħata status formali speċjali kemm mill-awtoritajiet Indonežjani kif ukoll minn dawk Ċiniżi.

(616) Il-gvern tal-Indonežja uffiċjalment ta l-istatus bħala Proġett Strateġiku Nazzjonali ([146]) ("PSN"). Dan huwa rilevanti minn żewġ perspettivi, l-iżvilupp ta' żoni industrijali ta' prijorità/ta' żoni ekonomiċi speċjali u ta' proġetti ta' żvilupp tal-funderiji. Il-PSNs jintgħażlu f'konformità mal-politiki ta' żvilupp fl-Indonežja, jirċievu monitoraġġ mill-qrib mill-gvern u huma eliġibbli sabiex jiġu pprovduti b'ċerti privileġġi ([147]). Barra minn hekk, peress li kellu l-istatus ta' PSN, IMIP setgħet tibda l-iżvilupp tal-kumpless industrijali u tibda tibni l-impjanti filwaqt li kienet għadha qed tistenna l-permess għall-kostruzzjoni tal-bini.

(617) Il-Gvern Ċiniż, u b'mod partikolari l-Ministeru tal-Kummerċ tiegħu, irrikonoxxa formalment il-Park ta' Morowali bħala żona barranija ddeżinjata ta' kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika fl-2016 ([148]), u *de facto* sa mill-2009 ([149]).

(618) Skont is-sit web tal-MOFCOM ([150]), ir-rikonoxximent formali ta' żona barranija ta' kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika jirreferi għal park industrijali b'infrastruttura kompluta, b'industriji ewlenin ċari, b'funzjonijiet sodi ta' servizz pubbliku u b'effetti kkonċentrati u radjati għall-investiment u għall-kostruzzjoni ta' intrapriżi bi sjieda Ċiniża rreġistrati fi ħdan it-territorju tar-RPĊ. Fit-twettiq tal-kostruzzjoni ta' żona barranija ta' kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika, intrapriża għandha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-investiment barrani, tlesti l-formalitajiet għar-rekord jew għall-approvazzjoni tal-investiment barrani tal-Istat fiċ-Ċina, tikseb iċ-ċertifikat ta' investiment barrani ta' intrapriża maħruġ mid-dipartiment kompetenti tal-kummerċ, u tlesti l-proċeduri ta' reġistrazzjoni rilevanti f'konformità mal-liġijiet tal-pajjiż ospitanti, u tistabbilixxi intrapriża fiż-żona kooperattiva. L-intrapriża tal-kostruzzjoni takkwista l-art billi tixtri jew tinkera l-art u tlesti l-proċeduri legali kompluti tal-art. L-intrapriżi fiż-żona ta' kostruzzjoni għandhom ifasslu pjanijiet ċari għall-kostruzzjoni u għat-tħaddim tal-park u l-orjentazzjoni industrijali, ilestu l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-ilma, tal-elettriku u tat-toroq meħtieġa għall-park, u jifformulaw linji gwida ċari dwar is-servizzi għall-intrapriżi li jidħlu fiż-żona sabiex jattiraw lill-intrapriżi jinvestu u jipproduċu fiż-żona.

(619) Kif ġie espress f'artikolu partikolari, "*Taħt il-gwida tad-dipartimenti tal-gvern fil-qafas tal-inizjattiva "One Belt, One Road", u b'konnessjoni mal-istrateġija tal-pajjiż ospitanti fl-oqħla livell, iż-żoni ta' kooperazzjoni barranin saru mezz għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva "One Belt, One Road" u l-kooperazzjoni internazzjonali fil-kapaċità tal-produzzjoni*" ([151]). Dan il-kuritur huwa eliġibbli wkoll taħt il-BRI bħala waħda miż-żoni mħeġġin minn dan l-istrument.

(620) Il-qafas ta' hawn fuq jikkonferma li l-istabbiliment u l-iżvilupp tal-Park ta' Morowali saru taħt reġim speċjali mfassal minn leġiżlazzjoni li tappartjeni għall-proprjetà industrijali bl-għan li tiġi promossa l-industrijalizzazzjoni u l-iżvilupp tal-Indonežja permezz ta' parks industrijali. Dan il-qafas legali jipprovdi diversi vantaġġi u appoġġ speċifiku mill-awtoritajiet Indonežjani, bħall-faċilitazzjoni tal-liċenzjar, il-forniment ta' infrastrutturi u inċentivi fiskali. Dan ġie kkonfermat mis-sejbiet tal-investigazzjoni kif spjegat fid-dettall fit-taqsimiet li jmiss ([152]). Barra minn hekk, permezz tal-azzjonijiet tagħha, il-GTID fittex b'mod inekwivoku l-appoġġ finanzjarju preferenzjali tal-GTĊ lill-kumpaniji fil-Park ta' Morowali u adotta tali appoġġ waħdu.

([145]) Il-Pjan Direttur dwar l-Aċċellerazzjoni u l-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indonežja għall-2011-2025. pġ 120-140.

([146]) Il-Kumitat għall-Aċċellerazzjoni tat-Twassil ta' Infrastruttura ta' Prijorità (KPPIP) u r-Regolament tal-President tar-Repubblika tal-Indonežja Numru 3 tal-2016 dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Implimentazzjoni ta' Proġetti Strateġiċi Nazzjonali.

([147]) Kif stipulat mir-Regolament Presidenzjali Nru 3 tal-2016 dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Implimentazzjoni ta' Proġetti Strateġiċi Nazzjonali.

([148]) http://www.scio.gov.cn/ztk/wh/slxy/31200/Document/1493265/1493265.htm

([149]) https://mscconference.com/wp-content/uploads/MSC18-presentations/Evolving-Seascape-3-Xue-BRI.pdf and http://www.acfic.org.cn/zzjg_327/nsjg/llb/llbgzhdzt/2019zhinan/2019zhinan_1/201910/t20191029_144336.html. Ara wkoll https://www.etsingshan.com/Art/Art_19/Art_19_103.aspx u https://link.springer.com/content/pdf/10.1007/s11442-018-1526-5.pdf

([150]) http://fec.mofcom.gov.cn/article/jwjmhzq/article02.shtml

([151]) Ir-Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp fl-Afrika, Nru. 19 (2016-2017, Yellow Books of Africa, p. 13.

([152]) "Ir-Regolament dwar l-Istati Industrijali 142/2015 vs 24/2009" u r-"Regolament dwar il-Proprjetà industrijali 142/2015" sussegwenti.

4.5.6. *Il-ġestjoni konġunta permezz ta' IMIP*

(621) L-entità li tiżviluppa u tmexxi l-Park ta' Morowali hija kumpanija Indoneżjani, PT Indonesian Morowali Industrial Park ("IMIP"). Din ġiet stabbilita u inkorporata skont id-dritt tal-Indoneżja f'Settembru 2013.

(622) Filwaqt li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' IMIP tħabbret għall-ewwel darba f'Summit tal-2013 bejn il-president taċ-Ċina, Xi Jinping, u l-eks-President tal-Indoneżja, Susilo Bambang Yudhoyono, l-iżvilupp tiegħu jista' jiġi segwit lura għall-2007, meta l-Grupp Bintangdelapan beda l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni minerarja tiegħu f'konċessjoni ta' 47 000 ettaru f'Morowali ([153]). Il-kumpanija daħlet f'kuntatt ma' investituri Ċiniżi sabiex jinvestu f'attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja bbażati fuq in-nikil peress li f'dak iż-żmien iċ-Ċina kienet l-akbar suq għall-esportazzjonijiet tan-nikil tal-Indoneżja.

(623) Fl-2009, BDI u SDI fformaw impriża konġunta sabiex tiġi żviluppata l-industrija tal-estrazzjoni minerarja fiż-żona. Iż-żewġ partijiet ifformaw PT Sulawesi Mining Investment (SMI), involuta fil-produzzjoni u fl-esportazzjoni tal-mineral tan-nikil prinċipalment lejn iċ-Ċina. SDI hija sussidjarja għal Tsingshan Steel Group, il-kumpanija omm aħħarija tal-produtturi esportaturi ewlenin li kkooperaw, IRNC. Min-naħa l-oħra, BDI, hija sussidjarja ta' Bintang Delapan Group, konglomerat li jinkludi kumpaniji tal-estrazzjoni minerarja b'depożiti kbar tal-mineral tan-nikil fl-Indoneżja.

(624) L-azzjonisti kurrenti ta' IMIP huma SDI (49,7 %), BDI (25 %) u SMI (25,3 %). SMI saret azzjonist fl-2015.

(625) Matul is-summit ta' Ottubru 2013, ġie ffirmat ftehim bejn SDI u BDI sabiex tiġi stabbilita IMIP. Matul l-RCC, il-GTID ikkonferma l-iffirmar ta' dan il-ftehim. Madankollu, huwa afferma li ma kellux kopja ta' dan il-ftehim. Barra minn hekk, IMIP irrifjutat li tissottometti dan il-ftehim ukoll matul l-investigazzjoni.

(626) Matul l-istess Summit, fit-2 ta' Ottubru 2013, l-azzjonisti fundaturi, BDI u SDI, iffirmaw ukoll ftehim ta' investiment u ta' finanzjament mal-Fond ta' Kooperazzjoni għall-Investiment bejn iċ-Ċina u l-ASEAN (CAF) sabiex jiżviluppaw attivitajiet fil-Park ta' Morowali ([154]). Il-Fond bejn iċ-Ċina u l-ASEAN (CAF) huwa fond ta' ekwità offshore approvat mill-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma. L-istabbiliment tal-fond huwa sponsorjat mill-Bank tal-Esportazzjoni u tal-Importazzjoni taċ-Ċina flimkien ma' investituri istituzzjonali Ċiniżi u internazzjonali oħrajn. Is-CAF jiffoka fuq l-investiment fis-setturi tal-infrastruttura, tal-enerġija u tar-riżorsi naturali fl-ASEAN, u jservi bħala l-pijunier sabiex jippromwovi l-"Kooperazzjoni fi ħdan in-Nofsinhar" bejn iċ-Ċina u s-swieq emerġenti, u tiffaċilita l-istrateġija ta' "Go Out" għall-intrapriżi Ċiniżi.

(627) Wara l-istabbiliment tal-kumpanija IMIP, il-Park ta' Morowali żviluppa malajr. L-infrastruttura, il-faċilitajiet ta' appoġġ u l-fabbriki tal-produzzjoni nbnew suċċessivament. L-investimenti fil-park sa Diċembru 2017 ġew stmati li jammontaw għal USD 6 biljun ([155]). IMIP hija azzjonist f'diversi mill-kumpaniji stabbiliti fil-park, inkluż il-produttur esportatur li kkoopera. IMIP hija kumpanija relatata tal-produttur esportatur.

(628) Għalkemm il-Grupp ta' Tsingshan jidher li huwa kumpanija privata, dan isegwi strettament il-politika tal-GTĊ, u fl-Indoneżja tal-GTID ukoll minħabba l-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali. Ġie rrapportat mill-President tat-Tsingshan Holding Group li "*Kull mossa li għamlet il-kumpanija għandha rabta mill-qrib mal-istrateġija nazzjonali u mat-trasformazzjoni strutturali tal-ekonomija taċ-Ċina*" ([156]). Barra minn hekk, ġie rrapportat mit-Tsingshan Steel Group ([157]) li Tsingshan Steel Group implimenta b'mod attiv il-BRI Ċiniża billi aċċellera l-iżvilupp tal-istrateġija internazzjonali, billi bena parks industrijali kbar fl-Indoneżja u f'pajjiżi oħrajn. Fl-aħħar nett, sorsi indipendenti jiddeskrivu l-Grupp Tsingshan bħala li għandu "*rabtiet sinifikanti mal-gvern provinċjali ta' Zhejiang*" ([158]).

([153]) https://enterpriseasia.org/apea/indonesia/awards/id-2015/halim-mina/
([154]) http://www.china-asean-fund.com/sub-fund-3-detail.php?id=1
([155]) Tenggara strategic Briefing paper: Belt and Road Initiative: What's in it for Indonesia?, https://tenggara.id/assets/source/Insights/BRI-Briefing-Paper-English.pdf
([156]) http://www.chinatoday.com.cn/english/report/2016-11/29/content_731597.htm
([157]) https://www.tssgroup.com.cn/en/tsingshan-became-a-newcomer-of-the-fortune-500/
([158]) https://pandapawdragonclaw.blog/2021/01/17/indonesia-morowali-industrial-park-how-industrial-policy-reshapes-chinese-investment-and-corporate-alliances/

(629) IMIP, fir-rapporti annwali tagħha, tirrappreżenta lilha nnifisha bħala żona pilota ta' din il-kooperazzjoni ekonomika bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina.

(630) Skont ir-Rapport Annwali tal-2017 ta' IMIP (p.1, p.18 u p.80) u s-sit web ta' Eternal Tsingshan Group: "*Fit-3 ta' Ottubru, xhieda tal-President Ċiniż Xi Jinping u mbagħad tal-President tal-Indoneżja Susilo Bambang Yudhoyono, is-sid tal-Grupp Tsingshan taċ-Ċina, Xiang Guangda, u s-sid tal-Grupp Bintang Delapan tal-Indoneżja, Halim Mina, iffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni sabiex jistabbilixxu l-Park Industrijali ta' Morowali fl-Indoneżja ("IMIP") u l-ewwel proġett fiż-żona*". L-istess rapport jiddikjara li "*Il-President tal-Indoneżja Joko Widodo u l-livelli kollha tal-gvernijiet ċentrali, provinċjali u distrettwali jagħtu attenzjoni mill-qrib lil, jappoġġaw u jħeġġu l-kostruzzjoni tal-IMIP*".

(631) Rabta oħra ta' IMIP maż-żewġ gvernijiet hija li l-attività u l-mandat tagħha jridu jikkonformaw mar-regoli speċjali dwar il-Proprjetà Industrijali sabiex jiksbu l-benefiċċji sottostanti u jimplimentaw il-kompitu speċifiku tagħha mwettaq fil-qafas tal-politiki preferenzjali usa' mressqin mill- gvernijiet. Il-qafas li fih topera IMIP huwa dak tal-kooperazzjoni bilaterali bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina sabiex timplimenta wieħed mill-proġetti strateġiċi miftehmin, jiġifieri li tiġi żviluppata l-industrija tal-proċessar tal-mineral tan-nikil fil-Park ta' Morowali. Għalhekk, hija taġixxi fi ħdan il-perimetru tad-dokumenti ewlenin tal-kooperazzjoni bilaterali.

(632) Legalment, ir-rabta formali maż-żewġ gvernijiet u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-politiki governattivi sseħħ permezz tas-sistema ta' liċenzjar prevista fir-Regolamenti tal-Indoneżja dwar l-Artijiet Industrijali, b'dak fis-seħħ li huwa r-Regolament Nru 142 tal-2015. L-Artikolu 1.7 jirreferi għall-Permess Kummerċjali tal-Artijiet Industrijali ("IUKI"), liċenzja mogħtija mill-gvern għall-iżvilupp u għall-ġestjoni ta' Art Industrijali. L-Artikolu 12 ff. tal-Kapitolu IV tar-Regolament Nru 142 jistabbilixxi r-regoli sabiex jinkiseb l-IUKI mill-gvern. Ir-Regolament jipprevedi wkoll l-istabbiliment tal-Kumitat tal-Artijiet Industrijali, li huwa organizzazzjoni ffurmata mill-Ministru bil-kompitu li tassisti fl-implimentazzjoni tal-politiki għall-iżvilupp u għall-ġestjoni tal-Artijiet Industrijali (it-Taqsima 1.10). Il-Kapitolu XII tar-Regolament Nru 142 fih lista ta' sanzjonijiet amministrattivi u l-proċedura rilevanti f'każ li l-kumpaniji maniġerjali ma jikkonformawx mar-regolament rilevanti.

(633) Fl-aħħar nett, hemm evidenza disponibbli għall-pubbliku li IMIP hija f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet tal-GTID u tal-GTĊ, kif muri pereżempju fil-laqgħa li saret bejn il-Ministeru tal-Industrija, is-CEO ta' Tsingshan, l-Ambaxxatur Ċiniż fl-Indoneżja u IMIP fit-3 ta' Marzu 2017 sabiex jiġi diskuss l-iżvilupp tal-Park Industrijali ta' Morowali ([159]). Eżempju ieħor huwa laqgħa li saret bejn is-CEO ta' Tsingshan u l-President tal-Indoneżja f'Lulju 2019 għar-rapportar dwar l-iżvilupp tal-investimenti ta' Tsingshan fil-Park, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tal-attivitajiet ta' promozzjoni tal-investimenti industrijali ta' IMIP fil-Park ([160]).

(634) Dawn il-proċeduri formali li juru rbit mill-qrib bejn IMIP u ż-żewġ gvernijiet, kif ukoll il-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali u b'mod aktar speċifiku l-Ftehim ta' Ottubru 2013 li l-GTID u IMIP irrifjutaw li jipprovdu, li għalih il-Kummissjoni tibbaża l-inferenzi tagħha f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, juru li IMIP ma hijiex kumpanija privata li tmexxi l-Park ta' Morowali skont il-prinċipji tas-suq. Għall-kuntrarju, il-missjoni ta' IMIP hija li timplimenta l-objettiv politiku ġenerali mill-gvernijiet Indoneżjani u Ċiniżi sabiex tiffaċilita l-istabbiliment u l-iżvilupp tal-industrija tal-azzar inossidabbli, u b'mod partikolari IRNC, sabiex tinkiseb l-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-proġett ta' prijorità miftiehem bejn iż-żewġ gvernijiet.

(635) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li IMIP tiffaċilita wkoll l-akkwist ta' art għall-kumpaniji stabbiliti fil-Park ta' Morowali u tal-inċentivi l-oħrajn kollha stabbiliti fil-Kapitolu VIII tar-Regolament Nru 142 tal-2015 (ara t-Taqsima 4.8).

4.5.7. *Mekkaniżmi amministrattivi bilaterali oħrajn li jimplimentaw il-kooperazzjoni bilaterali*

(636) Minbarra IMIP, iż-żewġ gvernijiet daħħlu fis-seħħ numru ta' korpi amministrattivi bilaterali inkarigati mill-implimentazzjoni u mill-monitoraġġ tad-diversi ftehimiet konklużi sabiex tiġi ssiġillata l-kooperazzjoni tagħhom mill-2005.

([159]) https://kemenperin.go.id/artikel/17208/Kunjungan-Chairman-Tsingshan-Holding-Group-Tiongkok
([160]) https://www.etsingshan.com/Art/Art_14/Art_14_196.aspx

(637) B'mod speċifiku fir-rigward tal-Park ta' Morowali, kif spjegat hawn fuq, fit-2 ta' Ottubru 2013 iż-żewġ gvernijiet iffirmaw Ftehim bejn l-Indonesja u ċ-Ċina dwar il-Parks Industrijali Integrati fl-Indonesja. L-Artikolu IV ipprovda "Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni" speċifiku bejn il-partijiet: "*Iż-żewġ awtoritajiet nominati se jistabbilixxu l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jinkludi: a. Kumitat Koordinatur Intergovernattiv bejn l-Indonesja u ċ-Ċina għall-Parks Industrijali Integrati; b. Kumitat Koordinatur tal-Awtoritajiet Lokali; u c. Kumpaniji għall-Iżvilupp tal-Parks Industrijali*".

(638) Sabiex timplimenta dan il-ftehim, l-Indonesja ħarġet Digriet 432/M-IND/kep/7/2014. Dan ħoloq tim speċifiku għan-naħa tal-Indonesja, jiġifieri t-tim ta' Kooperazzjoni għall-artijiet industrijali integrati bejn iċ-Ċina u l-Indonesja ("KIT Indonesia"). KIT Indonesia hija vestita bid-dmirijiet li tipprovdi "*direttivi dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn il-Gvern tal-Indonesja u l-Gvern tar-RPĊ dwar Artijiet Industrijali Integrati bejn l-Indonesja u ċ-Ċina*" kif ukoll "*sabiex tirrapporta l-eżitu tat-tħejjija għall-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn il-Gvern tal-Indonesja u l-Gvern tar-RPĊ dwar Artijiet Industrijali Integrati bejn l-Indonesja u ċ-Ċina*". Barra minn hekk, it-"*Tim ta' Appoġġ għall-Politika għandu jkollu d-dmir li jwettaq il-koordinazzjoni u jħejji l-materjali ta' politika u l-faċilitazzjonijiet fil-qafas tal-istabbiliment tal-Artijiet Industrijali Integrati bejn l-Indonesja u ċ-Ċina*."

(639) Il-Kummissjoni talbet lill-GTID sabiex jindika l-progress li sar f'dan ir-rigward kif ukoll sabiex tipprovdi dokumenti ta' sostenn dwar l-istabbiliment ta' dan il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Madankollu, il-GTID sempliċiment wieġeb li t-tim maħluq mid-Digriet Nru 432/M-IND/KEP/7/2014 ma kienx iġġenera politiki sinifikattivi iżda ma ppreżenta l-ebda dokument ieħor.

(640) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ, il-Kummissjoni ma setgħetx tikseb l-informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kumitat bilaterali speċifiku min-naħa Ċiniża. Madankollu, l-evidenza fil-fajl uriet li kienet l-intenzjoni tal-GTĊ li joħloq tali kumitat, kif jidher fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2015 dwar it-Tisħiħ tas-Sħubija Strateġika Komprensiva bejn ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u r-Repubblika tal-Indonesja, li ddikjarat li "*Ż-żewġ naħat wieġħdu li jħaffu l-kostruzzjoni tal-Parks Industrijali Integrati bejn iċ-Ċina u l-Indonesja u li jistabbilixxu l-kumitat koordinatur intergovernattiv mill-aktar fis possibbli* ([161])".

(641) Fi kwalunkwe każ, l-evidenza fil-fajl uriet ukoll li l-Indonesja u ċ-Ċina stabbilew korpi amministrattivi konġunti oħrajn li fihom setgħu jiġu indirizzati l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Park ta' Morowali. Eżempji jinkludu l-kumitat konġunt ta' kooperazzjoni bilaterali bejn iċ-Ċina u l-Indonesja u l-Kumitat ta' Tmexxija Konġunt bejn iċ-Ċina u l-Indonesja għall-Iżvilupp ta' Kurituri Ekonomiċi Komprensivi Reġjonali bejn iċ-Ċina u l-Indonesja, li fihom qed jiġu diskussi proġetti ta' kooperazzjoni tal-BRI, kif ukoll proġetti taħt il-Kurituri Ekonomiċi Komprensivi. It-tnejn huma relatati wkoll mal-Park ta' Morowali.

(642) Għalhekk, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ u l-kooperazzjoni parzjali mill-GTID f'dan l-aspett, il-Kummissjoni kellha tiddependi fuq il-fatti disponibbli. Fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi li jfittxu li jistabbilixxu entitajiet li jippermettu koordinazzjoni intergovernattiva bejn il-GTID u l-GTĊ, tar-rifjut li jiġi pprovdut kwalunkwe dokument f'dan ir-rigward miż-żewġ gvernijiet, kif ukoll tal-eżistenza ta' diversi kumitati konġunti bejn il-GTI u l-GID, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm mekkaniżmi ta' implimentazzjoni bilaterali inkarigati mill-valutazzjoni tal-iżvilupp u tal-monitoraġġ b'suċċess tal-Park ta' Morowali għall-proġett tal-proċessar tal-mineral tannikil. Permezz ta' dawn il-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni, il-GTID kapaċi jiżgura li l-GTĊ jikkonforma mal-impenji tiegħu, inkluż l-għoti ta' appoġġ preferenzjali lill-kumpaniji fil-Park ta' Morowali, li jiggarantixxi s-suċċess ekonomiku ta' dak il-proġett.

([161]) Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-Tisħiħ tas-Shubija Strateġika Komprensiva bejn ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u r-Repubblika tal-Indonesja, disponibbli fuq https://www.mfa.gov.cn/ce/ceindo/eng/zgyyn/zywx/t1249223.htm

4.5.8. *Valutazzjoni legali*

(643) Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-GTID u l-GTĊ fit-territorju tal-pajjiż esportatur irriżultat fl-istabbiliment u fl-operat tal-Park ta' Morowali. Il-GTID u l-GTĊ ġabru flimkien ir-riżorsi tagħhom sabiex jipprovdu lill-kumpaniji tal-azzar inossidabbli li jimmanifatturaw f'dan il-Park kundizzjonijiet favorevoli li tawhom benefiċċji. Dan il-ġbir flimkien ta' riżorsi permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib iservi skop komuni u huwa ta' benefiċċju għal benefiċjarju komuni, jiġifieri l-Grupp IRNC.

(644) Skont l-Artikolu 1.1(a) tal-Ftehim SCM, jeżisti sussidju biss meta jkun hemm kontribuzzjoni finanzjarja minn gvern – jew minn korp pubbliku – fit-territorju tal-Membru tad-WTO.

(645) Fis-sottomissjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021, il-GTĊ irrefera għall-pożizzjoni tiegħu fil-każ AS656 ([162]) u argumenta li l-hekk imsejħa investigazzjoni kontra s-sussidji bejn il-pajjiżi tikser kemm il-Ftehim SCM kif ukoll ir-Regolament Bażiku tal-UE. Il-GTĊ irrefera għall-Artikoli 1 u 2 tal-ftehim tal-SCM billi argumenta li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji lil entitajiet barra mit-territorju tal-Membru awtorizzanti ma jikkwalifikawx bħala sussidji skont it-tifsira tal-Ftehim tal-SCM, minħabba li sussidju jkun jeżisti fejn "*ikun hemm kontribuzzjoni finanzjarja minn gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku fit-territorju ta' Membru*" *u sussidju jkun speċifiku biss jekk jingħata lil entità "fil-ġuriżdizzjoni tal-awtorità awtorizzanti*". Il-GTĊ irrefera wkoll għall-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku, bl-argument li t-terminu "gvern" huwa ddefinit bħala "gvern jew kull korp pubbliku fit-territorju tal-pajjiż tal-oriġini jew tal-esportazzjoni". Ikkwota wkoll l-Artikolu 4.2 tar-Regolament bażiku, li jqis li sussidju jkun speċifiku meta jingħata lil "*intrapriża jew industrija … fil-ġuriżdizzjoni tal-awtorità li [tagħtih]*." Fuq din il-bażi, il-GTĊ ikkonkluda li din l-investigazzjoni ma setgħetx tiġi estiża lil hinn mit-territorju u mill-ġuriżdizzjoni tal-Indonezja, u l-ebda att tal-GTĊ ma seta' jsir il-bażi sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza tas-sussidji tal-gvern tal-Indonezja.

(646) Il-Kummissjoni osservat li dawn l-impennji jittrattaw il-kwistjoni dwar jekk il-GTĊ huwiex responsabbli skont il-Ftehim SCM sabiex jagħti sussidji għall-produzzjoni ta' oġġetti barra l-pajjiż, li jiġu esportati lejn membri terzi tad-WTO. Madankollu, ma jitkellmux dwar il-kwistjoni separata dwar jekk, f'każijiet speċifiċi, il-gvern tal-pajjiż esportatur huwiex responsabbli, skont il-Ftehim SCM, talli jkun fittex b'mod proattiv, irrikonoxxa u adotta bħala tiegħu tali sussidji għall-benefiċċju tal-prodotti li jsiru hemm.

(647) Tabilħaqq, kif instab fil-Każ AS656 ([163]), it-termini "minn gvern" fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Bażiku AS u fl-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM, interpretati, fost l-oħrajn, fid-dawl tal-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC dwar ir-Responsabbiltà tal-Istat għal Atti Internazzjonali Ħżiena ("Artikoli tal-ILC") jippermettu l-attribuzzjoni lill-GTID tal-appoġġ finanzjarju mogħti mill-GTĊ lill-produtturi esportaturi Indonežjani fil-Park Industrijali ta' Morowali fl-Indonežja.

(648) Skont l-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC, l-imġiba tista' tiġi attribwita lil Stat "jekk u sa fejn l-Istat jirrikonoxxi u jadotta l-imġiba inkwistjoni bħala tiegħu stess". Il-kummentarju għall-Abbozz tal-Artikoli tal-ILC jikkonferma li l-frażi "jirrikonoxxi u jadotta l-imġiba inkwistjoni bħala tiegħu stess" hija maħsuba sabiex tiddistingwi każijiet ta' rikonoxximent u ta' adozzjoni minn każijiet ta' sempliċi appoġġ jew approvazzjoni. F'dan is-sens, bħala kwistjoni ġenerali, l-imġiba ma tkunx attribwibbli għal Stat skont l-Artikolu 11 meta Stat sempliċiment jirrikonoxxi l-eżistenza fattwali ta' mġiba jew jesprimi l-approvazzjoni verbali tiegħu.

([162]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 tat-12 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU L189, 15.6.2020, p. 1).

([163]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 tat-12 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU L 189, 15.6.2020, p. 1).

(649) Barra minn hekk, ir-rikonoxximent u l-adozzjoni tal-imġiba minn Stat jistgħu jiġu espressi jew jistgħu jiġu dedotti mill-imġiba tal-Istat inkwistjoni (bħal każijiet li fihom l-Istat ikun tal-anqas konxju u jkun ta kunsens għall-imġiba inkwistjoni). Fi kwalunkwe każ, l-att ta' rikonoxximent u ta' adozzjoni, kemm jekk isiru fil-forma ta' kliem jew ta' mġiba, irid ikun ċar u inekwivokabbli. Għalhekk, l-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC jeħtieġ eżaminazzjoni *in concreto* tal-imġiba tal-pajjiż esportatur li tindika li jkun irrikonoxxa u adotta bħala tiegħu stess l-imġiba ta' gvern barrani.

(650) F'dan ir-rigward, aktar milli jipprovdi s-sussidji direttament, il-Kummissjoni se teżamina jekk jenħtieġx li l-imġiba tal-gvern barrani (jiġifieri l-GTĊ, meta ta self preferenzjali) tiġi attribwita lill-pajjiż esportatur (jiġifieri l-GTID) bħala li jipprovdi dawk is-sussidji indirettament permezz tal-gvern barrani, kif miftiehem miż-żewġ gvernijiet. Trid tiġi stabbilita rabta dimostrabbli/espliċita bejn il-GTID u l-azzjonijiet meħudin mill-GTĊ sabiex jipprovdi l-appoġġ preferenzjali miftiehem lill-produtturi esportaturi fl-Indoneżja. F'dak il-każ, il-GTID ikun responsabbli talli fittex b'mod attiv, irrikonoxxa u adotta bħala tiegħu stess sussidji bħal dawn għall-benefiċċju tal-prodotti mmanifatturati fl-Indoneżja.

(651) Għalhekk, il-Kummissjoni kienet intitolata tivverifika jekk ir-riżorsi pprovduti lill-Grupp IRNC jistgħux jiġu kkwalifikati bħala sussidji kumpensabbli mogħtijin mill-GTID fis-sens tal-Artikoli 2, 3 u 4 tar-Regolament bażiku.

4.5.8.1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ta' gvern jew ta' korp pubbliku

(652) Skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku, jeżisti sussidju jekk ikun hemm kontribuzzjoni finanzjarja minn gvern fil-pajjiż tal-oriġini jew tal-esportazzjoni. Bl-istess mod, l-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM jiddikjara li sussidju għandu jitqies li jeżisti "*jekk ikun hemm kontribuzzjoni finanzjarja minn gvern*".

(653) Il-GTID ipprovda lill-Grupp IRNC b'mineral tan-nikil, bl-art, u b'numru ta' sussidji addizzjonali. B'hekk, dawn is-sussidji jitħaddmu u jingħataw direttament mill-GTID.

(654) Madankollu, sa mill-bidu tal-kooperazzjoni bilaterali mad-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina fl-2005 u l-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kooperazzjoni fl-Infrastruttura u fir-Riżorsi Naturali skont il-premessi (563) et seq., il-GTID induċa b'mod proattiv lill-GTĊ sabiex jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-kumpaniji fl-Indoneżja billi jikkontribwixxi b'mod speċifiku għall-ħolqien u għall-iżvilupp tal-industrija tal-azzar inossidabbli fl-Indoneżja permezz tal-Park ta' Morowali. Dan huwa ddikjarat b'mod ċar fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2010 bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina, jiġifieri fil-kapitolu dwar "Kooperazzjoni għall-Investiment" (ara l-premessa (563)). Il-kooperazzjoni kompliet tissaħħaħ bi tliet dokumenti ffirmati bejn il-GTID u l-GTĊ fl-2011 (ara l-premessi (548) et seq.). Fil-Ftehim tad-29 ta' April 2011 (il-premessa (566)), il-gvernijiet "*qablu li jħeġġu lill-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni rispettivi tagħhom sabiex jagħtu prijorità lill-appoġġ b'finanzjament u b'assigurazzjoni għal dawk il-proġetti*", inkluż fl-industrija tal-azzar u fil-parks industrijali (bħal Morowali). Il-GTID, permezz tal-Bord Koordinatur tal-Investiment (BKPM) tiegħu talab b'mod espliċitu liċ-Ċina sabiex tinvesti fil-proċessar tan-nikil fix-Xlokk ta' Sulawesi, jiġifieri fejn jinsab il-Park ta' Morowali (ara l-premessa (603)).

(655) Sena importanti fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni kienet l-2013. Il-GTID u l-GTĊ iffirmaw il-Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali, li identifika oqsma ta' kooperazzjoni ewlenin inklużi l-industrija metallurġika, il-proġetti tan-nikil u l-parks industrijali, u ħeġġeġ lill-intrapriżi u lill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' kurituri ekonomiċi u ta' proġetti prijoritarji speċifiċi (ara l-premessi (604) u (609)). Imbagħad, il-kooperazzjoni ġiet issiġillata fl-ogħla livell politiku biż-żjara msemmija tal-President taċ-Ċina lill-President tal-Indoneżja f'Ottubru 2013.

(656) Il-Park ta' Morowali huwa ġestit mill-kumpanija IMIP, kif spjegat aktar 'il fuq. Din il-kumpanija Ċiniża-Indoneżja ġiet stabbilita formalment fl-2013 u rċeviet ir-rikonoxximent formali mill-GTID bħala Proġett Strateġiku Nazzjonali fl-2016 u mill-GTĊ bħala proġett ta' żona ta' investiment barrani taħt il-BRI Ċiniża. Dawn ir-rikonoxximenti formali tal-gvern ifissru li l-kumpanija qiegħda taġixxi sabiex twettaq politiki tal-Istat u hija soġġetta għal regolamenti u għal kontrolli speċifiċi fit-twettiq tal-kompiti tagħha ta' interess pubbliku. Dan diġà juri li IMIP ma hijiex sempliċi kumpanija privata iżda l-espressjoni tal-ftehim taż-żewġ gvernijiet sabiex jimplimentaw il-kooperazzjoni tagħhom bl-għan li jiżviluppaw l-industrija tal-proċessar tal-mineral tan-nikil fil-Park ta' Morowali għall-benefiċċju tal-Grupp IRNC. Dan huwa kkonfermat minn IMIP stess, li ddikjarat li hija proġett pilota tal-kooperazzjoni bilaterali.

(657) Barra minn hekk, IMIP hija entità b'rabtiet mill-qrib mal-ogħla livelli politiċi fiċ-Ċina u fl-Indoneżja, kif muri mill-approvazzjoni tal-Presidenti rispettivi li kienu preżenti fl-iffirmar tal-Ftehim għall-istabbiliment tagħha f'Ottubru 2013. B'mod sinifikanti, kemm il-GTID kif ukoll IMIP ripetutament irrifjuta li jipprovdu dan il-ftehim. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni dwar dan l-aspett mill-GTID u minn IMIP, fuq il-bażi tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku l-Kummissjoni ddeduċiet li dan il-ftehim kien fih ukoll evidenza speċifika li IMIP kienet ġiet inkarigata miż-żewġ gvernijiet sabiex timplimenta l-proġett tal-mineral tan-nikil bħala wieħed mill-proġetti strateġiċi miftiehma mill-gvernijiet. Barra minn hekk, IMIP hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' monitoraġġ mill-GTID skont ir-Regolament Nru 142 tal-2015 sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha li jirriżultaw minn rikonoxximent bħala Art Industrijali.

(658) Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Park ta' Morowali u IMIP kienu espressjonijiet tal-ġestjoni konġunta mill-GTID u mill-GTĊ tal-proġett tal-proċessar tal-mineral tan-nikil għall-benefiċċju tal-Grupp IRNC.

(659) Il-GTID u l-GTĊ daħħlu fis-seħħ ukoll korpi amministrattivi u ta' kooperazzjoni konġunti inkarigati mill-iżgurar tal-implimentazzjoni bla xkiel tal-kooperazzjoni bilaterali tagħhom, inkluż permezz tal-Park ta' Morowali u IMIP. Fosthom, it-tim ta' Kooperazzjoni bilaterali skont il-Ftehim bejn iċ-Ċina u l-Indoneżja dwar il-Parks Industrijali Integrati fl-Indoneżja kien jinkludi rappreżentanti tal-gvern eletti mill-GTID (KIT Indonesia), u fuq il-bażi tal-inferenzi skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari l-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali, mill-GTĊ ukoll.

(660) Il-forzi magħqudin mill-GTID u mill-GTĊ servew diversi skopijiet.

(661) Mill-perspettiva tal-Indoneżja, l-objettiv kien li ċ-Ċina tiġi stimolata sabiex jinġiebu investimenti, għarfien espert, u kapital bl-għan li tiġi żviluppata l-katina tal-valur kollha tal-industrija tal-azzar inossidabbli u, b'hekk, jiġi mmassimizzat il-valur miżjud tar-riżervi kbar tal-mineral tan-nikil għall-pajjiż. L-Indoneżja ma rnexxilhiex tilħaq dan l-objettiv waħedha u, għalhekk, kienet teħtieġ kooperazzjoni u appoġġ Ċiniżi. Il-GTID ingrana l-pożizzjoni privileġġata tiegħu li jkollu r-riżervi kbar tal-mineral tan-nikil li l-industrija Ċiniża kienet tassew teħtieġ sabiex iħeġġeġ lill-GTĊ jinvolvi ruħu b'mod attiv fl-għoti tal-appoġġ neċessarju għall-proġett speċifiku. Bħala inċentiv addizzjonali, kif ġie konkluż aktar 'il fuq, il-GTID ippropona l-provvista tal-mineral tan-nikil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(662) Mill-perspettiva Ċiniża, fid-dawl tas-sitwazzjoni, il-GTĊ ftit li xejn kellu għażla ħlief li jaqbel mat-talba tal-Indoneżja. L-industrija Ċiniża tal-azzar inossidabbli kienet ilha żmien tiddependi fuq l-importazzjonijiet tal-mineral tan-nikil mill-Indoneżja, li f'termini ta' kwalità kienu jaqblu perfettament mat-teknoloġija u mal-proċessi tal-produzzjoni tal-industrija tagħha. Dan huwa kkonfermat mill-istatistika dwar l-esportazzjoni lejn iċ-Ċina fit-Tabelli 1 u 2. Il-bidla fil-politika tal-GTID billi tissaħħaħ il-katina tal-valur domestiku billi jiġu pprojbiti l-esportazzjonijiet tal-mineral tan-nikil qiegħdet f'riskju l-produzzjoni Ċiniża tal-azzar inossidabbli. L-industrija Ċiniża ppruvat tikseb mineral tan-nikil mill-Filippini, iżda dan it-tentattiv ma rnexxiex. Għalhekk, iċ-Ċina qablet li tidħol fil-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali mal-Indoneżja.

(663) Bl-approfondiment progressiv tal-kooperazzjoni, il-GTĊ ibbaża fuq il-BRI tiegħu sabiex jagħti prijorità lil dan il-proġett u jipprovdi finanzjament preferenzjali korrispondenti u appoġġ ieħor. Skont it-13-il Pjan fuq Ħames Snin ta' MOFCOM għall-Iżvilupp tal-Kummerċ Barrani, wieħed mill-kompiti ewlenin taħt l-inizjattiva OBOR huwa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni kummerċjali ma' pajjiżi tul il-BRI għall-fini tal-promozzjoni u tal-espansjoni tal-esportazzjonijiet kif imsemmi fid-dikjarazzjoni li ġejja: *"Jiġu stabbilizzati l-esportazzjonijiet ta' prodotti vantaġġużi, bħal prodotti li jirrikjedu ħafna ħaddiema, lejn il-pajjiżi msemmijin qabel, jiġu sfruttati l-opportunitajiet sabiex tinbena l-infrastruttura għal pajjiżi bħal dawn, u jitrawmu l-esportazzjonijiet ta' settijiet kbar kompleti ta' tagħmir, ta' teknoloġiji, ta'*

standards u ta' servizzi. Ikun hemm adattament għax-xejra ta' trasformazzjoni u titjib tal-industriji ta' dawn il-pajjiżi, u jiġu aċċellerati l-esportazzjonijiet ta' prodotti elettromekkaniċi u ta' teknoloġija avvanzata. … Tiġi intensifikata l-espansjoni tas-swieq emerġenti u, wara li jiġu kkunsidrati b'mod komprensiv l-iskala ekonomika, ir-ritmu tat-tkabbir, il-kwalitajiet tar-riżorsi, il-grad ta' riskju u fatturi oħrajn, jintgħażlu diversi swieq emerġenti għall-espansjoni primarja. Isiru l-espansjoni tal-esportazzjonijiet ta' tagħmir tekniku avvanzat u l-promozzjoni tal-esportazzjonijiet ta' industriji u ta' prodotti ta' kwalità għolja, ta' grad għoli u komparattivament vantaġġużi."

(664) Il-miżuri previsti sabiex jintlaħqu dawn il-kompiti jinkludu l-"*iżvilupp ta' żoni ta' żvilupp ekonomiku u teknoloġiku fil-livell tal-Istat u diversi parks*". Il-Park ta' Morowali jaqa' f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, "*Enfasi fuq pajjiżi b'kundizzjonijiet tajbin ta' riżorsi, b'kapaċitajiet ta' appoġġ b'saħħithom u b'potenzjal kbir tas-suq tul il-"Belt and Road", ikompli jittejjeb il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fl-investimenti mal-pajjiżi rilevanti, tissaħħaħ il-koordinazzjoni […] u tiġi promossa b'mod ordnat l-esportazzjoni ta' kapaċità tal-produzzjoni vantaġġuża, tiġi evitata l-kompetizzjoni mgħaġġla u diżorganizzata […] jitħeġġeġ il-ftuħ minn intrapriżi tal-azzar vantaġġużi ta' bażijiet tal-produzzjoni tal-azzar kif ukoll ta' ċentri ta' proċessar u ta' distribuzzjoni barra mill-pajjiż, l-ixprunar tal-esportazzjonijiet ta' tagħmir avvanzat, ta' teknoloġija u ta' ġestjoni*" ([164]). Il-patt mal-Indoneżja rikka fir-riżorsi huwa allinjat b'mod preċiż ma' dan l-objettiv.

(665) Barra minn hekk, it-13-il Pjan fuq Ħames Snin dwar l-Aġġustament u l-aġġornar tal-azzar jiddikjara li ċ-Ċina għandha "*tħeġġeġ lill-intrapriżi tal-azzar sabiex jiftħu bażijiet tal-produzzjoni tal-azzar kif ukoll ċentri ta' proċessar u ta' distribuzzjoni barra mill-pajjiż, li jixprunaw l-esportazzjonijiet ta' tagħmir avvanzat, ta' teknoloġija, u ta' ġestjoni.*" Għal darb'oħra, dan juri l-preġudizzju fil-politika tal-GTĊ favur industriji tal-azzar b'valur miżjud għoli bħall-industrija tal-azzar inossidabbli.

(666) Għalhekk, iż-żoni barra l-pajjiż, bħal dik fil-Park ta' Morowali, jaqdu diversi objettivi strateġiċi għaċ-Ċina wkoll. L-ewwel nett, jgħinu sabiex tiżdied id-domanda għal makkinarju u għal tagħmir magħmulin iċ-Ċina. It-tieni, billi jipproduċu barra mill-pajjiż u jesportaw lejn l-Ewropa jew l-Amerika ta' Fuq, il-kumpaniji Ċiniżi jistgħu jevitaw frizzjonijiet u ostakli kummerċjali imposti fuq l-esportazzjonijiet miċ-Ċina (hemm dazji anti-dumping diġà fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli miċ-Ċina, u s-sehem mis-suq tal-importazzjoni miċ-Ċina huwa kważi ineżistenti). It-tielet, jistgħu jassistu liċ-Ċina fl-isforzi tagħha sabiex tagħti spinta lir-ristrutturar domestiku tagħha stess u sabiex tassisti lill-industriji tagħha jitilgħu fil-katina tal-valur domestikament ([165]).

(667) L-investitur Ċiniż Tsingshan Group, l-investitur ewlieni fil-produttur esportatur, il-Grupp IRNC, ikkonferma b'mod espliċitu li implimenta b'mod attiv il-BRI taċ-Ċina (ara l-premessa (628)).

(668) Minn dan ta' hawn fuq jirriżulta li l-GTID wassal sabiex iċ-Ċina tipprovdi, fost l-oħrajn, finanzjament preferenzjali lill-produtturi tal-azzar inossidabbli permezz tal-kooperazzjoni mill-qrib fi ħdan il-Park ta' Morowali. Kif spjegat aktar 'il fuq, il-GTĊ ftit li xejn kellu għażla ħlief li jidħol fil-kooperazzjoni bilaterali, inkluż billi jagħti appoġġ finanzjarju, u uża l-kuntest tal-BRI sabiex jiffinanzja dan il-proġett li, kif urew il-każijiet preċedenti ([166]), jintuża mill-GTĊ sabiex jipprovdi finanzjament preferenzjali lill-kumpaniji Ċiniżi.

(669) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li jenħtieġ li t-terminu "mill-gvern" fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku jinkludi mhux biss miżuri li joħorġu direttament mill-GTID, iżda wkoll dawk il-miżuri mill-GTĊ li jistgħu jiġu attribwiti lill-GTID fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli.

(670) Sa mill-bidu tal-kooperazzjoni lura fl-2005, il-GTID fittex b'mod proattiv l-appoġġ finanzjarju Ċiniż sabiex iħeġġeġ l-industriji tan-nikil u downstream tiegħu, li mmaterjalizzaw fil-Park ta' Morowali. Kif spjegat fid-dettall aktar 'il fuq, b'mod partikolari l-Ftehimiet tal-2011 u l-2013 bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina kif ukoll id-dispożizzjonijiet Ċiniżi dwar l-implimentazzjoni ta' OBOR u tal-politiki tal-azzar, il-provvista ta' finanzjament preferenzjali kien parti integrali mill-patt bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina. Pereżempju, il-Ftehim tal-2011 jiddikjara li "L-Partijiet jaqblu *li jħeġġu lill-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni rispettivi tagħhom sabiex jagħtu prijorità lill-finanzjament u lill-appoġġ tal-assigurazzjoni għal dawk il-proġetti.*" Il-punt 5.2.1 tal-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina ddikjara li "*l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi huma mħeġġin jappoġġaw il-finanzjament* għall-investiment u għall-kostruzzjoni tal-proġetti mwettqin mill-intrapriżi ffinanzjati miċ-Ċina fl-Indoneżja." Imbagħad, il-patt ġie ssiġillat f'summit fl-2013 bil-preżenza tal-eks-President tal-Indoneżja Susilo Bambang Yudhoyono u tal-President taċ-Ċina Xi Jinping. Il-Programm ta' Żvilupp fuq Ħames Snin għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali tal-2013 bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina juri wkoll b'mod inekwivoku li l-GTID irrikonoxxa u approva l-appoġġ preferenzjali Ċiniż ukoll għall-parks industrijali, bħall-Park ta' Morowali.

([164]) It-Taqsima IV – 8 tat-13-il Pjan fuq Ħames Snin dwar l-Aġġustament u l-aġġornar tal-azzar.

([165]) D. Brautigam & Xiaoyang Tang; Going Global in Groups: Structural transformation and China's Special Economic Zones overseas, World Development Vol. 63, 2014, pp. 78–91.

([166]) L-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u l-każ tat-Tajers (it-taqsimiet 4.3.3 u 3.7).

(671) Il-karatteristiċi tal-BRI Ċiniża huma magħrufin pubblikament. L-Artikoli 30 sa 36 tal-Opinjonijiet ta' Gwida tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promozzjoni tal-Kapaċità tal-Produzzjoni Internazzjonali u l-Kooperazzjoni fil-Manifattura tat-Tagħmir tat-13 ta' Mejju 2015 jelenkaw l-appoġġ kollu għall-politika li jistgħu jirċievu l-kumpaniji "li jmorru barra mill-pajjiż". Dawn jinkludu politiki ta' appoġġ fiskali u tat-taxxa, self aġevolanti, appoġġ finanzjarju permezz ta' self sindakat, krediti għall-esportazzjoni, u finanzjament ta' proġetti, investiment f'ekwità u, fl-aħħar nett, assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni. L-Artikolu 31 tiegħu jirreferi għal "self aġevolanti" li għandu "*jappoġġa lill-intrapriżi sabiex jipparteċipaw fl-esportazzjoni ta' settijiet sħaħ ta' tagħmir fuq skala kbira, fl-ikkuntrattar tal-proġetti u fi proġetti ta' investiment fuq skala kbira*". Fil-prattika, din il-politika wasslet għal bosta skemi ta' finanzjament preferenzjali mill-banek jew għall-istabbiliment speċifiku tas-"Silk Road Fund" skont l-Artikolu 35 tal-Opinjonijiet ta' Gwida, kif ġie stabbilit reċentement mill-Kummissjoni f'każ ieħor ([167]).

(672) Billi l-Presidenti tal-Indoneżja bla dubju kienu konxji li l-BRI Ċiniża tinvolvi finanzjament qawwi mill-Istat permezz ta' finanzjament preferenzjali u strumenti finanzjarji oħrajn (ara l-premessi (577) u (589)), kien hemm att ċar ta' rikonoxximent u ta' adozzjoni fl-ogħla livell politiku ta' tali finanzjament preferenzjali mill-GTĊ permezz tat-twaqqif konġunt tal-Park ta' Morowali.

(673) Il-fatt li l-Indoneżja fittxet b'mod proattiv il-finanzjament preferenzjali miċ-Ċina bħala wieħed mill-punti ewlenin tal-kooperazzjoni bilaterali tagħhom jikkonferma li jenħtieġ li l-appoġġ preferenzjali mogħti mill-GTĊ jiġi attribwit lill-GTID. Dan huwa l-bażi tal-konklużjoni li l-Indoneżja rrikonoxxiet u adottat il-finanzjament preferenzjali Ċiniż bħallikieku kien tagħha stess. Dan huwa bbażat, fost l-oħrajn, fuq l-Artikolu VI tal-Ftehim bilaterali tal-2011 u fuq l-Artikolu 5.2.1 tal-Programm bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina. Il-gvern tal-Indoneżja kien ftehiem ukoll li ċ-Ċina kienet se tiddeżinja l-Park ta' Morowali u IMIP bħala "żona ta' investiment barra mill-pajjiż" skont il-liġijiet tagħha għall-finijiet tal-Inizjattiva tal-BRI, u huwa rrifletta dan bir-rikonoxximent domestiku formali ta' dan il-proġett bħala Proġett Strateġiku Nazzjonali skont id-dritt tal-Indoneżja. Peress li "żoni ta' investiment barra mill-pajjiż" huma veikolu tal-BRI u peress li din l-inizjattiva tuża l-finanzjament preferenzjali bħala għodda, it-tali denominazzjoni tal-Park ta' Morowali u ta' IMIP kellha l-konsegwenza li l-Grupp IRNC sar eliġibbli li jitlob self preferenzjali mill-banek tal-politika taċ-Ċina u termini preferenzjali għall-assigurazzjoni tal-esportazzjoni. Kif diġà nstab f'numru ta' investigazzjonijiet preċedenti ([168]), il-finanzjament preferenzjali Ċiniż ma huwiex operat bi programmi ta' finanzjament iddefiniti b'mod ċar bi kriterji stretti ta' eliġibbiltà, iżda pjuttost bl-identifikazzjoni fl-ogħla livell ta' numru ta' industriji mħeġġin ([169]). Id-dežinjazzjoni uffiċjali tal-Park ta' Morowali u ta' IMIP fl-Indoneżja bħala żona ta' investiment barra l-pajjiż għall-kumpaniji Ċiniżi wara ftehim komuni bejn iż-żewġ gvernijiet sabiex jappoġġaw il-finanzjament taqbel perfettament max-xejra Ċiniża tas-soltu tal-attivazzjoni ta' finanzjament preferenzjali mill-banek tal-politika tagħha. Dan jirreġistra l-fehim kondiviż tal-Indoneżja u taċ-Ċina li l-GTĊ ma kellux jipprovdi finanzjament bir-rati tas-suq, iżda jipprovdi b'mod proattiv inċentivi tal-Istat ukoll fid-dawl tal-ammont kbir ta' investimenti meħtieġ u tar-riskji assoċjati ta' falliment tal-proġett. Dan għal darba oħra juri l-benefiċċji jew il-preferenzi mogħtijin lilhom.

(674) Għalhekk, il-miżuri preferenzjali Ċiniżi favur l-entitajiet Ċiniżi stabbiliti fl-Indoneżja kienu "identifikati" b'mod ċar u inekwivoku u "rikonoxxuti u adottati bħala tagħha stess" mill-Indoneżja.

(675) Barra minn hekk, il-GTID kien involut mill-qrib fl-attivitajiet ta' IMIP peress li l-veikolu magħżul għall-ġestjoni tal-Park ta' Morowali, permezz tal-awtorizzazzjonijiet għall-istabbiliment fiż-żona tal-Park u l-faċilitazzjoni tal-akkwist tal-art (ara hawn taħt). Mezzi daqstant importanti ta' intervent tal-gvern huma s-sistema ta' liċenzjar permezz tal-IUKI u l-attivitajiet ta' monitoraġġ stabbiliti bir-Regolament Nru 142 tal-2015 permezz tal-Kumitat dwar l-Artijiet Industrijali. Dawn jippermettu lill-GTID jikkontrolla mill-qrib u jimmonitorja l-attivitajiet tal-kumpaniji li jimmaniġġjaw il-proprjetà industrijali, bħal IMIP. Barra minn hekk, l-uffiċjali Indoneżjani kienu kontinwament preżenti fil-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni bilaterali stabbilit fl-2014 skont il-Ftehim bilaterali dwar il-Parks Industrijali Integrati (il-premessa (605)). Il-GTID kien responsabbli wkoll għall-għoti tal-istatus formali ta' proprjetà industrijali eliġibbli lil IMIP bħala amministratur tal-Park ta' Morowali billi ħareġ il-liċenzja temporanja sabiex topera b'dan l-istatus, u sussegwentement sabiex jiġi vverifikat li r-rekwiżiti kollha tal-liġijiet u tal-politiki rilevanti ġew issodisfati sabiex tingħata l-liċenzja permanenti.

([167]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2018/1690 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers miċ-Ċina (ĠU L 283, 12.11.2019, p. 1), il-Premessi 409-412.

([168]) Bħar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/96 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17).

([169]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2018/1690 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers miċ-Ċina (ĠU L 283, 12.11.2019, p. 1), il-Premessa 377.

(676) Barra minn hekk, fir-rigward b'mod aktar speċifiku tal-finanzjament preferenzjali, il-GTID għandu proċess ta' monitoraġġ fis-seħħ sabiex ikun jista' jivverifika kwalunkwe fluss finanzjarju għall-investituri barranin u għall-kapital barrani, inkluża l-ħtieġa li l-fondi barranin jiġu ttrasferiti permezz ta' fergħat Indoneżjani lokali. Barra minn hekk, fil-każ tas-self speċifiku u tal-appoġġ finanzjarju pprovdut lill-kumpaniji fil-Grupp IRNC, il-fondi ġew ipprovduti minn SOCBs jew minn banek ta' politika li jinsabu fiċ-Ċina, iżda l-ftehimiet ta' self iffirmati mill-kumpaniji li jinsabu fl-Indoneżja pprovdew ukoll għall-ħekk imsejħin banek "aġenti". Dawn kienu jikkonsistu f'fergħat Indoneżjani lokali tal-banek Ċiniżi, li r-rwol tagħhom kien li jaġixxu bħala intermedjarji sabiex jgħaddu l-fondi miċ-Ċina lill-kumpaniji riċevituri fl-Indoneżja. Għalhekk, il-GTID seta' jimmonitorja kif xieraq l-appoġġ finanzjarju miftiehem.

(677) Permezz ta' dawn il-mekkaniżmi kollha, l-Indoneżja wriet ukoll l-approvazzjoni sħiħa tagħha u l-kontroll mill-qrib tal-finanzjament preferenzjali Ċiniż għall-benefiċċju tal-produttur tal-azzar inossidabbli fil-Park ta' Morowali.

(678) Mill-evidenza disponibbli, u minkejja n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTID u tal-GTĊ b'rabta ma' din il-parti tal-investigazzjoni, isegwi li l-finanzjament preferenzjali mill-korpi pubbliċi Ċiniżi lill-Grupp IRNC jista' jiġi attribwit lill-GTID bħala l-gvern tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni skont l-Artikolu 3.1(a) tar-Regolament bażiku. L-evidenza wriet li l-GTID fittex b'mod proattiv miċ-Ċina u, għalhekk, approva l-appoġġ finanzjarju preferenzjali lill-produttur tal-azzar inossidabbli fil-Park ta' Morowali f'konformità mal-impenji miftehmin sabiex jiġi żviluppat u appoġġat l-iżvilupp tal-industrija tal-azzar inossidabbli fl-Indoneżja.

(679) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-possibbiltà li l-gvernijiet jipprovdu kontribuzzjoni finanzjarja indirettament permezz ta' korpi privati la hija esoġena għar-Regolament bażiku u lanqas għall-Ftehim SCM ([170]). Tabilħaqq, f'każijiet fejn il-gvernijiet jafdaw jew jiddelegaw lil korpi privati fi mġiba partikolari, kwistjoni ewlenija hija li jrid ikun hemm "rabta li tkun tista' tintwera" bejn l-att tal-gvern u l-aġir tal-korp privat ([171]). B'mod simili, f'dan il-każ, hemm rabta ċara u espliċita bejn l-azzjonijiet affermattivi meħudin miċ-Ċina sabiex tipprovdi l-appoġġ finanzjarju miftiehem lill-Grupp IRNC u l-GTID.

(680) Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-finanzjament preferenzjali mogħti mill-GTĊ lill-produttur esportatur tal-SSCR fil-Park ta' Morowali sarraf f'kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-GTID fis-sens tal-Artikolu 3(1)(i) tar-Regolament bażiku ([172]).

4.5.8.2. Benefiċċju

(681) Imbagħad, il-Kummissjoni kkunsidrat jekk dawn il-kontribuzzjonijiet finanzjarji attribwibbli lill-GTID tawx benefiċċju lill-Grupp IRNC skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Hija fakkret li l-kumpaniji ta' IRNC kienu qed joperaw fl-Indoneżja u kienu inkorporati skont id-dritt tal-Indoneżja. B'hekk, fil-prinċipju kien xieraq li jiġi mistoqsi jekk dawn il-benefiċjarji tal-finanzjament irċivewx termini aħjar milli kieku kienu jirċievu fis-suq finanzjarju Indoneżjan. Kif imsemmi fil-premessi (732) u (733), il-Kummissjoni vverifikat dan il-punt u kienet sodisfatta li dan kien il-każ.

(682) Madankollu, il-Kummissjoni qieset ukoll iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' dan il-każ. Huwa mfakkar li l-produtturi esportaturi huma relatati ma' kumpaniji omm Ċiniżi. Il-korpi pubbliċi Ċiniżi taw il-finanzjament preferenzjali wara n-negozjar u l-iffirmar tad-dokumenti rilevanti fiċ-Ċina, u l-benefiċjarji rċevewhom direttament jew indirettament permezz tal-kumpanija omm tagħhom fiċ-Ċina (self bejn il-kumpaniji). Il-ftehimiet ta' self speċifikaw li l-fondi kienu se jintużaw għall-proġetti fl-Indoneżja. Permezz tal-istabbiliment tal-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali xprunat mill-azzjonijiet tal-GTID sabiex tiġi stimolata l-kapaċità Ċiniża ta' tidwib li kellha tiġi ttrasferita lejn l-Indoneżja, il-GTID fittex u approva li dawk l-entitajiet jirċievu appoġġ preferenzjali, inkluż self irħis f'konformità mad-dritt taċ-Ċiniż, jiġifieri taħt il-kundizzjonijiet Ċiniżi. Il-korpi pubbliċi Ċiniżi pprovdew tali finanzjament skont il-politiki ta' finanzjament preferenzjali implimentati fiċ-Ċina.

([170]) Ara l-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim SCM.

([171]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, US – DRAMs, (WT/DS296/AB/R), il-para. 112.

([172]) Inċidentalment, il-fatti inkwistjoni jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll mill-angolu tal-Artikolu 16 tal-Artikoli tal-ILC. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-GTID u l-GTĊ mhux biss irriżultat fir-rikonoxximent u fl-adozzjoni tal-atti Ċiniżi mill-GTE, iżda serviet ukoll sabiex potenzjalment tevita d-dazji attwali u potenzjali imposti mill-UE fuq l-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat magħmul l-Indoneżja.

(683) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-adozzjoni u r-rikonoxximent mill-GTID tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-korpi pubbliċi Ċiniżi lil IRNC kienu jinkludu wkoll l-aspetti preferenzjali/ta' benefiċċju tagħhom. B'hekk, hija stabbiliet rati tas-suq Ċiniżi għall-finanzjament preferenzjali u kkalkolat il-benefiċċju kif xieraq. Dawk id-dettalji huma elaborati aktar fit-taqsima 4.6 aktar 'il quddiem. Il-Kummissjoni nnotat li dan l-approċċ raġonevoli rriżulta f'ammonti ta' sussidju aktar baxxi minn dawk derivati mill-applikazzjoni ta' parametru referenzjarju ipotetiku Indoneżjan.

4.5.8.3. Speċifiċità

(684) Fir-rigward tat-tielet punt dwar l-ispeċifiċità, il-Kummissjoni eżaminat jekk dawn is-sussidji kinux speċifiċi kif meħtieġ mill-Artikoli 4(2) sa (4) tar-Regolament bażiku.

(685) Permezz tar-rikonoxximent u l-adozzjoni, il-GTID kien l-awtorità awtorizzanti fir-rigward tal-finanzjament preferenzjali. B'mod partikolari, il-GTID irrikonoxxa u adotta d-deżinjazzjoni mill-GTĊ tal-Park ta' Morowali u ta' IMIP bħala territorju ta' investiment barra l-pajjiż u approva l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim bilaterali u dokumenti bilaterali oħrajn tiegħu, fost l-oħrajn, permezz tal-għoti ta' finanzjament preferenzjali mill-GTĊ.

(686) Dawn is-sussidji kienu limitati għal kumpaniji li joperaw fil-Park ta' Morowali. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn kienu sussidji reġjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament bażiku u jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tal-awtorità awtorizzanti f'konformità mal-Artikoli 4(2) sa (4) tar-Regolament bażiku.

4.5.9. *Kummenti dwar id-divulgazzjoni finali*

(687) L-ilmentatur, il-GTID, il-GTĊ u l-Grupp IRNC ippreżentaw kummenti dwar id-divulgazzjoni finali dwar il-kooperazzjoni bejn il-GTID u l-GTĊ.

4.5.9.1. Kummenti dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja

(688) Il-GTID, il-GTĊ u l-Grupp IRNC iddikjaraw li din l-investigazzjoni, sa fejn tindirizza s-sussidji għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat mogħtijin minn pajjiż li ma jkunx il-pajjiż esportatur, tikser kemm il-Ftehim SCM kif ukoll ir-Regolament bażiku. Skont dawn, l-investigazzjoni antisussidji ma setgħetx tiġi estiża lil hinn mit-territorju u mill-ġuriżdizzjoni tal-Indoneżja.

(689) Il-GTĊ fakkar ukoll li diġà kien esprima l-pożizzjoni tiegħu fl-investigazzjoni antisussidji tal-GFF. F'dan il-każ, il-GTĊ fehem il-premessa (646) bħala konferma li l-Kummissjoni taqbel mal-fehma tal-GTĊ li l-Ftehim SCM ma jinvolvix ir-relazzjoni bejn gvern wieħed u produtturi li jinsabu barra l-pajjiż.

(690) Fuq dawn il-linji, il-GTĊ u l-Grupp IRNC iddikjaraw li, skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Ftehim SCM, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji lil entitajiet barra mit-territorju tal-pajjiż li jagħtihom ma jikkwalifikawx bħala sussidji skont it-tifsira tal-Ftehim SCM. B'mod aktar speċifiku, il-GTID iddikjara li l-Artikolu 1.1(a)(1)(i) – (iv) tal-Ftehim SCM isemmi wkoll " gvern/gvern" f'kull wieħed mill-paragrafi li jirreferu għall-istess entità taħt il-kappa tiegħu u dawk ir-referenzi ma jistgħux jinftiehmu li jfissru li gvern barra mit-territorju tal-pajjiż li jagħti l-kontribuzzjoni finanzjarja jkun inkluż

(691) Il-GTID żied li l-ġurisprudenza tad-WTO interpretat l-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM bħala "*lista magħluqa eżawrjenti*" ([173]), li "*tiddefinixxi u tidentifika l-imġiba tal-gvern li tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja għall-finijiet tal-Ftehim SCM*" ([174]) u "*mill-bidu nett kienet maħsuba mill-proponenti tagħha preċiżament sabiex jiġi żgurat li mhux il-miżuri kollha tal-gvern li jagħtu benefiċċji jkunu jistgħu jitqiesu bħala sussidji*" ([175]). Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM permezz tal-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC, imsemmijin fil-premessi (647) sa

([173]) Ir-Rapport tal-Bord, *United States – Measures Affecting Trade in Large Civil Aircraft (Second Complaint)*, WT/DS353/R, adottat fit-23 ta' Marzu 2012, kif modifikat mir-Rapport tal-Korp tal-Appell WT/DS353/AB/R, DSR 2012:II, p. 649, il-paragrafu 7.955.

([174]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *United States – Measures Affecting Trade in Large Civil Aircraft (Second Complaint)*, WT/DS353/AB/R, adottat fit-23 ta' Marzu 2012, DSR 2012:I, p. 7, il-paragrafu 614.

([175]) Ir-Rapport tal-Bord, *US – Exports Restraints*, cit., il-paragrafi 8.65 u 8.73.

(650), il-GTID fakkar fil-ġurisprudenza tad-WTO dwar l-interpretazzjoni tal-ftehimiet tad-WTO ([176]). Imbagħad, huwa afferma li l-Kummissjoni, billi interpretat "minn gvern" fl-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM bħala li tinkludi l-possibbiltà ta' attribuzzjoni tal-għoti ta' sussidji lil gvernijiet oħrajn, żiedet kliem li ma huwiex fit-test tal-Ftehim SCM.

(692) Il-GTID, il-GTĊ u l-Grupp IRNC argumentaw ukoll li, peress li t-terminu "gvern" inkluż fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku huwa ddefinit bħala "gvern jew kwalunkwe korp pubbliku fit-territorju tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-esportazzjoni", l-allegati sussidji tal-GTĊ ma setgħux jaqgħu fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni. Skont il-GTĊ u l-Grupp IRNC, l-Artikolu 4(2) tar-Regolament bażiku jsaħħaħ din il-fehma permezz ta' referenza għall-"*ġuriżdizzjoni tal-awtorità awtorizzanti*".

(693) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-affermazzjonijiet kollha ta' hawn fuq. Il-Kummissjoni nnotat li l-argumenti li saru mill-GTID, mill-GTĊ u minn IRNC kienu fil-biċċa l-kbira simili u għal xi kwistjonijiet invokaw argumenti separati. Il-Kummissjoni analizzat il-punti koinċidenti flimkien u indirizzat wieħed wieħed l-argumenti li kien fadal li saru minn kull parti separatament.

(694) L-ewwel nett, il-Kummissjoni rreferiet għall-argumenti żviluppati fil-Kawża AS 656, b'mod partikolari fil-premessi (685) u f'dawk segwenti, u fil-premessi (709) u f'dawk segwenti, li diġà jkunu biżżejjed sabiex jiċħdu l-affermazzjonijiet ta' dawn il-partijiet. Madankollu, il-Kummissjoni pprovdiet il-kjarifiki li ġejjin b'appoġġ ulterjuri tal-pożizzjoni tagħha.

(695) Fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-WTO u tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni nnotat li l-partijiet naqsu milli jirreferu għall-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO. Il-Korp tal-Appell ("AB") tad-WTO sostna fil-kawża US-Gasoline ([177]) li l-liġi tad-WTO ma tistax tinqara f'iżolament kliniku mid-dritt internazzjonali ġenerali. B'hekk, il-prinċipji tad-dritt internazzjonali ġenerali jifformaw parti mill-ordni ġuridiku tad-WTO, li ma huwiex sistema awtonoma ([178]). F'konformità mal-Artikolu 3.2 tad-DSU u mal-Artikolu 31(3)(ċ) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati (KVLT), "*[k]walunkwe regola rilevanti tad-dritt internazzjonali applikabbli fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet*" trid tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni tal-kuntest tat-termini ta' trattat. Dawn ir-"regoli" jinkludu d-dritt internazzjonali konswetudinarju ([179]), li minnhom infushom huma vinkolanti fuq il-membri kollha tad-WTO, inklużi l-Indoneżja, iċ-Ċina u l-Unjoni Ewropea. L-Artikoli tal-ILC huma fergħa integrali u importanti tad-dritt internazzjonali konswetudinarju, f'konformità mal-mandat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU skont l-Artikolu 13(1)(a) tal-Karta tan-NU. Ir-regoli fl-Artikoli tal-ICL huma wkoll "rilevanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 31(3) (ċ) tal-KVLT minħabba li jipprovdu gwida għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' attribuzzjoni, jiġifieri meta ċerti atti jew ommissjoni jistgħu jiġu attribwiti lil Stat wieħed, anki meta dawk l-atti jew l-ommissjonijiet ma jkunux ġejjin minn dak l-Istat direttament. F'dan ir-rigward, il-kunċett ta' attribuzzjoni jsir rilevanti sabiex jiġi interpretat it-terminu "*mill-gvern*" fil-kappa tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM, u b'mod aktar partikolari, sabiex tiġi ddeterminata l-attribuzzjoni korretta ta' mġiba f'sitwazzjoni ta' kooperazzjoni bejn żewġ Stati fir-rigward tas-sussidji, bħal fil-każ inkwistjoni ([180]). Għalhekk, l-Artikoli tal-ILC jistgħu jintużaw sabiex jiġi interpretat it-terminu "*mill-gvern*" taħt il-kappa tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM sabiex l-imġiba (l-għoti ta' sussidju) tiġi attribwita lill-GTID, anki f'każijiet li fihom il-kontribuzzjoni finanzjarja ma tkunx saret direttament mill-GTID.

(696) Fir-rigward tal-affermazzjonijiet li jikkonċernaw l-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku, dan l-Artikolu jipprevedi li "*"Gvern" tfisser gvern jew kull korp pubbliku fit-territorju tal-pajjiż tal-oriġini jew tal-esportazzjoni.*" Il-Kummissjoni qablet mal-interpretazzjoni li din id-dispożizzjoni tkopri azzjonijiet tal-gvern li mit-territorju tiegħu jiġu esportati l-prodotti ssussidjati lejn l-UE. Dan huwa preċiżament il-każ hawnhekk. Il-prodott ikkonċernat huwa manifatturat fl-Indoneżja u esportat mill-Indoneżja lejn l-UE. Madankollu, l-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku ma jitkellimx dwar il-mistoqsija separata dwar x'azzjonijiet il-gvern jista' jawtorizza fit-territorju tiegħu u jirrikonoxxi bħala tiegħu stess. Bħal fil-każ tal-kunċett ta' "korp pubbliku", il-kunċett ta' "gvern" huwa miftuħ għall-interpretazzjoni,

([176]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell *United States – Continued Existence and Application of Zeroing Methodology*, WT/DS350/AB/R, adottat fid-19 ta' Frar 2009, DSR 2009:III, p. 1291, il-paragrafu 268 u r-Rapport tal-Korp tal-Appell, *India – Patent Protection for Pharmaceutical and Agricultural Chemical Products*, WT/DS50/AB/R, adottat fis-16 ta' Jannar 1998, DSR 1998:I, pġ. 9, il-paragrafu 45.

([177]) WT/DS2/AB/R – *US – Reformulated Gasoline*, Rapport tal-Korp tal-Appell adottat fl-20 ta' Mejju 1996, p. 17.

([178]) Ara fid-dettall J. Pauwelyn, The Role of Public International Law in the WTO – How far can we go?, American Journal of International Law (2001), pp. 535 u sussegwenti; Graham Cook, Digest of WTO Jurisprudence on Public International Law Concepts and Principles (CUP 2015).

([179]) WT/DS379 – United States – Definitive Anti-Dumping and Countervailing Duties on Certain Products from China, Ir-Rapport tal-Bord ta' Appell adottat fil-11 ta' Marzu 2011, §§308; M.E. Villiger, "Commentary on the 1969 Vienna Convention on the Law of Treaties" (Martinus Nijhoff, 2009), p. 433.

([180]) WT/DS379/AB/R, il-paragrafi 304 – 322.

filwaqt li jitqiesu l-kuntest, it-tir u l-għan tiegħu. Għalhekk, l-azzjonijiet li jistgħu jiġu attribwiti lill-gvern tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-esportazzjoni jistgħu ma jkunux biss azzjonijiet li joħorġu direttament minn tali gvern iżda wkoll azzjonijiet imputabbli lil tali gvern. Dan huwa kkonfermat ukoll mit-termini fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku meta jsir riferiment għal kontribuzzjoni finanzjarja "minn" gvern. Għall-istess raġunijiet, l-argumenti l-oħrajn li jużaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim SCM, jiġifieri l-Artikolu 1.1(a)(1), ma humiex fondati.

(697) Għalhekk, fuq il-bażi tal-interpretazzjoni tal-Artikoli 2(b), 3(1)(a), u 4(2) tar-Regolament bażiku f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim SCM tad-WTO u mal-Artikoli tal-ILC, il-Kummissjoni kkonkludiet li kienet intitolata li tikkumpensa s-sussidji pprovduti mill-GTID li mhux biss irrikonoxxa u aċċetta l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kumpensabbli sottostanti pprovduti mill-GTĊ bħala tiegħu stess, iżda saħansitra fittixhom b'mod proattiv. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet.

(698) Fir-rigward tal-premessa (646), il-Grupp IRNC afferma li, billi biddlet is-suġġett għall-attribuzzjoni, il-Kummissjoni evitat il-prerekwiżiti għat-teħid ta' miżuri kumpensatorji. Skont il-Grupp IRNC, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTID kien l-awtorità awtorizzanti mingħajr spjegazzjoni u analiżi xierqa, permezz ta' attribuzzjoni bbażata biss fuq l-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC, għalkemm ma saritx tali referenza. Il-Grupp IRNC afferma li, sabiex l-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC jippermetti l-attribuzzjoni lill-GTID tal-appoġġ finanzjarju tal-GTĊ, il-Kummissjoni kellha bżonn tagħti prova li l-allegat appoġġ finanzjarju mogħti mill-GTĊ kien "*att internazzjonalment ħażin*" qabel kollox, inkella l-bażi sħiħa tal-argument tal-Kummissjoni ma tkunx teżisti. Peress li d-WTO tqis li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma intitolati li jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi proprji tagħhom għall-iżvilupp ekonomiku, il-kooperazzjoni bilaterali bejn żewġ pajjiżi li qed jiżviluppaw ma setgħetx taqa' taħt id-definizzjoni ta' "*atti internazzjonalment ħżiena*". Il-Grupp IRNC żied li, anki li kieku l-Kummissjoni b'xi mod stabbiliet l-attribuzzjoni, xorta jifdal diskrepanza loġika konsiderevoli mill-affermazzjoni li l-"GTID huwa responsabbli" għall-affermazzjoni li l-"GTID huwa l-awtorità awtorizzanti" huwa stess.

(699) Il-Kummissjoni spjegat fit-tul permezz tal-kontroreferenza tagħha għall-argumenti u għar-raġunament ġuridiku żviluppati fil-Kawża AS656 flimkien mal-ispjegazzjonijiet ulterjuri fil-premessi (647)-(651) kif l-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC kien japplika f'din l-investigazzjoni. Barra minn hekk, it-Taqsima 4.5.8.1 spjegat fid-dettall l-argumenti ġuridiċi u l-evidenza sottostanti kollha sabiex tappoġġa l-attribuzzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja u tas-sussidji rilevanti lill-GTID. Il-Kummissjoni fakkret li skont l-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC, l-imġiba tista' tiġi attribwita lil Stat "*jekk u sa fejn l-Istat jirrikonoxxi u jadotta l-imġiba inkwistjoni bħala tiegħu stess*". Il-kummentarji għall-Abbozz tal-Artikoli tal-ILC jikkonfermaw li l-frażi "*jirrikonoxxi u jadotta l-imġiba inkwistjoni bħala tiegħu stess*" hija maħsuba sabiex tiddistingwi każijiet ta' rikonoxximent u ta' adozzjoni minn każijiet ta' sempliċi appoġġ jew approvazzjoni. B'mod partikolari, imġiba ma tkunx attribwibbli għal Stat skont l-Artikolu 11 meta Stat sempliċiment jirrikonoxxi l-eżistenza fattwali ta' mġiba jew jesprimi l-approvazzjoni verbali tiegħu. L-att ta' rikonoxximent u ta' adozzjoni, kemm jekk isiru fil-forma ta' kliem jew ta' mġiba, irid ikun ċar u inekwivokabbli ([181]). Għalhekk, l-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC jeħtieġ eżaminazzjoni *in concreto* tal-imġiba tal-pajjiż esportatur li tindika li jkun irrikonoxxa u adotta bħala tiegħu stess l-imġiba ta' gvern barrani. Il-Kummissjoni għamlet eżattament dan fl-analiżi dettaljata tagħha fit-Taqsima 4.5.8.1, u kkonkludiet li l-GTID fittex, irrikonoxxa u adotta l-imġiba tal-GTĊ bħala tiegħu stess. L-azzjonijiet li jikkonsistu fl-għoti ta' sussidji kumpensabbli tal-GTID u tal-GTĊ kienu f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim SCM u tar-Regolament bażiku, u għalhekk jaqgħu kompletament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC. Jekk tali self preferenzjali skattatx minn perspettiva normattiva anki r-responsabbiltà internazzjonali taċ-Ċina għal ksur tal-Ftehim SCM huma irrilevanti. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni attribwiet lill-GTID "imġiba" Ċiniża (jiġifieri l-għoti ta' self preferenzjali) u mhux "atti illegali". Għalhekk, l-argumenti tal-partijiet ġew miċħudin. Il-GTĊ talab kjarifika mill-Kummissjoni dwar jekk id-dipendenza tal-Kummissjoni fuq l-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC hijiex applikabbli għall-interpretazzjoni tar-Regolament bażiku, jiġifieri, skont il-GTĊ, jekk id-dritt internazzjonali konswetudinarju jistax jintuża sabiex jiġi interpretat id-dritt domestiku tal-UE.

(700) Il-Kummissjoni nnotat fil-bidu l-ġurisprudenza stabbilita tal-qrati Ewropej, li skontha d-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku jridu jiġu interpretati, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ftehimiet tad-WTO ([182]). Dan ir-rekwiżit li l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE tiġi interpretata b'mod konsistenti ma' ftehim internazzjonali jippresupponi li huwa possibbli li tinkiseb konsistenza bejn id-dispożizzjonijiet differenti u

([181]) Il-Kummentarji għall-Abbozz tal-Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal atti internazzjonalment ħżiena adottati mill-Kummissjoni dwar id-Dritt Internazzjonali fit-tlieta u ħamsin sessjoni tagħha (2001) ("Il-Kummentarji għal-ILC"), l-Artikolu 11, il-paragrafu (8).

([182]) Ara s-sentenzi tat-22 ta' Mejju 2014, *Guangdong Kito Ceramics u Oħrajn vs Il-Kunsill*, T-633/11, EU:T:2014:271, il-punt 38; tal-11 ta' Lulju 2017, *Viraj Profiles vs Il-Kunsill*, T-67/14, EU:T:2017:481, il-punt 88; u tal-10 ta' April 2019, *Jindal Saw*, T-300/16, ECLI:EU:T:2019:235, il-punt 101.

japplika biss "sa fejn ikun possibbli". Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-Qorti preċedentement iddeċidiet li l-primat tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-UE fuq il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE jirrikjedi li dawn tal-aħħar jiġu interpretati, sa fejn ikun possibbli, b'mod konsistenti ma' dawk il-ftehimiet, inkluż meta d-dispożizzjonijiet ta' dawn tal-aħħar ma jkollhomx effett dirett ([183]).

(701) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti bażiċi inkwistjoni, jiġifieri l-Artikoli 2(b), 3(1)(a), u 4(2), jirriżultaw mill-obbligi li jinsabu fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Ftehim SCM, jiġifieri l-Artikolu 1.1(a)(1), u għalhekk, fil-prinċipju jridu jiġu interpretati f'konformità. Il-fatt li l-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM, u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament bażiku, ma jirreferux b'mod espliċitu għall-possibbiltà li l-appoġġ finanzjarju pprovdut minn Stat jiġi attribwit lil Stat ieħor ma hijiex ostaklu għall-interpretazzjoni tat-termini f'konformità mal-prinċipji ta' attribuzzjoni fl-Artikoli tal-ILC. L-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC huwa rilevanti peress li jikkonċerna l-istess suġġett bħat-termini tat-trattat qegħdin jiġu interpretati ([184]). L-interpretazzjoni tat-termini "*mill-gvern*" f'dawn id-dispożizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Artikoli tal-ILC tippermetti "*li tiġi aċċertata l-intenzjoni komuni tal-partijiet għal ftehim partikolari*". ([185]) Għalhekk, l-interpretazzjoni xierqa tal-Artikolu 1.1 tal-Ftehim SCM u tar-Regolament AS Bażiku tirrikjedi li jitqiesu l-Artikoli tal-ILC, li diġà ġew ikkunsidrati b'mod espliċitu mill-Qorti tal-Ġustizzja f'numru ta' każijiet ([186]).

(702) Il-Grupp IRNC afferma li, anke jekk l-investigazzjonijiet kontra s-sussidji bejn il-pajjiżi kienu permissibbli skont il-Ftehim SCM, il-Kummissjoni kienet tonqos milli tistabbilixxi kontribuzzjoni finanzjarja f'dan il-każ. Tabilħaqq, skont il-Grupp IRNC, il-fatt li l-GTID identifika, irrikonoxxa u adotta bħala tiegħu stess il-miżuri preferenzjali Ċiniżi (il-premessa (674)), l-approvazzjoni sħiħa u l-kontroll mill-qrib tal-finanzjament preferenzjali Ċiniż (il-premessa (677)), kif ukoll ir-rabta ċara u espliċita bejn l-azzjonijiet tal-GTĊ u tal-GTID (il-premessa (679)), huma loġikament żbaljati u ma humiex appoġġati minn evidenza sostanzjali.

(703) F'dan ir-rigward, il-Grupp IRNC enfasizza li l-Kummissjoni ma wrietx il-kontribuzzjoni mill-GTID jew minn korp pubbliku. Il-Kummissjoni ma wrietx l-approvazzjoni sħiħa tal-GTID, filwaqt li, fil-fehma tal-Grupp IRNC, l-allegat kontroll mill-qrib kien jikkorrispondi għal ftit funzjonijiet amministrattivi normali u kontroll normali fuq il-flussi finanzjarji barranin. Barra minn hekk, l-involviment ta' fergħat lokali fir-ripagament tas-self kien jikkorrispondi għal prattika komuni fin-negozju. Il-Kummissjoni qieset dawn l-argumenti bħala infondati. Din it-Taqsima 4.5 kollha tispjega f'dettall kbir kif il-kooperazzjoni wasslet sabiex il-GTID jirrikonoxxi u jaċċetta bħala tiegħu stess il-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mill-GTĊ. Imbagħad, dan jiġi ttrattat speċifikament fit-Taqsima 4.5.8.1 separata. Għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni ta' din il-parti, hemm biżżejjed evidenza sostanzjali li tappoġġa dawn il-konklużjonijiet, u din l-evidenza ma ġietx ikkonfuntata mill-partijiet. Il-valutazzjoni tikkonkludi li l-kontribuzzjoni finanzjarja ġiet ipprovduta minn istituzzjonijiet finanzjarji stabbiliti fir-RPĊ li jaġixxu bħala korp pubbliku (ara wkoll il-premessi (727)-(731)), u li din il-kontribuzzjoni finanzjarja ntalbet b'mod proattiv mill-GTID, li għamilha tiegħu stess. Il-GTID u l-GTĊ daħħlu fis-seħħ numru ta' korpi amministrattivi bilaterali inkarigati mill-implimentazzjoni tal-proġett ta' Morowali, kif spjegat fost l-oħrajn fit-Taqsima 4.5.7. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnotat li mhux biss il-finanzjament preferenzjali Ċiniż kellu jgħaddi mill-"banek tal-aġenziji" Indoneżjani (ara l-premessa (751)), iżda wkoll li s-self offshore marbut ma' proġetti ta' żvilupp bħal dak ta' Morowali huwa soġġett għal approvazzjoni u għal monitoraġġ speċifiċi minn *Tim Inter-Ministerjali għal Self Kummerċjali Offshore (Tim Pinjaman Komersial Luar Negeri jew "PKLN")* skont id-Digriet Presidenzjali Nru 39 tal-1991, kif spjegat f'aktar dettall fil-premessi (752) u f'dawk segwenti). Għalhekk, dawn l-argumenti ġew miċħudin.

4.5.9.2. Kummenti dwar il-Park ta' Morowali

(704) Il-GTID irreaġixxa għas-sejbiet tal-Kummissjoni billi ddikjara li huwa miftuħ għall-kooperazzjoni internazzjonali u għandu ħafna ftehimiet bilaterali fis-seħħ. Madankollu, dan ma jfissirx li l-GTID jagħti preferenza lill-investimenti barranin, peress li kwalunkwe investiment fl-Indoneżja jitwettaq f'konformità mad-dritt Indoneżjan. Il-GTID ċaħad li jindirizza kwalunkwe wieħed mid-dokumenti ċċitati mill-Kummissjoni minħabba li qies li l-ebda minnhom ma huwa vinkolanti. Barra minn hekk, il-GTID enfasizza li l-kooperazzjoni mal-GTĊ ma tiffokax fuq l-industrija tal-azzar inossidabbli jew fuq il-parks industrijali.

(705) L-ewwel nett, il-Kummissjoni osservat li l-GTID (u l-GTĊ) ma kkontestawx l-akkuratezza tal-fatti u l-evidenza rilevanti dwar il-kooperazzjoni bejn dawn iż-żewġ gvernijiet kif deskritta fit-Taqsima 4.5.

([183]) Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2007 *Řízení Letového* Provozu, C-335/05, EU:C:2007:321, il-punt 16, u tat-8 ta' Marzu 2011, *Lesoochranárske zoskupenie VLK*, C-240/09, ECLI:EU:C:2011:125, il-punti 45 u 51, li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tar-Regolament bażiku f'konformità mal-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-dumping.

([184]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO, *United States – Definitive Anti-Dumping and Countervailing Duties on Certain Products from China* (WT/DS379/AB/R), adottat fil-25 ta' Marzu 2011, il-paragrafu 308 ("*Sabiex ikunu rilevanti, tali regoli jridu jikkonċernaw l-istess suġġett bħat-termini tat-trattat li jkunu qegħdin jiġi interpretati*").

([185]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, United States – Definitive Anti-Dumping and Countervailing Duties on Certain Products from China (WT/DS379/AB/R), adottat fil-25 ta' Marzu 2011, il-paragrafu 312.

([186]) Ara b'mod partikolari s-sentenzi tas-6 ta' Mejju 2010, C-63/09, *Axel Walz*, ECLI:EU:C:2010:251, il-paragrafi 27 – 29; u tas-6 ta' Ottubru 2020, C-66/18, *Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija*, ECLI:EU:C:2020:792, il-punt 90. Ara wkoll l-Konklużjonijiet tal-AĠ Kokott tal-15 ta' April 2010, C-334/08, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana*, ECLI:EU:C:2010:187, il-punti 29 u 30.

(706) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-fatt li l-GTID huwa miftuħ għall-kooperazzjoni internazzjonali u għandu ħafna ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi oħrajn – għalkemm issir referenza b'mod ġenerali mingħajr dettalji speċifiċi - ma jnaqqasx mill-konklużjoni li l-kooperazzjoni mal-GTĊ fil-Park ta' Morowali marret ferm lil hinn minn kooperazzjoni internazzjonali ordinarja jew minn ftehimiet bilaterali mhux speċifikati oħrajn. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-gvernijiet jikkonkludu ftehimiet ta' kooperazzjoni jew ftehimiet bilaterali oħrajn għal ħafna skopijiet, inkluż meta jipprevedu ċerti dispożizzjonijiet li jħeġġu jew jippromwovu l-investiment. Dawn id-dispożizzjonijiet waħedhom ma jkunux biżżejjed sabiex jiġi attribwit l-appoġġ finanzjarju kumpensabbli mill-pajjiż li jipprovdih lill-pajjiż esportatur għall-finijiet tar-Regolament bażiku. Madankollu, din l-investigazzjoni ma kinitx tikkonċerna l-eżistenza ta' kooperazzjoni sempliċi ġenerika jew ta' ftehim(iet) bilaterali ordinarju/i bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina. Minflok, il-Kummissjoni bbażat l-analiżi u s-sejbiet tagħha li l-appoġġ finanzjarju Ċiniż kien attribwibbli għall-GTID, fuq l-eżistenza ta' numru kbir ta' dokumenti u ta' elementi li, meħudin flimkien, urew li l-kooperazzjoni bejn il-GTID u l-GTĊ kienet tmur ferm lil hinn mis-sempliċi promozzjoni tal-iżvilupp u attrazzjoni tal-investiment. Minflok, iż-żewġ gvernijiet qablu li jimplimentaw proġett speċifiku ħafna fil-Park ta' Morowali u kienu stabbilew mekkaniżmi amministrattivi bilaterali dettaljati sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-proġett, kif spjegat fid-dettall fit-Taqsima 4.5.5. Il-kooperazzjoni fil-proġett ta' Morowali kienet ibbażata fuq serje ta' ftehimiet u ta' dokumenti bilaterali speċifiċi li b'mod inekwivoku pprevedew, fost l-oħrajn, l-obbligu għan-naħa Ċiniża li tipprovdi finanzjament preferenzjali enormi għall-investituri bbażati fiċ-Ċina fil-Park ta' Morowali. L-implimentazzjoni sussegwenti b'suċċess tal-proġett ikkonfermat li l-ambitu u l-objettiv tiegħu marru ferm lil hinn minn dawk ta' ftehimiet ġeneriċi ta' żvilupp u ta' kooperazzjoni. Għalhekk, dawn l-argumenti ġew miċħudin.

(707) Il-GTID afferma li kwalunkwe investiment fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-GTĊ twettaq mis-settur privat.

(708) Il-Kummissjoni nnotat li anki li kieku l-investituri attwali fil-kumpaniji li jipproduċu l-prodott ikkonċernat u fil-kumpanija relatata li topera l-Park ta' Morowali kienu privati, dan huwa irrilevanti u ma jaffettwax il-konklużjoni li l-finanzjament preeżistenti pprovdut mill-GTĊ u attribwit lill-GTID kien jikkonsisti f'sussidju kumpensabbli. L-investituri privati allegati kienu sempliċiment il-benefiċjarji ta' dawn is-sussidji kumpensabbli, li ġew attribwiti lill-GTID, u li ngħataw minnu. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(709) Il-GTID afferma wkoll li ma teżisti l-ebda lista ta' proġetti prijoritarji skont id-djalogi ekonomiċi ta' livell għoli mal-GTĊ.

(710) Il-Kummissjoni nnotat li ma hemm l-ebda dubju li l-proġett ta' Morowali kien rikonoxxut formalment bħala proġett eliġibbli speċjali kemm fir-RPĊ kif ukoll fil-BRI, kif ukoll fl-Indoneżja bħala Proġett Strateġiku Nazzjonali. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li kien hemm diversi referenzi għal-lista ta' proġetti strateġiċi skont il-kooperazzjoni bilaterali, kif speċifikat fost l-oħrajn fil-premessi (577) u (609). Kif spjegat fil-premessi (552) u (573), il-GTID issottometta lista differenti ta' proġetti mil-lista ta' proġetti prijoritarji taħt id-djalogu ekonomiku ta' livell għoli, u fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni inferiet li l-proġett ta' Morowali kien fost il-proġetti prijoritarji identifikati mill-GTID u mill-GTĊ. Anki li kieku l-affermazzjoni tal-GTID li ma teżisti l-ebda lista formali ta' proġetti prijoritarji skont id-djalogu ekonomiku ta' livell għoli kienet issostanzjata u vera, din ma taffettwax il-konklużjoni li l-proġett ta' Morowali ġie rrikonoxxut formalment bħala Proġett Strateġiku Nazzjonali mill-GTID u fil-BRI mill-GTĊ, u ċertament li fi kwalunkwe każ kien meqjus bħala proġett ta' prijorità strateġika segwit mill-qrib u implimentat miż-żewġ gvernijiet minħabba l-importanza tiegħu. Għalhekk, anki li kieku kien issostanzjat kif xieraq – *quod non* - dan l-argument ma kienx jaffettwa l-konklużjoni li l-Park ta' Morowali kien proġett prijoritarju rikonoxxut formalment miż-żewġ gvernijiet fil-kuntest tal-kooperazzjoni bilaterali tagħhom. Għalhekk, l-investituri tiegħu rċivew sussidji kumpensabbli f'dan il-kuntest. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

(711) Fir-rigward tal-premessa (599), il-GTID afferma li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-IMIP kien iż-Żona ta' Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali bejn iċ-Ċina u l-Indoneżja. Fi kwalunkwe każ, hija ssottomettiet li din il-kwalifika ma timplika l-ebda trattament speċjali min-naħa tal-GTID.

(712) Il-Kummissjoni nnotat l-evidenza kbira diġà pprovduta fil-premessa (599), li tikkonferma li IMIP tabilħaqq kienet Żona ta' Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali. Barra minn hekk, bi tweġiba għal din l-affermazzjoni, huwa nnotat li l-istess informazzjoni tista' tinstab fuq siti web oħrajn tal-GTĊ ([187]). Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Il-GTID afferma wkoll li ma ġie applikat l-ebda trattament speċjali għal IMIP dwar il-liċenzja tan-negozju bħala żona industrijali. Il-GTID ċċara li IMIP ma hijiex regolata bil-Ftehim dwar il-Parks Industrijali Integrati bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina iżda mill-GR Nru 142 tal-2015, li ma ġiex ippromulgat sabiex tinżamm konformità mal-ftehimiet bilaterali mal-GTĊ. Skont il-GTID, (i) ma hemm l-ebda referenza għall-ftehimiet fih, (ii) dan japplika għaż-żoni industrijali kollha, u (iii) il-GTID sempliċiment ipprovda inċentivi disponibbli wkoll għal kumpaniji barra miż-żoni industrijali.

(713) Il-Kummissjoni nnotat li, minbarra d-Digriet Nru 142 tal-2015, kien hemm ftehim bilaterali speċifiku bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina tat-2 ta' Ottubru 2013 li jidentifika l-importanza tal-Parks Industrijali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-kooperazzjoni bilaterali fil-Proġett ta' Morowali, kif speċifikat fit-Taqsimiet 4.5.3 u 4.5.5. Id-Digriet Nru 142 ipprovda numru ta' dispożizzjonijiet speċjali applikabbli biss għal kumpaniji eliġibbli f'Żoni Industrijali taħt il-kundizzjonijiet speċifikati, li kienu japplikaw għal IMIP. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma kkumpensatx is-sussidji pprovduti mill-IMIP, iżda s-sussidji pprovduti mill-GTID, inkluż billi attribwietlu appoġġ finanzjarju pprovdut mill-GTĊ. Il-ftehim bilaterali speċifiku dwar iż-Żoni Industrijali bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina kien jikkostitwixxi kuntest rilevanti integrali tal-kooperazzjoni bilaterali sabiex jiġi implimentat il-proġett ta' Morowali. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset din l-affermazzjoni mill-GTID irrilevanti u rrifjutatha.

(714) Il-GTID iċċara li l-kwalifika ta' Proġett Strateġiku Nazzjonali ma tipprovdi l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja. Il-GTID żied li ma pprovda l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja lill-IMIP, iżda biss l-infrastruttura ġenerali fiż-żona tal-madwar.

(715) B'mod simili għall-konfutazzjoni tagħha fil-premessa (713), il-Kummissjoni qieset dawn l-argumenti irrilevanti fir-rigward tas-sejbiet ewlenin tal-investigazzjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma kkumpensatx il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jew sussidji oħrajn ipprovduti minn IMIP, iżda biss is-sussidji pprovduti mill-GTID. Il-kwalifika ta' Proġett Strateġiku Nazzjonali kienet tikkostitwixxi kuntest rilevanti li juri li l-Proġett ta' Morowali kien speċifikament imħeġġeġ u implimentat mill-qrib kemm mill-GTĊ permezz tar-rikonoxximent uffiċjali tiegħu taħt il-programm "Belt and Road" tiegħu, kif ukoll mill-GTID permezz ta' din il-kwalifika speċjali. Il-Kummissjoni qieset id-dixxiplina speċifika marbuta mal-kwalifika bħala Proġett Strateġiku Nazzjonali fil-valutazzjoni tagħha f'dan il-kuntest, kif speċifikat fil-premessa (616). Fir-rigward tal-argument dwar l-infrastruttura ġenerali, il-Kummissjoni ma vvalutatx il-forniment ta' infrastruttura ġenerali, li tabilħaqq ma huwiex kumpensabbli skont l-Artikolu 3(1)(a)(iii) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet.

4.5.9.3. Kummenti dwar l-ispeċifiċità

(716) Il-GTID ikkontesta s-sejba tal-ispeċifiċità minħabba li sostna li l-kooperazzjoni mal-GTID ma kinitx tkopri biss parks industrijali, iżda numru ta' oqsma.

(717) Fl-analiżi tagħha dwar l-ispeċifiċità spjegata fit-Taqsima 4.5.8.3 u b'mod partikolari fil-premessa (686), il-Kummissjoni spjegat li s-sussidji kumpensabbli koperti mill-kooperazzjoni bejn il-GTID u l-GTĊ kienu speċifiċi għar-reġjun peress li kienu limitati għal kumpaniji eliġibbli stabbiliti formalment fil-Park ta' Morowali bħala parti mill-implimentazzjoni tal-proġett ta' żvilupp implimentat miż-żewġ gvernijiet. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

([187]) http://fec.mofcom.gov.cn/article/jwjmhzq/ u http://www.cocz.org/index.aspx.

4.5.9.4. Kummenti dwar in-nuqqas ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-GTID

(718) Il-Grupp IRNC afferma li l-ftehim nieqes relatat ma' IMIP ma jistax jikkostitwixxi l-aħjar fatti disponibbli u ma jistax ikun il-bażi għas-sejba li IMIP hija korp privat fdat. Il-Grupp IRNC ikkonferixxa li l-ftehim jista' jkun waħda mill-kunsiderazzjonijiet, iżda mhux l-uniku waħda, u argumenta li jenħtieġ li l-Kummissjoni tasal għal konklużjoni b'mod komprensiv mid-dokumenti kollha miġburin. Skont il-Grupp IRNC, dawn juru li ma kien hemm l-ebda funzjoni fdata bħal din. Il-GTID tenna li ma għandux il-ftehim nieqes fil-pussess tiegħu, peress li IMIP ġiet stabbilita u ffinanzjata minn partijiet privati.

(719) Il-Kummissjoni sabet li din l-affermazzjoni kienet skorretta u irrilevanti. Il-ftehim nieqes, li IRNC naqset deliberatament milli tissottometti u li l-GTID afferma li ma kellux, intuża sabiex isiru ċerti inferenzi fuq il-bażi tal-Artikolu 28(1) minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni kif spjegat fil-premessa (634). Dawn l-inferenzi tqiesu fil-valutazzjoni tal-ġestjoni konġunta tal-Park ta' Morowali mill-GTID u mill-GTĊ, flimkien ma' numru ta' biċċiet oħrajn ta' evidenza u kunsiderazzjonijiet kif spjegati f'dettall fit-Taqsima 4.5, u b'mod partikolari fil-valutazzjoni legali fit-Taqsima 4.5.8. Tabilħaqq, kien biss wieħed mill-elementi u mill-kunsiderazzjonijiet li ppermetta lill-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li IMIP kienet, fost l-oħrajn, ħadet impenn li timplimenta l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Proġett ta' Morowali billi tkun il-maniġer tal-Park ta' Morowali f'konformità mal-kooperazzjoni bilaterali ġenerali miftiehma bejn il-GTID u l-GTĊ. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li jargumentaw il-partijiet, il-ftehim nieqes la kien il-biċċa evidenza unika u lanqas dik deċiżiva użata sabiex tasal għal dik il-konklużjoni (minkejja l-possibbiltà, fil-fehma tal-Kummissjoni, li l-Kummissjoni tasal għall-istess konklużjoni anki fuq il-bażi ta' dak il-ftehim biss, minħabba l-importanza tiegħu flimkien mar-rifjut ta' IRNC u tal-GTID li jipprovduh). Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4.5.9.5. Kummenti dwar in-nuqqas ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-GTĊ

(720) Il-GTĊ asserixxa li ma kienx obbligat jipprovdi xi informazzjoni fl-investigazzjoni, li tkun kontra l-Indoneżja, u li fiha r-riċevituri u l-benefiċjarji tas-sussidji preżunti jkunu produtturi Indoneżjani stabbiliti fl-Indoneżja.

(721) Il-Kummissjoni nnotat li l-GTID u l-GTĊ daħħlu fis-seħħ diversi mekkaniżmi amministrattivi fil-kuntest tal-kooperazzjoni bilaterali tagħhom u b'mod partikolari sabiex jimplimentaw b'suċċess il-proġett ta' Morowali, kif spjegat fit-Taqsima 4.5.6. Dawn il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ppermettew lill-GTID jiġbor l-informazzjoni mitluba mill-GTĊ. Il-fatt li parti waħda tal-kooperazzjoni konġunta (jiġifieri l-GTĊ) iddeċidiet li ma tipprovdi l-ebda informazzjoni ma jfissirx awtomatikament li jenħtieġ li l-parti l-oħra għall-kooperazzjoni bilaterali (jiġifieri l-GTID) ma tinżammx responsabbli fir-rigward ta' dan l-obbligu. Fil-kuntest ta' kooperazzjoni konġunta, peress li dik li nstabet mingħajr dubju bejn il-GTID u l-GTĊ, parti waħda ma tistax tuża n-nuqqas ta' azzjoni tal-oħra sabiex tiddikjara li hija tikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni bl-aħjar mod possibbli. Inkella, f'ċirkostanzi simili f'każijiet oħrajn, il-gvernijiet involuti jistgħu jiddeċiedu deliberatament li ma jissottomettux l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni mingħajr ma jġarrbu xi konsegwenza legali għan-nuqqas ta' kooperazzjoni tagħhom.

(722) Il-Kummissjoni ma kinitx qed titlob lill-GTID sabiex juża mezzi koerċittivi sabiex jiġbor id-*data* mitluba mill-GTĊ, iżda pjuttost tat l-opportunità lill-GTĊ sabiex jintervjeni u jissottometti l-informazzjoni rilevanti sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni billi ttrattatu bħala parti interessata. B'mod partikolari, skont il-Punt 5.3 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet speċifikament lill-GTĊ sabiex jipparteċipa bħala parti interessata minħabba l-allegazzjonijiet fl-ilment. Il-GTĊ talab li jiġi rreġistrat fl-investigazzjoni sabiex ikollu aċċess għall-fajl u kkonferma b'mod espliċitu li huwa parti interessata permezz ta' posta elettronika tad-19 ta' Frar 2021. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku japplikaw bis-sħiħ għall-partijiet interessati kollha, kif stabbilit ukoll b'mod ċar fil-punt 10 tan-Notifika ta' Bidu. Il-Kummissjoni fakkret ukoll li l-GTĊ kien konxju sew tas-sitwazzjoni legali mill-każijiet tal-GFF u tal-GFR. Fuq il-bażi ta' dawn l-argumenti kollha, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

4.5.10. *Konklużjoni*

(723) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni sabet li kemm is-sussidji mogħtijin lill-kumpaniji li joperaw fil-Park ta' Morawali direttament mill-GTID (il-provvista ta' mineral tan-nikil, il-provvista tal-art, l-inċentivi fiskali), kif ukoll is-sussidji mogħtijin indirettament permezz tal-finanzjament preferenzjali tal-GTĊ huma kumpensabbli skont l-Artikoli 2-4 tar-Regolament bażiku. Dawn tal-aħħar huma attribwibbli għall-GTID bis-saħħa tar-rikonoxximent u tal-adozzjoni tal-miżuri tal-GTĊ mill-GTID bħallikieku tiegħu stess, pereżempju, permezz tal-ftehim bilaterali tal-2011, il-Programm tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-2013 bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina, u l-kooperazzjoni mill-qrib u d-diversi livelli ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji taw ukoll benefiċċji u kienu speċifiċi. Il-Kummissjoni eżaminat is-sussidji rilevanti kollha f'aktar dettall hawn taħt.

4.6. **Finanzjament preferenzjali**

4.6.1. *Self minn banek ta' politika lil IRNC u lil kumpaniji relatati*

4.6.1.1. Banek tal-Istat li jagixxu bħala korpi pubbliċi

(724) L-investigazzjoni żvelat li s-self kollu lill-Grupp IRNC ġie pprovdut mill-banek Ċiniżi (Eximbank, China Development Bank, Bank of China, Industrial and Commercial Bank of China) ħlief għal IMIP li rċiviet self minn Eximbank Indonesia. L-ewwel self intuża sabiex jiffinanzja l-kostruzzjoni tal-impjanti u oħrajn intużaw għall-ħtiġijiet ta' kapital operatorju.

(725) Il-Kummissjoni l-ewwel aċċertat jekk dawn il-banek kinux "korpi pubbliċi" skont it-tifsira tal-Artikoli 3 u 2(b) tar-Regolament bażiku. B'ħekk, il-Kummissjoni fittxet informazzjoni dwar is-sjieda tal-Istat, kif ukoll indizji formali ta' kontroll tal-gvern fil-banek tal-Istat. Il-Kummissjoni fittxet ukoll informazzjoni dwar jekk il-GTĊ eżerċitax kontroll sinifikanti fuq l-imġiba tal-banek tal-Istat fir-rigward tal-politiki tas-self tagħhom u l-valutazzjoni tar-riskju.

(726) Kif iddikjarat aktar 'il fuq, il-GTĊ irrifjuta li jikkoopera fl-investigazzjoni u li jipprovdi l-informazzjoni mitluba. Għalhekk, il-Kummissjoni rrikorriet għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku sabiex tivvaluta l-imġiba tal-banek Ċiniżi msemmijin aktar 'il fuq bħala korpi pubbliċi billi bbażat fuq il-fatti disponibbli, jiġifieri l-informazzjoni rilevanti minn investigazzjonijiet preċedenti li jkopru l-perjodu mill-2015 sal-2020 ([188]), inkluż l-aktar reċentement l-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/870 tal-24 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju kumpensatorju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu, u li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu ([189]) ("investigazzjoni tal-GFR").

(727) Kif imsemmi fit-Taqsimiet 3.4.1.2 sa 3.4.1.5 tal-investigazzjoni antisussidji tal-GFF, kif ukoll fit-Taqsimiet 3.3.1.2 sa 3.3.1.4 tal-investigazzjoni tal-GFR, Exibank (EXIM), iċ-China Development Bank (CDB), il-Bank of China (BOC) u l-Industrial and Commercial Bank of China (ICBC) huma banek tal-Istat Ċiniżi u hemm indizji formali ta' kontroll tal-GTĊ fuq dawn il-banek. Barra minn hekk, fl-istess Taqsimiet tal-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u tal-investigazzjoni tal-GFR, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTĊ ħoloq qafas normattiv li kellu jiġi rrispettat mill-maniġers u mis-superviżuri maħturin mill-GTĊ u miżmumin responsabbli quddiem il-GTĊ. Għalhekk, il-GTĊ kien jibbaża fuq il-qafas normattiv sabiex jeżerċita kontroll b'mod sinifikattiv fuq l-imġiba tal-banek tal-Istat.

(728) Minbarra l-qafas legali ġenerali stabbilit fl-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u fl-investigazzjoni tal-GFR, il-kuntest legali kollu ddikjarat fil-qafas tal-kooperazzjoni bilaterali stabbilit fit-taqsima 4.6.3.1, kif ukoll il-punt speċifiku għas-CDB li tqajjem fil-premessa segwenti, kienu japplikaw għas-self ipprovdut minn dawn il-banek lill-Grupp IRNC.

([188]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17) ("il-każ tal-HRF"), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1690 tad-9 ta' Novembru 2018 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi ġodda jew b'wiċċ ġdid, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju proviżorji impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 283, 12.11.2018, p. 1) ("il-każ tat-Tajers") u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/72 tas-17 ta' Jannar 2019 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 16, 18.1.2019, p. 5) ("il-każ tar-Roti elettriċi"), l-investigazzjoni antisussidji tal-GFF.

([189]) ĠU L 201, 25.6.2020, p. 10.

(729) Fl-2013, l-MOFCOM ħareġ "Avviż dwar l-Aspetti relatati mal-appoġġ taċ-China Development Bank għall-istabbiliment u għall-iżvilupp ta' żoni barra l-pajjiż ta' kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali". Skont dan l-Avviż, l-MOFCOM u s-CDB *"jipprovdu appoġġ għall-politika għall-investiment u għall-finanzjament għall-intrapriżi u lill-intrapriżi li jidħlu fiż-żona f'żoni ta' kooperazzjoni eliġibbli"*. CDB *"jikkjarifika l-kundizzjonijiet bażiċi għall-finanzjament prijoritarju fiż-żona ta' kooperazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-Ministeru tal-Kummerċ u tal-Ministeru tal-Finanzi"*, u CDB *"jappoġġa b'mod selettiv il-proġetti li qed jinbnew u l-proġetti ta' kooperazzjoni li l-MOFCOM tahom attenzjoni mill-qrib flimkien mal-gvernijiet ospitanti taż-żona ta' kooperazzjoni."*

(730) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha tal-Istat Ċiniż implimentaw il-qafas ġuridiku stabbilit hawn fuq fl-eżerċitar tal-funzjonijiet governattivi fir-rigward tas-settur tal-SSCR. Għalhekk, huma kienu korpi pubbliċi fis-sens tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku li jinqara flimkien mal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku u f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO.

(731) Barra minn hekk, anki li kieku l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat ma kellhomx jitqiesu bħala korpi pubbliċi, il-Kummissjoni stabbiliet li kieku jitqiesu li huma inkarigati u ordnati mill-GTĊ sabiex iwettqu funzjonijiet normalment vestiti fil-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku għall-istess raġunijiet, kif stabbilit aktar 'il fuq.

4.6.1.2. Il-benefiċċju u l-kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(732) Il-Kummissjoni qieset li, fil-prinċipju, għall-benefiċjarji li jinsabu fl-Indoneżja, ikun xieraq li jiġi mistoqsi jekk dawn il-benefiċjarji tas-self irċivewx termini aħjar milli kieku kienu jirċievu fis-suq finanzjarju Indoneżjan. Skont l-informazzjoni sottomessa mill-GTID, ir-rati medji tal-imgħax fuq self f'USD maħruġ minn banek kummerċjali Indoneżjani matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kienu ġeneralment allinjati mar-rati tal-imgħax imħallsin mill-kumpaniji tal-Grupp IRNC ([190]).

(733) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li din l-istatistika ma tirriflettix iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, u b'mod aktar speċifiku l-fatturi ta' riskju enfasizzati fil-premessi (737) sa (742). Tabilħaqq, l-istatistika tikkonċerna għadd kbir ta' self, b'ammonti (inklużi self lil SMEs), b'durata, bi skop, b'riskju ta' kreditu li jvarjaw, eċċ. Lanqas ma ġiet ipprovduta informazzjoni dwar self għal sitwazzjonijiet ta' bidu li jeħtieġu ammonti sinifikanti ta' finanzjament b'riskju sottostanti enormi. Billi l-GTID żgura li l-GTĊ kien se jiffinanzja l-investimenti neċessarji għall-kumpaniji Ċiniżi sabiex iġibu l-kapaċità ta' tidwib tagħhom fl-Indoneżja, jidher raġonevoli li jiġi konkluż li ma kien hemm l-ebda sellief privat fl-Indoneżja li kien jipprovdi self simili lill-produtturi esportaturi. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar is-self fl-Indoneżja tikkonċerna biss is-self ipprovdut mill-banek domestiċi lill-klijenti domestiċi tagħhom, u għalhekk ma qisitx il-fatt li fil-każ inkwistjoni, is-self ġie pprovdut minn istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi lil klijenti barranin. Billi r-rati tal-imgħax fuq il-finanzjament ipprovdut ġew stabbiliti minn atturi Ċiniżi fis-suq finanzjarju Ċiniż, il-kalkolu tal-Kummissjoni f'dan il-każ qies dak il-fatt.

(734) Għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmijin fil-premessa (682), il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tas-sussidju kumpensabbli, filwaqt li kkunsidrat il-fatt li l-benefiċjarji kisbu l-finanzjament preferenzjali fiċ-Ċina. Għal dan il-kalkolu, il-Kummissjoni vvalutat il-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarji matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Skont l-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarji huwa d-differenza bejn l-ammont tal-imgħax li l-kumpanija tħallas fuq is-self preferenzjali u l-ammont li l-kumpanija tħallas għal self kummerċjali komparabbli li jista' jinkiseb fis-suq finanzjarju Ċiniż.

(735) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi r-rati tas-suq għas-self preferenzjali mill-banek Ċiniżi fir-rigward tal-parametri referenzjarji ipotetiċi mill-perspettiva tal-investituri tas-suq Ċiniż f'konformità mal-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku.

([190]) https://www.ojk.go.id/id/kanal/perbankan/data-dan-statistik/statistik-perbankan-indonesia/Default.aspx

(736) Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża l-istess metodoloġija ta' kalkolu bħal dik li tintuża għal self denominat f'muniti barranin, u maħruġ minn istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi fir-RPĊ, u żiedet il-primjum tar-riskju marbut mal-investiment fl-Indoneżja kif ġej.

(737) L-ewwel, il-Kummissjoni stabbiliet il-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-kumpaniji fil-Grupp IRNC. Matul l-investigazzjoni, IRNC u l-erba' entitajiet relatati l-oħrajn ippreżentaw il-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħhom magħmula mill-aġenzija ta' klassifikazzjoni Indoneżjana Pefindo matul il-perjodu mill-2017 sal-2020. Il-klassifikazzjoni varjat bejn BBB u A. Madankollu, fl-uniku rapport sħiħ dwar il-klassifikazzjoni tal-kreditu li ġie pprovdut, ġie stipulat b'mod ċar li wieħed mill-fatturi ta' appoġġ għall-klassifikazzjoni kien il-fatt li IRNC kienet appoġġata mis-self ta' Eximbank China u tal-azzjonisti.

(738) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li l-investiment li sar fl-Indoneżja kien investiment greenfield, li kien jinvolvi riskji għoljin ħafna. Minħajr l-appoġġ tal-GTĊ u tal-GTID, ir-riskju ta' kreditu ta' dawn il-kumpaniji kien ikun ħafna ogħla.

(739) In-nikil huwa komodità u l-prezz tal-komoditajiet, inklużi l-prezzijiet tal-mineral tan-nikil u tal-ħadid fondut grezz tan-nikil, jista' jvarja malajr u jiġi affettwat minn diversi fatturi lil hinn mill-kontroll ta' kumpanija. Dawn il-fatturi jinkludu d-domanda dinjija għall-komoditajiet, il-livelli tal-kost tal-produzzjoni, fatturi makroekonomiċi bħall-aspettattivi rigward l-inflazzjoni, ir-rati tal-imgħax u d-domanda globali u reġjonali għal komoditajiet, u l-provvista tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet ekonomiċi globali ġenerali. Dawn il-fatturi jista' jkollhom effett avvers fuq l-attivitajiet tal-kumpanija kif ukoll fuq il-kapaċità tal-kumpanija li tiffinanzja dawk l-attivitajiet. Kif spjegat fit-taqsima dwar in-nikil, il-GTID, permezz tal-mekkaniżmu tal-prezzijiet tiegħu, żgura li l-grupp IRNC kellu aċċess għall-mineral tan-nikil bi prezzijiet ferm aktar baxxi mill-prezzijiet internazzjonali.

(740) Barra minn hekk, kif spjegat fit-taqsima dwar l-art, il-kumpaniji bdew jibnu l-impjanti tagħhom minħajr ma kellhom iċ-ċertifikati tad-dritt tal-bini. Għalhekk, minħajr l-appoġġ tal-GTID, il-Grupp IRNC ma setax jinvesti ammonti sinifikanti ta' flus sabiex jibni l-impjanti tiegħu minħajr ma fil-fatt ikollu d-dritt legali li jagħmel dan.

(741) Barra minn hekk, l-Indoneżja hija suq emerġenti u, għalhekk, investiment fl-Indoneżja jinvolvi riskju akbar minn investiment fi swieq aktar żviluppati, inkluż f'xi każijiet riskju legali u ekonomiku sinifikanti. L-industrija tal-estrazzjoni minerarja hija rregolata ferm fl-Indoneżja u qed tinbidel kontinwament. Il-Grupp IRNC huwa investiment barrani u f'ċerti setturi tal-ekonomija Indoneżjana hemm restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni azzjonarja ta' intrapriżi barranin.

(742) Għalhekk, bħala entità ġdida, ir-riskju ta' kreditu ta' dawn il-kumpaniji kien sinifikanti. Hekk kif il-kumpaniji bdew jipproduċu u jbigħu l-prodotti tagħhom, ir-riskju tagħhom naqas gradwalment.

(743) Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi żewġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Għall-perjodu tal-bidu, il-Kummissjoni qieset li l-kumpaniji kienu f'sitwazzjoni simili għall-investimenti f'negozji ġodda b'ekwità privata. Investimenti bħal dawn jinvolvu riskju għoli u, għalhekk, jikkorrispondu għal klassifikazzjoni tal-kreditu ekwivalenti għal CCC jew anqas. Għall-perjodu sussegwenti, meta l-kumpaniji kienu joperaw taħt kundizzjonijiet normali, il-Kummissjoni qieset li s-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-Grupp IRNC tikkorrispondi għal klassifikazzjoni BB, li hija l-ogħla klassifikazzjoni li ma għadhiex tikkwalifika bħala "grad ta' investiment". Madankollu, il-Kummissjoni sabet, kif imsemmi fil-premessi (757) sa (759) hawn taħt, li l-kumpaniji tal-Grupp IRNC kellhom jikkomplementaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom billi jieħdu self mill-azzjonisti mill-kumpaniji omm tagħhom, u li ma onorawx l-iskedi ta' ripagament tad-dejn tagħhom fuq dan is-self.

(744) Għalhekk, sabiex tikkunsidra l-iskopertura għar-riskju miżjuda tal-banek enfasizzata mill-eżistenza ta' self mill-azzjonisti u mill-maħfra ta' dejn, il-Kummissjoni ddeċidiet li tnaqqas grad wieħed fl-iskala ta' klassifikazzjoni tar-riskju u kkonkludiet li l-użu ta' klassifikazzjoni tal-kreditu B (minflok BB) ikun aktar xieraq sabiex tiddetermina l-parametru referenzjarju bbażat fis-suq.

(745) B'hekk, f'konformità ma' self ieħor denominat f'muniti barranin u maħruġ minn istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi fir-RPĊ, intużaw il-bonds korporattivi kklassifikati fi grad B maħruġin f'USD matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex jiġi ddeterminat parametru referenzjarju xieraq għall-perjodu ta' operazzjonijiet normali.

(746) Għal self li ngħata matul il-perjodu tal-bidu tal-kumpaniji kkonċernati, il-Kummissjoni qieset li kien iġġustifikat parametru referenzjarju differenti, peress li dan is-self kien jikkonċerna ammonti sostanzjali ħafna (diversi biljuni ta' USD) għal proġett barra l-pajjiż riskjuż ħafna, u l-banek ma bbenefikaw mill-ebda element ta' primjum tar-riskju fil-forma ta' kapital (eż. id-dritt ta' konverżjoni f'ishma). Għalhekk, il-parametru referenzjarju rilevanti jrid jirrifletti l-partikolarità tas-sitwazzjoni, li hija simili għal investimenti ta' negozji ġodda ta' kapital ta' riskju/ta' ekwità privata. Il-Kummissjoni fittxet informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, iżda ma sabet l-ebda parametru referenzjarju disponibbli faċilment għal tranżazzjonijiet ta' kapital ta' riskju jew ta' ekwità privata bħala tali. Madankollu, il-Kummissjoni qieset li rata għal bonds b'rendiment għoli f'USD (ekwivalenti għal klassifikazzjoni tal-kreditu ta' CCC jew anqas) tkun ekwivalenti għar-redditu li fond ta' ekwità privata jkun jeħtieġ fuq tali tranżazzjonijiet.

(747) Finalment, is-self ipprovdut mill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi normalment jingħata lil kumpaniji Ċiniżi li jinsabu fis-suq domestiku Ċiniż. Għall-kuntrarju, il-Grupp IRNC jinsab fl-Indoneżja, u, għalhekk, għandu riskju ta' kreditu differenti mill-kumpaniji Ċiniżi b'rabta mal-kundizzjonijiet esterni prevalenti fil-pajjiż innifsu, kif enfasizzat fil-premessa (741) aktar 'il fuq. Għalhekk, sabiex tqis l-ambjent speċifiku tar-riskju ta' kreditu prevalenti fl-Indoneżja, il-Kummissjoni żiedet marġni kummerċjali għar-rata normattiva stabbilita għall-kumpaniji Ċiniżi inklużi fil-kampjun, sabiex tintegra r-riskju tal-pajjiż fir-rata tas-suq.

(748) Il-primjum relatat mar-riskju tal-pajjiż kien iddeterminat fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni tal-OECD tar-riskju tal-pajjiż għall-krediti għall-esportazzjoni, kif ukoll tar-rata minima tal-primjum korrispondenti stabbilita mill-OECD. Il-primjum tar-riskju tal-pajjiż għas-self ipprovdut mill-banek Ċiniżi ġie stabbilit għal bejn 0,13 % u 0,88 % skont id-durata tas-self.

(749) L-ammont ta' sussidju stabbilit b'dan il-mod għall-appoġġ għal self minn banek ta' politika ammonta għal 1,84 %.

4.6.1.3. Kummenti dwar id-divulgazzjoni finali

(750) Il-GTID u l-Grupp IRNC ippreżentaw kummenti dwar id-divulgazzjoni finali dwar il-finanzjament preferenzjali mill-banek ta' politika.

(751) Il-GTID afferma li l-Kummissjoni ma għamlet l-ebda sejba rilevanti u lanqas ma indikat li l-GTID kien l-awtorità awtorizzanti ta' finanzjament lill-Grupp IRNC, aħseb u ara ta' finanzjament preferenzjali. Skont il-GTID, fuq il-bażi tal-interpretazzjoni żbaljata ta' "*kontribuzzjoni finanzjarja*" skont l-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM, il-Kummissjoni attribwiet il-finanzjament barrani lill-GTID bis-saħħa tar-"*rikonoxximent u adozzjoni*". Il-GTID innota wkoll li xejn fis-sejbiet ma jiddikjara jew jimplika li l-GTID jew il-"korpi pubbliċi" tal-GTID ipprovdew il-finanzjament u ssottomettew li huwa inġust li jiġu imposti dazji kumpensabbli fuq il-bażi ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji minn entitajiet barranin. Barra minn hekk, il-GTID ilmenta li ma setax jiddefendi lilu nnifsu fir-rigward ta' jekk l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi humiex "korpi pubbliċi" jew le, peress li dawn l-entitajiet jaqgħu barra mill-ġuriżdizzjoni tal-GTID. Madankollu, huwa ddikjara li huwa normali li kwalunkwe kumpanija tfittex kwalunkwe finanzjament li tqis xieraq, u li l-GTID innifsu ma kienx f'pożizzjoni li jirrifjuta jew jirrestrinġi l-fluss ta' finanzjament minn istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi jew minn kwalunkwe sors.

(752) Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni l-ewwel tixtieq tenfasizza li l-kummenti ġenerali dwar "rikonoxximent u adozzjoni" tal-finanzjament minn sorsi Ċiniżi mill-GTID diġà ġew indirizzati fit-taqsima 4.5.8 aktar 'il fuq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li l-fondi pprovduti minn istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi, bħall-Banek EXIM, ingħaddew permezz tal-hekk imsejħa "banek tal-aġenziji", responsabbli għall-implimentazzjoni ta' kuljum tal-iżborżi u tar-ripagamenti fuq is-self. Dawn il-banek tal-aġenziji kienu fergħat Indoneżjani tal-banek Ċiniżi, soġġetti għal-leġiżlazzjoni bankarja Indoneżjana, u li jinsabu fit-territorju tal-Indoneżja.

(753) Fir-rigward tas-self mill-azzjonisti, il-Kummissjoni sabet li l-ftehimiet ta' self għal self bħal dan għamlu referenza speċifika għall-"*preżentazzjoni ta' rapporti perjodiċi lill-Bank tal-Indoneżja, lill-Ministeru tal-Finanzi u lit-Tim għal Self Kummerċjali Offshore (Tim Pinjaman Komersial Luar Negeri jew "PKLN")*". Il-PKLN ġie fformat skont id-Digriet Presidenzjali Nru 39 tal-1991 dwar il-Koordinazzjoni tal-Ġestjoni tas-Self Kummerċjali Offshore ("id-Digriet Presidenzjali Nru 39") ([191]), u jikkonsisti f'rappreżentanti minn diversi Ministeri kif ukoll mill-Bank tal-Indoneżja.

([191]) Id-Digriet Presidenzjali Nru 39 tal-1991 dwar il-Koordinazzjoni tal-Ġestjoni tas-Self Kummerċjali Offshore, datat l-4 ta' Settembru 1991.

Skont l-Artikolu 2 ta' dan id-Digriet, is-self li jaqa' taħt il-mandat tal-PKLN jeħtieġ li jiġi approvat mit-Tim, huwa soġġett għal obbligi ta' rapportar perjodiċi għall-implimentazzjoni tiegħu u jiġi mmonitorjat mill-qrib mill-PKLN. Barra minn hekk, l-Artikolu 6 dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni jispeċifika li s-self soġġett għall-mandat tat-Tim huwa biss self "*marbut ma' proġetti ta' żvilupp*", li jikkonferma li self marbut ma' proġetti ta' żvilupp speċjali bħal dak ta' Morowali biss ikun soġġett għal dan l-iskrutinju u l-monitoraġġ.

(754) Għalkemm id-Digriet Presidenzjali Nru 39 ġie rrevokat f'Lulju 2020 bir-Regolament Presidenzjali Nru 82 tal-2020 dwar il-Kumitat tat-Tmexxija għall-COVID-19 u għall-Irkupru tal-Ekonomija Nazzjonali, dan ir-Regolament il-ġdid stipula wkoll li l-implimentazzjoni tad-dmirijiet u tal-funzjonijiet tat-Tim PKLN skont il-PD 39 revokata se tkompli titwettaq mill-Ministeru tal-Finanzi. Tabilħaqq, dan huwa il-każ fil-prattika, hekk kif jista' jidher mill-eżempji ta' żjarat ta' monitoraġġ fuq il-post tal-proġetti tal-PKLN elenkati fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Finanzi ([192]).

(755) Għalhekk, il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha li l-finanzjament preferenzjali mis-sorsi Ċiniżi ġie rrikonoxxut u adottat mill-GTID, u li l-GTID kien f'pożizzjoni li jintervjeni fil-fluss tal-finanzjament.

(756) Il-Grupp IRNC ikkontesta l-parametru referenzjarju għas-self bankarju u afferma li ma kienx negozju ġdid soġġett għal riskju għoli ħafna, peress li kien parti mill-Grupp Tsingshan u kien jibbenefika mit-tekniki tal-manifattura maturi tiegħu u mill-persunal tekniku u maniġerjali ewlieni tiegħu. Barra minn hekk, il-Grupp IRNC innota li għandu vantaġġ kbir fil-kost, peress li l-fabbrika tinsab qrib il-materja prima u, għalhekk, il-prezzijiet tal-materja prima u l-kostijiet tat-trasport huma baxxi.

(757) Il-Kummissjoni osservat li l-prattika tagħha hija li tagħmel valutazzjonijiet individwali tal-kumpaniji fi grupp, u li tiddetermina parametru referenzjarju uniku għall-grupp kollu kemm hu fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, jew inkella li timmodula l-parametru referenzjarju fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kumpaniji individwali fil-grupp. Tabilħaqq, il-fatt li kumpanija tappartjeni għal grupp usa' ma jaffettwax il-fatt li ċerti proġetti mwettqin mill-grupp (bħall-ftuħ ta' impjant) huma aktar riskjużi minn oħrajn. Kif enfasizzat fil-premessi (738) sa (744) aktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset diversi fatturi ta' riskju, bħan-natura ġdida fjamanta tal-investiment, id-daqs tal-kapital meħtieġ għall-investiment, ir-riskji relatati mal-akkwiżizzjoni ta' assi u ta' materjali, kif ukoll iż-żieda fl-iskopertura għar-riskju tal-banek enfasizzata mill-eżistenza ta' self mill-azzjonisti u ta' maħfra ta' dejn. Il-Grupp IRNC ma pprovdiex evidenza addizzjonali li setgħet tbiddel il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar dawn il-fatturi. Fl-aħħar nett, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel valutazzjoni tal-Grupp Tshingshan bħala tali, peress li l-ebda waħda mill-kumpaniji prinċipali fil-grupp ma kkooperat mal-investigazzjoni.

4.6.2. *Self mill-azzjonisti lill-kumpaniji tal-Grupp IRNC*

(758) Matul il-perjodu mill-2015 sal-2019, il-kumpaniji omm tal-Grupp IRNC ipprovdew serje ta' self bejn il-kumpaniji (total ta' 13-il self) lid-diversi kumpaniji tal-Grupp IRNC, għal ammont totali ta' USD 380 miljun.

(759) Dan is-self kien subordinat għas-self bankarju. L-investigazzjoni żvelat li bl-eċċezzjoni tas-self lil GCNS kif ukoll ta' self wieħed lil ITSS, IRNC u l-kumpaniji relatati l-oħrajn ma kienu qed iħallsu l-ebda rata tal-imgħax għal dan is-self. Barra minn hekk, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-self ma kellux data tat-tmiem, u l-kumpaniji tal-Grupp IRNC ma ħallsux lura xi kapital fuq is-self pendenti. Madankollu, il-kumpaniji omm ma ħadu l-ebda miżura sabiex jaġġustaw ir-rati tal-imgħax kif xieraq sabiex jirriflettu r-riskju reali tat-tranżazzjonijiet, u lanqas ma talbu l-ħlas tal-ammonti dovuti.

(760) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li dan is-self kien fil-fatt ekwivalenti għal kontribuzzjonijiet kapitali addizzjonali mill-kumpaniji omm. Bħala tali, it-trattament ta' dan is-self se jiġi elaborat aktar fit-taqsima dwar l-appoġġ għall-investiment kapitali aktar 'il quddiem.

([192]) https://www.djppr.kemenkeu.go.id/page/load/3265 u https://www.djppr.kemenkeu.go.id/page/load/2631, aċċessati l-aħħar fid-19 ta' Jannar 2022.

4.6.3. *Kostijiet tal-linji ta' kreditu*

(761) L-iskop ta' linja ta' kreditu huwa li jiġi stabbilit limitu ta' self li l-kumpanija tista' tuża fi kwalunkwe ħin sabiex tiffinanzja l-operazzjonijiet attwali tagħha, sabiex b'hekk il-finanzjament tal-kapital operatorju jsir flessibbli u disponibbli minnufih meta jkun meħtieġ. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li, fil-prinċipju, il-finanzjament kollu fuq terminu qasir tal-kumpaniji inklużi fil-kampjun, bħal self b'terminu qasir, abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja, eċċ., jenħtieġ li jkun kopert minn strument tal-linja ta' kreditu.

4.6.3.1. Sejbiet tal-investigazzjoni

(762) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi pprovdew linji ta' kreditu lill-Grupp IRNC b'konnessjoni mal-għoti ta' finanzjament. Dawn kienu jikkonsistu fi ftehimiet qafas, li skonthom il-bank jippermetti lill-kumpaniji fil-kampjun jużaw diversi strumenti ta' dejn, bħal self ta' kapital operatorju, abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja u forom oħrajn ta' finanzjament tal-kummerċ sa ċertu ammont massimu.

(763) Kif imsemmi fil-premessa (760) hawn fuq, il-finanzjament kollu b'terminu qasir jenħtieġ li jkun kopert minn linja ta' kreditu. Għalhekk, il-Kummissjoni qabblet l-ammont tal-linji ta' kreditu disponibbli għall-kumpaniji li kkooperaw matul il-perjodu ta' investigazzjoni mal-ammont ta' finanzjament b'terminu qasir użat minn dawn il-kumpaniji matul l-istess perjodu sabiex tistabbilixxi jekk il-finanzjament kollu b'terminu qasir kienx kopert minn linja ta' kreditu. Fejn l-ammont tal-finanzjament fuq terminu qasir qabeż il-limitu tal-linja ta' kreditu, il-Kummissjoni żiedet l-ammont tal-linja ta' kreditu eżistenti bl-ammont attwalment użat mill-produtturi esportaturi lil hinn minn dak il-limitu tal-linja ta' kreditu.

(764) F'ċirkostanzi normali tas-suq, il-linji ta' kreditu jkunu soġġetti għall-hekk imsejħa tariffa ta' "arranġament" jew "impenn" sabiex jikkumpensaw għall-kostijiet u għar-riskji tal-bank fil-ftuħ ta' linja ta' kreditu, kif ukoll għal "tariffa ta' tiġdid" imposta fuq bażi annwali għat-tiġdid tal-validità tal-linji ta' kreditu. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li l-Grupp IRNC ibbenefika minn linji ta' kreditu pprovduti fil-biċċa l-kbira mingħajr ħlas. Għalhekk, ingħata benefiċċju lill-gruppi ta' kumpaniji investigati skont it-tifsira tal-Artikolu 6(d) tar-Regolament bażiku.

4.6.3.2. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(765) F'konformità mal-Artikolu 6(d)(ii) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset il-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarji bħala d-differenza bejn l-ammont li ħallsu bħala tariffa għall-ftuħ jew għat-tiġdid tal-linji ta' kreditu mill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi, u l-ammont li kienu jħallsu għal linja ta' kreditu kummerċjali komparabbli miksuba b'rata tas-suq mingħajr distorsjoni.

(766) Il-parametri referenzjarji xierqa għat-tariffa ta' arranġament u għat-tariffa ta' tiġdid ġew stabbiliti għal 1,5 % u għal 1,25 %, rispettivament, b'referenza għad-*data* disponibbli għall-pubbliku ([193]) u għall-parametri referenzjarji użati f'investigazzjonijiet preċedenti ([194]).

(767) Fil-prinċipju, it-tariffa ta' arranġament u t-tariffa ta' tiġdid huma pagabbli fuq bażi ta' somma f'daqqa fil-mument tal-ftuħ ta' linja ta' kreditu ġdida jew tat-tiġdid ta' linja ta' kreditu eżistenti, rispettivament. Madankollu, għall-finijiet tal-kalkolu, il-Kummissjoni qieset il-linji ta' kreditu li kienu nfetħu jew iġġeddu qabel il-perjodu ta' investigazzjoni iżda li kienu disponibbli għall-gruppi inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni kif ukoll il-linji ta' kreditu li nfetħu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Imbagħad, il-Kummissjoni kkalkolat il-benefiċċju abbażi tal-perjodu fil-perjodu ta' investigazzjoni, li matulu l-linja ta' kreditu kienet disponibbli.

(768) L-ammont tas-sussidju stabbilit taħt din l-iskema kien jammonta għal 0,06 % għall-Grupp IRNC.

4.6.4. *Appoġġ għal investiment kapitali*

(769) Minbarra s-self dirett u s-self bejn il-kumpaniji, il-Grupp IRNC kellu jkopri wkoll il-ħtiġijiet finanzjarji tiegħu permezz ta' kontribuzzjonijiet kapitali.

([193]) Ara https://www.barclays.co.uk/current-accounts/bank-account/overdrafts/overdraft-charges/, aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Awwissu 2021, tariffi għal overdrafts eżekuttivi - *"overdrafts ta' aktar minn £15,000 għandhom tariffa ta' twaqqif ta' 1,5 % tal-limitu ta' overdraft irranġat, u tariffa ta' tiġdid ta' 1,5 %"*.

([194]) Ara l-każ tal-GFF, il-premessi 354 u 355.

(770) L-investigazzjonijiet preċedenti sabu li ġew riċevuti sussidji sostanzjali fil-livell tal-kumpaniji omm ta' gruppi Ċiniżi sabiex jappoġġaw l-investiment barrani skont il-BRI, fil-forma ta' għotjiet, ta' finanzjament preferenzjali u ta' injezzjonijiet ta' ekwità. Dan kien partikolarment il-każ fl-investigazzjoni antisussidji dwar it-Tajers ("il-każ tat-Tajers"), kif ukoll fl-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u fl-investigazzjoni tal-GFR ([195]).

(771) Il-qafas legali li ġej huwa rilevanti f'dan ir-rigward:

(1) It-13-il Pjan fuq Ħames Snin għall-Iżvilupp tal-Kummerċ Barrani, maħruġ mill-Ministeru tal-Kummerċ ("MOFCOM"), is-26 ta' Diċembru 2016;

(2) L-Opinjonijiet ta' Gwida tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promozzjoni tal-Kapaċità tal-Produzzjoni Internazzjonali u l-Kooperazzjoni fil-Manifattura tat-Tagħmir, maħruġin fl-2015 ("Opinjonijiet ta' Gwida");

(3) Made in China 2025, Il-Kunsill tal-Istat, is-7 ta' Lulju 2015.

4.6.4.1. Injezzjoni ta' ekwità mill-Fond ta' Kooperazzjoni għall-Investiment bejn iċ-Ċina u l-ASEAN ("CAF")

(772) L-investigazzjoni żvelat li f'Ottubru 2013, Reed International Ltd. akkwistat sehem ta' 24 % f'SMI, kumpanija relatata mal-IRNC.

(773) Reed International Ltd. hija fond ta' koinvestiment, kompletament proprjetà u taħt il-kontroll ta' CAF. Kif imsemmi fir-rapport annwali tal-2017 ta' IMIP, "*Reed International Limited hija kumpanija ta' investiment speċjali tal-Fond ta' Kooperazzjoni għall-Investiment bejn iċ-Ċina u l-ASEAN stabbilita għall-investiment tal-proġett SMI*" ([196]). Sabiex tiddetermina jekk is-CAF jistax jitqies bħala korp pubbliku, il-Kummissjoni talbet informazzjoni speċifika mill-GTĊ dwar is-CAF. Minħabba n-nuqqas ta' tweġiba, pereżempju, dwar l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tas-CAF, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku sabiex tanalizza dan l-aspett.

(774) Skont l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, is-CAF huwa fond ta' ekwità kważi sovran offshore b'denominazzjoni f'USD. Huwa proprjetà u sponsorjat minn diversi Banek tal-Istat u istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi oħrajn (bħall-Export-Import Bank of China ("EXIM Bank") u fond ta' investimenti sovran taċ-Ċina, iċ-China Investment Corporation ("CIC"), li flimkien jirrappreżentaw aktar minn 76 % tal-ishma f'CAF) ([197]). Is-CAF huwa soġġett għall-ordnijiet tal-Kunsill tal-Istat tar-RPĊ ([198]) u għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma. Exim Bank u CIC waqqfu b'mod konġunt il-fond ta' ekwità privata ta' USD 1 biljun. Kull wieħed minn Exim Bank u CIC investa USD 300 miljun fis-CAF. Azzjonisti oħrajn jinkludu l-Bank of China Group Investment Co., Ltd., u ċ-China Communications Construction Co., Ltd, żewġ istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi tal-Istat ([199]). Is-CEO u s-COO tal-kumpanija t-tnejn joriġinaw minn Exim Bank.

(775) Il-fond għandu fil-mira opportunitajiet ta' investiment fl-infrastruttura, fl-enerġija u fir-riżorsi naturali fil-pajjiżi tal-ASEAN ([200]). Is-setturi ta' investiment fil-mira tiegħu jinkludu b'mod partikolari r-riżorsi naturali fis-Settur tal-Metalli tal-Ħadid u Mhux tal-Ħadid ([201]).

(776) F'Mejju 2010, Li Ruogu, il-president taċ-China EXIM Bank, iddikjara li s-CAF huwa "*innovazzjoni ewlenija fil-mudell ta' finanzjament taċ-[China EXIM] Bank*" ([202]). Fid-9 ta' Settembru 2013, il-Prim Ministru Ċiniż Li Keqiang iddikjara li s-CAF huwa parti mill-istrateġija Ċiniża sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn ir-RPĊ u l-ASEAN. Fid-diskors, il-Prim Ministru qal li "*ċ-Ċina se tattiva sensiela ġdida ta' self speċjali, tagħmel użu tajjeb mill-Fond ta' Kooperazzjoni għall-Investiment bejn iċ-Ċina u l-ASEAN, u tesplora b'mod attiv ma' partijiet oħrajn il-ħolqien ta' pjattaforma ta' finanzjament għall-iżvilupp tal-infrastruttura fl-Asja sabiex jiffinanzja proġetti kbar*" ([203]).

([195]) Ara t-taqsima 4.3.3 tal-Investigazzjoni tal-GFF.
([196]) Ir-Rapport annwali ta' IMIP 2017, p. 84.
([197]) https://web.archive.org/web/20131029223637/http:/www.chinaeconomicreview.com/node/43071
([198]) http://www.china-asean-fund.com/about-caf.php?slider1=1
([199]) https://business.sohu.com/20100524/n272300363.shtml
([200]) http://www.china-asean-fund.com/about-caf.php?slider1=1
([201]) http://www.china-asean-fund.com/about-caf.php?slider1=1
([202]) https://business.sohu.com/20100524/n272300363.shtml
([203]) http://eg.china-embassy.org/eng/rdwt/201309/201309/t20130915_7245108.htm

(777) Barra minn hekk, il-punt 35 tal-Opinjonijiet ta' Gwida msemmijin fil-premessa (770) aktar 'il fuq, isemmi b'mod espliċitu s-CAF bħala veikolu għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju skont il-BRI, kif ġej: "*Aħna se nikkontribwixxu bis-sħiħ għar-rwol tal-Fond tat-Triq tal-Ħarir, tal-Fond taċ-Ċina-Afrika, tal-Fond taċ-Ċina-ASEAN, u taċ-China Overseas Investment Corporation. Aħna se nappoġġaw b'mod attiv proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali ta' kapaċità tal-produzzjoni u ta' manifattura tat-tagħmir permezz tal-investiment ta' ekwità u tal-finanzjament b'dejn. Se nħeġġu lill-aġenziji domestiċi tal-ġestjoni tal-fondi ta' ekwità privata sabiex "isiru globali" u jagħtu l-kontribut sħiħ tagħhom għar-rwol tagħhom li jappoġġaw lill-intrapriżi "jinvestu barra l-pajjiż" sabiex iwettqu investiment greenfield, investiment M&A, eċċ.*". Ta' min jinnota, fuq il-bażi tal-istess evidenza, fl-investigazzjoni tat-tajers il-Kummissjoni sabet li fond simili (SRF) kien korp pubbliku ([204]).

(778) Fl-aħħar nett, kif imsemmi fil-premessi (589) u (626) aktar 'il fuq, matul is-Summit bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina tat-2 ta' Ottubru 2013, fil-preżenza tal-Presidenti tal-Istat rispettivi, l-azzjonisti fundaturi ta' IMIP, ta' BDI u ta' SDI, iffirmaw ftehim ta' investiment u ta' finanzjament mas-CAF sabiex jiġu żviluppati attivitajiet fil-Park ta' Morowali ([205]). L-investiment ta' ekwità tas-CAF f'SMI jikkoinċidi eżattament fiż-żmien mal-iffirmar ta' dan il-ftehim, u jikkorrispondi ma' investiment sabiex jiġu żviluppati attivitajiet fil-park. Barra minn hekk, kif jista' jidher fil-premessa ta' hawn fuq, l-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-GTĊ permezz tas-CAF jista' jinkludi jew investiment ta' ekwità jew finanzjament b'dejn. Għalhekk, tali appoġġ ta' ekwità jaqa' bl-istess mod taħt il-finanzjament preferenzjali miftiehem bejn iċ-Ċina u l-Indoneżja taħt il-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali, attribwit lill-Indoneżja għall-istess raġunijiet spjegati aktar 'il fuq u, għalhekk, jista' jiġi allokat għall-prodotti esportati mill-Indoneżja.

(779) Minkejja n-nuqqas ta' kooperazzjoni dwar dan l-aspett, il-Kummissjoni kkonkludiet fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku li s-CAF jista' jitqies bħala korp pubbliku skont it-tifsira tal-Artikoli 3 u 2(b) tar-Regolament bażiku, li jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lil SMI. Tabilħaqq, is-CAF huwa proprjetà tal-GTĊ u huwa soġġett għall-kontroll tiegħu. L-azzjonijiet tiegħu huma diretti mill-Kunsill tal-Istat f'konformità mal-objettivi ta' politika stabbiliti mill-GTĊ u, għalhekk, is-CAF huwa vestit b'awtorità governattiva.

(780) Imbagħad, il-Kummissjoni analizzat jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mis-CAF kinitx ta benefiċċju għall-Grupp IRNC. Kif imsemmi aktar 'il fuq, Reed International Ltd hija veikolu ta' investiment bi skop speċjali tas-CAF, stabbilit speċifikament sabiex jinvesti f'SMI, waħda mill-kumpaniji tal-Grupp IRNC. Skont it-termini tal-Ftehim ta' Sottoskrizzjoni mal-azzjonisti l-oħrajn ([206]), Reed International Ltd kellha tbigħ l-ishma tagħha lura lill-azzjonisti l-oħrajn bl-istess prezz 5 sa 6 snin wara l-investiment inizjali tagħha, irrispettivament mill-valur attwali tas-suq tal-ishma. Barra minn hekk, l-ishma akkwistati minn Reed kienu ishma speċjali bi drittijiet ta' governanza limitati ħafna. Dawn il-kundizzjonijiet diġà juru li, għall-kuntrarju ta' dak li kieku jitlob operatur tas-suq, Reed International Ltd ma tistenna l-ebda redditu raġonevoli mix-xiri tal-ishma; l-investitur lanqas ma jfittex xi dritt ta' kontroll. Għalhekk, l-operazzjoni ma tistax tiġi kkwalifikata bħala magħmula skont it-termini tas-suq.

(781) Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li wara l-perjodu tal-ftuħ tan-negozju l-ġdid, l-investiment f'SMI sar anqas riskjuż, u l-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija saret aktar b'saħħitha. Għalhekk, il-valur tal-ishma tagħha żdied maż-żmien, iżda dan ma kienx rifless fil-prezz tal-bejgħ ta' Reed International Ltd. Dan ma jirriflettix imġiba razzjonali ta' operatur f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Għalhekk, fuq il-bażi tal-evidenza fil-fajl, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mill-GTĊ permezz tas-CAF, li jaġixxi bħala korp pubbliku, tat benefiċċju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

4.6.4.2. Il-provvista ta' kapital *in natura* għal remunerazzjoni anqas minn adegwata u ta' self mill-azzjonisti

(782) Matul il-perjodu tal-ftuħ tan-negozju l-ġdid tagħhom, il-kumpaniji kollha tal-Grupp IRNC ibbenefikaw minn kontribuzzjonijiet kapitali *in natura* fil-forma ta' tagħmir tal-produzzjoni.

([204]) Ara l-każ tal-GFF, il-premessa 775; Il-każ tat-Tajers, il-premessa 357.
([205]) http://www.china-asean-fund.com/sub-fund-3-detail.php?id=1
([206]) Il-kumpaniji omm Ċiniżi huma parti mill-Grupp Tsingshan.

(783) Tabilħaqq, l-investigazzjoni żvelat li l-makkinarju kollu għall-proċess tal-produzzjoni tal-Grupp IRNC ġie importat minn kumpaniji relatati fiċ-Ċina, li ma kinux il-manifatturi tat-tagħmir. Il-Kummissjoni talbet il-fatturi relatati max-xiri mill-manifatturi oriġinali tat-tagħmir, iżda minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-kumpaniji omm Ċiniżi, dawn ma ġewx sottomessi u, għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika jekk il-prezzijiet kinux f'kundizzjonijiet ta' distakkament u jekk l-oriġini kinitx tabilħaqq iċ-Ċina, kif iddikjarat.

(784) Barra minn hekk, huma bbenefikaw minn self mill-azzjonisti li kien ekwivalenti għal injezzjonijiet ta' ekwità, kif imsemmi fil-premessa (759).

(785) Fin-nuqqas ta' tweġiba mill-kumpaniji omm Ċiniżi li pprovdew it-tagħmir u s-self mill-azzjonisti inkwistjoni kif ukoll mill-GTĊ, u skont l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kellha tibbaża parzjalment fuq il-fatti disponibbli għas-sejbiet tagħha dwar l-akkwist ta' dan it-tagħmir u ta' dan is-self mill-azzjonisti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kellha tuża l-fatti disponibbli sabiex tidentifika l-oriġini tat-tagħmir u s-sors tal-finanzjament tat-tagħmir u s-self ipprovdut mill-kumpaniji omm Ċiniżi lill-kumpaniji tal-Grupp IRNC.

(786) Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta' impenn ċar mill-kumpaniji omm Ċiniżi sabiex jinvestu barra mill-pajjiż fl-industriji mħeġġin. F'dan ir-rigward, kif imsemmi hawn fuq, Tsingshan tirreklama ruħha fuq is-sit web tagħha bħala "*minn dejjem issegwi l-istrateġija nazzjonali għall-iżvilupp tal-globalizzazzjoni u twieġeb b'mod attiv għall-inizjattiva "The Belt and Road"*. Għandha wkoll sussidjarja speċjali li timmaniġġja l-proġetti tagħha barra mill-pajjiż: "*Eternal Tsingshan Group huwa wieħed mill-gruppi ta' ġestjoni tal-intrapriżi ta' tip ta' entità taħt il-Bord tad-Diretturi tat-Tsingshan Industry, u huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-proġetti barranin kollha ppjanati mill-Bord tad-Diretturi tat-Tsingshan Industry. S'issa, Eternal Tsingshan Group lesta t-tifsila strateġika internazzjonali fl-Indoneżja, f'Singapore, fl-Indja, fl-Istati Uniti u f'pajjiżi oħrajn, u jimmaniġġja aktar minn 15-il sussidjarja/uffiċċju rappreżentattiv* ([207])."

(787) Barra minn hekk, waħda mill-kumpaniji ewlenin involuti fil-provvista ta' tagħmir lill-Grupp IRNC kienet Shanghai Dingxin Investment (Group) Co., Ltd. ("il-Grupp Dingxin"). Hija waħda mill-erba' kumpaniji ewlenin tal-grupp taħt il-bord tad-diretturi ta' Qingshan Industrial. Skont is-sit web tal-grupp, kienet il-forza ewlenija ta' Tsingshan Industrial sabiex tippromwovi l-operazzjonijiet internazzjonali. Il-Grupp Dingxin iddikjara wkoll li huwa prinċipalment responsabbli għall-Ġestjoni tal-proġetti ta' investiment barra mill-pajjiż, għall-esportazzjoni ta' prodotti mekkaniċi u elettriċi u ta' tagħmir ieħor tal-kostruzzjoni lejn il-Park ta' Tsingshan fl-Indoneżja.

(788) Dawn il-proġetti barra l-pajjiż kollha jidħlu fil-kuntest usa' tal-politika ta' "go out" taċ-Ċina. F'dan ir-rigward, il-President tat-Tsingshan Holding Group, iddikjara pereżempju: "*Il-Park industrijali ta' Tsingshan huwa l-akbar u l-aktar investiment Ċiniż ta' suċċess fl-Indoneżja u se jakkomoda l-kapaċità tal-produzzjoni ttrasferita miċ-Ċina. Huwa proġett ewlieni għalina sabiex inwettqu r-responsabbiltà soċjali tagħna u sabiex nagħtu lura lis-soċjetà. Huwa importanti wkoll għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva 'Belt and Road'* ([208])".

(789) Barra minn hekk, il-Pjan Direzzjonali Made in China 2025 jidentifika 10 setturi strateġiċi, li jinkludu fost l-oħrajn materjali avvanzati fis-settur tal-ħadid u tal-azzar. Għal dawn l-industriji ewlenin, il-pjan "Made in China 2025" isemmi espliċitament fil-Kapitolu 9 tiegħu li ċ-Ċina se:

(a) "Tappoġġa lill-intrapriżi sabiex iwettqu fużjonijiet, investiment fl-ekwità u investiment f'kapital ta' riskju barra l-pajjiż.

(b) Tipparteċipa b'mod attiv u tippromwovi l-kooperazzjoni industrijali internazzjonali u timplimenta pjanijiet strateġiċi ewlenin bħal "Silk Road Economic Belt" u l-"Maritime Silk Road" tas-Seklu 21 sabiex taċċellera l-bini ta' infrastruttura interkonnessa mal-pajjiżi tal-madwar u kooperazzjoni industrijali profonda.

(c) *Tagħmel użu minn "ftuħ" tul il-fruntieri u tibni numru ta' parks ta' kooperazzjoni fil-manifattura barra mill-pajjiż f'pajjiżi eliġibbli.*

(d) *Theġġeġ* **it-trasferiment barra mill-pajjiż ta' tagħmir ta' livell għoli***, ta' teknoloġija avvanzata u ta' industrija b'saħħitha*" (enfasi miżjuda).

([207]) https://www.etsingshan.com/Art/Art_38/Art_38_69.aspx
([208]) http://www.minmetals.com/english/News/201706/t20170626_226241.html

(790) Barra minn hekk, l-"Opinjonijiet ta' Gwida" msemmijin fil-premessa (770) aktar 'il fuq jinkludu l-azzar bħala settur ta' prijorità għall-kapaċità tal-produzzjoni internazzjonali u l-kooperazzjoni fil-manifattura tat-tagħmir (ara l-punt 7 tal-kapitolu 3). Jiddikjaraw ukoll li "*Għandha tiġi promossa l-globalizzazzjoni tat-tagħmir, tat-teknoloġija, tas-servizzi u tal-istandards Ċiniżi*", speċjalment f'dawn is-setturi ta' prijorità. Il-punt 8 tal-Kapitolu 3 iżid li s-siti tal-produzzjoni tal-azzar għandhom jinbnew "*f'pajjiżi ta' prijorità b'kundizzjonijiet favorevoli ta' riżorsi… u b'potenzjal kbir tas-suq permezz tal-esportazzjoni ta' settijiet kompluti ta' tagħmir….*" Fl-aħħar nett, il-punt 32 li jirreferi għal aktar appoġġ finanzjarju, isemmi fost l-oħrajn il-mezzi li ġejjin sabiex jiġu appoġġati l-intrapriżi "li jigglobalizzaw"; "*appoġġ lill-intrapriżi "li jigglobalizzaw" b'assi barranin u b'interessi ta' ekwità, bħala kollateral sabiex jiksbu self u drittijiet minerali oħrajn, u sabiex itejbu l-kapaċitajiet ta' finanzi korporattivi tagħhom*."

(791) Fi kliem ieħor, il-provvista tas-self mill-azzjonisti u tat-tagħmir mill-kumpaniji omm Ċiniżi lis-sussidjarji tagħhom fl-Indoneżja joqgħod preċiż fi ħdan l-objettiv ta' politika tal-GTĊ li jippromwovi proġetti BRI fl-industrija tal-azzar, u l-provvista ta' assi barranin (f'dan il-każ tagħmir) huwa meqjus bħala mezz għall-GTĊ sabiex iżid il-kollateral ta' kif itejjeb il-kapaċitajiet finanzjarji ġenerali ta' tali kumpaniji.

(792) Huwa f'dan il-kuntest li l-kumpaniji omm tal-Grupp IRNC irċivew kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTĊ fil-forma ta' għotjiet jew ta' finanzjament preferenzjali sabiex jimplimentaw dawn il-politiki, inkluż sabiex jiffinanzjaw l-investimenti tagħhom fl-Indoneżja għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni sħiħa ta' dawn il-kumpaniji u tal-GTĊ dwar din il-kwistjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx tidentifika s-sors attwali ta' finanzjament u tissostanzja fid-dettall b'liema saret it-tali kontribuzzjoni finanzjarja. Madankollu, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku u fuq il-bażi tal-evidenza kollha ta' hawn fuq dwar il-finanzjament skont il-BRI ta' proġetti barra miċ-Ċina inkluża l-Indoneżja, kif ukoll tas-sejbiet fil-każ tat-Tajers, tal-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u tal-investigazzjoni tal-GFR, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpaniji omm Ċiniżi rċivew kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' għotjiet jew ta' finanzjament preferenzjali li mbagħad intużaw sabiex jipprovdu self mill-azzjonisti u kapital *in natura* lis-sussidjarji tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-kapaċitajiet u l-operazzjonijiet finanzjarji tagħhom fl-Indoneżja. F'dan ir-rigward, il-benefiċċju mill-għotjiet jew mis-self preferenzjali riċevut mill-kumpaniji omm Ċiniżi ġie allokat għall-attivitajiet tas-sussidjarji fl-Indoneżja, bl-użu ta' self bejn il-kumpaniji b'imgħax żero.

(793) B'mod speċifiku, fil-każ tat-Tajers, il-Kummissjoni sabet li l-finanzjament ipprovdut taħt il-BRI intuża sabiex jinxtraw ishma fil-Grupp Pirelli u kien jammonta għal sussidju għall-esportazzjoni ([209]). Fil-każijiet tal-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u tal-investigazzjoni tal-GFR, minkejja l-kooperazzjoni parzjali, il-Kummissjoni rnexxielha tittraċċa l-finanzjament preferenzjali li joriġina miċ-Ċina u rrikonċiljathom mal-finanzjament li finalment ikkontribwixxa fl-entitajiet produtturi Eġizzjani. Fiż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni setgħet turi li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtijin fiċ-Ċina lill-kumpaniji omm ġew ittrasferiti bis-sħiħ mill-kumpaniji omm lis-sussidjarji barranin rispettivi fil-pajjiżi esportaturi. F'dan il-każ, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ma tistax tivvaluta t-traċċar tal-fondi peress li ma setgħetx issib din id-*data* finanzjarja speċifika fid-dominju pubbliku, minkejja li fittxet ukoll minn sorsi Ċiniżi. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha bżonn tibbaża l-inferenzi fuq il-bażi tal-Artikolu 28(1) fuq il-bażi tal-każ tat-Tajers, tal-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u tal-investigazzjoni tal-GFR, li għandhom sitwazzjoni simili ħafna għal dan il-każ minħabba li jinvolvu proġetti ffinanzjati taħt l-inizjattiva BRI li jsegwu l-istess xejra bl-eżatt. Barra minn hekk, l-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u l-investigazzjoni tal-GFR għandhom numru ta' similaritajiet peress li ċ-Ċina pprovdiet finanzjament preferenzjali permezz tal-politika tagħha u permezz tal-banek tal-Istat lis-sussidjarji Eġizzjani fil-kuntest tal-BRI u tal-kooperazzjoni bilaterali mal-gvern tal-Eġittu. Dawn huma sitwazzjonijiet pariġġ ta' din l-investigazzjoni, billi ċ-Ċina qed tipprovdi finanzjament preferenzjali permezz ta' EXIM u l-SOCBs l-oħrajn taħt il-BRI għal proġett ta' investiment fl-Indoneżja.

(794) Għalhekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza pprovduta mill-kumpaniji Ċiniżi jew mill-GTĊ, u fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli għall-pubbliku, jiġifieri fil-każ tat-Tajers, tal-investigazzjoni antisussidji tal-GFF u tal-investigazzjoni tal-GFR, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-provvista ta' tagħmir u ta' self mill-azzjonisti kien biss mezz ieħor ta' finanzjament tas-sussidjarji Indoneżjani u ddeċidiet li tikkumpensahom bħala injezzjonijiet ta' ekwità appoġġati mill-Istat, bl-għan li jiġu stabbiliti u espanduti l-faċilitajiet ta' produzzjoni tal-Grupp IRNC fl-Indoneżja. Tali appoġġ ikun jaqa' bl-istess mod taħt il-punti miftehmin bejn iċ-Ċina u l-Indoneżja taħt il-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali, attribwit lill-Indoneżja għall-istess raġunijiet spjegati fil-premessi aktar 'il fuq u, għalhekk, jista' jiġi allokat għall-prodotti esportati mill-Indoneżja.

([209]) Il-każ tat-Tajers, il-premessi 405 u 416.

(795) Imbagħad, il-Kummissjoni analizzat jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mill-GTĊ permezz tal-kumpaniji omm Ċiniżi tatx benefiċċju lill-Grupp IRNC. Għal darba oħra, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' dawn il-kumpaniji, il-Kummissjoni kellha tibbaża s-sejbiet tagħha fuq id-dispożizzjonijiet tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku. Il-kundizzjonijiet tas-self mill-azzjonisti (inkluż il-fatt li ma ġie impost l-ebda mgħax) juru li l-kumpaniji omm Ċiniżi allokaw bis-sħiħ il-benefiċċju mill-għotjiet u mis-self preferenzjali riċevut fiċ-Ċina għall-attivitajiet tagħha fl-Indoneżja.

(796) Fir-rigward tat-tagħmir, il-Kummissjoni analizzat jekk it-tagħmir inkwistjoni nxtarax bi prezzijiet ta' distakkament, billi għamlet paragun mal-prezzijiet tas-suq għal tagħmir simili użat fl-industrija tal-azzar inossidabbli. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni sabet li t-tagħmir ġie pprovdut bi skont sinifikanti meta mqabbel mal-prezzijiet tas-suq internazzjonali għal settijiet simili u rappreżentattivi ta' tagħmir tal-produzzjoni għall-imtieħen tal-laminazzjoni fil-kiesaħ. Fuq il-bażi tal-evidenza fil-fajl u f'konformità mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku ([210]), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mill-GTĊ permezz ta-kumpaniji omm Ċiniżi tat benefiċċju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

4.6.4.3. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(797) Għall-ewwel punt, jiġifieri l-injezzjoni ta' ekwità pprovduta mis-CAF, il-benefiċċju ġie kkalkolat fuq il-bażi ta' rata ta' redditu raġonevoli, jiġifieri x'kien jistenna investitur tas-suq meta biegħ l-ishma fiż-żmien meta nxtraw l-ishma. Għal dan, il-Kummissjoni fittxet tranżazzjonijiet simili fl-industrija tal-azzar f'dawn l-aħħar snin. Fuq il-bażi tar-riżultat ta' 11-il tranżazzjoni ta' bejgħ ta' kumpaniji tal-azzar fil-perjodu mill-2006 sal-2019, il-Kummissjoni kkonkludiet li prezz raġonevoli għall-ishma f'kumpanija tal-azzar ikun 8 darbiet l-introjtu operatorju.

(798) Għalhekk, il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn il-valur tas-sehem ta' 24 % ta' Reed Investment ivvalutat 8 darbiet aktar mill-introjtu operatorju ta' SMI għall-2018 nieqes il-prezz imħallas minn Reed Investment. Imbagħad, il-benefiċċju tqassam għall-perjodu ta' investigazzjoni bl-użu tal-perjodu ta' lockdown imsemmi fil-Ftehim ta' Abbonament, jiġifieri 5,5 snin.

(799) Għat-tieni punt, jiġifieri l-provvista ta' tagħmir b'termini preferenzjali, il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn il-prezz tax-xiri mħallas mill-kumpaniji fil-Grupp IRNC u prezz tas-suq għax-xiri ta' tagħmir komparabbli. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat xiri simili ta' settijiet rappreżentattivi ta' tagħmir għall-imtieħen tal-laminazzjoni fil-kesħa fl-aħħar snin, fuq il-bażi ta' tranżazzjonijiet ta' xiri ta' kumpaniji tal-azzar. Imbagħad, il-benefiċċju li jirriżulta ġie allokat għall-perjodu ta' investigazzjoni fuq il-bażi tal-ħajja utli tal-assi mixtrijin.

(800) Għat-tielet punt, jiġifieri s-self mill-azzjonisti, peress li dan is-self tqies bħala injezzjoni ta' ekwità *de facto* li permezz tagħha l-kumpaniji omm Ċiniżi għaddew l-għotjiet u s-self preferenzjali riċevut, il-Kummissjoni ddeċidiet li tittratta l-ammonti pendenti ta' dan is-self matul il-perjodu ta' investigazzjoni bħala għotja. Il-benefiċċju mogħti ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-ammont ta' kapital pendenti tas-self nieqes l-imgħax imħallas matul il-perjodu ta' investigazzjoni (jekk kien hemm). Peress li s-self kien marbut b'mod ċar ma' investiment ta' terminu twil, l-ammont kapitali ġie ddeprezzat fuq id-durata tas-self, u ġie kkunsidrat biss l-ammont allokat għall-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-aħħar nett, fejn neċessarju, l-ammont tal-benefiċċju ġie aġġustat ulterjorment sabiex jirrifletti biss in-numru ta' jiem fil-perjodu ta' investigazzjoni li fih kien attiv is-self.

(801) L-ammont ta' sussidju stabbilit b'dan il-mod għall-appoġġ għall-investiment kapitali ammonta għal 6,02 % għall-Grupp IRNC.

([210]) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni sħiħa tal-GTĊ, il-Kummissjoni ma setgħetx titlob informazzjoni rilevanti potenzjali dwar il-prezzijiet ta' tagħmir simili fiċ-Ċina sabiex tistabbilixxi l-parametri referenzjarji fuq il-bażi tal-istatistika uffiċjali fiċ-Ċina. Billi l-Kummissjoni ma setgħet issib l-ebda informazzjoni dwar il-prezzijiet fiċ-Ċina u ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni dwar l-oriġini tat-tagħmir, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża tabella ta' prezzijiet għal tagħmir simili minn diversi pajjiżi bħala indikatur.

4.6.4.4. Kummenti dwar id-divulgazzjoni finali

(802) Il-Grupp IRNC ilmenta dwar id-divulgazzjoni mhux adegwata dwar il-parametru referenzjarju għall-injezzjoni ta' kapital minn CAF, peress li l-ismijiet tal-kumpaniji fil-parametru referenzjarju tħallew barra u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni dwar jekk it-tranżazzjonijiet kinux jikkonċernaw ishma speċjali.

(803) Il-Kummissjoni qieset li l-iżvelar taċ-ċifri dettaljati, tan-natura tal-ishma u tal-ismijiet individwali tal-kumpaniji jkun jiżvela informazzjoni kunfidenzjali ta' tranżazzjonijiet magħmulin minn kumpaniji speċifiċi. Minflok, il-Kummissjoni pprovdiet sommarju sinifikattiv tad-*data*, b'ċifri indiċjati u b'indikazzjoni li t-tranżazzjonijiet kollha saru minn kumpaniji fis-settur tal-azzar. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(804) Il-Eurofer innotat li l-parametru referenzjarju ġie kkalkolat fuq l-introjtu operatorju (EBITA), iżda l-informazzjoni pprovduta dwar it-tranżazzjonijiet simili għall-kumpaniji tal-azzar dehret li tirreferi għall-EBITDA. L-EBITA huwa anqas mill-EBITDA. Għalhekk, jekk il-Kummissjoni applikat il-kalkolu għall-EBITA minflok għall-EBITDA li għalih jirreferi l-parametru referenzjarju, il-benefiċċju għal SMI kien sottovalutat. L-ilmentatur stieden lill-Kummissjoni tirrivaluta l-kalkolu.

(805) Ir-rapporti finanzjarji ta' SMI ma fihomx EBITDA bħala tali. Minflok tipprova tikkalkola mill-ġdid l-EBITDA fuq il-bażi tad-data disponibbli, il-Kummissjoni tabilħaqq użat l-introjtu operatorju ta' SMI sabiex tikkalkola l-benefiċċju. Dan tqies bħala approċċ raġonevoli u prudenti. Fi kwalunkwe każ, wara analiżi ulterjuri, il-Kummissjoni sabet li r-rivalutazzjoni tal-kalkolu kienet twassal biss għal bidla negliġibbli ta' anqas minn 0,1 %. Għalhekk, il-Kummissjoni żammet il-kalkolu oriġinali tagħha.

(806) Dwar il-forniment ta' kapital *in natura* għal remunerazzjoni anqas minn adegwata, il-Grupp IRNC issottometta li IRNC importat biss linja waħda ta' laminazzjoni bil-kesħa u afferma li l-bqija tat-tagħmir ma għandu l-ebda similarità mal-linja ta' laminazzjoni bil-kesħa. Il-Grupp IRNC argumenta li l-Kummissjoni ma spjegatx għaliex ingħataw benefiċċji wkoll lil tipi oħrajn ta' tagħmir.

(807) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel osservat li r-reġistru tal-assi fissi ta' impjant kbir tal-produzzjoni bħal IRNC jikkonsisti f'mijiet ta' linji. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tieħu kampjuni ta' settijiet rappreżentattivi ta' tagħmir sabiex tiddetermina l-benefiċċju għall-impjant kollu. Il-linji ta' laminazzjoni bil-kesħa kienu jirrappreżentaw parti essenzjali mill-proċess tal-produzzjoni ta' IRNC, u għalhekk il-benefiċċju għal dawn il-linji ta' produzzjoni jista' jitqies bħala rappreżentattiv għall-impjant kollu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma użatx biss tip wieħed ta' tagħmir fil-kalkolu tagħha, iżda diversi tipi ta' tagħmir li huma parti minn linja tal-produzzjoni, bħal partijiet ta' mitħna tal-laminazzjoni bil-kesħa riversibbli b'għoxrin romblu, mitħan, parti mill-krejn pont, unità ta' kkoljar, magna għall-qtugħ lonġitudinali u oħrajn. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(808) Il-Grupp IRNC talab ukoll lill-Kummissjoni sabiex tiddivulga informazzjoni addizzjonali dwar il-metodoloġija użata sabiex jiġi stabbilit il-parametru referenzjarju għax-xiri ta' makkinarju.

(809) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-parametru referenzjarju użat ġie aġġustat għal kapaċità tal-produzzjoni simili għat-tagħmir ta' IRNC, l-oriġini tat-tagħmir kienet jew Ewropea jew Amerikana u s-sena tax-xiri tat-tagħmir varjat mill-2008 sal-2020, jiġifieri kemm qabel kif ukoll wara l-istabbiliment tal-impjant ta' IRNC. Peress li ma setgħet tiġi identifikata l-ebda differenza sinifikanti fil-prezzijiet f'din il-medda ta' żmien, il-Kummissjoni kkonkludiet li x-xiri kollu f'dan il-perjodu ta' żmien kien indikatur raġonevoli għax-xiri ta' IRNC.

(810) Fil-kummenti tiegħu għad-divulgazzjoni finali addizzjonali, il-Grupp IRNC innota li l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-parametru referenzjarju għall-makkinarju importat tirreferi għal parametru referenzjarju barra mill-"*pajjiż ta' provvista jew ta' xiri*", li għalih jirreferi l-Artikolu 14(d) tal-Ftehim SCM. Skont il-Grupp IRNC, f'dan il-każ, il-"*pajjiż ta' provvista jew ta' xiri*" jenħtieġ li jkun l-Indoneżja jew iċ-Ċina, f'konformità mal-Korp tal-Appell f'*US – Softwood Lumber IV* ([211]). Skont il-Grupp IRNC, il-Kummissjoni missha stabbiliet li l-prezzijiet privati fl-Indoneżja u fiċ-Ċina ġew distorti qabel ma rreferiet għat-tagħmir Ewropew jew Amerikan bħala parametru referenzjarju.

([211]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *United States – Final Countervailing Duty Determination with Respect to Certain Softwood Lumber from Canada*, WT/DS257/AB/R, adottat fis-17 ta' Frar 2004, DSR 2004:II, p. 571, il-paragrafu 90.

(811) Barra minn hekk, il-Grupp IRNC afferma li, anke jekk wieħed jassumi li l-Kummissjoni kienet iġġustifikata fir-rifjut tal-prezzijiet fl-Indoneżja u fiċ-Ċina, il-Kummissjoni ma spjegatx għaliex għażlet l-Amerika u l-Ewropa, minflok il-prezzijiet Indjani għat-tagħmir tal-laminazzjoni bil-kesħa, meta wieħed iqis il-livell simili ta' żvilupp ekonomiku tal-Indja u tal-Indoneżja.

(812) Tal-anqas, il-Kummissjoni missha aġġustat b'mod adegwat tal-prezzijiet sabiex tirrifletti l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fiċ-Ċina jew fl-Indoneżja.

(813) Fir-rigward tal-"*pajjiż ta' provvista jew ta' xiri*" tat-tagħmir, il-Kummissjoni osservat li l-Grupp IRNC innifsu ma għamel l-ebda xiri ta' tagħmir fis-suq domestiku tal-Indoneżja. It-tagħmir kollu ġie importat. Għalhekk, l-użu tal-Indoneżja bħala parametru referenzjarju ma kienx ikun allinjat mas-sitwazzjoni fattwali tal-Grupp IRNC. Fir-rigward taċ-Ċina, il-Kummissjoni tfakkar li l-makkinarju ġie importat minn kumpaniji relatati fiċ-Ċina, li ma kinux il-manifatturi tat-tagħmir. Il-Kummissjoni ppruvat tiddetermina l-oriġini tat-tagħmir billi talbet il-fatturi mill-manifatturi oriġinali, iżda minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-kumpaniji omm Ċiniżi, dan ma kienx possibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq il-fatti disponibbli fir-rigward tal-pajjiż ta' oriġini attwali tax-xiri.

(814) F'termini tal-fatti disponibbli, l-użu ta' *data* mill-kumpanija Ċiniża fil-kampjun f'dan il-każ ma kienx fattibbli. Id-*data* sħiħa dwar it-tagħmir tal-impjant ma ntalbitx mill-manifatturi Indjani, peress li ma kinitx neċessarja sabiex jiġi ddeterminat is-sussidjar skont l-iskemi ta' sussidjar tal-Indja. B'riżultat ta' dan, ma kienet disponibbli l-ebda *data* rilevanti għal waħda mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun. Għall-kumpanija l-oħrajn, id-*data* tqieset bħala mhux xierqa għall-użu bħala parametru referenzjarju peress li kienet relatata max-xiri bejn il-kumpaniji. Min-naħa l-oħra, l-Ewropa u l-Istati Uniti t-tnejn għandhom industrija ta' reputazzjoni tajba għat-tagħmir tal-impjanti tal-azzar, u l-forniturі inklużi fil-parametru referenzjarju kienu jbigħu l-imtieħen tal-laminazzjoni bil-kesħa madwar id-dinja, inkluż lill-manifatturi Ċiniżi tal-azzar. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li atturi globali bħal dawn jistgħu jintużaw bħala indikatur raġonevoli għax-xiri ta' tagħmir importat minn oriġini mhux magħrufa.

(815) Fl-aħħar nett, l-istess raġunament japplika għall-aġġustament tal-prezzijiet sabiex jiġu riflessi l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fiċ-Ċina jew fl-Indoneżja. Peress li ma hemm l-ebda evidenza li t-tagħmir ġie akkwistat f'xi wieħed minn dawn is-swieq, il-Kummissjoni ma tara l-ebda ħtieġa li tagħmel aktar aġġustamenti. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħudin.

(816) Fir-rigward tan-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kumpaniji relatati dwar l-oriġini tat-tagħmir, il-Grupp IRNC afferma li pprovda biżżejjed informazzjoni dwar il-makkinarju importat minn kumpaniji relatati fiċ-Ċina u li ma kien hemm l-ebda evidenza li tappoġġa s-sejbiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

(817) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din l-affermazzjoni. Kif imsemmi fil-premessa (782) aktar 'il fuq, il-makkinarju ġie importat minn kumpaniji relatati fiċ-Ċina, li ma kinux il-manifatturi tat-tagħmir. Għall-kuntrarju ta' dak li ġie ddikjarat mill-kumpanija, il-Kummissjoni talbet il-fatturi relatati max-xiri mill-manifatturi oriġinali tat-tagħmir mill-kumpaniji relatati, iżda minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-kumpaniji omm Ċiniżi, dawn ma ġewx sottomessi. Din l-informazzjoni kienet neċessarja fl-ambitu tal-investigazzjoni sabiex jiġi stabbilit il-valur distakkat ta' dak it-tagħmir. Għalhekk, il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha li ma ġietx ipprovduta biżżejjed informazzjoni dwar it-tagħmir importat minn kumpaniji relatati u li, għalhekk, hija kellha tibbaża fuq l-aħjar fatti disponibbli.

(818) Fir-rigward tas-self mill-azzjonisti, il-Grupp IRNC afferma li l-Kummissjoni naqset milli turi li l-GTĊ ipprovda kontribuzzjoni finanzjarja permezz tal-kumpaniji omm Ċiniżi jew ta' benefiċċju lill-Grupp IRNC. Skont il-GTID u l-Grupp IRNC, l-azzjonisti ta' IRNC huma kumpaniji privati, u l-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi li l-Grupp Tsingshan huwa korp pubbliku jew fdat mill-GTĊ. Fakkru wkoll li s-self mill-azzjonisti kien subordinat għal self mill-banek miċ-Ċina, jiġifieri kien prekundizzjoni sabiex jinkiseb is-self mill-bank. Fil-fehma tal-Grupp IRNC, li kieku s-self mill-azzjonisti kien oriġina mill-GTĊ bħas-self bankarju miċ-Ċina, is-subordinazzjoni kienet tkun illoġika.

(819) Il-Kummissjoni tfakkar li, fin-nuqqas ta' tweġiba mill-kumpaniji omm Ċiniżi li jipprovdu s-self mill-azzjonisti inkwistjoni kif ukoll mill-GTĊ, il-Kummissjoni kellha tiddependi parzjalment fuq il-fatti disponibbli għas-sejbiet tagħha dwar dan is-self mill-azzjonisti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kellha tuża l-fatti disponibbli sabiex tidentifika s-sors tal-finanzjament tas-self ipprovdut mill-kumpaniji omm Ċiniżi lill-kumpaniji tal-Grupp IRNC. Il-Kummissjoni stabbiliet fit-tul fil-premessi (785) sa (790) aktar 'il fuq li hemm impenn ċar mill-kumpaniji omm Ċiniżi li jinvestu barra mill-pajjiż f'industriji mħeġġin u li l-forniment ta' dan is-self mill-azzjonisti joqgħod preċiż fi

ħdan l-objettiv ta' politika tal-GTĊ li jippromwovi proġetti tal-BRI fl-industrija tal-azzar. Kif imsemmi fil-premessa (794), il-kundizzjonijiet tas-self mill-azzjonisti (inkluż il-fatt li ma ġie impost l-ebda mgħax) juru li l-kumpaniji omm Ċiniżi allokaw bis-sħiħ il-benefiċċju mill-għotjiet u mis-self preferenzjali riċevut fiċ-Ċina għall-attivitajiet tagħha fl-Indoneżja. Il-fatt li l-azzjonisti tal-IRNC huma kumpaniji privati ma jmurx kontra dawn is-sejbiet. Fir-rigward tal-fatt li s-self mill-azzjonisti huwa kundizzjoni għas-self dirett minn banek li huma korpi pubbliċi Ċiniżi, lanqas dan ma jmur kontra s-sejbiet tal-Kummissjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni, juri biss l-eżistenza ta' mezzi differenti sabiex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju, u fil-fatt isaħħaħ il-punt tal-Kummissjoni li hemm rabta qawwija bejn iż-żewġ tipi ta' self. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(820) Barra minn hekk, il-Grupp IRNC afferma li jenħtieġ li s-self tal-azzjonisti minn żewġ kumpaniji, li jinsabu f'Hong Kong u fil-Ġappun rispettivament, ma jiġix ikkumpensat peress li ma kinux jinsabu fiċ-Ċina.

(821) Fir-rigward tas-self mill-kumpanija li tinsab f'Hong Kong, il-Kummissjoni osservat li Luck Scenery ma kkooperatx matul l-investigazzjoni, u li l-Grupp IRNC ma ppreżenta l-ebda evidenza addizzjonali wara d-divulgazzjoni finali sabiex jissostanzja l-affermazzjoni tiegħu.

(822) Min-naħa l-oħra, l-affermazzjoni nstabet li kienet iġġustifikata għall-kumpanija Ġappuniża. Għall-kuntrarju tas-self mill-azzjonisti l-ieħor, fil-fatt ġiet ipprovduta informazzjoni għal din il-kumpanija, li turi li tabilħaqq kienet stabbilita fil-Ġappun b'azzjonisti Ġappuniżi. Bil-kuntrarju tas-self l-ieħor, ma setgħet tinstab l-ebda rabta mal-gvern Ċiniż, mal-banek Ċiniżi, mal-Grupp Tsingshan jew ma' partijiet ikkonċernati Ċiniżi oħrajn. Għalhekk, il-Kummissjoni neħħiet is-self ta' din il-kumpanija mill-kalkolu tal-benefiċċju.

(823) Fir-rigward tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-azzjonisti tal-Grupp IRNC, il-Grupp IRNC fakkar li l-Kummissjoni missha tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq l-aħjar fatti disponibbli u afferma li l-evidenza ta' nuqqas ta' kooperazzjoni ma setgħetx toħroġ mill-informazzjoni, li qatt ma kienet meħtieġa u jenħtieġ li ma tkunx meħtieġa mill-Grupp IRNC, peress li kienet barra mill-ambitu ta' din l-investigazzjoni.

(824) Il-Kummissjoni nnotat li l-ambitu tal-investigazzjoni kien jinkludi skemi ta' sussidju mogħtijin taħt il-kooperazzjoni bilaterali bejn iċ-Ċina u l-Indoneżja. Il-punt 6 tal-istruzzjonijiet ġenerali ddikjara wkoll li "*F'każ li fih kumpanija relatata tkun kisbet xi benefiċċju mill-iskemi ta' sussidju li qed jiġu investigati, id-dettalji għandhom jiġu rrapportati f'konformità mal-mistoqsijiet f'dan il-kwestjonarju*". Kif spjegat fil-premessa (791), il-kumpaniji omm tal-Grupp IRNC irċivew kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTĊ fil-forma ta' għotjiet jew ta' finanzjament preferenzjali sabiex jimplimentaw il-politiki preferenzjali tal-GTĊ, inkluż sabiex jiffinanzjaw l-investimenti tagħhom fl-Indoneżja għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, kemm l-akbar benefiċjarji tal-IRNC kif ukoll l-azzjonisti ta' entitajiet oħrajn tal-Grupp IRNC kienu meħtieġa jipprovdu t-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju. Barra minn hekk, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni talbet informazzjoni speċifika mill-kumpaniji omm kollha u l-ebda wieħed mill-azzjonisti Ċiniżi ma wieġeb għal dawn it-talbiet. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(825) B'referenza għall-benefiċċju, il-Grupp IRNC innota li d-data tat-tmiem tas-self mill-azzjonisti ssegwi dik tas-self bankarju peress li ma jistax jitħallas qabel is-self bankarju. Il-Grupp IRNC iċċara wkoll li s-self mill-azzjonisti huwa rreġistrat bħala obbligazzjonijiet u li l-kumpaniji tal-Grupp IRNC jakkumulaw l-imgħaxijiet. Għalhekk, fil-fehma tal-Grupp IRNC, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tittrattax l-ammonti pendenti tas-self kollu mill-azzjonisti matul il-PI bħala għotja.

(826) Il-ftehimiet ta' self fil-fatt jistipulaw li s-self bankarju għandu jitħallas qabel is-self mill-azzjonisti. Madankollu, għall-kuntrarju tas-self bankarju, li għandu skeda ċara tar-ripagamenti, is-self mill-azzjonisti ma jindika l-ebda skeda ta' żmien għar-ripagament wara d-data ta' maturità tas-self bankarju. Barra minn hekk, anki jekk l-imgħax ikun dovut fil-kontijiet tal-kumpanija, dan ma jmurx kontra s-sejbiet tal-Kummissjoni li fil-prattika l-kumpanija ma kellha l-ebda ħruġ ta' flus attwali u setgħet tiddisponi liberament mill-flus likwidi kollha tagħha, b'hekk tikseb benefiċċju finanzjarju ċar ekwivalenti għal għotja. Għalhekk, il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha.

4.7. **Il-provvista ta' faħam għal remunerazzjoni anqas minn adegwata**

(827) L-ilmentatur allega li l-produtturi esportaturi bbenefikaw minn faħam irħas minħabba diversi miżuri tal-gvern fis-suq domestiku tal-faħam, b'mod partikolari l-eżistenza ta' prezz domestiku massimu, obbligu tas-suq domestiku ("DMO") u rekwiżit ta' ittra ta' kreditu għall-bejgħ għall-esportazzjoni. Dawn il-miżuri jservu sabiex inaqqsu l-prezzijiet domestiċi tal-faħam u jipprovdu benefiċċju għall-utenti tal-faħam, inkluża l-industrija tal-azzar inossidabbli. Madankollu, l-investigazzjoni sabet li l-miżuri allegati la individwalment, u lanqas meħudin flimkien, ma kellhom l-effett allegat.

(828) L-investigazzjoni ddeterminat li l-prezz domestiku massimu ma kienx japplika għall-produtturi esportaturi u lanqas ma pprovdielhom xi benefiċċju. Il-prezz massimu rregolat għall-faħam termali limitat għal USD 70 għal kull tunnellata kien japplika biss għall-kumpaniji tal-elettriku li jbigħu l-enerġija lill-klijenti finali ("kumpaniji ta' interess pubbliku"). Il-produtturi esportaturi u l-forniturі relatati tagħhom ta' materjali intermedji kienu jużaw l-elettriku kollu li ġġeneraw huma stess, u għalhekk ma kinux "kumpaniji ta' interess pubbliku" u ma bbenefikawx mill-prezz limitat.

(829) Għalhekk, l-investigazzjoni ma setgħetx issib li l-produtturi esportaturi bbenefikaw minn dan is-sussidju.

4.8. **Il-provvista tal-art għal remunerazzjoni anqas minn adegwata**

4.8.1. *L-ilment u l-iskema ta' sussidju*

(830) L-ilmentatur sostna li IMIP allokat l-appoġġ dirett li rċiviet mingħand il-GTID, li pprovda faċilitajiet f'termini ta' art, lill-produttur esportatur li miegħu hija relatata IMIP. Skont l-ilmentatur, l-akkwist u l-iżvilupp tal-art, u l-arranġamenti dwar il-kiri tal-bini, huma faċilitajiet importanti li l-GTID ta lil IMIP u, għalhekk, lill-produttur esportatur relatat.

4.8.2. *Bażi ġuridika*

(831) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Liġi Agrarja Bażika Nru 5 tal-1960 ("Liġi Agrarja Bażika"), l-art u r-riżorsi naturali kollha fl-Indoneżja huma maħsubin bħala "doni ta' Alla" li huma "kkontrollati mill-Istat". Dan id-"dritt ta' kontroll" tal-Istat, li jikkonsisti, fost l-oħrajn, fir-regolamentazzjoni tal-approprjazzjoni u tal-użu tal-art, huwa eżerċitat sabiex tinkiseb "il-prosperità massima tan-nies".

(832) Skont il-paragrafu 3 tal-Artikoli 28 u 33 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Indoneżja u l-Liġi Agrarja Bażika, il-persuni privati huma intitolati li jkollhom sjieda fil-forma mingħajr ċens fuq biċċa art (*Hak milik*). Barra minn hekk, jeżistu diversi drittijiet ta' proprjetà minuri, bħad-dritt tal-isfruttament (*Hak guna usaha* – "HGU"), id-dritt tal-użu (*Hak pakai*, tradott ukoll bħala d-dritt tal-kultivazzjoni) jew id-dritt għall-użu tal-bini (*Hak guna bangunan* – "HGB", tradott ukoll bħala d-dritt għall-bini). Dan tal-aħħar jinkludi d-dritt għall-użu u għall-bini fuq roqgħa art. Filwaqt li s-sjieda hija riżervata biss għal persuni Indoneżjani, l-HGU u l-HGB huma disponibbli wkoll għal kumpaniji bi sjieda barranija inkorporati fl-Indoneżja. Madankollu, fil-prattika dawn id-drittijiet formali għadhom jeżistu flimkien ma' pretensjonijiet tal-art tal-antenati. Dan huwa dovut għall-fatt li mhux l-irqajja' ta' art kollha fl-Indoneżja huma rreġistrati uffiċjalment minħabba li membri tal-komunitajiet tal-antenati (*Ulaiat*) ma humiex obbligati jirreġistraw l-irqajja' ta' art tagħhom, u li l-prova tad-drittijiet fuq roqgħa art hija pprovduta minn ċertifikat korrispondenti (*Sertifikat*) mogħti biss fuq irqajja' art diġà rreġistrati. Iċ-ċertifikati huma differenti skont id-dritt li jirrikonoxxu, jiġifieri: *Sertifikat hak milik* – "SHM" għas-sjieda; *Sertifikat hak guna usaha* – "SHGU" għad-dritt ta' sfruttament; u *Sertifikat hak guna bangunan* – "SHGB" għad-dritt għall-użu tal-bini.

(833) Kif spjegat fit-taqsima rilevanti aktar 'il fuq, il-Park ta' Morowali huwa park industrijali inkorporat fl-Indoneżja taħt il-kwalifika speċjali ta' art industrijali. Għalhekk, sabiex tiġi traċċata l-bażi ġuridika li tirregola l-art fejn ġie stabbilit il-Park ta' Morowali, għandhom jitqiesu mhux biss il-liġijiet dwar is-sjieda tal-art u l-ġestjoni tat-territorju, iżda wkoll regolamenti speċifiċi dwar l-artijiet industrijali.

(834) Fir-rigward tas-sjieda tal-art u tal-ġestjoni tat-territorju, il-liġijiet li jirregolaw it-territorju fejn tinsab IMIP jinkludu:

— Il-Liġi Agrarjana Bażika, li ħassret ir-regolamenti dwar l-artijiet fis-seħħ qabel l-indipendenza tal-Indoneżja u stabbiliet l-arranġament kurrenti tad-drittijiet tal-proprjetà. Simili għad-dritt għall-użu tal-art fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-HGB jista' jinkiseb biss għal perjodu limitat. Fl-Indoneżja, dan il-perjodu jikkorrispondi għal massimu ta' 30 snin, li jista' jiġi estiż aktar b'20 sena;

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 40 tal-1996, li jirregola t-trasferiment tal-HGUs, id-drittijiet tal-użu u l-HGBs;

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 24 tal-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, li jistabbilixxi l-pedamenti tal-proċeduri kurrenti tar-reġistrazzjoni u taċ-ċertifikazzjoni tal-artijiet;

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 26 tal-2007 dwar il-Ġestjoni tat-Territorju;

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 26 tal-2008 dwar il-Ġestjoni Territorjali Nazzjonali;

— Ir-Regolament dwar ir-Reġġenza ta' Morowali Nru 10 tal-2012 dwar il-Ġestjoni tat-Territorju tar-Reġġenza ta' Morowali għall-Perjodu 2012-2032, li jistipula l-pjan t'a ġestjoni tat-territorju għar-Reġġenza ta' Morowali, jiġifieri l-entità subprovinċjali fejn tinsab IMIP;

— Ir-Regolament Presidenzjali Nru 17 tal-2015 dwar l-Aġenzija Nazzjonali tal-Artijiet (*Badan Pertanahan Nasional* – "BPN"), aġenzija fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Agrarji u l-Ġestjoni tat-Territorju, li jiddetermina r-rwol tal-BPN u tal-fergħat lokali tagħha fil-proċeduri ta' reġistrazzjoni u ta' ċertifikazzjoni tal-artijiet;

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 13 tal-2017 dwar l-Emenda tar-Regolament tal-Gvern Nru 26 tal-2008 dwar il-Ġestjoni tat-Territorju Nazzjonali;

— Il-Kap tar-Regolament tal-BPN Nru 1 tal-2018 dwar il-Gwida għall-Iżvilupp tal-Pjan għall-Ġestjoni tat-Territorju għal-Livell Provinċjali, tar-Reġġenzi u Muniċipali, li jistipula d-dispożizzjonijiet ġenerali għall-iżvilupp tal-ġestjoni tat-territorju fil-livell tal-provinċji, tar-reġġenzi u tad-distretti lokali;

— Ir-Regolament dwar ir-Reġġenza ta' Morowali Nru 7 tal-2019 dwar il-Ġestjoni tat-Territorju tar-Reġġenza ta' Morowali għall-Perjodu 2019-2039; u

— l-Artikoli 34 sa 47 tar-Regolament tal-Gvern Nru 18 tal-2021, li dan l-aħħar ikkomplementaw fir-rigward tal-HGB il-Liġi Agrarja Bażika u r-Regolament tal-Gvern Nru 24 tal-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, u estendew id-durata tal-HGB għal 35 sena, li jista' jiġi estiż b'20 sena oħrajn.

(835) Barra minn hekk, hemm żewġ liġijiet rilevanti bħala sfond iżda mhux applikabbli direttament għall-Park ta' Morowali:

— Il-Liġi Nru 2 tal-2012 dwar l-Akkwist tal-Art għall-Iżvilupp fl-Interess Pubbliku, li kienet maħsuba sabiex tindirizza d-diffikultà fix-xiri tal-art, li toriġina mis-sistema kumplessa ta' drittijiet ta' proprjetà, għal proġetti ta' interess pubbliku. Kemm IMIP kif ukoll il-GTID b'mod separat ikkonfermaw li l-liġi ma kinitx tapplika għall-Park ta' Morowali peress li kienet tapplika biss għal 24 settur tan-negozju li ma jinkludux l-attivitajiet ta' IMIP. Sussegwentement, il-Liġi Nru 2 tal-2012 ġiet emendata parzjalment mil-Liġi Nru 11 tal-2020 dwar il-Ħolqien tax-Xogħol ("il-Liġi Omnibus"). Il-Liġi Nru 2 tal-2012 ġiet implimentata bir-Regolament Presidenzjali Nru 71 tal-2012 dwar l-Implimentazzjoni tal-Akkwist tal-Art għall-Iżvilupp fl-Interess Pubbliku, li min-naħa tiegħu kien soġġett għal tliet emendi ewlenin, li l-aħħar waħda fosthom iddaħħlet fis-seħħ bir-Regolament Presidenzjali Nru 30 tat-2015 dwar it-Tielet Emenda għar-Regolament Presidenzjali Nru 71 tal-2012; u

— Ir-Regolament Presidenzjali Nru 56 tal-2017 dwar l-Immaniġġjar tal-Impatt Soċjali fil-Proċess ta' Akkwist tal-Artijiet għal Proġetti Strateġiċi Nazzjonali, li l-applikazzjoni tiegħu għal IMIP ġiet miċħuda mill-GTID, peress li l-liġi tapplika biss għall-akkwist tal-art għal proġetti strateġiċi nazzjonali fuq art li fuqha individwi li jgħixu hemmhekk ma jistgħux jagħtu prova tad-drittijiet tal-antenati jew tal-proprjetà. Għalhekk, il-liġi hija maħsuba sabiex ittaffi l-effetti tal-ispostament tagħhom. Minflok, individwi li jgħixu fuq l-art mixtrija minn IMIP setgħu jagħtu prova tad-drittijiet tal-antenati tagħhom, u għalhekk kienu intitolati għal kumpens.

(836) Fir-rigward tar-regoli dwar ir-regolament dwar l-artijiet industrijali, dawn li ġejjin huma rilevanti:

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 24 tal-2009 dwar l-Artijiet Industrijali, fis-seħħ fiż-żmien tal-istabbiliment ta' IMIP. Fost id-dispożizzjonijiet tiegħu, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 3 iddikjara li "l-Iżvilupp ta' Artijiet Industrijali fiż-żona tar-*reġġenza […] jitwettaq f'konformità mal-Pjan dwar il-Ġestjoni tat-Territorju tar-Reġġenza […]*". Barra minn hekk,

l-Artikolu 4 żied li "*L-Ministri, il-ministri relatati, u l-Gvernaturi u r-reġġenti/is-sindki f'konformità mad-dmirijiet u mal-awtoritajiet rispettivi tagħhom huma responsabbli għall-ilħuq tal-objettiv tal-iżvilupp tal-Artijiet Industrijali*". B'mod partikolari, skont il-punt (d) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 5, "*Is-setgħa [tal-Ministru] hija eżerċitata permezz ta': […] (d) l-iffissar ta' prezz referenzjarju għall-bejgħ jew għall-kiri ta' rqajja' u/jew ta' bini industrijali fl-Artijiet Industrijali skont is-suġġeriment tat-Tim Nazzjonali [Artijiet Industrijali]*" (*Timnas-KI*), filwaqt li, skont il-punt (b) tal-Artikolu 6, "*[…] il-gvernaturi jew ir-reġġenti/is-sindku jipprovdu: […] (b) il-faċilità fl-akkwist/fl-akkwist tal-art fiż-żona magħżula għall-iżvilupp ta' Art Industrijali*". Barra minn hekk, l-Artikolu 10 jipprevedi li ż-żona ta' Art Industrijali trid tkun tal-anqas 50 ettaru u l-Artikoli 13 u 14 li kull Art Industrijali trid tapplika għal Liċenzja tan-Negozju bħala Art Industrijali, ladarba tkun kisbet Approvazzjoni tal-Prinċipju. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 18 jippermetti lill-kumpaniji tal-Art Industrijali li għandhom Liċenzja tan-Negozju bħala Art Industrijali jiksbu HGB fuq l-art mixtrija u żviluppata, u jaqsmu dan l-HGB bejn l-irqajja' ta' art mibjugħa mill-ġdid lill-kumpaniji fl-Art Industrijali;

— Il-Ftehim bejn il-GTID u l-GTĊ dwar il-Parks Industrijali Integrati bejn l-Indoneżja u ċ-Ċina, iffirmat f'Jakarta fit-2 ta' Ottubru 2013 (ara l-premessa (605));

— Id-Digriet tal-Ministru tal-Industrija dwar it-Tim ta' Kooperazzjoni għall-Art Industrijali Integrata tal-Indoneżja u taċ-Ċina Nru 432/M-IND/Kep/7/2014 tat-22 ta' Lulju 2014 (ara l-premessa (638));

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 14 tal-2015 dwar il-Pjan Direttur tal-Iżvilupp Nazzjonali tal-Industrija għall-2015-2035, li skontu waħda mill-infrastrutturi ewlenin meħtieġa mill-industrija Indoneżjana hija l-art għal skopijiet industrijali. Il-provvista ta' art industrijali fl-Indoneżja ssir permezz tal-iżvilupp ta' żoni industrijali, tradotti wkoll bħala żoni dežinjati għall-industrija jew Żona ta' Dežinjazzjoni Industrijali. Fiż-żoni industrijali, jiġu identifikati l-artijiet għal skopijiet industrijali u l-artijiet mhux industrijali. L-għanijiet tal-mudell tal-artijiet industrijali huma dawn li ġejjin: l-iżvilupp tal-art sabiex tiġi pprovduta art lesta għall-użu u/jew lesta għall-bini lill-industriji, filwaqt li jiġi ggarantit li d-drittijiet u l-permessi tal-art ikunu jistgħu jinkisbu faċilment, u l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-infrastrutturi u tal-faċilitajiet meħtieġa mill-investituri ([212]);

— Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-Tisħiħ tas-Sħubija Strateġika Komprensiva bejn ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u r-Repubblika tal-Indoneżja ta' Marzu 2015 (ara l-premessi (577) u (610)); u

— Ir-Regolament tal-Gvern Nru 142 tal-2015 (ara l-premessa (632)), li ssostitwixxa r-Regolament preċedenti Nru 24 tal-2009, jirrikjedi li entità, sabiex tkun eliġibbli sabiex tapplika għal Liċenzja tan-Negozju bħala Art Industrijali, irid ikollha ċertifikat tal-art (jew rinunzja tad-drittijiet ta' okkupanti preċedenti) relatat mar-roqgħa art tagħha. Fost id-diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 142, l-Artikolu 4(i) jiddikjara li: [L-awtoritajiet tal-Ministru jkopru] "*l-istipulazzjoni tal-linji gwida dwar il-prezz referenzjarju tal-bejgħ jew il-kera ta' blokok u/jew ta' bini Industrijali fi ħdan Art Industrijali fuq il-bażi tal-proposti tal-Kumitat tal-Artijiet Industrijali*" u l-Artikolu 45(1) jistipula li "*L-Gvern jista' jibda l-iżvilupp ta' Artijiet Industrijali bħala infrastruttura Industrijali fil-każ li s-settur privat ma jkunx interessat f'Art Industrijali u lanqas ma jkun jista' jiżviluppaha; u/jew iħaffef il-firxa u saħansitra d-distribuzzjoni ekwa tal-iżvilupp Industrijali*". L-Artikolu 48(1) jiddikjara: "*Il-Gvern jista' jwettaq l-akkwist tal-art f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti dwar l-akkwist tal-art*".

4.8.3. *Sejbiet tal-investigazzjoni*

(837) Il-GTID ipprovda art għal remunerazzjoni anqas minn adegwata lil IMIP, u għalhekk lill-kumpaniji relatati ma' IMIP tal-Grupp IRNC, bħala parti mill-kooperazzjoni bilaterali mal-GTĊ. Il-ftehim bejn il-GTID u l-GTĊ iddependa fuq l-Indoneżja u qabel li jistabbilixxi Art Industrijali speċjali fil-Park ta' Morowali u tagħti l-ġestjoni lil IMIP (ara l-premessi (560) et seq.). Fost it-termini tal-ftehim bejn il-gvernijiet, il-GTID jiffaċilita x-xiri u l-akkwist tal-art għall-produtturi esportaturi stabbiliti fil-Park ta' Morowali, f'konformità, jiġifieri, mad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Marzu 2015 u mar-Regolament Nru 142 tal-2015.

([212]) Il-Ministeru tal-Industrija tal-Indoneżja, *Industry Facts and Figures*, 2017, pp. 34-35, https://kemenperin.go.id/majalah/11/facts-and-figures-industri-indonesia

(838) L-investigazzjoni sabet li l-GTID beda jiffaċilita l-art neċessarja għal IMIP mill-2013. L-art inkwistjoni kienet il-proprjetà tal-Istat Indoneżjan. IMIP qablet mal-awtoritajiet lokali, u bl-assistenza tal-awtoritajiet distrettwali ta' Bahodopi, fuq pagament medju wieħed għal kull metru kwadru, bħala kumpens, għall-individwi li kienu qegħdin jużaw l-art dak iż-żmien.

(839) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-inkwilini fil-Park ta' Morowali, inkluż il-Grupp IRNC, setgħu jibdew jibnu l-impjanti tagħhom qabel ma fil-fatt kisbu ċ-ċertifikat legali għad-dritt tal-użu tal-bini minħabba li IMIP kienet ikkunsidrata mill-GTID bħala Proġett Strateġiku Nazzjonali ([213]). Għal xi rqajja', kien disponibbli ċertifikat legali matul il-PI, u kien jikkorrispondi għal dritt sħiħ ta' sjieda jew għal HGB. Ir-rikonoxximent ta' IMIP bħala Proġett Strateġiku Nazzjonali pprovda assigurazzjoni legali formali lill-Grupp IRNC li seta' jibda jibni fuq l-art riċevuta anki qabel ma kiseb titolu definittiv għall-art. Barra minn hekk, huwa ġeneralment rikonoxxut li huwa riskjuż li tinxtara l-art fl-Indoneżja minħabba d-diffikultajiet fil-kisba u fit-turija tat-titolu tas-sjieda. It-tneħħija ta' dan ir-riskju tagħti vantaġġ deċiżiv lil investiment previst.

(840) Il-GTID allega li t-trasferiment tal-art lil IMIP kien tranżazzjoni bejn partijiet privati. Dan huwa żbaljat. Fil-fatt, il-GTID kien sid l-art. Il-fatt li kien hemm abitanti tal-villaġġ li kienu qegħdin jokkupaw l-art u li IMIP ħallset il-kumpens miftiehem lill-abitanti tal-villaġġ sabiex tixtri l-art ma jagħmilx tranżazzjoni bħal din tranżazzjoni bejn żewġ partijiet privati.

(841) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTID ipprovda kontribuzzjoni finanzjarja direttament lil IMIP fil-forma ta' provvista ta' art tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 3.1(a)(iii) tar-Regolament bażiku.

4.8.4. *Benefiċċju*

(842) Din il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħti vantaġġ minħabba li IMIP sempliċiment ħallset kumpens miftiehem minn qabel mal-uffiċjali lokali u distrettwali tal-GTID għaċ-ċessjoni tal-okkupazzjoni tal-art, li ma kienx relatat mal-valur attwali tal-art jew ma' kwalunkwe kunsiderazzjoni tas-suq. Is-sid attwali tad-drittijiet għall-art, jiġifieri l-GTID, qatt ma talab xejn lil IMIP għall-valur attwali tal-art. Lanqas ma kien hemm dokument li juri li l-art ġiet evalwata kif xieraq. Fil-fatt, hemm evidenza fil-fajl li l-ammont għall-kumpens imħallas lill-abitanti tal-villaġġ ma kienx relatat mal-valur attwali tas-suq tal-art u l-potenzjal tagħha li tintuża bħala art industrijali.

4.8.5. *Speċifiċità*

(843) B'mod simili għall-finanzjament preferenzjali, din l-iskema hija kemm speċifika għas-settur kif ukoll għar-reġjun għall-istess raġunijiet legali.

4.8.6. *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(844) Sabiex tkejjel il-vantaġġ riċevut mill-produttur esportatur, il-Kummissjoni rrikorriet għal parametru referenzjarju fil-pajjiż għall-art. L-aktar approċċ xieraq f'dan l-istadju kien li jitqabbel il-valur tal-art żviluppata lesta għall-bini ta' impjant. Madankollu, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkunsidra l-kumpens mogħti bħala komparabbli mal-prezzijiet imħallsin għat-tranżazzjonijiet tal-art fis-suq. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset biss il-kostijiet tal-iżvilupp imġarrbin minn IMIP sabiex tittrasforma l-art mixtrija bħala foresta u pjantaġġun f'art lesta għall-użu industrijali. Il-Kummissjoni qabblet dawn il-kostijiet ma' rapport ta' evalwazzjoni indipendenti għall-art industrijali mħejji għal Jindal Indonesia. Jindal Indonesia tinsab fir-Reġġenza ta' Gresik fil-provinċja ta' Java tal-Lvant u r-rapport ta' evalwazzjoni, imħejji kull ftit snin għal skopijiet kontabilistiċi u fuq talba tal-banek mutwanti, ivvaluta l-valur tal-HGBs miżmumin minn Jindal Indonesia, fost l-oħrajn permezz ta' tqabbil mal-prezzijiet fit-tranżazzjonijiet li jikkonċernaw l-HGBs fuq art żviluppata fiż-żona. Ir-Reġġenza ta' Gresik fil-Lvant ta' Java hija żona komparabbli mar-Reġġenza ta' Morowali fis-Sulawesi Ċentrali minħabba li għandha PDG simili, minħabba l-preżenza ta' park industrijali u minħabba li t-tnejn li huma jinsabu 'l bogħod mill-belt kapitali, Jakarta, li l-prezzijiet tal-art tagħhom huma ferm differenti mill-bqija tal-pajjiż. Barra minn hekk, il-valur fir-rapport ta' evalwazzjoni ta' Jindal Indonesia huwa stima konservattiva, peress li jikkonċerna biss l-HGBs, filwaqt li, kif imsemmi, il-Grupp IRNC akkwista minn IMIP HGBs b'mod varjat u drittijiet ta' sjieda sħiħa, b'valur ogħla meta mqabbel mal-HGBs, fuq irqajja' art differenti.

([213]) L-Artikoli 38.4, 39.1(d) tar-Regolament 142 tal-2015 dwar l-Artijiet Industrijali.

(845) L-ewwel nett, fil-kalkolu, il-valur tar-rapport ta' evalwazzjoni kien jirreferi għall-2020. Għalhekk, ġie aġġustat mill-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur (CPI) sabiex jinkiseb il-valur f'kull sena li fiha kull kumpanija mill-Grupp IRNC xtrat roqgħa art. L-ammont ta' benefiċċju ġie stabbilit billi tnaqqas il-kumpens imħallas minn IMIP mill-benefiċċju li nstab.

(846) Imbagħad, il-kostijiet għall-iżvilupp tal-art ta' IMIP għal kull metru kwadru tqabblu mal-valur tar-rapport ta' evalwazzjoni aġġustat għas-sena korrispondenti sabiex jinkiseb il-benefiċċju għal kull metru kwadru. Imbagħad, din iċ-ċifra ġiet immoltiplikata bl-erja tal-art li kull waħda mill-kumpaniji fil-Grupp IRNC kienet fil-fatt qiegħda tuża, sabiex jiġi allokat il-benefiċċju totali għall-grupp għal kull waħda mill-kumpaniji fil-grupp.

(847) Wara dan, il-benefiċċju tqassam tul il-PI billi ntużat il-ħajja ekonomika utli tal-art, jiġifieri 30 sena. Din tikkorrispondi għad-durata tal-HGBs fl-Indoneżja. Il-benefiċċju totali riċevut ġie allokat fuq il-bażi tal-użu attwali għal kull metru kwadru minn kull kumpanija tal-Grupp IRNC fil-Park ta' Morowali.

(848) Il-Grupp IRNC biss ibbenefika minn din l-iskema ta' sussidju. Ma nstab l-ebda benefiċċju għal Jindal Stainless Indonesia, peress li kienet akkwistat impjant diġà eżistenti meta bdiet topera.

(849) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' dan is-sussidju matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-Grupp IRNC ammontat għal:

Il-provvista tal-art għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

L-isem tal-kumpanija	Rata ta' sussidju
Grupp IRNC	0,83 %

4.8.7. *Kummenti dwar id-divulgazzjoni finali*

(850) Il-GTID u l-Grupp IRNC affermaw li l-Kummissjoni ma ppreżentatx evidenza li l-art kienet proprjetà tal-Istat Indoneżjan u fakkru li l-art kienet inxtrat mingħand individwi privati. Il-GTID iċċara li dan ġie ċċertifikat mill-gvern reġjonali peress li l-art ma kinitx irreġistrata b'att dwar l-art, iżda dan ma jfissirx li x-xiri kien miftiehem mal-awtoritajiet lokali. Il-GTID asserixxa li l-Istat huwa responsabbli biss għall-amministrazzjoni tad-drittijiet ta' sjieda tal-art, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tat-trasferiment tas-sjieda, sakemm l-art tiġi rreġistrata. Din iċ-ċertifikazzjoni hija biss għal skopijiet ta' amministrazzjoni tal-artijiet. Iż-żewġ partijiet affermaw ukoll li l-prezz ġie stabbilit u miftiehem bejn IMIP u s-sidien privati tal-art, u l-GTID żied li t-tranżazzjoni inkwistjoni għandha titqies bħala tranżazzjoni ta' bejgħ u ta' xiri, mhux kumpens.

(851) B'reazzjoni għal dan, il-Kummissjoni osservat li l-art tat-territorju fejn kienet stabbilita IMIP hija Art tal-Istat ("Tanah Negara") bl-istatus ta' dik li qabel kienet l-art ta' *Swapraja*. Dan it-terminu jirreferi għal art li, qabel l-indipendenza tal-Indoneżja, kienet tappartjeni għal slaten jew għal renji lokali li kienu jibbenefikaw minn ċertu grad ta' awtogovernanza. Wara l-indipendenza, dawn iż-żoni u l-komunitajiet konswetudinarji li jgħixu hemmhekk xorta żammew ċertu grad ta' semiawtonomija.

(852) Il-Liġi Agrarjana Bażika, promulgata fl-1960, stabbiliet li l-art ta' *Swapraja* setgħet tiġi kkonvertita f'art privata sal-1980. In-nuqqas li din tiġi kkonvertita f'art privata rriżulta, wara l-1980, fil-kisba mill-GTID li jamministra u jimmaniġġja dik li qabel kienet l-art ta' *Swapraja*, u b'hekk saret effettivament art tal-Istat. Peress li l-komunitajiet konswetudinarji ma humiex obbligati jirreġistraw l-art, din il-bidla fl-istatus tal-art wasslet għal żoni kbar tal-pajjiż fejn l-irqajja' ta' art ma humiex reġistrati. In-nuqqas ta' reġistrazzjoni jimplika li l-membri tal-komunitajiet konswetudinarji li jgħixu ma jkollhom l-ebda ċertifikat sabiex jagħtu prova tad-drittijiet tagħhom fuq l-art fejn jgħixu. Din is-sitwazzjoni ma tipprevjenix lill-membri tal-komunitajiet konswetudinarji milli juru l-użu konswetudinarju tagħhom ta' roqgħa art.

(853) Madankollu, id-drittijiet tal-komunitajiet konswetudinarji, anki meta rikonoxxuti, għadhom jeżistu flimkien mad-dritt ta' amministrazzjoni u ta' ġestjoni tal-GTID fuq dik li qabel kienet l-art ta' Swapraja. Fil-fatt, l-art ittrasferita lil IMIP kienet immarkata b'mod ċar bħala Art tal-Istat (Tanah Negara). Tabilħaqq, l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja Nru 24 tal-1997 dwar ir-reġistrazzjoni tal-artijiet jiddikjara b'mod ċar: "*Art tal-Istat (tanah negara) jew art* **direttament ikkontrollata** *mill-Istat hija art li* **ma hijiex** *proprjetà taħt ċertu dritt għal art.*"

(854) B'konsegwenza ta' dan, il-membri tal-komunitajiet konswetudinarji jistgħu jirrinunzjaw għall-użu konswetudinarju tagħhom tal-art u jiġu kkumpensati għalih, iżda huwa l-GTID li jżomm id-dritt li fil-fatt ibigħ/jittrasferixxi l-art. Għalhekk, il-GTID kellu jagħti l-kunsens tiegħu għat-tranżazzjoni.

(855) Barra minn hekk, l-Artikolu 43 tal-Liġi Agrarja tal-1960 jistipula li: "*Sa fejn jikkonċerna art direttament ikkontrollata mill-Istat, id-dritt tal-użu jista' jiġi ttrasferit biss lil parti oħra bil-permess tal-uffiċjal awtorizzat*". Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li kien f'idejn il-GTID li jiddeċiedi jekk l-art kinitx se tiġi ttrasferita lil IMIP jew le.

(856) Fil-kuntest tal-istabbiliment ta' IMIP, il-GTID intervjena b'mod attiv f'diversi modi sabiex jakkwista l-art għal IMIP f'konformità mal-Artikolu 48(1) u 45(1) tar-Regolament 142 tal-2015.

(857) L-ewwel nett, il-GTID emenda l-ippjanar tal-ispazju taż-Żona ta' Morowali, u biddel l-iskop tal-art minn raba' għal art industrijali, b'mod aktar speċifiku marbuta ma' proġett tan-nikil. Fil-fatt, l-Artikolu 28 tar-Regolament tar-Reġġenza ta' Morowali Nru 10 tal-2012 iddeżinja d-distrett ta' Bahodopi, jiġifieri l-entità ta' sub-Reġġenza fejn tinsab IMIP, bħala żona ta' estrazzjoni tan-nikil. Barra minn hekk, l-Artikolu 29 tal-istess Regolament tar-Reġġenza ta' Morowali ddeżinja d-distrett ta' Bahodopi wkoll bħala Żona Industrijali "bbażata fuq il-materja prima tal-estrazzjoni minerarja". B'mod aktar ġenerali, ir-Reġġenza ta' Morowali identifikat "żona industrijali kbira fid-Distrett ta' Bahodopi" bħala "żona strateġika tar-Reġġenza mill-perspettiva tal-użu tar-riżorsi naturali" (l-Artikolu 37). Fl-aħħar nett, l-Artikolu 9 tal-istess Regolament tar-Reġġenza ta' Morowali identifika d-distrett ta' Bahodopi bħala ż-żona fejn jinsab terminal tal-port speċjali tal-estrazzjoni minerarja. Din il-bidla fl-użu ħalliet lir-raħħala mingħajr għażla ħlief li jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jokkupaw u jużaw l-art tagħhom peress li ma setgħux jibqgħu jużawha għal attivitajiet relatati mal-biedja.

(858) It-tieni, IMIP ikkuntattjat lill-awtoritajiet lokali fiż-żona, jiġifieri lis-sindki tal-irħula li jinsabu fiż-żona, u qablet magħhom dwar kumpens li għandu jingħata lin-nies li l-kapijiet tal-irħula identifikaw bħala okkupanti tal-irqajja' art fiż-żona. F'dan il-proċess, iridu jiġu enfasizzati tliet elementi: (i) IMIP qabel dwar il-kumpens mal-kapijiet tal-irħula anki bl-assistenza ta' uffiċjali tal-GTID tad-distrett ta' Bahodopi, minħabba li l-kuntratti juru li aktar tard raw it-tranżazzjoni u ċċertifikaw l-użu u d-dritt konsegwenti għal kumpens tar-raħħala; (ii) l-irqajja' art li l-okkupanti tagħhom ġew identifikati mill-kapijiet tal-irħula għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess erja (bejn wieħed u ieħor 20 000 metru kwadru kull waħda); u (iii) il-kumpensi fil-kuntratti huma fil-fatt prezz medju wieħed għal kull metru kwadru u ma humiex iddefiniti bil-kelma Indoneżjana għal "prezz" (*Harga*), iżda bil-kelma Indoneżjana għal "kumpens" (*Ganti rugi*).

(859) L-evidenza wriet li l-proċess tax-xiri tal-art imwettaq minn IMIP kien fil-fatt proċess li fih l-Istat ipprovda l-art lil IMIP mingħajr ebda kumpens, biss bir-rekwiżit li thallas il-kumpens miftiehem lir-raħħala. IMIP qablet mal-awtoritajiet lokali, u bl-assistenza tal-awtoritajiet distrettwali ta' Bahodopi, fuq kumpens medju wieħed għal kull metru kwadru għall-individwi li kienu s-sidien tal-art. Id-dritt għal kumpens ġie rrikonoxxut mill-awtorità lokali u distrettwali permezz tar-rikonoxximent tal-użu kontinwu tal-art, fin-nuqqas ta' titolu formali.

(860) Fuq din il-bażi, l-affermazzjonijiet tal-GTID u ta' IRNC huma miċħudin.

(861) Il-GTID u l-Grupp IRNC affermaw ukoll li l-parametru referenzjarju użat kien jirreferi għal art żviluppata, filwaqt li l-art akkwistata minn IMIP kienet tikkonsisti f'foresti u fi pjantaġġuni.

(862) Tabilħaqq, il-Kummissjoni użat parametru referenzjarju għall-art żviluppata. Madankollu, min-naħa ta' IMIP, il-Kummissjoni inkludiet fil-kalkolu l-kost oriġinali tal-art flimkien mal-kostijiet tal-iżvilupp għal din l-art, kif irrapportati minn IMIP stess. Għalhekk, il-Kummissjoni qabblet il-kost tal-art żviluppata għal IMIP mal-kost disponibbli pubblikament tal-art żviluppata. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(863) Fl-aħħar nett, il-Grupp IRNC ikkontesta l-aġġustament għall-parametru referenzjarju bbażat fuq is-CPI, peress li l-art hija oġġett kapitali, u mhux oġġett tal-konsum, u għalhekk is-CPI ma jinkludix il-prezzijiet tal-art.

(864) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din id-dikjarazzjoni. Is-CPI huwa indikazzjoni tajba tal-inflazzjoni ġenerali tal-prezzijiet fl-ekonomija kollha kemm hi, inkluż fir-rigward tal-prezzijiet tal-art. Tabilħaqq, is-CPI jinkludi, fost fatturi oħrajn, il-prezzijiet tal-kiri, li jipprovdu indikazzjoni tajba tal-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-art u tal-proprjetà immobbli. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4.9. **Il-provvista ta' ruttam tal-azzar inossidabbli għal remunerazzjoni anqas minn adegwata**

(865) L-investigazzjoni ddeterminat li l-produtturi esportaturi ma xtrawx ruttam tal-azzar inossidabbli. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm bżonn li din l-iskema tiġi investigata aktar.

4.10. **Il-forniment ta' elettriku għal remunerazzjoni anqas minn adegwata**

(866) L-investigazzjoni żvelat li produttur esportatur wieħed kien jiġġenera huwa stess il-ħtiġijiet tal-elettriku tiegħu u l-ieħor kien qed jixtrih bil-prezzijiet tas-suq. Għalhekk, ma ġie pprovdut l-ebda sussidju relatat mal-provvista tal-enerġija lilhom u ma kien hemm l-ebda sussidjar kumpensabbli tal-provvista tal-enerġija.

4.11. **Il-provvista tal-gass għal remunerazzjoni anqas minn adegwata**

(867) L-investigazzjoni żvelat li produttur esportatur wieħed ma kienx jixtri gass filwaqt li l-ieħor kien qiegħed jixtri l-gass bil-prezzijiet tas-suq. Għalhekk, ma ġie pprovdut l-ebda sussidju relatat mal-provvista tal-enerġija lilhom u ma kien hemm l-ebda sussidjar kumpensabbli tal-provvista tal-enerġija.

4.12. **Dħul mitluf jew mhux miġbur tal-gvern li normalment kien ikun dovut**

4.12.1. *Eżenzjoni temporanja mit-taxxa fuq l-introjtu*

(868) L-Ilmentatur isostni li l-GTID jipprovdi eżenzjonijiet temporanji mit-taxxa lill-kontribwenti korporattivi li jwettqu investiment fl-ħekk imsejħin "industriji pijunieri". L-ilmentatur jargumenta li r-regolament rispettiv jiddefinixxi "industriji pijunieri" bħala "industriji kkaratterizzati minn konnettività kbira, mill-ħolqien ta' valur miżjud u minn esternalità għolja, mill-introduzzjoni ta' teknoloġija ġdida, u minn valur strateġiku għall-ekonomija nazzjonali". Fost setturi oħrajn, dawk l-"industriji pijunieri" jinkludu l-industriji tal-metal komuni tal-azzar u mhux tal-azzar.

(a) *Bażi ġuridika*

(869) Il-bażi ġuridika għal dan il-programm hija r-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi Numru 150/PMK.010/2018 (MOF 150/2018) rigward l-amministrazzjoni tal-Faċilità għat-Tnaqqis tat-Taxxa Korporattiva. Fl-2020, il-programm iġġedded bl-MOF Nru 130/2020.

(b) *Sejbiet tal-investigazzjoni*

(870) Il-Kummissjoni sabet li fid-9 ta' Awwissu 2019, IRNC irċiviet benefiċċju ta' faċilità tat-taxxa mid-Direttorat Ġenerali tat-Tassazzjoni, li jippermetti tnaqqis ta' 100 % fl-introjtu taxxabbli nett għall-prodott tal-ferronikil għal 7 snin u ta' 50 % għas-sentejn (2) segwenti.

(871) Il-partijiet l-oħrajn tal-grupp IRNC li għandhom impjant tal-ferronikil ma għamlux użu minn din l-iskema.

(872) IRNC spjegat li dan il-programm kien applikabbli għal wieħed biss mill-impjanti tagħha, jiġifieri l-impjant tal-ferronikil. IRNC issottomettiet id-Deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxi NUMRU KEP-161/PJ/2020 dwar id-determinazzjoni fuq l-użu tal-faċilità għat-tnaqqis tat-taxxa korporattiva għall-impjant tal-ferronikil tagħha.

(873) Din l-iskema hija disponibbli għall-kontribwenti korporattivi li jagħmlu investimenti ġodda fl-"industriji pijunieri". Skont l-Artikolu 1 tal-MOF 150/2018, l-"industriji pijunieri" huma industriji kkaratterizzati minn konnettività kbira, mill-ħolqien ta' valur miżjud u minn esternalità għolja, mill-introduzzjoni ta' teknoloġija ġdida, u minn valur strateġiku għall-ekonomija nazzjonali. Skont l-MOF 150/2018 l-Industriji Pijunieri jinkludu, fost affarijiet oħrajn, l-industrija upstream tal-metall komuni: (i) tal-azzar; jew (ii) mhux tal-azzar, bil-faċilitajiet tal-proċessar tal-prodotti derivattivi integrati tiegħu jew mingħajrhom.

(874) Sabiex jibbenefikaw mit-tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu tagħhom, il-kontribwenti jeħtiġilhom: (1) ikollhom l-istatus ta' entità legali Indoneżjana; (2) jagħmlu investiment li jkun investiment ġdid u li ma jkunx ingħata/ma jkunx ġie rrifjutat milli jirċievi tnaqqis tas-CIT; (3) l-investiment irid isir f'industrija li tikkwalifika bħala "industrija pijuniera"; (4) l-investiment il-ġdid ikun ta' minimu ta' IDR 100 biljun; u (5) il-kontribwent jissodisfa l-proporzjon ta' dejn-ekwità stabbilit fir-regolament.

(c) *Konklużjoni*

(875) Il-Kummissjoni qieset li din l-iskema hija sussidju skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTID li tagħti benefiċċju lill-kumpanija konċernata. Il-benefiċċju għar-riċevituri huwa ugwali għall-iffrankar tat-taxxa.

(876) L-iskema hija speċifika minħabba li hija disponibbli biss għal ċerti kumpaniji attivi f'ċerti setturi li huma kkwalifikati bħala "industriji pijunieri" f'konformità mal-Artikoli 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

(d) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(877) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli ġie kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn it-taxxi fuq l-introjtu pagabbli fin-nuqqas tal-faċilità għat-tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu u t-taxxi fuq l-introjtu mħallsin fil-PI.

(878) Ir-rata ta' sussidju stabbilita għal din l-iskema speċifika kien jammonta għal 1,65 % għall-Grupp IRNC.

4.12.2. *Faċilità tal-provvediment għat-taxxa fuq l-introjtu*

(879) L-Ilmentatur afferma li din l-iskema tagħti faċilitajiet tat-taxxa fuq l-introjtu għall-investimenti f'ċerti oqsma kummerċjali u/jew f'ċertu reġjun sabiex jiżdiedu l-investimenti diretti barranin u domestiċi fl-Indoneżja.

(a) *Bażi ġuridika*

(880) L-iskema hija bbażata fuq ir-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi Numru 89/PMK.010/2015 ([214]) dwar il-proċeduri għall-għoti ta' faċilitajiet tat-taxxa fuq l-introjtu għall-investiment f'ċerti oqsma tan-negozju u/jew f'ċerti reġjuni u t-trasferiment ta' assi u ta' sanzjonijiet fuq il-kontribwenti domestiċi mogħtijin faċilitajiet tat-taxxa fuq l-introjtu.

(b) *Sejbiet tal-investigazzjoni*

(881) Sabiex jibbenefikaw mill-iskema, il-benefiċjarji jeħtiġilhom jissottomettu pjan ta' investiment li jinkludi d-dettalji tal-investiment u l-ammont totali tal-investiment, soġġett għall-approvazzjoni u għall-monitoraġġ mill-GID.

(882) L-investigazzjoni żvelat li SMI, kumpanija relatata ma' IRNC li tipprovdi materja prima lil IRNC għall-manifattura tal-SSCR, ibbenefikat minn din l-iskema. Fl-24 ta' Lulju 2017, SMI kisbet provvediment tat-taxxa għal faċilità għal investiment kapitali speċifiku u/jew għal żona speċifika bbażata fuq l-Ittra ta' Deċiżjoni Nru 170/KM.3/2017 tal-Ministru tal-Finanzi għall-bejgħ tal-azzar inossidabbli, peress li l-Kumpanija kienet tipproduċi azzar inossidabbli kummerċjalment fil-31 ta' Awwissu 2018. Fuq il-bażi ta' dik l-ittra, il-Kumpanija hija eliġibbli, fost l-oħrajn: (a) a. sabiex tikseb tnaqqis ta' 30 % tal-introjtu taxxabbli nett mill-investiment f'assi tanġibbli inkluża l-art li tintuża għan-negozju ewlieni tal-Kumpanija u imposta għal 6 snin ta' 5 % fis-sena kkalkolata minn meta l-Kumpanija bdiet il-produzzjoni kummerċjali tagħha u (b) tagħmel deprezzament aċċellerat fuq assi tanġibbli miksub fir-rigward ta' investiment kapitali ġdid u/jew ta' espansjoni b'ħajja utli u b'tariffa ta' deprezzament.

(c) *Konklużjoni*

(883) Il-Kummissjoni qieset li din l-iskema hija sussidju skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTID li tagħti benefiċċju lill-kumpanija konċernata. Il-benefiċċju għar-riċevituri huwa ugwali għall-iffrankar tat-taxxa.

(884) Għalhekk, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li din l-iskema tagħti benefiċċju lill-produttur esportatur peress li tpoġġih f'qagħda finanzjarja aħjar milli kien ikun fiha fin-nuqqas tal-iskema. Fil-fatt, fin-nuqqas tal-iskema, kien iħallas taxxa addizzjonali fuq l-introjtu.

([214]) https://www.kemenkeu.go.id/media/6702/regulation-of-minister-of-finance-of-the-republic-of-indonesia-number-89-pmk010-2015.pdf

(885) L-iskema hija speċifika minħabba li hija disponibbli biss għal ċerti kumpaniji skont l-attivitajiet kummerċjali tagħhom f'konformità mal-Artikoli 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

(d) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(886) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli ġie kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn it-taxxi fuq l-introjtu pagabbli fin-nuqqas tal-faċilità għat-tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu u t-taxxi fuq l-introjtu mħallsin fil-PI.

(887) Ir-rata ta' sussidju stabbilita għal din l-iskema speċifika kien jammonta għal 0,06 % għall-Grupp IRNC.

4.12.3. *Eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-makkinarju*

4.12.3.1. Għall-kostruzzjoni tal-faċilitajiet ta' produzzjoni

(888) Dan il-programm jipprovdi eżenzjoni mit-tariffi tal-importazzjoni għall-importazzjonijiet ta' makkinarju u ta' tagħmir użati fil-kostruzzjoni tal-faċilitajiet ta' produzzjoni.

(a) *Bażi ġuridika*

(889) Ir-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi 176/PMK.011/2009 dwar l-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni għal importazzjonijiet ta' magni, ta' oġġetti u ta' materjali għall-istabbiliment jew għall-iżvilupp tal-industrija fil-qafas tal-investiment kif emendat bir-Regolament tal-MOF Numru 76/PMK.011/2012 u bir-Regolament tal-MOF Numru 188/PMK.010/2015.

(890) Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament 176/2009, l-eżenzjoni tista' tingħata għax-xiri ta' magni, ta' oġġetti u ta' materjali li: ma humiex prodotti domestikament; ma humiex prodotti domestikament iżda ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa; jew huma prodotti domestikament iżda f'numru insuffiċjenti.

(b) *Sejbiet tal-investigazzjoni*

(891) L-investigazzjoni żvelat li IRNC u l-erba' kumpaniji relatati (GCNS, ITSS, SMI u ITS) ibbenefikaw mill-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-importazzjonijiet ta' makkinarju matul il-fażi tal-kostruzzjoni tal-impjanti sakemm bdew il-produzzjoni. Konsegwentement, id-dazji fuq l-importazzjoni ma tħallsux għall-magni importati matul il-perjodi ta' kostruzzjoni rispettivi ta' dawn l-impjanti.

(892) Sabiex tibbenefika minn din l-eżenzjoni, il-kumpanija kienet meħtieġa tikseb ittra ta' konferma mill-awtorità lokali responsabbli għall-proġett, li jeħtieġ li tiġi sottomessa lill-awtorità doganali lokali.

(893) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament 176/2009, il-benefiċċju huwa disponibbli biss għal kumpaniji li jipproduċu oġġetti, jew servizzi f'ċerti setturi. Għall-industriji li jipproduċu s-servizzi, is-setturi huma: it-turiżmu u l-kultura, it-trasport, is-saħħa pubblika, l-estrazzjoni minerarja, il-kostruzzjoni, it-telekomunikazzjoni.

(894) L-iskema għandha l-għan li tiffaċilita l-importazzjoni ta' oġġetti, u b'mod partikolari magni li ma jkunux disponibbli domestikament. Kif spjegat fil-Pjan Direttur għall-Aċċellerazzjoni u għall-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indoneżja 2011-2025 ("MP3EI"), li għandu l-għan li jimplimenta l-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali fit-Tul tal-2005-2025, il-punti ewlenin għall-għanijiet ta' żvilupp tal-pajjiż għall-2025 jinkludu dawn li ġejjin: 1) "*iż-żieda taż-żieda fil-valur u tal-espansjoni tal-katina tal-valur għall-proċessi tal-produzzjoni industrijali [u] iż-żieda fil-kapaċità tal-industrija li taċċessa u tuża r-riżorsi naturali*", u 3) "*li tingħata spinta għat-tisħiħ tas-sistema nazzjonali tal-innovazzjoni fl-oqsma tal-proċess tal-produzzjoni, [u] […] lejn ekonomija xprunata mill-innovazzjoni*" ([215]).

([215]) Il-Pjan Direttur għall-Aċċellerazzjoni u għall-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indoneżja għall-2011-2025 ("MP3EI"), il-paġna 15.

(895) Il-Pjan Direttur jinnota wkoll li, fir-rigward tal-isfidi tal-pajjiż, "*l-istruttura ekonomika kurrenti tal-Indonezja hija primarjament iffokata fuq l-agrikoltura u fuq l-industriji li jestrattaw u jaħsdu r-riżorsi naturali. Hemm biss ftit industriji li jiffokaw fuq prodotti b'valur miżjud*" ([216]). Skont il-Pjan, "*it-trawwim tat-tkabbir ekonomiku fl-Indonezja se jiddependi fuq il-parteċipazzjoni tas-settur privat li jinkludi intrapriżi tal-Istat, u investituri domestiċi u barranin privati*" ([217]).

(896) Is-settur tal-azzar huwa wieħed mitt-22 attività ekonomika ewlenija li jikkomponu t-8 programmi ewlenin li huma stabbiliti sabiex jappoġġaw l-aċċellerazzjoni u l-espansjoni tal-iżvilupp ekonomiku fl-Indonezja ([218]). Barra minn hekk, il-Pjan jispjega li huwa kruċjali għall-pajjiż li jiżviluppa aktar il-manifattura downstream. Skont il-Pjan, "*mingħajr aktar attivitajiet downstream, l-Indonezja se titlef l-opportunità li żżid l-impjiegi u l-marġnijiet tal-profitt fil-katina tal-valur minħabba n-nuqqas ta' industriji ta' proċessar downstream tal-minerali tal-ħadid u tar-ramel tal-ħadid*" ([219]).

(897) F'dan l-isfond, jenħtieġ li l-iskema ta' eżenzjoni mid-dazju titqies immirata lejn ċerti setturi tal-ekonomija minħabba li l-kundizzjonijiet tagħha jfittxu li jipprovdu appoġġ lil numru magħżul ta' industriji, f'konformità mal-għan li jinkiseb valur miżjud addizzjonali mir-riżorsi naturali. B'mod partikolari, l-effett kombinat tar-rekwiżiti tal-istabbiliment ta' impjant ġdid, flimkien man-nuqqas ta' disponibbiltà domestika tal-magna importata, jagħmlu l-iskema applikabbli biss għal ċerti setturi, bħall-produzzjoni tal-azzar u t-trasformazzjoni tan-nikil, li fihom il-politika tal-gvern qiegħda tfittex li tħeġġeġ trasformazzjoni downstream addizzjonali tar-riżorsi naturali.

(898) Għalhekk, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti legali msemmijin hawn fuq, li jagħmluha disponibbli biss għall-kumpaniji tal-manifattura jew għall-kumpaniji li jipprovdu servizzi f'ċerti setturi magħżulin, l-iskema għandha titqies speċifika f'konformità mal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

(899) Anke meta wieħed iqis li l-kundizzjonijiet legali għall-eliġibbiltà skont l-iskema ta' eżenzjoni mid-dazju jistgħu jissuġġerixxu d-dehra ta' skema ta' applikazzjoni ġenerali, l-iskema xorta titqies *de facto* speċifika f'konformità mal-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament bażiku minħabba li, kif spjegat aktar 'il fuq, l-iskema hija mfassla sabiex tkun fil-prattika disponibbli biss għal numru magħżul u limitat ta' intrapriżi, li huma attivi f'ċerti setturi industrijali f'konformità mal-objettivi msemmijin aktar 'il fuq tal-politika industrijali u ekonomika tal-Indonezja.

(c) *L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku*

(900) IRNC u l-kumpaniji relatati tagħha importaw it-tagħmir kollu minn kumpaniji relatati miċ-Ċina. Barra minn hekk, il-Grupp IRNC afferma li minħabba l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Indonezja u ċ-Ċina, ma kienx meħtieġ iħallas dazju fuq l-importazzjoni għal dan it-tagħmir. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda peress li ma kinitx issostanzjata.

(901) Tabilħaqq, l-investigazzjoni żvelat li l-kumpaniji relatati li minnhom il-Grupp IRNC importa t-tagħmir ma kinux il-manifatturi attwali tat-tagħmir. Il-kumpanija affermat li l-oriġini tat-tagħmir kienet iċ-Ċina; madankollu, hija naqset milli tissottometti xi evidenza f'dan ir-rigward. Filwaqt li kien ċar li t-tagħmir ġie kkonsenjat miċ-Ċina, IRNC irriflettat li tissottometti l-fatturi mill-pajjiż ta' oriġini attwali tat-tagħmir.

(902) Għalhekk, il-Kummissjoni informat lil Grupp IRNC li jista' jkollha tirrikorri għall-użu tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-iskema ta' sussidju inkwistjoni. Il-Grupp IRNC afferma li l-partijiet relatati Ċiniżi ma kinux fi ħdan l-ambitu tal-investigazzjoni peress li ma kinux fit-territorju u lanqas il-ġuriżdizzjoni tal-GTID u għalhekk ma kinux obbligati jipprovdu l-fatturi mill-manifattur oriġinali jew mill-pajjiż ta' oriġini. Barra minn hekk, ġie ddikjarat li l-prova tal-oriġini kienet il-fatt li fuq id-dikjarazzjoni Doganali, iċ-Ċina ġiet iddikjarata bħala l-oriġini tal-merkanzija.

([216]) Il-Pjan Direttur għall-Aċċellerazzjoni u għall-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indonezja għall-2011-2025 ("MP3EI"), il-paġna 19.

([217]) Il-Pjan Direttur għall-Aċċellerazzjoni u għall-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indonezja għall-2011-2025 ("MP3EI"), il-paġna 20.

([218]) Il-Pjan Direttur għall-Aċċellerazzjoni u għall-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indonezja għall-2011-2025 ("MP3EI"), il-paġna 22. In-nikil huwa inkluż f'din il-lista wkoll.

([219]) Il-Pjan Direttur għall-Aċċellerazzjoni u għall-Espansjoni tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Indonezja għall-2011-2025 ("MP3EI"), il-paġna 67.

(903) Matul l-RCC tal-GTID, il-GTID intalab jispjega kif l-oriġini tal-makkinarju importat mill-Grupp IRNC ġiet stabbilita fiż-żmien tal-importazzjoni. Il-GTID spjega li l-Grupp IRNC missu pprovda lill-Kummissjoni l-formola BC2.3 u bl-ittra formali li ddikjarat l-oriġini tat-tagħmir mill-pajjiż tal-oriġini u talab lill-Kummissjoni titlob lill-Grupp IRNC jissottometti t-tali informazzjoni.

(904) Il-Grupp IRNC ma ppreżenta l-ebda dokument li indika l-oriġini tat-tagħmir kif ukoll tal-ispare parts assoċjati ma' dan it-tagħmir minbarra d-Dikjarazzjoni Doganali. Għalhekk, fin-nuqqas tal-informazzjoni mitluba, il-Kummissjoni qieset li ma rċivietx informazzjoni kruċjali u neċessarja rilevanti għal dan l-aspett tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u bbażat fuq il-fatti disponibbli fir-rigward ta' dawn il-punti.

(d) *Konklużjoni*

(905) Għalhekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni fil-fajl li tindika li dan it-tagħmir tabilħaqq kien manifatturat fiċ-Ċina, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien applikabbli dazju fuq l-importazzjoni, jiġifieri 5 % fuq il-bażi tal-kodiċi SA tat-tagħmir.

(906) Dan il-programm jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTID skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) minħabba li l-Grupp IRNC huwa eżentat mill-ħlas tat-tariffi ta' importazzjoni li kieku kienu jkunu dovuti. Jagħti wkoll benefiċċju lill-kumpaniji benefiċjarji fis-sens tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

(907) Il-programm huwa speċifiku minħabba li l-industriji msemmijin fl-Anness tar-Regolament 176/2009 biss jistgħu jibbenefikaw minnu u l-oġġetti li ma jistgħux jiġu prodotti fl-Indoneżja jew li ma jistgħux jiġu prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti jew bi kwalità adegwata biss jistgħu jkunu eliġibbli għal dan il-programm.

(e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(908) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli jiġi kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarji, li jinstab li jeżisti matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Il-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju huwa meqjus li huwa l-ammont ta' VAT u ta' dazji eżentati fuq it-tagħmir importat. Sabiex jiġi żgurat li l-ammont kumpensabbli kopra biss il-perjodu ta' investigazzjoni, il-benefiċċju riċevut ġie ammortizzat fuq il-ħajja utli tat-tagħmir skont il-proċeduri kontabilistiċi normali tal-kumpanija.

(909) L-ammont ta' sussidju stabbilit għal din l-iskema speċifika kien ta' 0,16 % għall-Grupp IRNC.

4.12.3.2. Il-Bini/l-Iżvilupp tal-Industrija/tal-Industrija tas-Servizzi

(910) L-investigazzjoni żvelat li Jindal Indonesia setgħet possibilment tibbenefika minn eżenzjoni parzjali mid-dazji fuq l-importazzjoni skont id-Digriet tal-Ministru tal-Finanzi Nru 135/KMK.05/2000. L-Artikoli 2 u 3 tad-Digriet jispeċifikaw li jekk id-dazju fuq l-importazzjoni jkun ogħla minn 5 %, applikant li jintgħażel għall-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni jkollu jħallas biss dazju fuq l-importazzjoni ta' 5 %. Madankollu, jekk id-dazju fuq l-importazzjoni jkun anqas minn 5 %, dak id-dazju jibqa' applikabbli.

(911) L-investigazzjoni żvelat li tali benefiċċju potenzjali kien baxx ħafna (0,02 %). Fid-dawl tal-fatt li dan kien l-uniku programm li Jindal Indonesia bbenefikat minnu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u fid-dawl tal-benefiċċju potenzjali baxx, il-Kummissjoni ma investigatx aktar din l-iskema.

4.12.3.3. Żona Franka

(912) Iż-żoni franki huma ddefiniti bħala żoni fit-territorju doganali tal-Indoneżja fejn huwa sospiż id-dazju fuq l-importazzjoni għall-oġġetti importati. L-oġġetti importati jistgħu jkunu oġġetti kapitali, materja prima u materjal ta' sostenn.

(a) *Bażi ġuridika*

— Ir-Regolament tal-Ministeru tal-Finanzi 147/PML.04/2011 u emendat ulterjorment bir-Regolamenti tal-Ministeru tal-Finanzi 255/PPMK.04/2011 u 120/PMK.04/2013

— Ir-Regolament tal-Ministeru tal-Finanzi Nru 131 tal-2018, dwar iż-żoni franki

(b) *Sejbiet tal-investigazzjoni*

(913) L-investigazzjoni żvelat li IRNC u l-kumpaniji relatati tagħha (GCNS, ITSS, SMI u TSI) ilhom joperaw f'żona franka minn Settembru 2018 u użaw dan il-programm minn dak iż-żmien.

(914) Fi ħdan iż-Żona Franka, il-proċess tal-importazzjoni jiġi sospiż sakemm il-kumpaniji jbigħu l-oġġetti lesti fit-territorju tal-Indoneżja. IRNC u l-kumpaniji relatati tagħha jibbenefikaw minn sospensjoni sħiħa (100 %) mill-ħlas tad-dazji fuq l-importazzjoni pagabbli fuq oġġetti importati fiż-żona franka tagħhom (makkinarju, spare parts u materja prima) dment li dawk l-oġġetti (i) jintużaw fl-attivitajiet ta' produzzjoni sussegwenti ta' IRNC; u (ii) l-oġġetti finali prodotti minnhom ikunu destinati għas-suq tal-esportazzjoni.

(915) Jekk prodott jibqa' fiż-żona franka (bħal makkinarju) jew jiġi esportat direttament, id-dazju fuq l-importazzjoni qatt ma jkun dovut.

(916) F'konformità mal-Artikoli 3, 4, 16 u 20 tar-Regolament 131/2018, japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin: (1) li kumpanija tkun kumpanija Indoneżjana; (2) li tkun stabbilita f'żona industrijali franka fl-Indoneżja; (3) li twettaq attivitajiet ta' produzzjoni fiż-żona franka jew li tkun impjant tal-enerġija fiż-żona franka; (4) li timporta materja prima jew oġġetti (nofshom) lesti sabiex tipproċessahom aktar; (5) li tesporta l-oġġetti finali prodotti bl-oġġetti importati.

(917) Matul l-RCC, il-GTID spjega li ma kien hemm l-ebda żona predefinita tat-territorju tal-Indoneżja identifikata bħala żona franka, u minflok il-kumpaniji setgħu japplikaw u, jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata, il-bini tagħhom isir żona franka. Barra minn hekk, ġie ddikjarat li kien hemm madwar 1 300 żona franka. Il-GTID spjega li l-Park ta' Morowali ma kienx żona franka, peress li l-istatus ta' żona franka ma kienx jingħata lil park industrijali. Kull kumpanija li tinsab f'park industrijali trid tapplika separatament għall-istatus ta' żona franka. Barra minn hekk, ġie spjegat li sabiex isir użu minn dan il-programm, aktar minn 50 % tal-produzzjoni annwali totali trid tiġi esportata barra mill-Indoneżja.

(918) Il-Grupp IRNC huwa orjentat lejn l-esportazzjoni. Madankollu, volumi żgħar tal-prodotti kienu jinbiegħu fis-suq domestiku wkoll. L-investigazzjoni żvelat li l-kumpaniji kienu qegħdin iħallsu dazji fuq l-importazzjoni għal ċerta materja prima importata użata għall-manifattura ta' prodotti li kienu jinbiegħu fis-suq domestiku. Il-kumpaniji ssottomettew il-ħlas ta' dawn l-ammonti. Madankollu, il-kumpaniji ma kellhomx fis-seħħ sistema xierqa sabiex jivverifikaw il-korrettezza tal-kontenut tal-materja prima importata fil-valur tal-prodotti mibjugħin fis-suq domestiku. Pereżempju, IRNC issottomettiet fajl Excel għall-kalkolu tad-dazji doganali dovuti iżda ma setgħetx tispjega l-perċentwali ta' kull materja prima użata fil-proċess tal-manifattura. Ġie ddikjarat li kienu bbażati fuq il-kalkoli tagħha stess, u l-awtoritajiet doganali kellhom jiġġudikaw jekk il-kalkoli kinux jagħmlu sens. Barra minn hekk, il-GTID spjega li ma kienx hemm linji gwida għal dawn il-kalkoli.

(919) Barra minn hekk, il-kumpaniji relatati kienu qed ibigħu prodotti bejniethom li kienu jinkorporaw il-materja prima importata iżda ma rrapportawx lill-entità akkwirenti l-valur tad-dazji doganali.

(920) L-investigazzjoni żvelat ukoll li TSI ħallset id-dazji fuq l-importazzjoni għall-makkinarju importat użat għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. Matul l-RCC, il-GTID spjega li ż-żona franka hija marbuta mal-liċenzja tan-negozju industrijali u li l-kumpanija kellha żewġ liċenzji tan-negozju, waħda għall-attività tal-azzar tagħha, u l-oħra għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, biż-żona franka li kienet tapplika għall-ewwel waħda biss. Matul l-RCC, TSI uriet dokument li jindika l-konfini taż-żona franka u kkonfermat li kienet tapplika biss għal makkinarju importat għal ferronikil u mhux għall-ġenerazzjoni tal-enerġija.

(921) Ġie spjegat ukoll li din l-iskema kienet disponibbli biss għall-kumpaniji li importaw il-merkanzija fl-Indoneżja għal aktar proċessar. Għalhekk, sempliċi importaturi ma jistgħux japplikaw sabiex jiksbu status ta' żona franka.

(c) *Konklużjoni*

(922) Għalhekk, fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għoti tal-eżenzjoni msemmija hawn fuq huwa kompletament fid-diskrezzjoni tal-GTID.

(923) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-inputs mogħtija mill-iskema taż-żoni franki tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTID lill-produtturi esportaturi fil-forma ta' dħul mitluf.

(924) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-eżenzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni għall-inputs tammonta għal dħul mitluf jew mhux miġbur fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ii) tar-Regolament bażiku.

(925) Għalhekk, fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li din l-iskema tagħti benefiċċju lill-produtturi esportaturi peress li qegħdithom f'qagħda finanzjarja aħjar milli kienu jkunu fin-nuqqas tal-iskema.

(926) L-iskema hija speċifika għaliex hija disponibbli biss għal ċerti kumpaniji skont il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u l-lokalizzazzjoni tagħhom f'żoni ġeografiċi speċifiċi fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tal-awtorità awtorizzanti, f'konformità mal-Artikoli 4(2)(a) u 4(3) tar-Regolament bażiku.

(d) *Kummenti dwar id-divulgazzjoni finali*

(927) Il-Grupp IRNC afferma li jenħtieġ li l-ebda benefiċċju ma jiġi kkalkolat għall-inputs importati miċ-Ċina, mill-Awstralja u mill-Vjetnam minħabba l-eżistenza ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-Indonezja ma' dawn il-pajjiżi.

(928) Din l-affermazzjoni nstabet li kienet iġġustifikata għall-Awstralja u għall-Vjetnam, u għalhekk il-Kummissjoni rrevediet l-ammont ta' sussidjar tal-iskema ta' sussidju rispettiva. Madankollu, il-Kummissjoni ma aċċettatx l-affermazzjoni fir-rigward tal-ispare parts importati miċ-Ċina. Tabilħaqq, il-Kummissjoni nnotat li l-maġġoranza l-kbira tal-oġġetti importati miċ-Ċina kienu spare parts mixtrijin mingħand kumpaniji relatati. Kif enfasizzat fil-premessi (899) u (903), dawn l-ispare parts kienu jikkonċernaw makkinarju li l-Kummissjoni kkontestat l-oriġini tiegħu u li l-Kummissjoni kkonkludiet li kien applikabbli dazju fuq l-importazzjoni għalih, jiġifieri 5 % ibbażat fuq il-kodiċi SA tat-tagħmir. *Mutatis mutandis*, dan japplika wkoll għall-ispare parts li huma marbutin ma' dan it-tagħmir.

(929) Il-Grupp IRNC argumenta li l-iskema taż-żona franka hija sussidju għall-esportazzjoni, u, għalhekk, jenħtieġ li tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-fatturat mill-esportazzjoni, u sussegwentement titnaqqas mid-dazji tad-dumping u kumpensatorji kkombinati.

(930) Din l-affermazzjoni nstabet li hija ġġustifikata peress li hija relatata mal-materja prima, li tintuża fil-produzzjoni ta' oġġetti lesti esportati. Għalhekk, il-Kummissjoni reġgħet ikkalkolat il-marġni ta' sussidju rispettiv.

(e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(931) Il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn l-ammont tad-dazji fuq l-importazzjoni dovuti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u l-ammont attwali tad-dazji fuq l-importazzjoni mħallas matul il-perjodu ta' investigazzjoni. L-ammont ta' sussidju stabbilit għal din l-iskema speċifika għall-Grupp IRNC ammonta għal 0,28 % għall-ispare parts u għal 0,90 % għall-materja prima.

4.12.4. *L-eżenzjoni mill-VAT għall-makkinarju*

(932) L-Ilmentatur allega li l-produtturi esportaturi bbenefikaw mill-eżenzjoni mill-VAT għall-importazzjonijiet tal-makkinarju. L-investigazzjoni ddeterminat li l-amministrazzjoni tat-taxxa tal-Indonezja ħallset puntwalment ir-rifużjonijiet tal-VAT sottomessi mill-kumpaniji matul il-PI għall-ammont eċċess ta' VAT imħallas. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda sussidju kumpensabbli relatat ma' dawn l-eżenzjonijiet mill-VAT.

4.12.5. *Taxxa fuq l-art u fuq il-bini ("PBB") fuq l-industrija tal-estrazzjoni minerarja*

(933) L-ilmentatur allega li l-GTID naqqas il-valur taxxabbli tal-art u tal-bini li jappartjenu għall-industrija tal-estrazzjoni minerarja u għall-industrija downstream tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza ta' sussidjar għal dawn l-iskemi.

4.12.6. *Konklużjoni dwar is-sussidjar*

(934) Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidji kumpensabbli għall-kumpaniji li kkooperaw f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku billi eżaminat kull sussidju jew programm ta' sussidju, u żiedet dawn iċ-ċifri flimkien sabiex tikkalkola ammont totali ta' sussidjar għal kull wieħed mill-produtturi esportaturi għall-perjodu ta' investigazzjoni. Sabiex tikkalkola s-sussidjar kumplessiv, il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkolat il-perċentwal tas-sussidjar: l-ammont tas-sussidju bħala perċentwal tal-fatturat totali tal-kumpanija. Imbagħad, dan il-perċentwal intuża għall-kalkolu tas-sussidju allokat għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Imbagħad ġie kkalkolat l-ammont ta' sussidju għal kull tunnellata tal-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u r-rati ta' hawn taħt ġew ikkalkolati bħala perċentwal tal-valur ta' Kostijiet, Assigurazzjoni u Nol ("CIF") tal-istess esportazzjonijiet għal kull tunnellata.

(935) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur innota li s-sejbiet tal-Kummissjoni żvelaw li maġġoranza kbira tas-sussidji identifikati għall-produtturi esportaturi integrati jaffettwaw l-istadji upstream tal-proċess tal-produzzjoni tal-SSCR. Skont l-ilmentatur, dan ifisser li l-produttur Indoneżjan mhux integrat tal-SSCR – Jindal Indonesia – seta' bbenifika wkoll minn sussidji mogħtijin lil produtturi upstream Indjani u/jew Indoneżjani. Dan jista' jseħħ fil-każ ta' bejgħ domestiku ta' prodotti upstream mill-Grupp IRNC lil Jindal Indonesia jew fil-każ tax-xiri ta' Jindal Indonesia ta' prodotti upstream sussidjati ta' oriġini mill-Indja.

(936) Il-Grupp Jindal u Jindal Indonesia wieġbu li ma hemm l-ebda bażi ġuridika għal tali trasferiment lil Jindal Indonesia, u li fi kwalunkwe każ ma seħħ l-ebda trasferiment bħal dan.

(937) Fuq il-bażi tal-analiżi tal-proċess tal-produzzjoni ta' Jindal Indonesia u tax-xiri tal-materja prima tal-kumpanija fil-PI, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpanija ma setgħetx tibbenefika mix-xiri ta' prodotti upstream sussidjati ta' oriġini mill-Indoneżja.

(938) Madankollu, Jindal Indonesia xtrat prodotti upstream, jiġifieri kojls illaminati fis-sħana, minn kumpanija relatata fl-Indja, li setgħet ibbenefikat mill-provvista tal-GTID ta' mineral tal-kromu għal remunerazzjoni anqas minn adegwata (ara t-Taqsima 3.3.2). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma setgħet tagħmel l-ebda sejba peress li ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni fil-fajl dwar din il-kwistjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni tal-ilmentatur ġiet irrifjutata.

(939) L-ilmentatur argumenta wkoll li l-esportazzjonijiet kbar mill-Indoneżja ma humiex konsegwenza inċidentali tal-politika tagħha fl-industrija tal-azzar inossidabbli, iżda pjuttost l-iskop propju tagħha. Dan ikun jagħmel ħafna skemi *de facto* kontinġenti fuq l-esportazzjonijiet, b'mod partikolari l-forniment ta' mineral tan-nikil b'LTAR u l-appoġġ finanzjarju mogħti fil-kuntest tal-kooperazzjoni bilaterali bejn il-GTID u l-GTĊ. L-ilmentatur ħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-kontinġenza *de facto* fuq l-esportazzjonijiet ta' dawn l-iskemi u tikkumpensahom fuq il-bażi tal-fatturat tal-esportazzjonijiet aktar milli fuq il-bażi tal-fatturat totali tal-produttur esportatur.

(940) Kif enfasizzat fil-premessa (929) aktar 'il fuq, il-Kummissjoni qablet ma' din l-affermazzjoni għall-iskema relatata mal-importazzjonijiet tal-materja prima fiż-żona franka. Madankollu, il-Kummissjoni ma qablitx mal-affermazzjoni għall-iskemi l-oħrajn. Il-forniment ta' mineral tan-nikil għal LTAR huwa sussidju għall-produzzjoni, u ma hemm l-ebda rabta mal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-prodott lest.

(941) Fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju, is-sitwazzjoni hija differenti mill-każ tat-Tajers ikkwotat mill-ilmentatur. F'dak il-każ, ingħata sussidju mill-gvern Ċiniż lil kumpanija li tinsab fiċ-Ċina bl-impenn speċifiku li żżid il-bejgħ tal-esportazzjoni tagħha miċ-Ċina lejn l-UE, permezz tal-akkwist tal-assi globali (l-aktar importanti l-għarfien espert tekniku u l-kanali ta' distribuzzjoni tagħha fl-UE) ta' kumpanija bi sjieda barranija taħt l-umbrella tal-BRI. It-traduzzjoni ta' dan fil-kuntest kurrenti tkun tikkorrispondi għal sussidju pprovdut mill-GTĊ lill-kumpanija omm tal-Grupp Tsingshan fiċ-Ċina bl-impenn li jżid l-esportazzjonijiet tiegħu miċ-Ċina lejn l-Indoneżja. Huwa ċar li, hawnhekk, dan ma kienx il-każ. Min-naħa l-oħra, f'kuntest simili għal dak inkwistjoni, kif kien il-każ fl-investigazzjoni antisussidji tal-GFF, l-appoġġ b'finanzjament mogħti taħt il-kooperazzjoni bilaterali bejn iċ-Ċina u l-Eġittu ma tqiesx kontinġenti fuq l-esportazzjoni. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(942) Peress li l-ammont ta' sussidju għal Jindal Indonesia huwa anqas mil-limitu *de minimis*, ma huwa se jiġi impost l-ebda dazju fuq din il-kumpanija.

(943) Ammont tas-sussidju kellu jiġi stabbilit ukoll għall-uniku produttur esportatur mhux inkluż fil-kampjun li kkoopera fl-Indoneżja. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, dan ma setax isir skont il-metodoloġija tas-soltu, fuq il-bażi tal-ammont medju ponderat ta' sussidji kumpensabbli stabbiliti għall-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-kampjun. Tabilħaqq, kif issemma aktar 'il fuq, l-ammont tas-sussidju finali għal Jindal Indonesia kien anqas mill-ammont *de minimis*. Billi kien fadal produttur esportatur wieħed biss, il-Kummissjoni ddeċidiet li tapplika r-rata tad-dazju ta' dan il-produttur esportatur għall-uniku produttur esportatur li kkoopera mhux inkluż fil-kampjun, bl-esklużjoni tal-iskema relatata mal-finanzjament preferenzjali, li għaliha ma kien hemm l-ebda evidenza fil-fajl li l-kumpanija inkwistjoni setgħet ibbenefikat minnha. Tabilħaqq, il-kumpanija inkwistjoni ma għandha l-ebda rbit maċ-Ċina, u għalhekk ma setgħetx tibbenefika mill-finanzjament preferenzjali kif ipprovdut lill-Grupp IRNC.

(944) Minħabba l-fatt li l-Kummissjoni kkalkolat biss rata tad-dazju għal produttur esportatur wieħed, u fid-dawl tal-fatt li l-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw jibbenefikaw minn rata aktar baxxa, kif spjegat fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni ddeċidiet b'mod eċċezzjonali li tistabbilixxi l-livell tad-dazju għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" fil-livell tal-Grupp IRNC.

Kumpanija	Ammont ta' sussidju kumplessiv
Grupp IRNC	21,4 %
Jindal Indonesia	0,02 % (anqas mid-*de minimis*)
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	13,5 %
Residwu	21,4 %

5. **DANNU**

5.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(945) Il-prodott simili kien manifatturat minn 13-il produttur magħruf fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Huma kkostitwew l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku.

(946) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tal-importaturi u tad-distributuri u importatur mhux relatat wieħed talbu d-divulgazzjoni tal-identità tat-13-il produttur tal-Unjoni li kienu jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni matul il-PI. Minbarra t-tliet produtturi inklużi fil-kampjun u l-kumpaniji li appoġġaw l-ilment (jiġifieri Acerinox, Outokumpu Nirosta GmbH, Outokumpu Stainless AB), dawn huma Marcegaglia, Acroni, Arinox, Otelinox, u tliet riromblaturi bbażati l-Ġermanja (jiġifieri SAP Precision Metal, BWS, u Waelzholz).

(947) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita f'livell ta' madwar 3,1 miljun tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet din iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, jiġifieri t-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju li waslet mingħand Eurofer u t-tweġibiet kontroverifikati mill-bogħod għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(948) Kif indikat fil-premessa (25), fil-kampjun intgħażlu tliet produtturi tal-Unjoni li kienu jirrappreżentaw aktar minn 60 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili. Dawn huma kollha produtturi integrati vertikalment.

5.2. **Konsum tal-Unjoni**

(949) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi: (a) tad-*data* verifikata tal-Eurofer dwar il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati, kemm jekk bejgħ dirett kif ukoll jekk indirett, kontroverifikata parzjalment mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, kif stipulat ulterjorment fil-premessa (976) aktar 'il quddiem; u (b) l-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni mill-pajjiżi terzi kollha kif irrapportati mill-Eurostat.

(950) Il-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2017	2018	2019	PI
Konsum tal-Unjoni	3 873 092	3 717 114	3 442 541	3 206 766
Indiċi	*100*	*96*	*89*	*83*

Sors: Il-Eurofer, produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-Eurostat

(951) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 17 %.

5.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

5.3.1. *Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(952) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-SSCR li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati jenħtiġux li jiġu vvalutati b'mod kumulattiv, f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament bażiku.

(953) Dik id-dispożizzjoni tistipula li l-importazzjonijiet minn aktar minn pajjiż wieħed għandhom jiġu vvalutati b'mod kumulattiv biss jekk ikun iddeterminat li:

(a) l-ammont tas-sussidji kumpensabbli stabbilit fir-rigward tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ikun aktar mid-*de minimis* kif iddefinit fl-Artikolu 14(5), u l-volum tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ma jkunx negliġibbli; u

(b) valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet tkun xierqa fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u l-prodott simili tal-Unjoni.

(954) L-ammont tas-sussidji kumpensabbli stabbilit fir-rigward tal-importazzjonijiet minn kull wieħed miż-żewġ pajjiżi kkonċernati huwa miġbur fil-qosor fil-premessi (302) u (933). Kollha, ħlief għal Jindal Indonesia, huma ogħla mil-limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(955) Il-volum tal-importazzjonijiet minn kull wieħed miż-żewġ pajjiżi kkonċernati ma kienx negliġibbli. L-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu ta' 3,4 % għall-Indja u ta' 2,8 % għall-Indoneżja.

(956) Il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet sussidjati minn kull wieħed miż-żewġ pajjiżi kkonċernati u bejniethom u l-prodott simili tal-Unjoni kienu simili. Fil-fatt, l-SSCR li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja kkompetew ma' xulxin meta jiġu importati għall-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, u mal-prodott simili prodott mill-industrija tal-Unjoni, peress li kollha kemm huma jinbiegħu lil kategoriji simili ta' klijenti.

(957) Il-konsorzju ta' importaturi u distributuri u importatur mhux relatat wieħed ikkontestaw il-valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-Indja u mill-Indoneżja fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati argumentaw li l-volumi tal-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi huma baxxi meta mqabblin mas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, l-importazzjonijiet mill-Indja baqgħu stabbli u kienu limitati mill-miżuri ta' salvagwardja, u ma saret l-ebda analiżi xierqa tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u bejn il-prodotti importati u l-prodotti simili tal-Unjoni kif mitlub mill-Artikolu 8(3) tar-Regolament bażiku.

(958) Il-konsorzju u importatur relatat wieħed talbu d-divulgazzjoni tal-mudelli teoretiċi użati sabiex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat u fil-pajjiżi kkonċernati, u l-konferma li s-servizzi ta' analiżi tal-kompetizzjoni u ta' analiżi ekonomika tal-Kummissjoni ġew ikkonsultati fuq dawn il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

(959) Il-Kummissjoni wettqet analiżi li fiha qabblet it-tipi tal-prodott mibjugħin fis-suq tal-Unjoni mill-produtturi esportaturi u l-prodott mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni, fuq il-bażi tan-numri ta' kontroll tal-prodott (PCNs) mogħtijin mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun. Din l-analiżi wriet livell għoli ta' tqabbil. Il-livell ta' tqabbil bejn kull wieħed mill-produtturi esportaturi u l-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni ngħata lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fid-divulgazzjoni speċifika tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet ukoll livell sinifikanti ta' similarità fit-tipi tal-prodott mibjugħin mill-produtturi esportaturi mill-Indoneżja meta mqabblin mat-tipi tal-prodott mibjugħin mill-produtturi esportaturi mill-Indja. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prodotti importati mill-pajjiżi kkonċernati u l-prodotti tal-Unjoni kienu f'kompetizzjoni ċara ma' xulxin u li jkun xieraq li ssir valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet. Il-konsorzju u importatur mhux relatat wieħed ma taw l-ebda evidenza sostanzjata għaliex l-analiżi li saret mill-Kummissjoni hija inkorretta jew insuffiċjenti. Il-fatt li l-Indja għandha kwota speċifika għall-pajjiż fil-miżuri ta' salvagwardja ma jaffettwax din l-analiżi fid-dawl tal-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(3). Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(960) Għalhekk, il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienu eżaminati b'mod kumulattiv għall-iskopijiet tad-determinazzjoni tad-dannu.

5.3.2. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati*

(961) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet sussidjati fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat u tad-*data* tal-produtturi esportaturi. Peress li l-Kummissjoni sabet li l-esportazzjonijiet ta' Jindal Indonesia kienu ssussidjati taħt il-livell *de minimis*, dawn kienu ttieħdu miċ-ċifri tal-importazzjoni. Għalhekk, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit permezz ta' tqabbil bejn il-volum tal-importazzjonijiet sussidjati mal-konsum fl-Unjoni.

(962) Minħabba n-numru limitat ta' partijiet li ssottomettew xi *data*, uħud miċ-ċifri ppreżentati hawn taħt jingħataw fil-forma ta' meded minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità ([220]).

(963) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu kkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 5

Il-volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	PI
L-Indja	114 865	120 729	105 359	108 885
Indiċi	*100*	*105*	*92*	*95*
Sehem mis-suq	3,0 %	3,2 %	3,1 %	3,4 %
Indiċi	*100*	*110*	*103*	*114*
L-Indoneżja	[0-100]	[10 000 – 14 000]	[48 000 - 52 000]	[68 000 – 72 000]
Indiċi	*0*	*100*	*[400 – 450]*	*[550 – 600]*
Sehem mis-suq	[0,0 - 0,1] %	[0,3 - 0,5] %	[1,4 - 1,7] %	[2,1 - 2,4] %
Indiċi	*0*	*100*	*[400 – 450]*	*[650 – 700]*
Numru totali ta' pajjiżi kkonċernati	[114 865 – 114 965]	[130 729 – 134 729]	[153 359 – 157 359]	[176 885 – 180 885]
Indiċi	*100*	*[115 – 117]*	*[136 – 138]*	*[154 – 156]*
Sehem mis-suq	[3,0 - 3,1] %	[3,5 - 3,7] %	[4,5 - 4,8] %	[5,5 - 5,8] %
Indiċi	*100*	*[120 - 122]*	*[152 - 154]*	*[186 - 188]*

Sors: Eurostat, *data* tal-produtturi esportaturi

([220]) Id-*data* dwar l-importazzjonijiet mill-Indoneżja f'dan ir-regolament hija ppreżentata f'meded minħabba r-riskju li kwalunkwe kumpanija inkluża fil-kampjun tikkalkola b'lura d-*data* tal-kompetituri tagħha, speċjalment minħabba n-numru limitat ta' produtturi esportaturi f'dan il-pajjiż.

(964) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'55 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u dan ippermettielhom iżidu s-sehem mis-suq konġunt tagħhom minn [3,0-3,1] % fl-2017 għal [5,5 - 5,8] % fil-PI. Din iż-żieda, kemm fil-volum tal-importazzjonijiet kif ukoll fis-sehem mis-suq, tista' tiġi attribwita għall-importazzjonijiet li ġejjin mill-Indoneżja, li żiedet il-volumi tal-importazzjonijiet tagħha bi kważi 6 darbiet fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni u s-sehem mis-suq tagħha żdied minn prattikament żero għal [2,1 - 2,4] %. L-importazzjonijiet mill-Indja żdiedu mill-2017 għall-2018, iżda wrew tnaqqis wara dan. Dan irriżulta fi tnaqqis ġenerali f'termini assoluti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fl-1 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni ppubblikat Regolament li jimponi miżuri ta' salvagwardja definittivi kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar ([221]). L-Indja rċiviet kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż għall-prodott taħt investigazzjoni, li tillimita l-importazzjonijiet soġġetti għad-dazju fil-kwota matul il-PI għal livell aktar baxx mil-livell tal-2018. Peress li l-Indoneżja ma kinitx soġġetta għal kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż, iżda għall-kwota għall-pajjiżi l-oħrajn kollha, l-importazzjonijiet tagħha ma kinux ristretti bħal dawk tal-Indja. Madankollu, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet mill-Indja kien inqas serju peress li t-tnaqqis ġenerali fil-konsum tal-Unjoni u, għalhekk, is-sehem mis-suq tal-Indja xorta żdied bi ftit minn 3 % fl-2017 għal 3,4 % fil-PI.

5.3.3. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u twaqqigħ tal-prezz*

(965) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat. Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu kkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 6

Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati (EUR/tunnellata)

	2017	2018	2019	PI
L-Indja	2 080	2 173	2 075	2 073
Indiċi	*100*	*104*	*100*	*100*
L-Indoneżja	Mhux applikabbli	[1 450 – 1 650]	[1 800 – 2 000]	[1 800 – 2 000]
Indiċi	*0*	*100*	*123 - 128*	*123 - 128*
Medja tal-pajjiżi kkonċernati	2 080	[2 000 – 2 150]	[1 900 – 2 050]	[1 900 – 2 050]
Indiċi	*100*	*100 - 102*	*96 - 98*	*96 - 98*

Sors: Eurostat, *data* tal-produtturi esportaturi

(966) Fil-każ tal-Indja, il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet żdiedu b'4 % mill-2017 għall-2018, iżda baqgħu stabbli fil-perjodu ġenerali taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li għall-Indoneżja żdiedu bi 28 % (l-importazzjonijiet fl-2017 kienu negliġibbli). Madankollu, matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni miż-żewġ pajjiżi kkonċernati kienu konsistentement aktar baxxi mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni (ara t-Tabella 10).

(967) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(a) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tat-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitluba lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell tal-prezz mill-fabbrika; u

(b) l-prezzijiet medji ponderati li kkorrispondew għal kull tip ta' prodott tal-importazzjoni mill-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-pajjiżi kkonċernati lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbilit fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni, nol (CIF), b'aġġustament kif xieraq għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

([221]) ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27.

(968) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament dovut fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala persentaġġ tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Wera marġnijiet ta' twaqqigħ tal-prezz ta' 5,8 % u ta' 13,4 % għall-produtturi esportaturi Indjani u ta' 12,4 % għall-produtturi esportaturi Indoneżjani.

(969) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tal-importaturi u tad-distributuri u wieħed mhux relatat talbu lill-Kummissjoni tiddivulga d-*data* u l-kriterji użati sabiex tiddetermina kemm il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat kif ukoll sabiex tikkalkola l-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz.

(970) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, kif mogħtijin fit-Tabella 6 hawn fuq, huma bbażati fuq il-Eurostat. Din l-informazzjoni hija disponibbli pubblikament. Kif spjegat fil-premessi (966) u (967) aktar 'il fuq, il-marġni ta' twaqqigħ tal-prezzijiet kien ibbażat fuq tqabbil bejn il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun imposti fuq klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet korrispondenti tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun għall-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, differenzjati għal kull tip ta' prodott u aġġustati sabiex ikunu f'termini ugwali ta' bejgħ. Billi l-prezzijiet dettaljati tal-bejgħ għal kull kumpanija huma min-natura tagħhom informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, ingħataw biss lill-kumpaniji kkonċernati fid-divulgazzjonijiet speċifiċi rispettivi tagħhom.

5.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

5.4.1. *Kummenti ġenerali*

(971) F'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet sussidjati fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(972) Kif imsemmi fil-premessa (25), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(973) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* mit-tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni, kontroverifikata fejn neċessarju mat-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet kontroverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(974) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tas-sussidju u l-irkupru minn prattiki kummerċjali inġusti tal-passat.

(975) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-istokkijiet, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti.

5.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(976) Il-produzzjoni totali, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2017	2018	2019	PI
Produzzjoni totali tal-Unjoni (tunnellati)	3 708 262	3 640 429	3 379 817	3 111 804

Indiċi	*100*	*98*	*91*	*84*
Il-kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	4 405 623	4 517 379	4 530 146	4 572 365
Indiċi	*100*	*103*	*103*	*104*
Użu tal-kapaċità	84 %	81 %	75 %	68 %
Indiċi	*100*	*96*	*89*	*81*

Sors: Kwestjonarju makroekonomiku mill-Eurofer, kwestjonarji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(977) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tad-distributuri u tal-importaturi u importatur mhux relatat wieħed talbu fuq il-bażi ta' liema *data* l-Kummissjoni waslet għaċ-ċifri fit-Tabella 7 u ddikjara li t-tnaqqis fl-użu tal-kapaċità ma huwiex marbut mal-importazzjonijiet mill-Indja u mill-Indoneżja, billi t-tnaqqis kien akbar miż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

(978) Id-*data* fit-Tabella 7 ta' hawn fuq hija bbażata fuq it-tweġibiet kontroverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u, fir-rigward tal-produtturi l-oħrajn tal-Unjoni, fuq il-bażi tal-kwestjonarju makroekonomiku vverifikat tal-Eurofer. Il-Eurofer ipprovdiet *data* li ġabret mill-membri tagħha u stimi raġonevoli għall-bqija tal-produtturi.

(979) Tabilħaqq, it-tnaqqis fil-produzzjoni kien akbar miż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Dan huwa kkawżat minn tnaqqis fil-konsum, rifless fit-Tabella 4. Kif stabbilit fit-taqsima 6.2.3, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan it-tnaqqis fil-konsum ma jkissirx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja u mill-Indoneżja u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(980) Il-konsorzju tad-distributuri u tal-importaturi u importatur mhux relatat wieħed talbu li tiġi żvelata l-kwantità importata mill-produtturi tal-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati. Id-*data* disponibbli għall-Kummissjoni wriet li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma kinux ibigħu mill-ġdid jew jipproċessaw ulterjorment xi importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati.

(981) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas drastikament b'16 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Iċ-ċifri tal-kapaċità rrapportati jirreferu għall-kapaċità effettiva, ħaġa li timplika li kienu tqiesu l-aġġustamenti, meqjusa bħala standards mill-industrija, għall-ħin tat-twaqqif, għall-manutenzjoni, għall-ostakoli u għal perjodi normali oħrajn ta' waqfien. Wara l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-SSCR mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") u mit-Tajwan fl-2015 ([222]), xi produtturi tal-Unjoni bdew il-modernizzazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom. Din il-modernizzazzjoni wasslet għal żieda żgħira fil-kapaċità tal-produzzjoni ta' 4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(982) B'riżultat ta' tnaqqis fil-produzzjoni u żieda żgħira fil-kapaċità, l-użu tal-kapaċità naqas bi 19 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u naqas taħt is-70 % fil-PI.

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(983) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	PI
Bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (tunnellati)	2 735 448	2 711 044	2 530 259	2 330 537
Indiċi	*100*	*99*	*92*	*85*

([222]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1429 tas-26 ta' Awwissu 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU L 224, 27.8.2015, p. 10).

Sehem mis-suq	70,6 %	72,9 %	73,5 %	72,7 %
Indiċi	*100*	*103*	*104*	*103*

Sors: Eurofer u Eurostat

(984) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 15 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(985) Madankollu, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżomm u saħansitra żżid bi ftit b'2,1 punti perċentwali s-sehem mis-suq tagħha matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni peress li t-tnaqqis fil-konsum kien saħansitra akbar mit-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, peress li l-bejgħ tal-Unjoni parzjalment issostitwixxa l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn minbarra l-pajjiżi kkonċernati.

(986) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tal-importaturi u tad-distributuri u importatur mhux relatat wieħed argumentaw li ż-żieda fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kienet tindika nuqqas ta' dannu u li ż-żieda tas-sehem mis-suq tal-pajjiżi kkonċernati ma affettwatx b'mod negattiv is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. Huma affermaw li l-Kummissjoni kienet meħtieġa tipprovdi evidenza pożittiva oħra li turi dannu fir-rigward tal-indikaturi l-oħrajn tad-dannu.

(987) Kif spjegat fil-premessa (963), iż-żieda żgħira fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma biddilx il-fatt li l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati wrew żieda ta' madwar 55 % u kienu qegħdin jikkawżaw dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni. Kif stabbilit fil-premessi (1006) u (1007), anki l-indikaturi l-oħrajn tad-dannu wrew evidenza pożittiva li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni kellha tiġi miċħuda.

It-tkabbir

(988) Iċ-ċifri ta' hawn fuq fir-rigward tal-produzzjoni u tal-volum tal-bejgħ urew xejra ta' tnaqqis ċara matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u wrew li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikber f'termini assoluti. Tkabbir żgħir fir-rigward tal-konsum kien possibbli biss minħabba li l-industrija tal-Unjoni għażlet li twieġeb għall-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati billi naqqset il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha.

Impjiegi u produttività

(989) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Impjiegi u produttività

	2017	2018	2019	PI
L-għadd ta' impjegati	13 411	13 495	13 968	13 660
Indiċi	*100*	*101*	*104*	*102*
Produttività (tunnellati għal kull impjegat)	277	270	242	228
Indiċi	*100*	*98*	*88*	*82*

Sors: Eurofer

(990) Il-livell tal-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni relatati mal-produzzjoni tal-SSCR żdied b'4 % bejn l-2017 u l-2019 u wera tnaqqis ta' 2 punti perċentwali bejn l-2019 u l-PI, li rriżulta f'żieda ta' 2 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fid-dawl tat-tnaqqis drastiku fil-produzzjoni, il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala tunnellati għal kull impjegat (f'ekwivalenti full time) prodotti fis-sena, naqset b'mod sinifikanti bi 18 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

Il-kobor tal-marġini tas-sussidju u l-irkupru minn prattiki kummerċjali inġusti fil-passat

(991) Il-marġnijiet kollha tas-sussidju, minbarra Jindal (Indonesia) kif indikati hawn fuq, kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt ta' dawn il-marġnijiet tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni ma kienx negliġibbli, meta wieħed iqis il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

(992) Minbarra l-investigazzjoni anti-dumping separata fl-SSCR mill-pajjiżi kkonċernati ([223]), l-importazzjonijiet tal-SSCR diġà kienu soġġetti għal investigazzjoni anti-dumping preċedenti. Il-Kummissjoni sabet li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul l-2013 kienet affettwata b'mod sinifikanti mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ u mit-Tajwan, u dan irriżulta fl-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi f'Ottubru 2015 ([224]). Dawn il-miżuri anti-dumping ġew estiżi f'Settembru 2021 ([225]). Għalhekk, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li ma tkunx affettwata b'mod aktar minn marġinali mill-prattiki kummerċjali inġusti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

5.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(993) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2017	2018	2019	PI
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata)	2 252	2 312	2 206	2 175
Indiċi	*100*	*103*	*98*	*97*
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	1 958	2 064	2 019	2 013
Indiċi	*100*	*105*	*103*	*103*

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(994) Wara li wrew żieda żgħira ta' 3 % mill-2017 għall-2018, il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' unità naqsu b'6 % mill-2018 għall-PI, u dan irriżulta fi tnaqqis ta' 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Matul l-istess perjodu, il-kostijiet tal-produzzjoni wrew żieda simultanja ta' 5 %, u wara dan stabbilizzaw f'livell ta' kost li kien 3 % ogħla milli fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fil-biċċa l-kbira, l-evoluzzjoni tal-kostijiet kienet xprunata minn żidiet importanti fil-prezzijiet tal-materja prima, bħan-nikil u l-ferrokromju. Minħabba s-soppressjoni tal-prezz mill-importazzjonijiet sussidjati, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi din iż-żieda fil-kost fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha u kienet saħansitra mġiegħla tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha.

([223]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2012 tas-17 ta' Novembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju anti-dumping provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja (ĠU L 410, 18.11.2021, p. 410).

([224]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1429 tas-26 ta' Awwissu 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU L 224, 27.8.2015, p. 10).

([225]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1483 tal-15 ta' Settembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 327, 16.9.2021, p. 1).

Kostijiet lavorattivi

(995) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2017	2018	2019	PI
Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull FTE (EUR)	72 366	70 663	71 659	70 324
Indiċi	*100*	*98*	*99*	*97*

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(996) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqsu bi 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan juri li l-produtturi tal-Unjoni setgħu jbaxxu l-kostijiet lavorattivi bħala reazzjoni għaċ-ċirkostanzi tas-suq li kienu qed jiddeterjoraw f'tentattiv biex jillimitaw id-dannu tiegħu.

Inventarji

(997) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12

Inventarji

	2017	2018	2019	PI
L-istokks tal-għeluq (tunnellati)	125 626	148 777	125 480	98 835
Indiċi	*100*	*118*	*100*	*79*
Stokks tal-għeluq bħala persentaġġ tal-produzzjoni	5,54 %	6,53 %	6,09 %	5,13 %
Indiċi	*100*	*118*	*110*	*93*

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(998) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-livell tal-istokkijiet tal-għeluq naqas b'21 %. Din ix-xejra segwiet it-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni. Il-maġġoranza tat-tipi ta' prodott simili huma prodotti mill-industrija tal-Unjoni skont ordnijiet speċifiċi tal-utenti. Għalhekk, l-istokkijiet ma humiex meqjusa bħala indikatur importanti ta' dannu għal din l-industrija. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-analiżi tal-evoluzzjoni tal-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni. Kif muri hawn fuq, dan l-indikatur varja bejn 5 u 7 % tal-volum tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

5.4.3.1. Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, u r-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-kapital

Tabella 13

Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti

	2017	2018	2019	PI
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	7,6 %	6,0 %	1,5 %	0,4 %

Indiċi	*100*	*79*	*19*	*6*
Fluss tal-flus (EUR)	387 200 359	273 674 277	237 840 311	184 024 688
Indiċi	*100*	*71*	*61*	*48*
Investimenti (EUR)	111 578 442	111 637 871	96 541 925	96 585 152
Indiċi	*100*	*100*	*87*	*87*
Redditu fuq l-investimenti	20 %	15 %	6 %	4 %
Indiċi	*100*	75	31	20

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(999) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala persentaġġ tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(1000) Il-profittabilità ġenerali naqset minn 7,6 % fl-2017 għal 0,4 % fil-PI. Kif stabbilit fit-Taqsima 5.3.3, dan it-tnaqqis ikkoinċida maż-żieda fil-volumi tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati u s-sehem mis-suq tagħhom bi prezzijiet ta' twaqqigħ tal-prezz.

(1001) L-indikaturi finanzjarji l-oħrajn kollha, jiġifieri l-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-assi, segwew b'mod ċar l-istess xejra 'l isfel.

(1002) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Il-fluss tal-flus wera tnaqqis kontinwu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li rriżulta fil-PI f'livell ta' 52 % inqas mill-bidu tal-perjodu ta' investigazzjoni.

(1003) L-investimenti huma l-valur kontabilistiku nett tal-assi. Wara li baqa' stabbli mill-2017 għall-2018, jista' jidher tnaqqis qawwi ta' 13-il punt perċentwali mill-2018 għall-2019. Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti li jirrifletti l-livell ta' deprezzament tal-assi. Dan naqas b'mod kontinwu u sinifikanti bi 80 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(1004) Il-prestazzjoni finanzjara dgħajfa tal-industrija tal-Unjoni bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni llimitat il-kapaċità tagħha li tiġġenera kapital. L-industrija tal-Unjoni hija intensiva fil-kapital u hija kkaratterizzata minn investimenti sostanzjali. Ir-redditu fuq l-investiment matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma huwiex suffiċjenti sabiex ikopri tali investimenti sostanzjali.

5.5. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(1005) L-investigazzjoni indikat li l-industrija tal-Unjoni tista' twieġeb biss għall-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja u mill-Indoneżja billi tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha sabiex iżżomm (u saħansitra żżid bi ftit) is-sehem mis-suq tagħha fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-effett tal-importazzjonijiet sussidjati kkawża soppressjoni tal-prezzijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku, fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni naqsu bi 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li, taħt kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta, kienu jkunu mistennija li jiżdiedu bi proporzjon komparabbli maż-żieda fil-kost tal-produzzjoni, li żdied bi 3 %.

(1006) Il-konsum tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u kemm il-volumi tal-bejgħ kif ukoll il-volumi tal-produzzjoni fl-industrija tal-Unjoni segwew din ix-xejra. Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet marġinalment, ikkawżata minn perspettiva pożittiva għall-industrija tal-Unjoni wara l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping kontra l-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mir-RPĊ u mit-Tajwan fl-2015.

(1007) Madankollu, il-produtturi tal-Unjoni esperjenzaw tnaqqis drastiku fil-produttività u fl-użu tal-kapaċità fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dawn iċ-ċifri li qed jiddeterjoraw jistgħu jiġu spjegati biss sa ċertu punt biż-żieda żgħira fl-impjiegi u fil-kapaċità u kienu prinċipalment ikkawżati mit-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni u miż-żieda simultanja fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

(1008) Madankollu, huma l-indikaturi finanzjarji tal-produtturi tal-Unjoni li wrew bis-sħiħ id-dannu mġarrab. L-industrija tal-Unjoni esperjenzat żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni tagħha fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni li, flimkien ma' tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ, irriżultat fi tnaqqis fil-profittabilità minn 7,6 % fl-2017 għal 0,4 % fil-PI. Żvilupp negattiv simili jista' jitqies fir-rigward tal-indikaturi finanzjarji l-oħrajn: l-investimenti (-13 %), ir-redditu fuq l-investimenti (-80 %) u l-fluss tal-flus (-52 %).

(1009) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku.

(1010) L-informazzjoni ta' wara l-PI disponibbli għall-Kummissjoni kkonfermat ukoll l-istess konklużjoni. Fuq il-bażi tal-analiżi tad-*data* sottomessa b'mod spontanju mill-industrija tal-Unjoni u li tkopri l-aħħar żewġ trimestri tal-2020, il-Kummissjoni nnotat ix-xejriet li ġejjin: iż-żidiet fil-produzzjoni, fil-kapaċità, fl-użu tal-kapaċità u fil-bejgħ kienu marġinali; il-prezzijiet komplew jonqsu b'mod sinifikanti mingħajr ebda tnaqqis korrispondenti fil-kost tal-produzzjoni; il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kompliet tonqos u saret negattiva, u hekk ukoll il-fluss tal-flus, l-investimenti netti, u r-redditu fuq l-investiment urew xejra negattiva ulterjuri meta mqabbla mal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, kif ġara fl-impjiegi; is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żdied bi ftit, iżda l-istess għamlu l-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

(1011) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tal-importaturi u tad-distributuri u importatur mhux relatat wieħed argumentaw li l-kumpaniji lmentaturi kellhom żieda fil-profitti wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Filwaqt li l-iżviluppi ta' wara l-PI ma humiex direttament rilevanti, kif muri fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun bdew jagħmlu t-telf fit-tieni nofs tal-2020, għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni tal-konsorzju u tal-importatur mhux relatat. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha tiċħad din l-affermazzjoni.

6. **KAWŻALITÀ**

(1012) F'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 8(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufa oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħrajn għajr l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet sussidjati. Dawn il-fatturi huma: importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, tnaqqis fil-konsum, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, żieda fil-kost tal-materja prima, u l-imġiba kompetittiva tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

6.1. **L-effetti tal-importazzjonijiet issussidjati**

(1013) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'aktar minn 50 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni u s-sehem mis-suq tagħhom kważi rdoppja. Din iż-żieda fis-sehem mis-suq kienet għad-detriment tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Madankollu, l-importazzjonijiet sussidjati bi prezz baxx mill-pajjiżi kkonċernati ħolqu pressjoni fuq il-prezzijiet għall-industrija tal-Unjoni. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja u mill-Indoneżja kienu bejn 5 u 19 % anqas mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Minħabba dawn il-prezzijiet tal-importazzjoni, il-produtturi tal-Unjoni mhux biss ma setgħux jirriflettu ż-żidiet fil-kostijiet tal-materja prima fil-prezzijiet tagħhom, iżda saħansitra kienu mġiegħla jnaqqsu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom sabiex iżommu s-sehem mis-suq tagħhom.

(1014) B'riżultat ta' dan, il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni, f'livell relattivament għoli fl-2017, naqset għal kważi żero fil-PI, li kellha effett negattiv ulterjuri fuq l-indikaturi finanzjarji kollha tal-kumpaniji inkwistjoni.

(1015) Għalhekk hemm rabta kawżali b'saħħitha bejn l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja u mill-Indoneżja u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

6.2. **L-effetti ta' fatturi oħrajn**

(1016) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tal-importaturi u tad-distributuri, u importatur mhux relatat wieħed iddikjaraw li l-indikaturi finanzjarji tal-industrija tal-Unjoni ma kinux qed jiddeterjoraw minħabba importazzjonijiet oġġett ta' dumping iżda minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

(1017) Il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati influwenzaw bil-kbir il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-indikaturi finanzjarji tagħha. Kif stabbilit fil-premessa (965), il-prezzijiet medji tal-importazzjoni miż-żewġ pajjiżi kkonċernati kienu konsistentement aktar baxxi mill-prezzijiet tal-prodotturi tal-Unjoni matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni, qabel il-pandemija tal-COVID-19. Il-pandemija setgħet potenzjalment affettwat il-konsum fis-suq tal-Unjoni iżda impatt bħal dan seta' jimmaterjalizza biss fl-aħħar trimestru tal-PI (April-Ġunju 2020), filwaqt li tnaqqis sostanzjali fil-konsum kien diġà ġie nnotat fl-2019.

(1018) Barra minn hekk, il-Kummissjoni analizzat it-tnaqqis fil-konsum (kemm jekk parzjalment b'rabta mal-COVID-19 kif ukoll jekk le) bħala fattur potenzjali ieħor li seta' kkawża dannu fil-premessi (1028) sa (1029) aktar 'il quddiem u kkonkludiet li huwa ma taffiex ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

6.2.1. *L-importazzjonijiet mhux sussidjati mill-Indoneżja*

(1019) Kif stabbilit fil-premessa (933) aktar 'il fuq, is-sussidjar għal wieħed mill-prodotturi esportaturi Indoneżjani inklużi fil-kampjun, Jindal Indonesia, instab li kien *de minimis*.

(1020) Il-volum u l-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet mill-Indoneżja żviluppaw matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kif ġej:

Tabella 14

		2017	2018	2019	PI
L-Indoneżja	Volum (tunnellati)	[20 000 – 21 000]	[22 000 – 23 000]	[21 000 – 22 000]	[19 000 – 20 000]
	Indiċi	*100*	*[109 – 111]*	*[107 - 109]*	*[97 - 98]*
	Sehem mis-suq	[0,5 – 0,55] %	[0,6 – 0,63] %	[0,63 – 0,66] %	[0,6 – 0,63] %
	Indiċi	*100*	*[113 - 118]*	*[118 - 123]*	*[113 - 118]*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	[2 200 – 2 300]	[2 100 – 2 200]	[2 000 – 2 100]	[2 000 – 2 100]
	Indiċi	*100*	*[95 – 99]*	*[90 – 94]*	*[90 – 94]*

(1021) Fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-importazzjonijiet mhux sussidjati mill-Indoneżja wrew żieda fl-2018 u fl-2019, iżda kienu fil-PI f'livell ftit aktar baxx milli fl-2017. Is-sehem mis-suq ta' dawn l-importazzjonijiet kien limitat ħafna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'mhux aktar minn 0,65 %. Il-prezz tal-bejgħ ta' dawn l-importazzjonijiet kien f'livell ogħla mill-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja.

(1022) Minkejja li l-importazzjonijiet minn Jindal Indonesia kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, il-bejgħ tal-kumpanija lejn l-Unjoni kien qed jonqos bi ftit matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u baqa' baxx. Għalhekk, id-dannu kkawżat minn dawn l-importazzjonijiet ma mmitigax ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

6.2.2. *L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(1023) Il-volum u l-prezzijiet ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppaw matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kif ġej:

Tabella 15

Pajjiż		2017	2018	2019	PI
It-Tajwan	Volum (tunnellati)	199 553	223 110	185 618	165 540
	Indiċi	*100*	*112*	*93*	*83*
	Sehem mis-suq	5,2 %	6,0 %	5,4 %	5,2 %
	Indiċi	*100*	*116*	*105*	*100*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 668	1 749	1 684	1 655
	Indiċi	*100*	*105*	*101*	*99*
Ir-Repubblika tal-Korea	Volum (tunnellati)	147 696	165 812	160 947	164 882
	Indiċi	*100*	*112*	*109*	*112*
	Sehem mis-suq	3,8 %	4,5 %	4,7 %	5,1 %
	Indiċi	*100*	*117*	*123*	*135*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 859	1 944	1 860	1 853
	Indiċi	*100*	*105*	*100*	*100*
L-Afrika t'Isfel	Volum (tunnellati)	98 063	88 913	94 567	81 537
	Indiċi	*100*	*91*	*96*	*83*
	Sehem mis-suq	2,5 %	2,4 %	2,7 %	2,5 %
	Indiċi	*100*	*94*	*108*	*100*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	2 004	2 013	1 831	1 785
	Indiċi	*100*	*100*	*91*	*89*
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	563 637	372 858	293 052	266 255
	Indiċi	*100*	*66*	*52*	*47*
	Sehem mis-suq	14,6 %	10,0 %	8,5 %	8,3 %
	Indiċi	*100*	*69*	*58*	*57*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	2 051	2 345	2 319	2 407
	Indiċi	*100*	*114*	*113*	*117*

Total tal-pajjiżi terzi kollha ħlief il-pajjiżi kkonċernati	Volum (tunnellati)	1 008 949	850 693	734 184	678 213
	Indiċi	*100*	*84*	*73*	*67*
	Sehem mis-suq	26,1 %	22,9 %	21,3 %	21,1 %
	Indiċi	*100*	*88*	*82*	*81*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 942	2 076	1 995	2 014
	Indiċi	*100*	*107*	*103*	*104*

Sors: Eurostat

(1024) Fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi naqsu b'mod sinifikanti f'termini ta' volumi assoluti (bi 33 %) u sehem mis-suq (minn 26 % fl-2017 għal 21 % fil-PI).

(1025) Sa fejn huma kkonċernati l-pajjiżi individwali, l-importazzjonijiet mill-Korea biss żdiedu fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u dan irriżulta f'żieda żgħira fis-sehem mis-suq tagħha (minn 3,8 % għal 5,1 %). Għalkemm il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Koreani huma anqas minn dawk tal-pajjiżi kkonċernati, x'aktarx dawn jiġu affettwati mill-eżistenza ta' prezzijiet ta' trasferiment, bħala riżultat tar-relazzjoni bejn il-manifattur tal-azzar inossidabbli tal-Korea Samsung STS u l-laminatur fil-kiesaħ tal-UE Otelinox fir-Rumanija. Ma tista' tinsilet l-ebda konklużjoni dwar jekk dawn l-importazzjonijiet waqqgħux ukoll il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, anke fid-dawl tat-taħlita mhux magħrufa ta' prodotti ta' dawn l-importazzjonijiet.

(1026) Kif stabbilit fil-premessa (991) ta' hawn fuq, l-importazzjonijiet mit-Tajwan bħalissa huma soġġetti għal dazju anti-dumping ta' 6,8 % ([226]) u l-importazzjonijiet mir-RPĊ għal dazju ta' 24,4 sa 25,3 %.

(1027) L-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu baxxi ħafna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-importazzjonijiet mit-Tajwan urew żieda ta' 12 % mill-2017 għall-2018, iżda naqsu mill-2018 għall-PI b'26 % u żammew sehem mis-suq ta' madwar 5 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mit-Tajwan kien taħt il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Billi l-Kummissjoni ma rċiviet l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi fit-Tajwan fir-rieżami ta' skadenza li ġie konkluż f'Settembru 2021, hija ma kellha l-ebda dettall ieħor dwar il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tat-Tajwan. Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li dawn l-importazzjonijiet ikkawżaw dannu addizzjonali lill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, anke jekk l-importazzjonijiet mit-Tajwan ikkontribwew għad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, l-importazzjonijiet mit-Tajwan naqsu bi 17 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u, għalhekk, ma setgħux ikunu l-kawża tax-xejriet negattivi dejjem akbar misjubin fl-analiżi tad-dannu.

(1028) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn ma jnaqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati Indjani u Indoneżjani u d-dannu materjali mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni.

6.2.3. *It-tnaqqis fil-konsum*

(1029) Tnaqqis sinifikanti fil-konsum matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kellu effett negattiv fuq xi whud mill-indikaturi tad-dannu, speċjalment fuq il-volumi tal-bejgħ u tal-produzzjoni. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (1004), l-industrija tal-Unjoni kienet qed iġġarrab dannu fil-prezz aktar milli dannu fil-volum. Minkejja suq li qed jiċkien, il-produtturi tal-Unjoni rnexxielhom iżidu bi ftit is-sehem mis-suq tagħhom permezz ta' kompetizzjoni serja mal-importazzjonijiet sussidjati bi prezzijiet inġusti li rriżultat fid-deterjorament tal-indikaturi tal-profittabilità u ta' indikaturi finanzjarji oħrajn tal-industrija tal-Unjoni bħall-fluss tal-flus, l-investimenti, u r-redditu fuq l-investimenti.

([226]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1483 tal-13 ta' Settembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 327, 16.9.2021, p. 1). Fuq kumpanija waħda, Cia Far Industrial Factory Co., Ltd, ġie impost dazju anti-dumping ta' 0 %.

(1030) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tnaqqis fil-konsum ma naqqasx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

6.2.4. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(1031) Il-volumi u l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 16

	2017	2018	2019	PI
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	450 587	450 687	410 840	374 378
Indiċi	*100*	*100*	*91*	*83*
Prezz medju (EUR/tunnellata)	2 369	2 524	2 428	2 394
Indiċi	*100*	*107*	*102*	*101*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, Eurofer

(1032) Il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni naqas bi 17 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, prinċipalment ikkawżat minn miżuri imposti mill-Istati Uniti fuq il-prodott taħt investigazzjoni u minn żieda fil-kompetizzjoni fi swieq terzi mal-bejgħ Ċiniż u l-bejgħ mill-pajjiżi kkonċernati. Madankollu, il-volumi esportati kienu limitati meta mqabbla mal-volumi tal-bejgħ totali tal-Unjoni, li jirrappreżentaw madwar 13 % tal-volum tal-bejgħ totali tagħha, u l-prezz medju tal-bejgħ għall-esportazzjoni kien fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni kontinwament ogħla mill-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni.

(1033) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impatt tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fuq id-dannu mġarrab kien marġinali, jekk kien hemm affattu.

6.2.5. *Impatt tal-prezzijiet tal-materja prima*

(1034) Importatur mhux relatat minnhom indika l-kwistjoni taż-żieda fil-kostijiet tal-materja prima (nikil, ferrokrom) bħala raġuni għas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

(1035) Fiha nnifisha, żieda fil-prezzijiet tal-materja prima ma hijiex sors ta' dannu għaliex ġeneralment tkun akkumpanjata minn żieda sussegwenti fil-prezzijiet tal-bejgħ. Madankollu, it-tnaqqis fil-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni u l-indikaturi finanzjarji kollha tagħhom huwa aktar minn sempliċi riflessjoni tal-kostijiet tal-produzzjoni li żdiedu. L-importazzjonijiet bi prezz baxx għafsu 'l isfel il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u mhux biss ma ħallewx lill-produtturi tal-Unjoni jżidu l-prezzijiet sabiex ikopru ż-żieda fil-kostijiet, iżda dawn kienu saħansitra mġeġħlin ibaxxu l-prezzijiet tagħhom, sabiex jevitaw telf imminenti tas-sehem mis-suq. Dan irriżulta fi tnaqqis kbir fiċ-ċifri tal-profittabilità tagħhom, li ddeterjoraw għal sitwazzjoni ta' ekwilibriju matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(1036) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żieda fil-prezzijiet ta' ċerta materja prima bħala tali ma kkawżatx dannu lill-industrija tal-Unjoni.

6.2.6. *L-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni*

(1037) Wieħed mill-importaturi mhux relatati saħaq li l-kompetizzjoni interna u l-imġiba tal-ipprezzar tal-produtturi tal-Unjoni kkawżaw is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom li kienet qiegħda tiddeterjora.

(1038) Madankollu, l-investigazzjoni ma kkonfermatx din l-affermazzjoni. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati nbiegħu b'mod konsistenti bi prezzijiet li jwaqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni u, għalhekk, ir-raġuni ewlenija għaliex il-produtturi tal-Unjoni ma jistgħux jgħollu l-prezzijiet tagħhom u jkopru l-kostijiet dejjem akbar tagħhom hija l-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet sussidjati. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

6.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(1039) Ġiet stabbilita rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja u mill-Indoneżja, minn naħa, u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, min-naħa l-oħra. Kien hemm koinċidenza fiż-żmien bejn iż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati u d-deterjorament tal-prestazzjoni tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-industrija tal-Unjoni ma kellha l-ebda għażla oħra ħlief li ssegwi l-livell tal-prezzijiet stabbiliti mill-importazzjonijiet sussidjati sabiex tevita li titlef is-sehem tagħha mis-suq. Dan irriżulta f'sitwazzjoni li fiha l-industrija tal-Unjoni għamlet livell ta' profitt mhux sostenibbli.

(1040) Il-Kummissjoni sabet li fatturi oħrajn li forsi kellhom xi impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu: importazzjonijiet mhux sussidjati mill-Indoneżja, importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, it-tnaqqis fil-konsum, u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(1041) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet sussidjati. L-effett tal-importazzjonijiet mhux sussidjati mill-Indoneżja u minn pajjiżi terzi, it-tnaqqis fil-konsum, u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni f'termini speċjalment ta' profittabilità u tal-indikaturi finanzjarji kien limitat biss.

(1042) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet rabta ta' kawżalità bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati. L-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati kellhom impatt qawwi determinanti fuq id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Fatturi oħrajn, fuq bażi individwali jew kollettiva, ma naqqsux ir-rabta ta' kawżalità.

(1043) Kif muri fl-Anness 1, ix-xejriet fit-tieni nofs tal-2020 ikkonfermaw din l-analiżi. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati komplew jiggwadanjaw l-ishma mis-suq, meġħjunin mill-prezzijiet li komplew jonqsu b'mod sinifikanti, li kontinwament waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u baxxew il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, l-ebda fattur ieħor ma jtaffi r-rabta ta' kawżalità. Filwaqt li l-konsum kompla jonqos, id-dannu fil-prezz kompla ppersista. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn komplew jonqsu, u komplew jitilfu aktar ishma mis-suq, u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li s-sitwazzjoni tal-importazzjonijiet minn Jindal (Indonesia) inbidlet. L-esportazzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni żdiedu biss marġinalment. Fil-qosor, fatturi oħrajn, individwalment jew kollettivament, ma taffewx ir-rabta ta' kawżalità fit-tieni nofs tal-2020.

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(1044) F'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' sussidjar dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inkluż dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(1045) L-industrija tal-Unjoni tikkonsisti fi 13-il produttur li jinsabu f'diversi Stati Membri u timpjega direttament 13 660 impjegat fir-rigward tal-prodott taħt investigazzjoni. L-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni ma oppona l-bidu tal-investigazzjoni. Kif intwera fit-taqsima 5 aktar 'il fuq, fl-analiżi tal-indikaturi tad-dannu, l-industrija kollha tal-Unjoni esperjenzat deterjorament tas-sitwazzjoni tagħha u kienet affettwata b'mod negattiv mill-importazzjonijiet sussidjati.

(1046) Huwa mistenni li l-impożizzjoni ta' dazji kompensatorji se terġa' tistabbilixxi kundizzjonijiet ta' kummerċ ġusti fis-suq tal-Unjoni, ittemm is-soppressjoni tal-prezzijiet u tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni li qed jiżdiedu u ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha minkejja t-telf ta' bejgħ minħabba suq li qed jiċkien. Dan ikun iwassal għal titjib fil-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni lejn livelli meqjusin neċessarji għal din l-industrija b'kapital intensiv. L-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati. Huwa mfakkar li għadd ta' indikaturi tad-dannu ewlenin urew xejra negattiva matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod partikolari, l-indikaturi li jappartjenu għall-prestazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni ġew affettwati serjament. Għalhekk, huwa importanti li l-prezzijiet jitreġġgħu lura għal-livell mhux sussidjati sabiex il-produtturi kollha jkunu jistgħu joperaw fis-suq tal-Unjoni taħt kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust.

(1047) Għalhekk, ġie konkluż li l-impożizzjoni ta' dazji kompensatorji tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni peress li tkun tippermettilha tirkupra mill-effetti tas-sussidjar dannuż li nstab.

7.2. **Interess ta' importaturi u ta' utenti mhux relatati**

(1048) Daħal f'kuntatt importatur mhux relatat wieħed. Barra minn hekk, produttur wieħed tal-Unjoni li kien jaġixxi wkoll bħala importatur mhux relatat u utent finali ssottometta tweġiba għall-kwestjonarju.

(1049) L-importatur mhux relatat indika l-impatti negattivi potenzjali tal-miżuri kompensatorji fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni li min-naħa tagħhom ikunu jirriżultaw f'nuqqas ta' provvista, f'servizz agħar, f'żieda fil-prezzijiet u fi kwalità aġħar tal-materjal.

(1050) Minkejja l-miżuri kompensatorji potenzjali, il-Kummissjoni kkonkludiet li se jibqa' jkun hemm livell f'saħħtu ta' kompetizzjoni fl-Unjoni minħabba li hemm 13-il produttur tal-Unjoni tal-prodott taħt investigazzjoni, b'xi wħud minnhom li ma ħadux sehem fl-ilment. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għadhom jammontaw għal aktar minn 20 % tas-suq. Għalhekk, l-impatti negattivi potenzjali indikati mill-importatur x'aktarx li ma jseħħux.

(1051) Il-miżuri jippermettu wkoll lill-importaturi jgħaddu l-prezzijiet lill-klijenti tagħhom u, għalhekk, il-profittabilità tal-importaturi ma hijiex mistennija li tiġi affettwata b'mod negattiv. Il-firxa tal-prodotti u l-kwalità tas-servizz ma humiex mistennija li jitnaqqsu – għall-kuntrarju, il-protezzjoni mill-importazzjonijiet sussidjati tippermetti lill-industrija tal-Unjoni jkollha investimenti ġodda u ttejjeb il-kwalità tagħha.

(1052) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tad-distributuri u tal-importaturi u importatur mhux relatat wieħed argumentaw li l-Kummissjoni ma qisitx is-sitwazzjoni tas-suq tal-azzar wara l-perjodu ta' investigazzjoni u affermaw li l-miżuri relatati mal-pandemija rriżultaw fi tnaqqis fl-attivitajiet ta' estrazzjoni, ta' raffinament u ta' ġbir tar-ruttam, f'żieda fil-prezzijiet tal-materja prima, u f'nuqqas ta' materja prima. Dan wassal sabiex l-Ewropa tkun is-suq bl-ogħla prezz fid-dinja għall-prodotti tal-azzar inossidabbli.

(1053) Huma ddikjaraw ukoll li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi huma neċessarji għas-suq tal-Unjoni peress li l-produtturi tal-Unjoni ma jistgħux jissodisfaw id-domanda attwali fis-suq tal-Unjoni, li jkun jikkawża problemi sinifikanti fil-provvista tal-azzar.

(1054) Iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima affettwat il-produzzjoni madwar id-dinja, u affettwat kemm l-industrija tal-Unjoni kif ukoll l-importazzjonijiet. Barra minn hekk, hemm sorsi ta' provvista ta' SSCR minn pajjiżi terzi oħrajn, bl-akbar fosthom ikunu t-Tajwan u l-Korea. L-importazzjonijiet mit-Tajwan, b'dazji anti-dumping relattivament baxxi, għadhom qed jidħlu fl-Unjoni. Il-Korea rnexxielha żżid l-esportazzjoni tagħha lejn l-Unjoni fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi. L-Afrika t'Isfel ukoll baqgħet preżenti fis-suq tal-Unjoni minkejja l-allegat kontroll tal-kumpaniji Ewropej fuq il-produzzjoni ta' SSCR tagħha. Barra minn hekk, id-dazji kompensatorji imposti fuq il-pajjiżi kkonċernati ma humiex immirati sabiex jagħlqu s-suq tal-Unjoni għall-pajjiżi kkonċernati, iżda huma mmirati sabiex jgħollu l-prezzijiet għal livell ġust. Għalhekk, il-pretensjonijiet kellhom jiġu miċħuda.

7.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(1055) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti sabiex tikkonkludi li d-dazji kompensatorji kienu ta' kobor tali li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati.

8. **MIŻURI KUMPENSATORJI DEFINITTIVI**

(1056) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tas-sussidjar, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġi impost dazju kumpensatorju definittiv.

8.1. **Il-livell tal-miżuri kumpensatorji definittivi**

(1057) It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi li l-ammont tad-dazju kumpensatorju definittiv ma għandux jaqbeż l-ammont ta' sussidji kumpensabbli stabbiliti.

(1058) Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(1) jiddikjara li "*[fejn] il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni kollha sottomessa, tista' tikkonkludi b'mod ċar li ma huwiex fl-interess tal-Unjoni li tiddetermina l-ammont ta' miżuri f'konformità mat-tielet subparagrafu, l-ammont tad-dazju kumpensatorju għandu jkun inqas jekk tali dazju inferjuri jkun adegwat biex titneħħa l-ħsara għall-industrija tal-Unjoni*".

(1059) Ma ġiet sottomessa l-ebda informazzjoni bħal din lill-Kummissjoni u, għalhekk, il-livell tal-miżuri kumpensatorji se jiġi stabbilit b'referenza għat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 15(1).

(1060) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazji kumpensatorji definittivi, espressi fuq il-prezz CIF tal-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju kumpensatorju definittiv
L-Indja	Jindal Stainless Limited	4,3 %
	Jindal Stainless Hisar Limited	4,3 %
	Chromeni Steels Private Limited	7,5 %
	Il-kumpaniji Indjani l-oħra kollha	7,5 %
L-Indoneżja	PT. Indonesia Ruipu Nickel and Chrome Alloy	21,4 %
	PT. Jindal Stainless Indonesia	0 %
	Kumpanija li kkooperat mhux inkluża fil-kampjun	13,5 %
	Il-kumpaniji Indoneżjani l-oħrajn kollha	21,4 %

(1061) L-investigazzjoni antisussidji twettqet b'mod parallel ma' investigazzjoni anti-dumping separata li tikkonċerna l-istess prodott ikkonċernat li joriġina mill-Indja u mill-Indoneżja, li fiha l-Kummissjoni imponiet miżuri anti-dumping fil-livell tal-marġini tad-dumping għall-produtturi esportaturi fl-Indoneżja u għal wieħed mill-produtturi esportaturi fl-Indja. Għal Chromeni biss, id-dazju tad-dumping kien ibbażat fuq il-marġni tad-dannu inferjuri. Il-Kummissjoni żgurat li l-impożizzjoni ta' dazju akkumulat li jirrifletti l-livell ta' sussidjar u l-livell sħiħ ta' dumping ma tirriżultax fit-tpaċija tal-effetti tas-sussidjar darbtejn ("għadd doppju") f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament bażiku.

(1062) Fil-każ taż-żewġ pajjiżi, il-Kummissjoni qieset jekk uħud mill-iskemi ta' sussidju humiex sussidji għall-esportazzjoni kontinġenti, li għandhom l-effett li jnaqqsu l-prezzijiet tal-esportazzjoni u, b'hekk, iżidu l-marġnijiet tad-dumping, sabiex tiddeċiedi jekk hemmx bżonn li l-marġni tad-dumping jitnaqqas bl-ammonti ta' sussidju misjubin fir-rigward tas-sussidji kontinġenti fuq l-esportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament bażiku.

(1063) Peress li l-Kummissjoni kkumpensat xi skemi ta' sussidju kontinġenti fuq l-esportazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament bażiku u sabiex tevita għadd doppju, il-Kummissjoni l-ewwel imponiet id-dazju kumpensatorju definittiv fil-livell tal-ammont definittiv stabbilit ta' sussidjar. Imbagħad, il-Kummissjoni imponiet id-dazju anti-dumping definittiv li kien fadal, li jikkorrispondi għall-marġni tad-dumping rilevanti mnaqqas bl-ammont tas-sussidji kontinġenti fuq l-esportazzjoni u sal-livell rilevanti ta' eliminazzjoni tad-dannu stabbilit fl-investigazzjoni anti-dumping separata. Billi l-Kummissjoni naqqset il-marġni tad-dumping li nstab bl-ammont sħiħ ta' sussidjar relatat mas-sussidji għall-esportazzjoni, ma kien hemm l-ebda problema ta' għadd doppju skont it-tifsira tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament bażiku.

(1064) Meta l-ammont li rriżulta mit-tnaqqis tal-ammont ta' sussidjar għall-esportazzjoni mill-marġni tad-dumping kien ogħla mill-marġni tad-dannu, il-Kummissjoni illimitat id-dazju anti-dumping għall-marġni tad-dannu. Meta l-ammont li rriżulta mit-tnaqqis tal-ammont tas-sussidju għall-esportazzjoni mill-marġni tad-dumping kien aktar baxx mill-marġni tad-dannu, il-Kummissjoni stabbiliet il-livell tad-dazju anti-dumping fuq il-bażi tal-ammont inferjuri.

(1065) Ammont tas-sussidju kellu jiġi stabbilit ukoll għall-uniku produttur esportatur mhux inkluż fil-kampjun li kkoopera fl-Indoneżja. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, dan ma setax isir skont il-metodoloġija tas-soltu, fuq il-bażi tal-ammont medju ponderat ta' sussidji kumpensabbli stabbiliti għall-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-kampjun. Tabilħaqq, kif imsemmi fil-premessi (941) et seq. aktar 'il fuq, l-ammont tas-sussidju finali għal Jindal Indonesia kien anqas mill-ammont *de minimis*. Billi kien fadal produttur esportatur wieħed biss, il-Kummissjoni ddeċidiet li tapplika r-rata tad-dazju ta' dan il-produttur esportatur għall-uniku produttur esportatur li kkoopera mhux inkluż fil-kampjun, bl-esklużjoni tal-iskema relatata mal-finanzjament preferenzjali, li għaliha ma kien hemm l-ebda evidenza fil-fajl li l-kumpanija inkwistjoni setgħet ibbenefikat minnha. Tabilħaqq, il-kumpanija inkwistjoni ma għandha l-ebda rbit maċ-Ċina, u għalhekk ma setgħetx tibbenefika mill-finanzjament preferenzjali kif ipprovdut lill-Grupp IRNC.

(1066) Għall-Indja, minħabba r-rata għolja ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati, il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-ogħla dazju impost fuq il-kumpaniji inklużi fil-kampjun ikun rappreżentattiv bħala r-rata għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Id-dazju tal-"kumpaniji l-oħrajn kollha" se jiġi applikat għal dawk il-kumpaniji, li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni. Għall-Indoneżja, minħabba l-fatt li l-Kummissjoni kkalkolat biss rata tad-dazju għal produttur esportatur wieħed, u fid-dawl tal-fatt li l-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw jibbenefikaw minn rata aktar baxxa, kif spjegat fil-premessa (1064) aktar "il fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet b'mod eċċezzjonali li tistabbilixxi l-livell tad-dazju għall-'kumpaniji l-oħrajn kollha' fil-livell tal-Grupp IRNC.

(1067) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati li bihom se jiġu imposti tali dazji huma stabbiliti kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping	Rata ta' sussidju	Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu	Rata ta' dazju kumpensa-torju	Rata tad-dazju anti-dumping
L-Indja					
Jindal Stainless Limited	13,9 %	4,3 %	25,2 %	4,3 %	10,0 %
Jindal Stainless Hisar Limited	13,9 %	4,3 %	25,2 %	4,3 %	10,0 %
Chromeni Steels Private Limited	45,1 %	7,5 %	35,3 %	7,5 %	35,3 %
Il-kumpaniji Indjani l-oħra kollha	45,1 %	7,5 %	35,3 %	7,5 %	35,3 %
L-Indoneżja					
PT. Indonesia Ruipu Nickel and Chrome Alloy	10,2 %	21,4 %	32,4 %	21,4 %	9,3 %
PT. Jindal Stainless Indonesia	20,2 %	0 %	33,1 %	0 %	20,2 %
Kumpanija li kkooperat mhux inkluża fil-kampjun	20,2 %	13,5 %	33,1 %	13,5 %	19,3 %
Il-kumpaniji Indoneżjani l-oħrajn kollha	20,2 %	21,4 %	33,1 %	21,4 %	19,3 %

(1068) Ir-rata tad-dazju kumpensatorju tal-kumpaniji individwali speċifikata f'dan ir-Regolament ġiet stabbilita abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, hija tirrifletti s-sitwazzjoni li nstabet matul l-investigazzjoni fir-rigward tal-kumpanija kkonċernata. B'hekk, din ir-rata tad-dazju (għall-kuntrarju tad-dazju għall-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha") hija applikabbli b'mod esklużiv għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat u manifatturati mill-kumpanija msemmija. Il-prodotti importati manifatturati minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmijin speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(1069) Kumpanija tista' titlob li jiġu applikati dawn ir-rati tad-dazju individwali jekk sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament li jinforma dwar il-bidla fl-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

8.2. **Klawżola speċjali ta' monitoraġġ**

(1070) Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji kumpensatorji individwali. Il-kumpaniji b'dazji kumpensatorji individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju kumpensatorju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(1071) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati individwali tad-dazju kumpensatorju għall-importazzjonijiet, din ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anki jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jenħtieġ li, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jitolbu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-tbaħħir, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(1072) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(1073) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazju kumpensatorju, il-livell tad-dazju għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li ma japplikax biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx, iżda wkoll għal dawk il-produtturi li ma kellhom l-ebda esportazzjoni lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(1074) Fil-kummenti tiegħu għad-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur afferma li hemm riskju ta' ċirkomvenzjoni li jirriżulta mill-fatt li l-produtturi esportaturi huma gruppi korporattivi kbar li jiddependu fuq tranżazzjonijiet intragrupp u bi preżenza f'diversi pajjiżi terzi. Għalhekk, l-ilmentatur ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tkun viġilanti għaż-żieda fl-esportazzjonijiet ta' materjali upstream u sabiex tkun lesta li tibda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni *ex officio*. L-intenzjoni li jsir dan, skont l-ilmentatur, jenħtieġ li tissemma f'dan ir-regolament.

(1075) Jindal Group u Jindal Indonesia wieġbu li ma hemm l-ebda riskju ta' ċirkomvenzjoni minħabba li din tkun tinvolvi frodi doganali, li huwa reat. Barra minn hekk, huma ċċaraw li l-uniku proċessar ta' SSCR li jsir barra mill-Indja u mill-Indoneżja jseħħ fi Spanja (f'Iberjindal S.L.) u li, fi kwalunkwe każ, il-prodott taħt investigazzjoni huwa soġġett għal miżuri ta' salvagwardja li japplikaw għall-importazzjonijiet kollha.

(1076) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-kummenti tal-partijiet u, bħal dejjem, se tkun viġilanti sabiex taġixxi f'konformità mal-prattika ta' monitoraġġ tagħha dwar il-miżuri fis-seħħ.

9. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(1077) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([227]), meta jkollu jiġi rrimborżat ammont fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li għandu jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(1078) Kif spjegat fil-premessi (1060) u (1066), il-Kummissjoni naqqset mill-marġini tad-dumping parti mill-ammont tas-sussidju sabiex tevita l-għadd doppju. B'hekk, jekk isseħħ xi modifika jew tneħħija tad-dazji kumpensatorji definittivi, il-livell tad-dazji anti-dumping jenħtieġ li jiżdied awtomatikament bl-istess proporzjon sabiex ikun jirrifletti l-firxa attwali tal-għadd doppju bħala riżultat ta' din il-modifika jew it-tneħħija. Din il-bidla fid-dazji anti-dumping jenħtieġ li sseħħ mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.

(1079) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 ([228]), il-Kummissjoni imponiet miżura ta' salvagwardja fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar għal perjodu ta' tliet snin. Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 ([229]), il-miżura ta' salvagwardja ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2024. Il-prodott ikkonċernat huwa waħda mill-kategoriji ta' prodotti koperti mill-miżura ta' salvagwardja. Konsegwentement, ladarba jinqabżu l-kwoti tariffarji stabbiliti taħt il-miżura ta' salvagwardja, id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota, id-dazju anti-dumping u d-dazju kompensatorju jsiru pagabbli fuq l-istess importazzjonijiet. Peress li din l-akkumulazzjoni ta' miżuri anti-dumping u kompensatorji b'miżuri ta' salvagwardja tista' twassal għal effett akbar milli mixtieq fuq il-kummerċ, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipprevjeni l-applikazzjoni simultanja tad-dazju anti-dumping u tad-dazju kompensatorju mad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota għall-prodott ikkonċernat għad-durata tal-impożizzjoni tad-dazju ta' salvagwardja.

(1080) Dan ifisser li meta d-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għall-prodott ikkonċernat u jaqbeż il-livell tad-dazji anti-dumping u kompensatorji skont dan ir-Regolament, għandu jinġabar biss id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159. Matul il-perjodu ta' applikazzjoni simultanja tad-dazji ta' salvagwardja u anti-dumping u kompensatorji, il-ġbir tad-dazji imposti skont dan ir-Regolament għandu jiġi sospiż. Meta d-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għall-prodott ikkonċernat u jiġi stabbilit f'livell aktar baxx mil-livell tad-dazji anti-dumping u kompensatorji f'dan ir-Regolament, id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 għandu jinġabar b'mod supplimentari għad-differenza bejn dak id-dazju u l-ogħla livell tad-dazji anti-dumping u kompensatorji imposti skont dan ir-Regolament. Il-parti tal-ammont ta' dazji anti-dumping u kompensatorji mhux miġbura għandha tiġi sospiża.

(1081) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat, stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036. ([230])

([227]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([228]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).

([229]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 biex jestendi l-miżura ta' salvagwardja fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 225I, 25.6.2021, p. 1).

([230]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju kumpensatorju definittiv qed jiġi impost fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti, mhux maħdumin aktar ħlief illaminati fil-kiesaħ (imnaqqsin bil-kesħa), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20 u 7220 90 80 u li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja.

2. Id-dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandu jkun kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju kumpensatorju definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indja	Jindal Stainless Limited	4,3 %	C654
	Jindal Stainless Hisar Limited	4,3 %	C655
	Chromeni Steels Private Limited	7,5 %	C656
	Il-kumpaniji Indjani l-oħra kollha	7,5 %	C999
L-Indoneżja	PT. Indonesia Ruipu Nickel and Chrome Alloy	21,4 %	C657
	PT. Jindal Stainless Indonesia	0 %	C658
	Kumpanija li kkooperat mhux inkluża fil-kampjun	13,5 %	Ara l-Anness 2
	Il-kumpaniji Indoneżjani l-oħrajn kollha	20,5 %	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju kumpensatorju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz tagħha) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta*". Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

5. F'każijiet fejn id-dazju kumpensatorju jkun tnaqqas mid-dazju anti-dumping għal ċerti produtturi esportaturi, it-talbiet għal rifużjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1037 għandhom iwasslu wkoll għall-valutazzjoni tal-marġini ta' dumping għal dak il-produttur esportatur li jipprevali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rifużjoni.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2012 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1(2) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indja	Jindal Stainless Limited	10,0 %	C654
	Jindal Stainless Hisar Limited	10,0 %	C655
	Chromeni Steels Private Limited	35,3 %	C656
	Il-kumpaniji Indjani l-oħra kollha	35,3 %	C999
L-Indoneżja	PT. Indonesia Ruipu Nickel and Chrome Alloy	9,3 %	C657
	PT. Jindal Stainless Indonesia	20,2 %	C658
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw fil-każ antisussidji, iżda mhux fil-każ anti-dumping	19,3 %	Ara l-Anness 2
	Il-kumpaniji Indoneżjani l-oħrajn kollha	19,3 %	C999”

2. Jiddaħħal Artikolu 1(6) ġdid:

“6. Jekk id-dazji kumpensatorji definittivi imposti bl-Artikolu 1 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/433 jiġu mmodifikati jew jitneħħew, id-dazji speċifikati fil-paragrafu 2 għandhom jiżdiedu bl-istess proporzjon limitat għall-marġni tad-dumping attwali misjub jew għall-marġni tad-dannu misjub kif xieraq għal kull kumpanija u mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.”

3. Jiddaħħal Artikolu 1(7) ġdid:

“7. F’każijiet fejn id-dazju kumpensatorju jkun tnaqqas mid-dazju anti-dumping għal ċerti produtturi esportaturi, it-talbiet għal rifużjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1037 għandhom iwasslu wkoll għall-valutazzjoni tal-marġini ta’ dumping għal dak il-produttur esportatur li jipprevali matul il-perjodu ta’ investigazzjoni tar-rifużjoni.”

Artikolu 3

1. Fejn id-dazju tariffarju ’l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għal prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti, mhux maħdumin aktar ħlief illaminati fil-kiesaħ, imsemmijin fl-Artikolu 1(1), u jaqbeż il-livell ekwivalenti *ad valorem* tad-dazju kumpensatorju u anti-dumping kombinat stabbilit fl-Artikoli 1(2) u 2(1) rispettivament, għandu jinġabar biss id-dazju tariffarju ’l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159.

2. Matul il-perjodu ta’ applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-ġbir tad-dazji imposti skont dan ir-Regolament għandu jiġi sospiż.

3. Meta d-dazju tariffarju ’l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għal prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti, mhux maħdumin aktar ħlief illaminati fil-kiesaħ, imsemmijin fl-Artikolu 1(1), u jiġi stabbilit f’livell aktar baxx mil-livell ekwivalenti *ad valorem* tad-dazju kumpensatorju u anti-dumping kombinat stabbilit fl-Artikoli 1(2) u 2(1) rispettivament, id-dazju tariffarju ’l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 għandu jinġabar flimkien mad-differenza bejn dak id-dazju u l-ogħla livell ekwivalenti *ad valorem* tad-dazju anti-dumping stabbilit fl-Artikolu 1(2).

4. Il-parti tal-ammont tad-dazju kumpensatorju u anti-dumping li ma tingabarx skont il-paragrafu 3 għandha tiġi sospiża.

5. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 4 għandhom ikunu limitati fiż-żmien għall-perjodu tal-applikazzjoni tad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS 1

Informazzjoni relatata mat-Tieni Nofs tal-2020

(is-sors u l-unitajiet huma l-istess bħal fit-tabelli korrispondenti fit-test sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor; id-data mill-Indonežja tirreferti għall-importazzjonijiet kollha; l-indiċijiet huma estrapolati fejn meħtieġ u mqabbla mal-2017);

Konsum (tunnellati)	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
Il-konsum tal-Unjoni	1 536 525
Indiċi	*79*

Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) u s-sehem mis-suq	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
L-Indja	45 541
Indiċi	*79*
Sehem mis-suq	3,0 %
Indiċi	*100*
L-Indonežja	49 425
Indiċi	*715*
Sehem mis-suq	3,2 %
Indiċi	*901*
Numru totali ta' pajjiżi kkonċernati	94 966
Indiċi	*148*
Sehem mis-suq	6,2 %
Indiċi	*208*

Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati (EUR/tunnellata)	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
L-Indja	1 886
Indiċi	*91*
L-Indonežja	1 792
Indiċi	*99*
Medja tal-pajjiżi kkonċernati	1 846
Indiċi	*94*

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
Produzzjoni totali tal-Unjoni (tunnellati)	1 585 965
Indiċi	*86*
Kapaċità ta' produzzjoni (f'tunnellati)	2 308 350
Indiċi	*105*
Użu tal-kapaċità	69 %
Indiċi	*82*

Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
Bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (tunnellati)	1 241 088
Indiċi	*86*
Sehem mis-suq	75 %
Indiċi	*106*

Impjiegi u produttività	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
L-għadd ta' impjegati	10 018
Indiċi	*75*
Produttività (tunnellati għal kull impjegat)	158
Indiċi	*115*

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
Prezz medju tal-bejgħ tal-unità (EUR/tunnellata)	2 007
Indiċi	*89*
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	1 946
Indiċi	*99*

L-inventarji	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	93 392
Indiċi	*74*

Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	- 2,4 %
Indiċi	*- 31*
Fluss tal-flus (EUR)	24 276 139
Indiċi	*13*
Investimenti (EUR)	47 332 854
Indiċi	*100*
Redditu fuq l-investimenti	- 2 %
Indiċi	*- 7*

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi		It-Tieni Nofs tas-sena 2020
It-Tajwan	Volum (f'tunnellati)	63 040
	Sehem mis-suq	4,1 %
	Il-prezz medju (EUR / tunnellata)	1 399

Ir-Repubblika tal-Korea	Volum (f'tunnellati)	74 131
	Sehem mis-suq	4,8 %
	Il-prezz medju (EUR / tunnellata)	1 742
L-Afrika t'Isfel	Volum (f'tunnellati)	98 063
	Sehem mis-suq	2,5 %
	Il-prezz medju (EUR / tunnellata)	1 675
Pajjiżi terzi oħra	Volum (f'tunnellati)	117 361
	Sehem mis-suq	7,6 %
	Il-prezz medju (EUR / tunnellata)	2 217
Total tal- pajjiżi terzi kollha ħlief l-Indja u l-Indoneżja	Volum (f'tunnellati)	293 037
	Sehem mis-suq	19,1 %
	Il-prezz medju (EUR / tunnellata)	1 850

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni	It-Tieni Nofs tas-sena 2020
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	190 097
Indiċi	*84*
Il-prezz medju (EUR / tunnellata)	2 221
Indiċi	*90*

ANNESS 2

Produtturi esportaturi Indoneżjani li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Pajjiż	Isem	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indoneżja	PT Bina Niaga Multiusaha	C765